Leġiżlazzjoni nazzjonali

Kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) għandu d-dritt u s-sistema legali tiegħu. Id-dritt tal-Istat Membru (SM) jista' jinkludi kemm id-dritt fuq il-livell nazzjonali (jew id-dritt nazzjonali, li huwa validu kullimkien f'ċertu Stat Membru) kif ukoll il-liġijiet li huma applikabbli biss f'ċertu żona, reġjun jew belt.

L-Istati Membri jippubblikaw id-dritt tagħhom fl-ilsien jew fl-ilsna uffiċjali tagħhom u din hija legalment vinkolanti biss f'dan l-ilsien jew f'dawn l-ilsna. Għal finijiet ta' informazzjoni, ċerti atti tad-dritt tal-Istat Membru jistgħu jkunu disponibbli wkoll f'ilsien wieħed jew iktar minbarra l-ilsien jew l-ilsna uffiċjali.

Bażijiet tad-dejta

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri għandhom bażi tad-dejta nazzjonali tad-dritt tagħhom – tista' tikseb din l-informazzjoni billi tagħżel waħda mill-bnadar elenkati fuq il-lemin.

Barra minn hekk, il-bażi tad-dejta Ewropea N-Lex tgħaqqad il-parti l-kbira tal-bażijiet tad-dejta nazzjonali uffiċjali. N-Lex huwa proġett komuni li għaddej bħalissa u li huwa ġestit mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Ewropew u mill-gvernijiet nazzjonali parteċipanti. Bħalissa, tista' tara d-dritt ta' 27 Stat Membru. Barra minn hekk, permezz tal-Forum Ewropew tal-Gazzetti Uffiċjali, jista' jkollok aċċess għas-siti elettroniċi tal-organizzazzjonijiet responsabbli mill-pubblikazzjoni tal-gazzetti uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE (flimkien ma' wħud mill-pajjiżi kandidati tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA).

Mill-perspettiva tal-UE, bosta liġijiet tal-Istati Membri effettivament jimplimentaw id-dritt tal-UE. B'mod partikolari,dan huwa l-każ għad-dritt nazzjonali li jimplimenta d-direttivi tal-UE. Jekk qed tfittex miżuri implimentattivi bħal dawn, li permezz tagħhom l-Istati Membri inkorporaw ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE, mela tista' tuża l-funzjoni tat-tiftix rilevanti fil-bażi tad-dejta EUR-Lex.

Sorsi tad-dritt

Id tal-Istati Membri hija derivata minn diversi sorsi, b'mod partikolari mill-kostituzzjoni, mill-istatuti jew mil-leġiżlazzjoni (li tista' tiġi adottata fuq il-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali) u/jew mir-regolamenti tal-aġenziji tal-gvern, eċċ. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji mill-qrati tal-Istat Membru jistgħu jiġu żviluppati f'ġurisprudenza.

Oqsma tad-dritt

Tradizzjonalment, il-liġi tal-Istati Membri hija maqsuma f'dritt privat u f'dritt pubbliku.

Id-dritt privat jew id-dritt ċivili huwa l-qasam tad-dritt f'soċjetà li taffetwa r-relazzjonijiet bejn l-individwi jew il-gruppi mingħajr l-intervent tal-Istat jew tal-gvern.

Id-dritt pubbliku jirregola r-relazzjoni bejn l-individwi u l-Istat, l-entitajiet u l-awtoritajiet tiegħu, il-poteri ta' dawn tal-aħħar u l-proċeduri rilevanti. Ġeneralment, id-dritt pubbliku jinkludi d-dritt kostituzzjonali, id-dritt amministrattiv u d-dritt kriminali. Minħabba n-natura partikolari tad-dritt kriminali, jista' jiġi kkunsidrat anki bħala kategorija fiha nfisha.

Biex tikseb informazzjoni dettaljata dwar id-dritt ta' Stat Membru partikolari, jekk jogħġbok agħżel waħda mill-bnadar elenkati fuq il-lemin.

L-aħħar aġġornament: 12/09/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Belġju

F'din is-sezzjoni tingħata ħarsa ġenerali lejn id-diversi sorsi tad-dritt fil-Belġju.

1. Liema huma l-istrumenti ġuridiċi jew "is-sorsi tal-liġi" li jistipulaw ir-regoli tal-liġi?

Il-liġi hija ġabra ta' regoli ġuridiċi vinkolanti, bil-miktub u mhux bil-miktub, li jirregolaw ir-relazzjonijiet soċjali bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet u bejn iċ-ċittadini stess u li jorganizzaw ukoll l-amministrazzjoni pubblika.

Issir distinzjoni bejn is-**sorsi formali** u s-**sorsi materjali**. Bil-kontra għas-sorsi formali, is-sorsi materjali ma jinkludux regoli reali dwar il-liġi. B'mod partikolari dan jinvolvi *bona fede*, ewkità u tmexxija raġonevoli.

Jeżistu ħames kategoriji ta' sorsi formali. Tlieta minnhom għandhom natura vinkolanti: **il-liġi**, id-**dritt konswetudinarju** u l-**prinċipji ġenerali tal-liġi**. It-tnejn l-oħra mhumiex vinkolanti, imma sempliċiment "persważivi": il-**ġurisprudenza** u d-**duttrina**.

Il-leġiżlazzjoni se tkun eżaminata fid-dettall fil-punti 3 u 5 hawn taħt. Il-leġiżlazzjoni hija definita bħala r-regoli bil-miktub, ippromulgati minn awtorità. Id-dritt konswetudinarju hu, taċitu u jirregola l-użanzi u d-drawwiet taċ-ċittadini b'mod ġenerali, u b'mod partikolari kategoriji professjonali. Il-prinċipji ġenerali tal-liġi jistipulaw il-valuri superjuri li soċjetà partikolari tixtieq tirrispetta, bħall-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha, il-proporzjonalità tar-regoli u tal-miżuri adottati u l-prinċipju li skontu l-awtoritajiet għandhom jaġixxu filwaqt li jirrispettaw il-liġi. Bosta minn dawn il-prinċipji huma stabbiliti f'dak li nsejħulhom prinċipji tal-liġi bħal "*non bis in idem"* fil-liġi kriminali jew "*lex posterior derogat legi priori*".

Il-ġurisprudenza u d-duttrina huma sorsi persważivi tal-liġi. Il-ġurisprudenza tikkonsisti mid-deċiżjonijiet kollha li tieħdu mill-qrati u t-tribunali. Sentenza mhijiex infurzata ħlief mill-partijiet tal-kawża. Fil-Belġju, ma kienx hemm sistema preċedenti. L-uniċi deċiżjonijiet ġudizzjarji eżegwibbli universalment huma dawk tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-ġuriżdizzjonijiet l-oħra superjuri huma l-Kunsill tal-Istat (il-ġuriżdizzjoni amministrattiva suprema) u l-Qorti tal-Kassazzjoni (il-ġuriżdizzjoni suprema fir-rigward tal-liġi komuni).

Sors ieħor li ma għandux jiġi injorat, **id-dritt internazzjonali**, huwa kkostitwit, b'mod partikolari, mit-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, mir-Regolamenti u d-Direttivi tal-Unjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, jeżistu wkoll għadd ta' konvenzjonijiet stabbiliti fil-qafas tal-funzjonament ta' istituzzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kunsill tal-Ewropa (konvenzjonijiet multilaterali), jew bejn il-Belġju u Stat ieħor (konvenzjonijiet bilaterali). Dan is-sors ta' dritt kiseb ħafna importanza f'dawn l-aħħar deċennji, u din l-importanza qiegħda tkompli tikber. Bosta dispożizzjonijiet li jinsabu f'dawn l-istrumenti jinfluwenzaw direttament il-ħajja tagħna ta' kuljum.

Is-**siti** Législation belge (bil-Franċiż) jew Belgische Wetgeving (bl-Olandiż) jagħtuk aċċess għal bażi ta' dejta tal-**leġiżlazzjoni Belġjana konsolidata**. Wieħed jista' juża l-magna tat-tiftix u tal-indiċizzazzjoni biex ifittex l-atti leġiżlattivi kollha li għadhom fis-seħħ u li ġew ippubblikati fil-*Moniteur Belge* **mill-1830**. Madankollu, l-atti leġiżlattivi amministrattivi u fiskali ppubblikati **qabel l-1994** għadhom ma ġewx inklużi kollha.

2. Liema hu l-istatus ġuridiku tal-prinċipji ġenerali tal-liġi, tad-dritt konswetudinarju u tal-ġurisprudenza?

Ara l- mistoqsija 1.

3. X'inhi l-ġerarkija bejn l-istrumenti ġuridiċi differenti?

Il-persuni li joqogħdu l-Belġju għandhom jobdu bosta kategoriji ta' regoli tal-liġi: ir-regoli adottati mill-awtoritajiet federali Belġjani, iżda wkoll dawk li ġejjin minn entitajiet inferjuri, bħall-provinċji u l-komuni(1). Barra minn hekk, il-Belġju jagħmel parti minn numru kbir ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u n-NATO. Ir-regoli ta' dawn l-organizzazzjonijiet japplikaw ukoll għall-awtoritajiet u l-popolazzjoni Belġjana.

Meta wieħed iqis li l-awtoritajiet leġiżlattivi kollha ma għandhomx qasam ġuridiku strettament definit u li l-kategoriji tal-liġi mhux kollha kemm huma jgawdu mill-istess status, dan joħloq riskju ta' kunflitt. Għaldaqstant, teżisti ġerarkija ta' normi, fejn hemm il-prinċipju li n-normi inerfjuri qatt ma jistgħu jkunu f'kunflitt man-normi superjuri.

Fir-rigward tal-liġi Belġjana interna, il-**Kostituzzjoni** hija n-norma l-aktar għolja. Din tirregola s-separazzjoni tal-poteri u l-mod kif jiġu eżerċitati. Il-Kostituzzjoni tiddikjara wkoll il-valuri fundamentali tas-soċjetà tagħna u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. F'sentenza tas-27 ta' Mejju 1971, il-Qorti tal-Kassazzjoni kkonfermat il-preminenza tan-normi kollha tal-liġi internazzjonali u sopranazzjonali fuq in-normi kollha tal-liġi interna, inkluża l-Kostituzzjoni. F'każ ta' kunflitt bejn regolament tal-Unjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni, huwa r-regolament komunitarju li jipprevali.

Wara l-Kostituzzjoni, imbagħad hemm:

il-liġijiet speċjali (liġijiet b'maġġoranza speċjali li jiddeterminaw it-tqassim tal-kompetenzi u r-regoli essenzjali ta' funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi), imbagħad

il-liġijiet, digrieti u ordinanzi, imbagħad

l-ordnijiet irjali u l-ordnijiet tal-gvern, li jimplimentaw il-liġijiet jew id-digrieti, u fl-aħħar,

l-ordnijiet ministerjali.

4. Liema huma l-modalitajiet tad-dħul fis-seħħ fit-territorju nazzjonali tar-regoli li jinsabu fi strumenti sopranazzjonali?

Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea huma direttament applikabbli. Il-korp leġiżlattiv Belġjan mhuwiex direttament implikat fl-implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, l-intervent intern tiegħu huwa meħtieġ biex jiġu approvati u rratifikati t-trattati internazzjonali. F'ċerti oqsma, l-entitajiet leġiżlattivi kollha Belġjani jridu japprovaw u jirratifikaw it-trattati, u dan jista' jwassal għal proċeduri twal u peżanti. L-entitajiet leġiżlattivi tal-pajjiż jipparteċipaw ukoll fl-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni Ewropea, għaliex dawn jeħtieġu dejjem traspożizzjoni fil-qafas ġuridiku intern.

5. Liema huma l-awtoritajiet differenti li għandhom id-dritt li jadottaw regoli dwar il-liġi?

Tliet poteri kostituzzjonali separati jiffurmaw l-Istat federali Belġjan: il-poter leġiżlattiv, il-poter eżekuttiv u l-poter ġudizzjarju. Il-poter leġiżlattiv joħloq il-liġijiet, il-poter eżekuttiv jimplimentahom u l-poter ġudizzjarju jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-infurzar tal-liġijiet.

Il-poter leġiżlattiv federali

Inizjattiva leġiżlattiva federali tista' tiġi minn membru wieħed jew aktar tal-Kamra tar-rappreżentanti, membru wieħed jew aktar tas-Senat jew tar-Re (jiġifieri, fil-prattika, mill-Ministri tiegħu jew mis-Segretarji tal-Istat). Dawn it-tliet entitajiet jiffurmaw it-tliet fergħat tal-poter leġiżlattiv fil-Belġju.

Il-liġijiet jinħarġu jew minn proposti ta' liġi, li jkunu ġejjin minn membru tas-Senat jew tal-Kamra, jew minn abbozzi ta' liġi, li jkunu ġejjin mir-Re (il-ministri kompetenti huma inkarigati mir-Re biex jippreżentaw abbozzi ta' liġi). L-abbozzi u l-proposti għandhom l-istess importanza.

Il-normi ta' implimentazzjoni tal-liġi federali huma elaborati mill-poter eżekuttiv, taħt l-awtorità rjali. Is-setgħat jistgħu jkunu delegati lil Ministru – din hija id-differenza bejn l-ordnijiet irjali u dawk ministerjali.

Komunitajiet, reġjuni, provinċji u komuni

Il-Belġju huwa **Stat federali** magħmul minn komunitajiet u reġjuni. Dawn tal-aħħar min-naħa tagħhom huma responsabbli mil-liġi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilhom mill-Kostituzzjoni u minn ċerti liġijiet speċjali.

B'hekk, is-setgħat tal-komunitajiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-kultura u t-tagħlim; dawk tar-reġjuni jikkonċernaw il-politika ekonomika u l-ħarsien tal-ambjent. Biex jeżerċitaw dawn is-setgħat, kull komunità u kull reġjun għandha/għandu parlament. Għalhekk, **il-komunitajiet u r-reġjuni jistgħu joħorġu liġijiet**, imsejħa **digrieti** (ordinanzi fir-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale). Il-gvernijiet tagħhom jagħmlu parti, flimkien mad-deputati parlamentari, mill-poter leġiżlattiv fil-livell tal-Unjoni Ewropea, dak reġjonali jew komunitarju (inizjattiva leġiżlattiva). Il-gvernijiet għandhom jiżguraw ukoll l-eżekuzzjoni tad-digrieti jew tal-ordinanzi adottati.

It-territorju Belġjan huwa maqsum ukoll fi **provinċji** u f'**komuni**. Fil-livell tagħhom, il-kunsilli tagħhom jistabbilixxu wkoll **regolamenti** u **ordinanzi** fl-oqsma li jaqgħu taħt is-setgħat tagħhom, bħas-sigurtà pubblika, il-ġbir tal-iskart, il-kultura, it-tagħlim provinċjali u komunali. Il-kulleġġ provinċjali u l-kulleġġ komunali jeżegwixxu dawn ir-regolamenti differenti (kif ukoll, fil-limiti tal-mandati tagħhom, in-normi superjuri bħal ma huma l-liġijiet, id-digrieti, l-ordinanzi u l-ordnijiet). Għalhekk, f'dawn il-livelli wieħed isib tnejn mit-tliet poteri: il-poter leġiżlattiv, eżerċitat mill-parlamenti tal-komunitajiet u tar-reġjuni, il-kunsill provinċjali u l-kunsill komunali, u l-poter eżekuttiv, eżerċitat mill-gvernijiet tal-komunitajiet u tar-reġjuni, il-kulleġġ provinċjali u l-kulleġġ komunali. Il-poter ġudizzjarju ma jidħolx f'din is-suddiviżjoni. L-organizzazzjoni tal-qrati u tat-tribunali hija kompetenza esklussivament federali.

6. X'inhu l-proċess ta' adozzjoni ta' dawn ir-regoli tal-liġi?

Ara l-mistoqsija 5.

Fil-livell federali, **l-abbozzi jew il-proposti ta' liġi**, wara evalwazzjoni possibbli mill-Kunsill tal-Istat, jiġu **vvutati**, mill-Kamra u, fejn xieraq, mis-Senat. Dawn imbagħad jiġu kkomunikati lir-**Re** li **jawtorizzahom u jippromulgahom**, wara li jkunu rċevew il-**kontrofirma ministerjali**.

7. Liema huma l-modalitajiet tad-dħul fis-seħħ ta' regoli ta' oriġini nazzjonali?

L-atti leġiżlattivi federali jibdew jeżistu minn meta jiġu adottati u ppromulgati mir-Re. Fil-prinċipju, id-dħul fis-seħħ tagħhom għandu jkun għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Moniteur Belge, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor(2).

In-normi leġiżlattivi ta' entitajiet federali - id-digrieti u l-ordinanzi - huma adottati u ppubblikati mill-gvern tal-entità federali kkonċernata. Dawn jidħlu fis-seħħ għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Moniteur Belge, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

8. Liema huma l-mezzi li jirregolaw il-kunflitti eventwali bejn ir-regoli differenti tal-liġi fl-Istat Membru?

Meta n-normi leġiżlattivi adottati skont ir-regoli jidħlu f'kunflitt, jeżistu bosta mezzi li jsolvu dan il-kunflitt. Il-ġerarkija tan-normi tippermetti li tevita l-maġġoranza fosthom, iżda meta dan ma jkunx il-każ, jeħtieġ li wieħed jirrikorri għal dawn l-istrumenti.

L-Artikolu 142 tal-Kostituzzjoni jagħti lill-Qorti Kostituzzjonali l-unika setgħa li teżamina mill-ġdid l-atti leġiżlattivi sabiex tivverifika r-rispett tar-regoli li jirregolaw is-setgħat tal-Istat, il-Komunitajiet u r-Reġjuni. Dawn ir-regoli huma miktuba fil-Kostituzzjoni u fil-liġi ta' riforma istituzzjonali tal-Istat federali Belġjan. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha wkoll is-setgħa li tiddeċiedi fuq każijiet fejn jiġi allegat li att leġiżlattiv imur kontra l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali stipulati fit-Titolu II (l-Artikoli 8-32) tal-Kostituzzjoni. Dawn huma b'mod partikolari l-prinċipji ta' ugwaljanza (l-Artikolu 10) u ta' nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 11). Il-Qorti Kostituzzjonali hija wkoll kompetenti biex teżamina mill-ġdid l-atti leġiżlattivi fir-rigward tal-Artikolu 170 (prinċipju ta' legalità fir-rigward tal-liġi fiskali), tal-Artikolu 172 (ugwaljanza fir-rigward tal-liġi fiskali) u tal-Artikolu 191 (ħarsien taċ-ċittadini barranin) tal-Kostituzzjoni.

Ara wkoll is- *Service public fédéral Justice* (Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja) u l-liġi speċjali tas-6 ta' Jannar 1989 dwar il-Qorti Kostituzzjonali taħt l-intestatura «Législation consolidée».

Il-Kunsill tal-Istat(3), li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 160 tal-Kostituzzjoni, jirregola l-kunflitti kollha bejn in-normi tal-applikazzjoni (atti individwali u regolamenti) u n-normi leġiżlattivi. Barra minn hekk, kummissjoni parlamentari ta' konċiljazzjoni hija inkarigata li tirregola l-kunflitti ta' interess.

----

(1) Ara s- Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja (https://justitie.belgium.be), intestatura «Législation consolidée», il-Kostituzzjoni tal-1994 u l-liġi speċjali dwar ir-riformi istituzzjonali tat-8 ta' Awwissu 1980, kif ukoll il-portal federali, taħt l-intestatura «La Belgique
Il-Komunità Fjamminga u l-Kunsill Fjamming (li jissejjaħ ukoll il-Parlament Fjamming)
Il-Komunità Franċiża u l-Kunsill tal-Komunità Franċiża
Il-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż u l-Kunsill tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż
Ir-Reġjun Fjamming, li għandu l-istess Parlament bħall-Komunità Fjamminga, jiġifieri l-Kunsill Fjamming.
Ir-Reġjun tal-Wallonja u l-Parlament tal-Wallonja
Ir-Reġjun ta' Bruxelles-capitale u l-Kunsill tar-Reġjun ta' Bruxelles-capitale (maqsum fil-qafas ta' ċerti setgħat bejn il-Kummissjonijiet komunitarji Fjammingi u Franċiżi)
Il-Komunitajiet għandhom is-setgħa fuq:
1° l-oqsma kulturali;
2° l-edukazzjoni, ħlief […];
3° il-kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet u l-kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari s-setgħat fir-rigward ta' konklużjoni tat-Trattati fl-oqsma msemmija fil-punti 1 u 2.
Il-Kunsilli tal-Komunitajiet Fjamminga u Franċiża jivvutaw għal digrieti applikabbli għat-territorju tagħhom fl-oqsma personalizzabbli u għal dawk dwar il-kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dawn l-oqsma, u jibbenefikaw minn setgħat fir-rigward tal-konklużjoni ta' trattati. Il-Kunsill tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż għandu setgħat simili.
Il-parlamenti reġjonali jibbenefikaw minn setgħat b'mod partikolari fir-rigward tal-immaniġġjar tat-territorju, il-ġestjoni tal-monumenti u ta' żoni rurali, l-ekonomija, l-agrikoltura, eċċ.
(2) Ara s- Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja, intestatura «Législation consolidée», il-liġi tal-31 ta' Mejju 1961 dwar l-użu tal-lingwi f'oqsma leġiżlattivi, l-elaborazzjoni, il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet u r-regolamenti.
(3) Ara s- Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja, intestatura «Législation consolidée», liġijiet koordinati tat-12 ta' Jannar 1973 dwar il-Kunsill tal-Istat.
« Ordni ġuridika - Informazzjoni ġenerali | Belġju - Informazzjoni ġenerali
L-aħħar aġġornament: 19/02/2021
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Bulgarija

Din il-paġna tippreżenta informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Bulgaru u ħarsa ġenerali lejn il-liġi Bulgara.

Sorsi tal-liġi

Sorsi nazzjonali tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi jinkludu:
il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija (Promulgata fi SG 56/13 ta’ Lulju 1991, emendata f’SG 85/26 ta’ Settembru 2003, SG 18/25 ta’ Frar 2005, SG 27/31 ta’ Marzu 2006, SG 78/26 ta’ Settembru 2006 - Id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Nru 7/2006, SG 12/6 ta’ Frar 2007, SG 100/18 ta’ Diċembru 2015 [DB1]);
leġiżlazzjoni primarja; u
leġiżlazzjoni sekondarja.
Il-każistika mhijiex sors formali tal-liġi, iżda hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Sorsi tal-liġi Ewropej u internazzjonali

L-istrumenti bil-miktub jinkludu l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-trattati internazzjonali, il-liġijiet u l-leġiżlazzjoni sekondarja (digrieti, regolamenti, regoli ta’ implimentazzjoni, struzzjonijiet u ordnijiet).
Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija (*Konstitutsiata na Republika Balgaria*) hija l-ogħla att legali. Tistabbilixxi l-organizzazzjoni, il-prinċipji, is-setgħat u d-dmirijiet tal-istituzzjonijiet tal-istat, kif ukoll id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini.
Liġi (*zakon*) hija att normattiv li jirregola r-relazzjonijiet soċjetali *ab initio* jew skont il-Kostituzzjoni permezz ta’ arranġamenti stabbiliti promulgati, skont is-suġġett jew il-persuni kkonċernati, minn korp leġiżlattiv wieħed jew aktar jew mis-sottodiviżjonijiet tiegħu.
L-atti leġiżlattivi kollha jiġu promulgati u jidħlu fis-seħħ tlett ijiem wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom, sakemm l-atti nfushom ma jipprovdux mod ieħor.
Il-Kunsill tal-Ministri joħroġ **digriet** (*postanovlenie*) meta jadotta regoli ta’ implimentazzjoni, regolamenti jew struzzjonijiet, u meta joħroġ regolamenti, skont il-liġijiet, dwar arranġamenti soċjetali li mhumiex regolati minn dawk il-liġijiet fl-ambitu tal-mandat eżekuttiv u amministrattiv tiegħu.
Regoli ta’ implimentazzjoni (*pravilnik*) huma atti normattivi maħruġa biex tiġi implimentata liġi fl-intier tagħha. Jipprovdu għall-organizzazzjoni ta’ korpi statali u lokali jew għall-ordni interna tal-attivitajiet tagħhom.
Regolament (*naredba*) huwa att normattiv maħruġ biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet jew taqsimiet oħra ta’ att normattiv ogħla.
Struzzjoni (*instruktsia*) hija att normattiv li permezz tiegħu korp ogħla jagħti struzzjonijiet lil korpi subordinati dwar l-implimentazzjoni ta’ att normattiv li jkun ħareġ jew li jeħtieġ jiġi infurzat.
Sorsi tal-liġi oħra li mhumiex bil-miktub, bħal **konswetudni** (*pravniyat obichay*) u **prinċipji ġenerali tal-liġi** (*obshtite printsipi na pravoto*), huma wkoll importanti.
Id-**deċiżjonijiet interpretattivi tal-qrati supremi** jistgħu jitqiesu bħala sors sussidjarju tal-liġi.
Il-Qorti Kostituzzjonali (*Konstitutsionen sad*) taġixxi permezz ta’ deċiżjonijiet, sentenzi u ordnijiet.
Il-Qorti tiddeċiedi dwar is-suġġett prinċipali ta’ kawża permezz ta’ deċiżjoni.
Id-deċiżjonijiet tal-Qorti jiġu promulgati fil-Gazzetta tal-Istat fi żmien 15-il jum mid-data li fiha jinħarġu u jidħlu fis-seħħ tlett ijiem wara l-promulgazzjoni tagħhom.

Ġerarkija ta’ normi

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija hija l-liġi suprema. Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni mhijiex stabbilita speċifikament fil-Kostituzzjoni, iżda titqies superjuri għad-dritt nazzjonali.
Skont l-Artikolu 5(4) tal-Kostituzzjoni, it-trattati internazzjonali li ġew ratifikati skont il-proċedura kostituzzjonali, li ġew promulgati u daħlu fis-seħħ fir-Repubblika tal-Bulgarija jsiru parti mil-leġiżlazzjoni tal-istat. Huma jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe dispożizzjoni konfliġġenti tal-leġiżlazzjoni domestika.
Fil-livell li jmiss ta’ atti normattivi hemm il-liġijiet. L-eżekuttiv jippromulga l-leġiżlazzjoni sekondarja bħal digrieti, regolamenti, deċiżjonijiet, regoli ta’ implimentazzjoni, struzzjonijiet u ordnijiet.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tan-normi ġuridiċi

L-Assemblea Nazzjonali (*Narodno sabranie*) għandha awtorità leġiżlattiva. Tista' tgħaddi, temenda, tissupplimenta u tħassar liġijiet.
Fuq il-bażi tal-liġijiet u sabiex jimplimentahom, il-Kunsill tal-Ministri (*Ministerski savet*) jadotta digrieti, ordnijiet u deċiżjonijiet. Permezz ta' digrieti, il-Kunsill tal-Ministri jadotta wkoll regoli u regolamenti ta' implimentazzjoni.
Il-Ministri joħorġu regoli ta' implimentazzjoni, regolamenti, struzzjonijiet u ordnijiet.
Il-Kunsill tal-Ministri jikkonkludi trattati internazzjonali meta l-liġi tawtorizzah jagħmel dan. L-Assemblea Nazzjonali tirratifika (jew tirrifjuta) trattati internazzjonali li:
huma ta' natura politika jew militari;
jittrattaw il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija f'organizzazzjonijiet internazzjonali;
jipprevedu aġġustamenti għall-fruntieri tar-Repubblika tal-Bulgarija;
jimponu obbligi finanzjarji fuq l-istat;
jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-Istat fi proċedimenti legali jew f'arbitraġġ internazzjonali;
jittrattaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem;
jittrattaw l-effett tal-liġi jew jeħtieġu leġiżlazzjoni ġdida sabiex jiġu infurzati;
ikunu espressament jeħtieġu ratifika;
jagħtu lill-Unjoni Ewropea s-setgħat li jirriżultaw mill-Kostituzzjoni.

Proċess leġiżlattiv

Adozzjoni tal-Kostituzzjoni

Kostituzzjoni ġdida tiġi adottata minn Assemblea Nazzjonali Suprema (*Veliko narodno sabranie*) magħmula minn 400 membru.
L-Assemblea Nazzjonali hija libera temenda d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni minbarra dawk li jaqgħu taħt il-prerogattiva tal-Assemblea Nazzjonali Suprema. Emenda kostituzzjonali teħtieġ maġġoranza ta' tliet kwarti tal-voti tal-membri kollha tal-Assemblea Nazzjonali fi tliet votazzjonijiet fi tliet ġranet differenti. Emenda kostituzzjonali tiġi ffirmata u promulgata fil-Gazzetta tal-Istat mill-President tal-Assemblea Nazzjonali Suprema fi żmien sebat ijiem mill-promulgazzjoni tagħha.

Inizjattiva leġiżlattiva

Skont l-Artikolu 87 tal-Kostituzzjoni, kull membru tal-Assemblea Nazzjonali jew tal-Kunsill tal-Ministri għandu d-dritt jintroduċi abbozz ta' liġi.
Abbozz ta' liġi jiġi adottat mill-Assemblea Nazzjonali f'żewġ proċessi ta' qari. Matul l-ewwel qari, l-abbozz jiġi diskuss fl-intier tiegħu. Il-membri jistgħu jippreżentaw mozzjonijiet bil-miktub għall-emenda ta' abbozz li jkun ġie adottat fl-ewwel qari fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-Assemblea Nazzjonali. L-Assemblea Nazzjonali tiddibatti l-abbozz fid-dettall u tadottah fit-tieni qari. L-abbozz adottat jintbagħat lill-President tar-Repubblika tal-Bulgarija, li jiffirma digriet għall-promulgazzjoni tiegħu. L-att jiġi ppromulgat fil-Gazzetta tal-Istat u jidħol fis-seħħ tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tiegħu, sakemm l-att ma jipprevedix mod ieħor.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Il-Gazzetta tal-Istat (*Darzhaven vestnik*) hija disponibbli bla ħlas fuq is-sit web tal-Gazzetta tal-Istat. L-edizzjoni online fiha abbozzi promulgati mill-Assemblea Nazzjonali, digrieti maħruġa mill-Kunsill tal-Ministri, trattati internazzjonali, atti legali oħra, kif ukoll avviżi dwar akkwist pubbliku u konċessjonijiet, eċċ.
Bażijiet ta' *data* ġuridiċi bħal Apis, Ciela u l-Enċiklopedija Ġuridika joffru firxa sħiħa ta' informazzjoni legali iżda mhumiex bla ħlas.
L-aħħar aġġornament: 20/07/2022
Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Iċ-Ċekja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali u ħarsa ġenerali tal-liġi tar-Repubblika Ċeka.

Sorsi tal-liġi

Il-liġi Ċeka, li tifforma parti mill-kultura legali tal-Ewropa kontinentali, hija msejsa fuq il-liġi miktuba u tinkludi atti u strumenti leġiżlattivi oħra, trattati internazzjonali promulgati ratifikati mill-Parlament Ċek [il-Parlament ČR], u sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali [Ústavní soud] li jannullaw xi dispożizzjoni leġiżlattiva sħiħa jew parti minnha.

Tipi ta' strumenti legali - deskrizzjoni

L-ordni ġuridiku tar-Repubblika Ċeka huwa magħmul mil-leġiżlazzjoni Ċeka kollha u l-istrumenti relatati.
L-iktar strumenti leġiżlattivi importanti huma l-**atti** [*zákony*], jiġifieri l-ġabriet tar-regoli dwar l-imġiba li jirregolaw l-oqsma prinċipali fil-ħajja tal-individwi u s-soċjetà. Atti aktar komprensivi magħrufa bħala **kodiċijiet** [*zákoníky*] jirregolaw qasam sħiħ tal-liġi u jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati b'mod sistematiku. Atti li jiġbru fihom qasam sħiħ tal-liġi proċedurali u li jistipulaw dispożizzjonijiet proċedurali dettaljati jissejħu **regoli ta' proċedura** (*řády*). Atti dwar l-aktar kwistjonijiet importanti tal-Istat u dwar id-drittijiet taċ-ċittadini u tal-bniedem (inklużi l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ċeka u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Libertajiet) huma magħrufa bħala l-**atti kostituzzjonali** [*ústavní zákony*] u hemm proċedura speċjali għall-adozzjoni tagħhom.
L-atti huma sottostanzjati b'regolamenti ta' implimentazzjoni: **regolamenti tal-gvern, digrieti mill-ministeri jew korpi tal-gvern ċentrali, u digrieti minn entitajiet reġjonali awtonomi.**
Il-liġi Ċeka tinkludi wkoll **ftehimiet internazzjonali** li ġew irratifikati mill-Parlament u għalhekk huma vinkolanti fuq ir-Repubblika Ċeka. Il-ftehimiet internazzjonali jieħdu prijorità fuq leġiżlazzjoni oħra sal-punt li ftehim internazzjonali jieħu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali jekk dawn it-tnejn ma jaqblux dwar xi punt partikolari.
Minbarra mit-tipi tal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, anki l-**liġi Ewropea** bdiet tapplika fir-Repubblika Ċeka, bl-istess mod bħal fl-Istati Membri oħra, sa mill-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea.
Il-konswetudni mhijiex sors tal-liġi fir-Repubblika Ċeka. F'xi każijiet, madankollu, il-liġi tippermetti li l-konswetudni tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' ċerti oqsma jew prinċipji legali. Fejn ikun il-każ, dan ikun speċifikat mil-liġi inkwistjoni u l-qrati jistgħu jinfurzaw dawk id-dispożizzjonijiet. Il-fehma prevalenti għalhekk hija li s-sors legali mhuwiex il-prinċipju legali jew il-konswetudni nnfisha, iżda l-liġi li tirreferi għaliha.
Sentenza tal-qorti mhijiex sors tal-liġi lanqas. Min-naħa l-oħra, qorti ma tistax tirrifjuta li tieħu deċiżjoni għaliex il-liġi ma tkunx kompluta jew tkun ambigwa. Ħafna drabi jkollha tagħti l-interpretazzjoni tagħha stess tal-kwistjoni, u qrati oħra mbagħad, sa ċertu punt, jibbażaw is-sentenzi tagħhom fuqha, u b'hekk dan isir preċedent legali *de facto*. Jekk is-sentenza tiġi ppubblikata fis-*Sbírka soudních rozhodnutí a stanovisek* (Ġabra ta' Sentenzi u Opinjonijiet tal-Qorti), fejn ġeneralment jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet fundamentali ta' qrati superjuri, din fil-fatt titqies bħala sors tal-liġi, anke jekk uffiċjalment ma tkunx meqjusa bħala tali.

Il-ġerarkija tas-sorsi tal-liġi

L-ordni ġuridiku tar-Repubblika Ċeka hija strutturata ġerarkikament. Fil-quċċata hemm il-Kostituzzjoni u l-atti kostituzzjonali l-oħra; dawn għandhom l-akbar awtorità legali u jistgħu jiġu emendati biss permezz ta' att kostituzzjonali ieħor. Taħt dawn hemm l-atti ordinarji, il-bażi tar-regolamenti ta' implimentazzjoni, li għandhom l-inqas piż legali. Dispożizzjonijiet ta' inqas piż legali jridu jkunu konformi ma'dawk li huma ogħla fil-ġerarkija legali. Leġiżlazzjoni tista' tiħassar jew tiġi emendat biss b'dispożizzjonijiet tal-istess piż legali jew akbar. **Il-ftehimiet internazzjonali** għandhom importanza speċjali. Kif indikat hawn fuq, huma parti mill-ordni ġuridiku u f'każ ta' kunflitt jieħdu preċedenza anki fuq att kostituzzjonali.

Leġiżlazzjoni derivata minn atti – ir-regolamenti tal-gvern, id-deċiżjonijiet tal-President tar-Repubblika ta' natura normattiva ġenerali (bħal dawk dwar l-amnestiji), id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-ministeri u awtoritajiet oħra tal-gvern ċentrali u lokali, id-digrieti delegati tal-awtoritajiet reġjonali u muniċipali. Dispożizzjonijiet bħal dawn iridu jinħarġu fuq il-bażi u fil-limiti ta' att, fl-ambitu ta' awtorità tal-liġi.

Fir-rigward tal-**liġi Ewropea**, il-prinċipju tal-UE tas-supremazija tal-liġi Komunitarja japplika bl-istess mod kif japplika fl-Istati Membri l-oħra. Skont dan il-prinċipju, il-leġiżlazzjoni Ewropea tieħu l-preċedenza meta jkun hemm kunflitt bejn il-liġi Ewropea u l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru (atti, digrieti eċċ.). Dan japplika bl-istess mod fejn ikun hemm kunflitt bejn il-liġi nazzjonali u leġiżlazzjoni Komunitarja primarja (it-Trattati) u bejn il-liġi nazzjonali u leġiżlazzjoni Komunitarja sekondarja (regolamenti, direttivi eċċ.). Skont l-interpretazzjoni prevalenti tal-liġi, lanqas l-istrumenti legali supremi nazzjonali ma huma eżentati - il-liġi Ewropea tieħu preċedenza anki fuq il-kostituzzjoni u l-atti kostituzzjonali tal-Istati Membri.

Għall-ftehimiet internazzjonali, li huma vinkolanti fuq ir-Repubblika Ċeka, biex isiru parti mil-liġi tagħha, il-Parlament irid jirratifikahom, sakemm l-ebda att kostituzzjonali ma jkun jirrikjedi li l-ftehim konċernat jiġi rratifikat permezz ta' referendum. Il-President tar-Repubblika jirratifika l-ftehimiet internazzjonali. Wara r-ratifika, il-verżjoni Ċeka tal-ftehim trid tiġi ppubblikata fis-*Sbírka mezinárodních smluv* (Ġabra ta' Ftehimiet Internazzjonali).

Qafas istituzzjonali

L-istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni

Il-poter leġiżlattiv tar-Repubblika Ċeka jappartjeni lill-Parlament, li huwa magħmul minn żewġt ikmamar:

il-Kamra tad-Deputati (200 deputat) u

is-Senat (81 senatur).

Il-proċess leġiżlattiv

It-tfassil tal-liġi jew il-proċess leġiżlattiv jibda bid-dritt ta' inizjattiva. Il-membri individwali tal-Parlament jew gruppi ta' membri, is-Senat, il-gvern, u l-awtoritajiet reġjonali għandhom id-dritt jipproponu atti ġodda u emendi ta' atti eżistenti. Il-gvern biss jista' jipproponi atti li jikkonċernaw il-baġit tal-istat jew l-għeluq tal-kontijiet nazzjonali; il-Kamra tad-Deputati biss tista' tiddeċiedi fuq dawn l-atti. Madankollu, il-gvern għandu d-dritt jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar kwalunkwe abbozz ta' att (abbozz ta' liġi). Il-Kamra tad-Deputati l-ewwel tiddiskuti u jekk ikun hemm bżonn temenda l-abbozz fi tliet qari suċċessivi.

L-approvazzjoni tal-att teħtieġ maġġoranza sempliċi tad-deputati preżenti. Il-President tal-Kamra tad-Deputati mbagħad jibgħat l-abbozz approvat quddiem is-Senat mill-aktar fis possibbli u s-Senat għandu 30 jum biex jiddiskutih — għall-kuntrarju tad-diskussjonijiet ta' spiss twal ħafna tal-Kamra tad-Deputati, li xi drabi jdumu xhur. Sa tmiem dak il-perjodu, is-Senat irid japprova jew jirrifjuta l-abbozz jew jirritorna verżjoni emendata tiegħu lill-Kamra tad-Deputati. Jista' wkoll jiddeċiedi li ma jiddiskutix. Jekk is-Senat japprova l-abbozz, jiddeċiedi li ma jiddiskutihx, jew ma jagħti l-ebda opinjoni sal-iskadenza, l-Att jitqies bħala adottat u jintbagħat għand il-President tar-Repubblika biex jiffirmah. Jekk is-Senat jirrifjuta l-abbozz, il-Kamra tad-Deputati terġa' tivvota dwaru. L-att jiġi adottat jekk ikun approvat b'maġġoranza sempliċi fil-Kamra tad-Deputati. Jekk is-Senat jibgħat lura lill-Kamra tad-Deputati abbozz emendat, il-Kamra tad-Deputati tivvota fuq il-verżjoni approvata mis-Senat. L-abbozz tal-att jiġi adottat b'maġġoranza sempliċi tad-deputati. Jekk il-Kamra tad-Deputati ma tapprovax l-abbozz emendat tas-Senat, terġa' tivvota fuq il-verżjoni oriġinali tal-abbozz mibgħut lis-Senat. L-att jiġi adottat jekk ikun approvat minn maġġoranza sempliċi tad-deputati kollha (jiġifieri mill-inqas 101 vot). Atti elettorali u ċerti tipi oħra ta' atti jridu jkunu approvati kemm mill-Kamra tad-Deputati kif ukoll mis-Senat.

Il-President tar-Repubblika jista' jiddeċiedi li ma jiffirmax abbozz approvat fi żmien 15-il jum minn meta jintbagħatlu, u jista' jirritornah lill-Kamra tad-Deputati għal aktar diskussjoni, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet tiegħu. Dan huwa magħruf bħala veto presidenzjali. Il-Kamra tad-Deputati tista' ddawwar veto presidenzjali b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha, mingħajr l-ebda emenda lill-abbozz, u f'dak il-każ l-att jgħaddi. Inkella l-att ma jiġix adottat.

Minbarra l-President tar-Repubblika, il-President tal-Kamra tad-Deputati u l-Prim Ministru wkoll jiffirmaw l-atti, għalkemm din hija biss formalità.

Meta l-Kamra tad-Deputati xxolji, is-Senat jista' jadotta leġiżlazzjoni f'ċerti oqsma li jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata u li kieku tkun teħtieġ l-adozzjoni ta' att. Il-gvern jista' jipproponi miżuri lis-Senat u dawn iridu jkunu approvati mill-Kamra tad-Deputati fl-ewwel laqgħa tiegħu, inkella jiskadu.

L-eċċezzjonijiet f'dan il-proċess leġiżlattiv huma l-atti kostituzzjonali. Biex dawn l-atti jiġu adottati, iridu jiġu approvati b'maġġoranza ta' tlieta minn kull ħamsa tad-deputati kollha (maġġoranza kwalifikata) u b'maġġoranza ta' tlieta minn kull ħamsa tas-senaturi preżenti, minflok milli b'maġġoranza sempliċi (nofs) tal-Membri kollha tal-Parlament preżenti, kif meħtieġ għal atti ordinarji. Atti kostituzzjonali jistgħu jiġu emendati jew estiżi biss permezz ta' atti kostituzzjonali oħra (jiġifieri meta l-Kamra tad-Deputati tkun xoljiet dawn ma jistgħux jinbidlu b'leġiżlazzjoni tas-Senat) u l-President ma jistax juża l-veto fuqhom.

Ministeri, aġenziji amministrattivi oħra u korpi reġjonali li jirregolaw lilhom infushom jistgħu joħorġu regoli ta' implimentazzjoni dettaljati (regolamenti u digrieti) fil-limiti tal-kompetenza tagħhom.

Validità ta' leġiżlazzjoni

Biex biċċa leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ trid tiġi ppubblikata. Atti kostituzzjonali, atti u dispożizzjonijiet leġiżlattivi oħra (regolamenti tal-gvern, digrieti ministerjali eċċ.) jiġu ppubblikati fis-*Sbírka zakonů* (Ġabra ta' Atti) maħruġa mill-Ministeru tal-Intern. Il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ u ssir parti mill-liġi Ċeka fil-jum li fih tiġi ppubblikata fis-*Sbírka zakonů*. Il-Ġabra tirreġistra wkoll id-data li fiha kull biċċa leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ. Din hija d-data li minnha kulħadd huwa obbligat jikkonforma mal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Jekk ma tkunx stipulat data aktar tard, il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ ħmistax-il jum wara l-pubblikazzjoni. F'każijiet ta' interess pubbliku prevalenti, id-data tad-dħul fis-seħħ tista' titressaq 'il quddiem, iżda ma tistax tippreċedi d-data tal-pubblikazzjoni. Għalhekk, id-data li fiha biċċa leġiżlazzjoni ssir effettiva tista' tkun l-istess bħad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, iżda qatt ma tista' ssir effettiva qabel ma tidħol fis-seħħ. Leġiżlazzjoni adottata mis-Senat tiġi ppubblikat fis-*Sbírka zakonů* bl-istess mod bħall-atti; ftehimiet internazzjonali ratifikati jiġu ppubblikati fis-*Sbírka mezinárodních smluv* (Ġabra ta' Ftehimiet Internazzjonali). Il-leġiżlazzjoni reġjonali tiġi ppubblikata fil-gazzetti uffiċjali; il-leġiżlazzjoni muniċipali titqiegħed fuq il-bord tal-avviżi uffiċjali tal-kunsill għal 15-il jum u wara fi kwalunkwe mezz li huwa standard f'dik il-lokalità.

Meta atti jew dispożizzjonijiet individwali jikkonfliġġu mal-ordni kostituzzjonali jew meta strumenti legali oħra jew dispożizzjonijiet individwali tagħhom jikkonfliġġu mal-ordni kostituzzjonali jew ma' att, il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi jekk għandhomx jitħassru.

Għal aktar informazzjoni, ara t-test tal-Kostituzzjoni: Ústava.

Bażi tad-dejta legali

Il-bażi tad-dejta legali hija proprjetà u tinżamm mill-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika Ċeka. Fiha l-informazzjoni li ġejja:

taqsima mill-websajt uffiċjali tal-Ministeru tal-Intern (Ministerstvo vnitra) iddedikata għal-leġiżlatura (legislativa). Fiha kopji elettroniċi (PDF) tal-Ġabra ta' Atti (Sbírka zákonů) u l-Ġabra ta' Ftehimiet Internazzjonali (Sbírka mezinárodních smluv) (parti mill-Gazzetta Uffiċjali). Is-sit ma għandux status uffiċjali jew saħħa legali. Huwa awtentiku biss it-test stampat tal-Ġabra ta' Atti. Dan is-sit jista' jiġi kkonsultat mill-pubbliku, u tista' tagħmel tiftix għal dokumenti sħaħ u għal metadejta għall-informazzjoni li teħtieġ.

It-Taqsima tal-atti (Sekce zákony) tal-portal tal-gvern Ċek (Portál veřejné správy České republiky) fiha t-testi sħaħ u aġġornati tal-atti u r-regolamenti ta' implimentazzjoni. Din il-websajt ma għandha l-ebda stejtus uffiċjali jew setgħa legali. Tista' tagħmel tiftix għal dokumenti sħaħ u tiftix bl-isem u n-numru tad-dokumenti fil-bażi tad-dejta.

Is-sistema tal-informazzjoni ISAP tagħti aċċess għall-bażijiet tad-dejta użati biex jiġu allokati rwoli ta' koordinazzjoni lid-dokumenti tal-Kunsill u l-atti leġiżlattivi ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Twettaq ukoll monitoraġġ tal-proċess ta' implimentazzjoni, tal-proċess leġiżlattiv nazzjonali u tal-proċeduri ta' ksur. Il-bażi tad-dejta tipprovdi arkivju elettroniku tal-pożizzjonijiet nazzjonali, dokumenti ta' ħidma, tabelli ta' korrelazzjoni u l-bqija.

Każistika

Fir-Repubblika Ċeka ma hemmx ġabra uffiċjali jew privata unika li tippubblika sistematikament is-sentenzi fundamentali tal-qrati Ċeki kollha, jiġifieri tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-qrati ġenerali li jista' jkollhom implikazzjoni ġenerali. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jiġu ppubblikati fis-*Sbírka nálezů a usnesení Ústavního soudu* (Ġabra ta' Deċiżjonijiet u Riżoluzzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali), ippubblikata minn C. H. Beck fi Praga. Fir-rigward tas-sentenzi tal-qrati ġenerali, deċiżjonijiet magħżula biss tal-qrati supremi, jiġifieri l-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema, jiġu ppubblikati b'mod sistematiku. Is-sentenzi magħżula tal-Qorti Suprema kif ukoll l-opinjonijiet tagħha, li l-għan tagħhom huwa li jikkonsolidaw il-każistika tal-qrati ċivili u kriminali inferjuri tal-ġudikatura, jiġu stampati fis-*Sbírka soudních rozhodnutí a stanovisek* (Ġabra ta' Sentenzi u Opinjonijiet tal-Qorti), pubblikata minn LexisNexis fi Praga. Għażla ta' sentenzi u riżoluzzjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Suprema jiġu ppubblikati fis-*Sbírka rozhodnutí Nejvyššího správního soudu* (Ġabra ta' Sentenzi tal-Qorti Amministrattiva Suprema), pubblikata minn ASPI fi Praga. Il-każistika tal-qrati inferjuri ġenerali mhix pubblikata sistematikament; Xi kultant jiġu ppubblikati sentenzi magħżula f'rivisti legali.

Magni tat-tfittix elettroniku uffiċjali għall-każistika tal-Qorti Kostituzzjonali u kemm tal-qrati supremi kif ukoll ġenerali huma ta' importanza prattika hawn, għax ikopru s-sentenzi ta' dawn il-qrati fl-intier tagħhom. Dawn jibdew tfittix elettroniku tas-servers tad-diversi qrati ġenerali inferjuri sabiex isibu għażliet mill-każistika tagħhom.

judikatura Ústavního soudu ČR (każistika tal-Qorti Kostituzzjonali)

judikatura Nejvyššího soudu ČR (każistika tal-Qorti Suprema)

judikatura Nejvyššího správního soudu (każistika tal-Qorti Suprema Amministrattiva)

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

Għażla ta' bażijiet tad-dejta kummerċjali:

ASPI

LEXDATA

LEXGALAXY

SAGIT

TORI

L-aħħar aġġornament: 16/09/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Danimarka

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali fid-Danimarka.

Għal informazzjoni dwar is-sistema legali Daniża jekk jogħġbok ikkonsulta s-siti elettroniċi tal- Ministeru tal-Ġustizzja Daniż u l- Parlament Daniż

Sorsi legali

Is-sorsi ewlenin tal-liġi fid-Danimarka huma l-leġiżlazzjoni, il-ħidma leġiżlattiva ta' tħejjija u l-ġurisprudenza.

Il-**Leġiżlazzjoni** hija s-sors primarju tal-liġi u tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Liġijiet. Mill-2008 il-Gazzetta tal-Liġijiet kienet disponibbli biss f'forma elettronika. Il-leġiżlazzjoni hija maqsuma fi, fost l-oħrajn, liġijiet, ordnijiet u regolamenti amministrattivi. Il-liġijiet jiġu adottati mill-Parlament Ewropew, l-ordnijiet jinħarġu mill-Gvern, u r-regolamenti amministrattivi jitfasslu mill-awtoritajiet.

Il-**Parlament** huwa l-uniku korp li għandu s-setgħa jadotta liġijiet ġodda jew li jemenda l-leġiżlazzjoni eżistenti. Kif tiġi adottata, il-leġiżlazzjoni tista' tiġi abrogata jew emendata biss mill-Parlament.

Is-**Sentenzi tal-Qorti** wkoll għandhom rwol importanti fl-applikazzjoni tal-liġi. Is-sentenzi tal-Qorti Suprema ta' spiss ikunu iktar importanti mis-sentenzi tal-qrati inferjuri.

Il-**Ħidma leġiżlattiva preparatorja**, li ssir matul il-proċedura leġiżlattiva, hija parti importanti wkoll tal-applikazzjoni tal-liġi.

Bażijiet tad-*data* tal-liġi

Il-portal tal-informazzjoni dwar il-liġi (Retsinformation) jagħti aċċess liċ-ċittadini għal:

liġijiet, regoli amministrattivi, trattati u leġiżlazzjoni konsolidata

dokumenti parlamentari

deċiżjonijiet amministrattivi

deċiżjonijiet mill-Ombudsman.

Il-portal għandu l-leġiżlazzjoni kollha fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1985 u l-leġiżlazzjoni adottata wara dik id-data.

L-aċċess għall-bażi tad-data huwa **bla ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 20/06/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija stat kostituzzjonali demokratiku, federali u soċjali. Flimkien mad-drittijiet fundamentali, il-prinċipji ta' stat kostituzzjonali demokratiku, federali u soċjali jiffurmaw il-qalba invjolabbli tal-kostituzzjoni Ġermaniża, li r-rispett lejha huwa salvagwardjat mill-Qorti Kostituzzjonali Federali.

Sorsi legali

Il-Liġi Bażika (Grundgesetz) hija l-Kostituzzjoni Ġermaniża, li tipprovdi l-qafas għas-sistema legali u l-valuri tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. B'mod partikolari, din tistipula dan li ġej:

id-drittijiet fundamentali bħala l-prinċipji gwida supremi

l-istruttura fundamentali u l-prinċipji strutturali essenzjali tal-istat u tal-korpi governattivi tiegħu
il-prinċipji li permezz tagħhom isiru l-elezzjonijiet għall-Bundestag (it-tieni kamra tal-Parlament Ġermaniż)
il-bażi għall-istatus u għad-drittijiet tal-membri eletti b'mod demokratiku tal-Bundestag
il-mod kif il-Bundestag huwa organizzat u jopera
ir-responsabbiltajiet u l-organizzazzjoni tal-Bundesrat (il-kamra superjuri tal-Parlament Ġermaniż li permezz tagħha l-Länder [l-istati federali] jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv fil-livell federali)
it-tqassim tal-kompetenzi leġiżlattivi u amministrattivi bejn il-Federazzjoni u l-Länder
il-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata l-organizzazzjoni tal-qrati.

Tipi ta' strumenti legali - deskrizzjoni

Is-**sorsi ewlenin bil-miktub** tad-dritt nazzjonali Ġermaniż huma l-Liġi Bażika, il-**leġiżlazzjoni**, l-**istrumenti statutorji** u l-**liġijiet amministrattivi**.

Leġiżlazzjoni

Il-leġiżlazzjoni f'sens materjali hija astratta u ġenerali b'effett estern, filwaqt li l-leġiżlazzjoni f'sens formali hija att legali li ġie adottat mill-korpi leġiżlattivi kompetenti f'konformità mal-proċedura kostituzzjonali.

Il-Ġermanja hija **stat federali magħmul minn 16-il stat kostitwent – il-Länder**. Għaldaqstant, hemm **liġijiet federali**, li japplikaw fit-territorju kollu tal-Federazzjoni, u **liġijiet tal-Land**, li huma validi biss fil-Land ikkonċernat. Kull Land għandu l-kostituzzjoni tiegħu stess u, fil-qafas tal-kompetenzi assenjati lilu mil-Liġi Bażika, għandu wkoll is-setgħa jadotta leġiżlazzjoni kif ukoll strumenti statutorji u liġijiet amministrattivi.

Il-**kompetenzi leġiżlattivi** tal-Federazzjoni u tal-Länder huma rregolati fid-dettall mil-Liġi Bażika. Il-Länder għandhom setgħat leġiżlattivi, sakemm dawn is-setgħat ma jkunux ġew ittrasferiti lill-gvern federali skont il-Liġi Bażika. Is-setgħat leġiżlattivi ewlenin tal-Federazzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 71 sa 74 tal-Liġi Bażika. Barra minn hekk, f'diversi partijiet il-Liġi Bażika tistabbilixxi setgħat leġiżlattivi ulterjuri tal-Federazzjoni.

Setgħa leġiżlattiva esklużiva tal-Federazzjoni

F'oqsma soġġetti għas-setgħa leġiżlattiva esklużiva tal-Federazzjoni, il-Länder għandhom biss is-setgħa jadottaw leġiżlazzjoni fejn il-liġi federali espressament tawtorizzahom jagħmlu dan (l-Artikolu 71 tal-Liġi Bażika).

Skont l-Artikolu 73 tal-Liġi Bażika, il-Federazzjoni għandha setgħa leġiżlattiva esklużiva fl-oqsma li ġejjin (fost oħrajn): il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-politika barranija, id-difiża (inkluża l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili), iċ-ċittadinanza, il-libertà ta' moviment, il-passaporti, ir-reġistrazzjoni tar-residenza u l-karti tal-identità, l-immigrazzjoni, l-emigrazzjoni u l-estradizzjoni, il-munita u l-flus, l-għaqda taż-żona doganali u ta' kummerċ, it-trasport bl-ajru, il-kooperazzjoni bejn il-Federazzjoni u l-Länder dwar il-ħidma tal-pulizija f'kuntest kriminali, u l-liġi dwar l-armi u l-isplussivi.

Setgħat leġiżlattivi konkorrenti

F'oqsma soġġetti għal leġiżlazzjoni konkorrenti, il-Länder għandhom id-dritt jadottaw leġiżlazzjoni bil-patt u sakemm il-Federazzjoni ma teżerċitax is-setgħat leġiżlattivi tagħha fl-istess qasam (l-Artikolu 72 tal-Liġi Bażika). L-oqsma legali suġġetti għal leġiżlazzjoni konkorrenti jinkludu: il-liġi ċivili, il-liġi kriminali u l-liġi dwar it-traffiku fit-toroq, kif ukoll il-liġi ta' assoċjazzjoni, il-liġi dwar ir-residenza u l-istabbiliment ta' persuni ta' nazzjonalità barranija, il-liġi dwar kwistjonijiet ekonomiċi, il-liġi dwar l-impjiegi, il-liġi dwar is-sigurtà soċjali u ċerti aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur. Fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet li fl-Artikolu 74 tal-Liġi Bażika huma elenkati bħala li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni konkorrenti, il-Federazzjoni għandha d-dritt tadotta leġiżlazzjoni biss jekk u sakemm l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' għajxien ekwivalenti fil-Ġermanja jew iż-żamma ta' għaqda legali jew ekonomika teħtieġ ir-regolamentazzjoni federali fl-interess nazzjonali.

Strument statutorju

L-istrument statutorju huwa regolament ta' applikazzjoni astratta u ġenerali b'effett estern li jiġi adottat mill-eżekuttiv abbażi ta' awtorizzazzjoni statutorja xierqa.

Liġi amministrattiva

Il-liġi amministrattiva hija dispożizzjoni legali ta' applikazzjoni astratta u ġenerali li tista' tiġi adottata minn persuna ġuridika organizzata skont id-dritt pubbliku fil-qafas tal-awtonomija mogħtija lilha legalment u li tkopri lill-persuni li jappartjenu għar-regoli ta' dik il-persuna ġuridika jew jaqgħu taħthom.

Status ta' dritt konswetudinarju u ta' ġurisprudenza

Minbarra s-sorsi bil-miktub tad-dritt, hemm **sorsi mhux miktuba tad-dritt**, inkluż il-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-dritt internazzjonali u fid-dritt konswetudinarju. Bħala prinċipju l-ġurisprudenza mhijiex sors legali, minkejja li għandha rwol importanti fil-prattika. Ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Federali (il-Bundesverfassungsgericht) waħedhom għandhom is-saħħa ta' liġi.

Sorsi internazzjonali tad-dritt u d-dritt tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 25 tal-Liġi Bażika, ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jingħataw rwol speċifiku fi ħdan il-ġerarkija nazzjonali tan-normi: f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 25 tal-Liġi Bażika, dawn huma parti integrali mid-dritt federali, filwaqt li t-tieni sentenza tal-Artikolu 25 tistipula li jieħdu preċedenza fuq il-leġiżlazzjoni; għalhekk, ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jinsabu bejn il-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni fil-ġerarkija nazzjonali tan-normi.

F'konformità mal-Artikolu 59(2)(1) tal-Liġi Bażika, it-trattati internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' leġiżlazzjoni federali jridu jiġu approvati mill-korpi kompetenti fil-forma ta' liġi federali sabiex japplikaw domestikament. Għalhekk, fil-ġerarkija nazzjonali tan-normi dawn jiġu kklassifikati biss fl-istess livell bħal liġi federali.

Id-Dritt tal-Unjoni Ewropea

Dispożizzjonijiet kostituzzjonali speċifiċi japplikaw għall-parteċipazzjoni tal-Ġermanja fl-UE (l-Artikolu 23 tal-Liġi Bażika) u għal sitwazzjonijiet oħra li fihom is-setgħat sovrani jiġu ttrasferiti lil organizzazzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 24 tal-Liġi Bażika) permezz tal-konklużjoni ta' trattati internazzjonali.

Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-Liġi Bażika, il-leġiżlazzjoni primarja tal-UE tapplika domestikament fil-Ġermanja skont l-att meħtieġ għal dan il-għan (li jeħtieġ ukoll il-kunsens tal-Bundesrat); fil-prinċipju, il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE (eż. ir-Regolamenti) applikabbli direttament tapplika fil-Ġermanja abbażi tal-istatus tagħha; il-leġiżlazzjoni sekondarja li teħtieġ traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali (eż. Direttivi) fil-prinċipju ssir applikabbli biss fil-Ġermanja meta tiġi adottata l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni; f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' liġi domestika kunfliġġenti, id-dritt tal-UE fil-prinċipju japplika bi preminenza u l-liġi nazzjonali trid tiġi interpretata b'mod li jkun konformi mad-dritt tal-UE u jtaffi kunflitt bħal dan, sa fejn il-liġi nazzjonali inkwistjoni tħalli lok għall-interpretazzjoni.

L-aktar atti/leġiżlazzjoni importanti

Id-dritt kostituzzjonali

Il-Liġi Bażika għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Grundgesetz, GG) - **Traduzzjoni bl-Ingliż**

L-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali Federali (Gesetz über das Bundesverfassungsgericht, BVerfGG) - **Traduzzjoni bl-Ingliż**

Id-dritt ċivili

Il-Kodiċi Ċivili (Bürgerliches Gesetzbuch, BGB) - **Traduzzjoni bl-Ingliż**

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Zivilprozessordnung, ZPO) - **Traduzzjoni bl-Ingliż**

Id-dritt kummerċjali

Il-Kodiċi Kummerċjali (Handelsgesetzbuch, HGB) - Traduzzjoni bl-Ingliż
L-Att dwar il-Kumpaniji b'Ishma (Aktiengesetz, AktG) - Traduzzjoni bl-Ingliż
L-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata (Gesetz betreffend die Gesellschaften mit beschränkter Haftung, GmbHG) - Traduzzjoni bl-Ingliż

Id-dritt amministrattiv

Il-Kodiċi tal-Proċedura tal-Qorti Amministrattiva (Verwaltungsgerichtsordnung, VwGO) - Traduzzjoni bl-Ingliż
L-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva (Verwaltungsverfahrensgesetz, VwVfG)

Id-dritt kriminali

Il-Kodiċi Kriminali (Strafgesetzbuch, StGB) - Traduzzjoni bl-Ingliż
Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (Strafgesetzbuch, StGB) - Traduzzjoni bl-Ingliż

Ġerarkija ta' normi

Il-**Liġi Bażika** tinsab **fil-quċċata** tan-normi nazzjonali. Hija superjuri għas-sorsi l-oħra kollha tal-liġi nazzjonali u, bħala **l-Kostituzzjoni**, hija l-istrument li fuqu tistrieħ is-sistema legali Ġermaniża kollha. Kull dispożizzjoni legali adottata fil-Ġermanja għandha tkun kompatibbli mal-Liġi Bażika kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza. Għal dan il-għan, l-Artikolu 20(3) tal-Liġi Bażika jispeċifika li l-leġiżlatura hija marbuta bl-ordni kostituzzjonali, u l-eżekuttiv u l-ġudikatura bil-liġi u bil-ġustizzja. Barra minn hekk, il-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-ġudikatura huma b'mod partikolari marbuta bid-drittijiet bażiċi stabbiliti fl-Artikolu 1 sa 19 tal-Liġi Bażika, li huma liġi direttament applikabbli (l-Artikolu 1(3)). Fl-aħħar mill-aħħar il-preċedenza tal-Liġi Bażika hija garantita mill-Qorti Kostituzzjonali Federali. Il-Qorti Kostituzzjonali Federali biss tista' tiddikjara att tal-Parlament bħala invalidu f'każ li tali att ma jkunx skont il-kostituzzjoni.

L-Artikolu 79(2) jistabbilixxi li l-Liġi Bażika tista' tiġi emendata biss b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bundestag u żewġ terzi tal-voti tal-Bundesrat, li huwa l-organu li permezz tiegħu l-Länder jipparteċipaw fil-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni, u fl-amministrazzjoni tagħha, u fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-Unjoni Ewropea. Ċerti **komponenti ewlenin tal-Liġi Bażika** – jiġifieri l-qasma tal-Federazzjoni f'Länder, il-parteċipazzjoni tagħhom, fil-prinċipju, fil-proċess leġiżlattiv u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 1 u 20 – bl-ebda mod **ma jistgħu jiġu emendati** (l-Artikolu 79(3), l-hekk imsejħa **klawżola eterna**, li tiggarantixxi li deċiżjonijiet kostituzzjonali fundamentali stipulati fil-Liġi Bażika jinżammu).

Ir-**regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali** jikklassifikaw taħt il-Kostituzzjoni iżda 'l fuq mil-liġijiet tal-Federazzjoni u tal-Länder. Dawn ir-regoli ġenerali jinkludu d-dritt internazzjonali konswetudinarju u l-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali, iżda mhux id-dritt kuntrattwali internazzjonali. Il-Liġi Bażika tiddikjara b'mod espliċitu li dawn ir-regoli ġenerali huma parti integrali mid-dritt federali, li jieħdu preċedenza fuq dawn il-liġijiet u li joħolqu direttament drittijiet u dmirijiet għall-abitanti tat-territorju federali (l-Artikolu 25). Dawn ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali b'effett legali għall-individwi (jiġifieri regoli mfassla għall-protezzjoni tal-individwu) jinkludu, b'mod partikolari, il-garanzija ta' forma xierqa ta' protezzjoni legali għall-barranin jew ir-"regola ta' speċjalità", li permezz tagħha proċedimenti kriminali huma soġġetti għat-termini tal-awtorizzazzjoni għall-estradizzjoni tal-istat barrani li qed jagħmel l-estradizzjoni.

Il-**leġiżlazzjoni** ordinarja tinsab f'pożizzjoni subordinata għall-Kostituzzjoni. Il-**Bundestag flimkien mal-Bundesrat** jgħaddu l-liġijiet. L-abbozzi ta' liġijiet jistgħu jiġu introdotti fil-Bundestag mill-Gvern Federali, mill-Bundesrat, jew mill-membri tal-Bundestag (minn grupp parlamentari jew minn tal-anqas 5 % tal-membri tiegħu). Il-Liġi Bażika tispeċifika l-każijiet li fihom l-approvazzjoni finali ta' liġi mill-Bundestag teħtieġ il-kunsens tal-Bundesrat (attwalment – skont il-materjal statistiku ppubblikat mill-Bundesrat fuq is-sit web tiegħu – madwar 38 % tal-liġijiet kollha). Fir-rigward tal-bqija tal-liġijiet li jgħaddi l-Bundestag, il-Bundesrat jista' joġġezzjona biss għal abbozz ta' liġi adottat mill-Bundestag; min-naħa tiegħu l-Bundestag jista' ma jilqax din l-oġġezzjoni. Fejn ikun hemm differenzi ta' opinjoni bejn il-Bundestag u l-Bundesrat, jista' jitlaqqa' kumitat komuni għall-kunsiderazzjoni konġunta tal-abbozz tal-liġijiet (il-Kumitat ta' Medjazzjoni) magħmul minn għadd indaqs ta' membri tal-Bundestag u tal-Bundesrat (attwalment 16-il membru kull wieħed). Ir-rwol tal-Kumitat ta' Medjazzjoni huwa li jipproduċi proposti sabiex tintlaħaq l-unanimità, għalkemm huwa ma jistax jieħu deċiżjonijiet f'isem il-Bundestag u l-Bundesrat.

L-**istrumenti statutorji** huma subordinati għal-leġiżlazzjoni u jistgħu jinħarġu mill-Gvern Federali, minn ministru federali jew mill-gvernijiet tal-Land. Il-**liġijiet amministrattivi** jikklassifikaw taħt l-istrumenti statutorji u jistgħu jinħarġu minn korp korporattiv organizzat skont il-liġi pubblika (eż. minn muniċipalità).

Proċess leġiżlattiv

Il-**liġijiet** Ġermaniżi jsiru miż-żewġ kmamar tal-parlament tal-pajjiż. Għalhekk il-**Bundestag** huwa l-aktar organu leġiżlattiv importanti. Huwa **jiddeċiedi** dwar **il-liġijiet kollha li jaqgħu fl-isfera ta' kompetenza tal-Federazzjoni** fi proċess leġiżlattiv li jeħtieġ ukoll il-parteċipazzjoni tal-Bundesrat.

Skont is-sistema federali tal-Ġermanja, il-**Länder** għandhom sehem konsiderevoli mis-setgħat tal-istat, u għalhekk il-**Bundesrat jipparteċipa wkoll fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni**. L-atti kollha jiġu ppreżentati lill-Bundesrat biex jivvota dwarhom u f'każ ta' leġiżlazzjoni li teħtieġ l-approvazzjoni tiegħu, huwa jista' saħansitra jwassal biex ċerti abbozzi ta' atti ma jiġux aċċettati.

Inizjattiva leġiżlattiva

Il-parti l-kbira tal-abbozzi ta' atti u tal-proposti jitfasslu mill-**Gvern Federali**. Bħala l-livell ċentrali tal-eżekuttiv, huwa għandu l-akbar esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u għarfien dirett ta' fejn, fil-prattika, hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet statutorji ġodda.

Madankollu, mhux biss il-Gvern Federali iżda anke **l-Bundesrat** huwa intitolat li jagħtu bidu għall-abbozzi tal-atti.

Il-**membri u l-gruppi parlamentari tal-Bundestag** għandhom ukoll id-dritt li jintroduċu biċċiet ta' leġiżlazzjoni ġodda jew riveduti fil-Bundestag bħala abbozzi ta' atti.

Dawn jiġu diskussi, jsiru deliberazzjonijiet u votazzjonijiet dwarhom fil-Parlament skont proċedura regolata b'mod preċiż.

Inizjattivi introdotti mill-Gvern Federali jew mill-Bundesrat

Jekk il-**Gvern Federali** jkun jixtieq jipproponi jew jemenda liġi, il-Kanċillier Federali għandu l-ewwel jirreferi l-abbozz lill-**Bundesrat**.

Bħala regola, il-Bundesrat imbagħad għandu perjodu ta' 6 ġimgħat biex jagħti l-**kummenti tiegħu dwar l-abbozz tal-att**, li min-naħa tiegħu l-gvern jista' jirrispondi b'kontrodikjarazzjoni bil-miktub. Il-Kanċillier Federali mbagħad jgħaddi l-abbozz lill-Bundestag bil-kummenti tal-Bundesrat. **Eċċezzjoni** waħda għal din il-proċedura hija l-abbozz tal-**Att dwar il-Baġit**, li jintbagħat simultanjament lill-Bundesrat u lill-Bundestag.

Proċedura simili tapplika meta l-Bundesrat jintroduċi inizjattivi leġiżlattivi. Wara li l-maġġoranza tal-membri tal-Bundesrat ikunu vvutaw favur abbozz ta' att, dan l-ewwel imur quddiem il-Gvern Federali, li miegħu jehmeż il-kummenti tiegħu, ġeneralment fi żmien 6 ġimgħat, u mbagħad jintbagħat lill-Bundestag.

Inizjattivi introdotti mill-membri tal-Bundestag

L-abbozzi ta' atti jistgħu jiġu ppreżentati wkoll minn membri tal-Bundestag, f'liema każ iridu jkunu appoġġati jew **minn tal-anqas wieħed mill-gruppi parlamentari jew minn tal-anqas 5 % tal-membri tal-Bundestag**.

Ma huwiex meħtieġ li l-abbozzi ta' atti introdotti b'dan il-mod l-ewwel jiġu ppreżentati lill-Bundesrat. Għal din ir-raġuni, il-gvern xi drabi jagħmel arranġamenti biex **abbozzi ta' atti partikolarment urġenti** jiġu introdotti fil-Bundestag mill-gruppi parlamentari fil-gvern.

Deliberazzjoni dwar l-abbozz tal-att u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni

Tqassim tal-punti għad-diskussjoni

Qabel ma jkunu jistgħu jibdew id-deliberazzjonijiet dwar abbozz ta' att fil-Bundestag, l-ewwel irid jintbagħat lill-President tal-Bundestag u mbagħad jiġi rreġistrat mill-amministrazzjoni.

Imbagħad jitqassam lill-membri kollha tal-Bundestag u tal-Bundesrat, u lill-ministeri federali, bħala dokument stampat jew, ħafna drabi, f'forma elettronika.

Malli l-abbozz ta’ att jitqiegħed fuq l-**aġenda tal-plenarja**, l-ewwel stadju tal-mogħdija tiegħu mill-Parlament ikun lest: imbagħad jista’ jiġi **ppreżentat uffiċjalment** fil-forum pubbliku tal-Bundestag.

Tliet proċessi ta’ qari fil-plenarja

Bħala regola, l-abbozzi ta’ atti jiġu **diskussi tliet darbiet** fil-plenarja tal-Bundestag. Dawn id-dibattiti huma magħrufa bħala **qari**.

Matul l-ewwel qari, isir dibattitu biss jekk ikun intlaħaq qbil dwar dan fl-Ältestenrat (Kunsill tal-Anzjani, il-korp eżekuttiv tal-Bundestag) jew jekk dan jintalab minn wieħed mill-gruppi parlamentari. Fil-parti l-kbira, dan jiġri meta proġetti leġiżlattivi jkunu partikolarment kontroversjali jew ta’ interess speċjali għall-pubbliku.

L-għan ewlieni tal-ewwel qari huwa li **jinħatar kumitat wieħed jew aktar** biex jikkunsidraw l-abbozz ta’ att u jippreparawh għat-tieni qari tiegħu. Dan isir abbażi ta’ rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill tal-Anzjani.

F’każ li jkunu nħatru diversi kumitati, kumitat wieħed jingħata r-responsabbiltà ġenerali għad-deliberazzjonijiet dwar il-punt, u għalhekk huwa responsabbli biex l-abbozz ta’ att jgħaddi mill-Parlament. Il-kumitati l-oħra jintalbu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

Ħidma leġiżlattiva fil-kumitati

Il-**ħidma dettaljata dwar il-leġiżlazzjoni** ssir fil-kumitati permanenti, li huma magħmula minn membri tal-gruppi parlamentari kollha. Il-membri tal-kumitat jiffamiljarizzaw ruħhom mal-materjal u jiddeliberaw dwaru waqt il-laqgħat tagħhom. Huma jistgħu jistiednu wkoll xi esperti u rappreżentanti tal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati għas-seduti pubbliċi.

B’mod parallel għall-ħidma li ssir mill-kumitati, il-**gruppi parlamentari** jifformaw gruppi ta’ ħidma, li fihom jeżaminaw il-kwistjonijiet ikkonċernati u jiddefinixxu l-pożizzjonijiet tagħhom.

Huwa normali li l-gruppi parlamentari fil-kumitati jsibu pożizzjonijiet komuni. Il-biċċa l-kbira tal-abbozzi ta’ atti jiġu riveduti, xi ftit jew wisq, bħala riżultat ta’ kollaborazzjoni bejn il-gruppi parlamentari tal-gvern u tal-oppożizzjoni.

Wara li jintemmu d-deliberazzjonijiet, il-**kumitat bir-responsabbiltà ġenerali għall-abbozz ta’ att jippreżenta rapport lill-plenarja** dwar l-andament u l-eżitu tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Id-**deċiżjoni li jirrakkomanda** tifforma l-bażi għat-tieni qari li issa jsir fil-plenarja.

Dibattitu waqt it-tieni qari

Qabel it-tieni qari, il-membri kollha jirċievu r-**rakkomandazzjoni għal deċiżjoni** ppubblikata f’forma stampata. Għalhekk ikunu ppreparati sew għad-dibattitu. Qabel dan id-dibattitu l-gruppi parlamentari jikkoordinaw ukoll il-pożizzjonijiet tagħhom f’laqgħat interni, sabiex jippreżentaw front magħqud waqt it-tieni qari pubbliku.

Wara d-dibattitu ġenerali, id-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-abbozz ta’ att jistgħu jiġu kkunsidrati individwalment. Madankollu, bħala regola, il-plenarja tgħaddi direttament għal votazzjoni dwar l-abbozz tal-att fl-intier tiegħu.

Kull membru tal-Bundestag jista’ jressaq **mozzjonijiet għal emendi**, li mbagħad jiġu trattati immedjatament fil-plenarja. Jekk il-plenarja tadotta l-emendi, il-verżjoni l-ġdida tal-abbozz tal-att l-ewwel trid tiġi stampata u mqassma. Madankollu, din il-proċedura tista’ titqassar bil-kunsens ta’ żewġ terzi tal-membri preżenti. B’hekk ikun possibbli li t-tielet qari jibda minnufih.

Votazzjoni waqt it-tielet qari

Matul it-tielet qari jsir dibattitu ieħor biss jekk dan jintalab minn grupp parlamentari jew minn tal-anqas 5 % tal-membri tal-Bundestag.

F’dan l-istadju, il-membri individwali ma jistgħux iressqu aktar mozzjonijiet għal emendi, iżda dan jista’ jsir biss minn wieħed mill-grupp parlamentari jew minn 5 % tal-membri tal-Bundestag. Barra minn hekk, jistgħu jitressqu biss mozzjonijiet dwar emendi li ġew adottati waqt it-tieni qari.

Il-**votazzjoni finali** ssir fl-**aħħar tat-tielet qari**. Meta l-President tal-Bundestag jitlob għal voti favur, voti kontra u astensjonijiet, il-membri jirrispondu billi jqumu bilwieqfa.

Ladarba abbozz ta’ att ikun kiseb il-maġġoranza meħtieġa fil-plenarja tal-Bundestag, dan **jgħaddi għand il-Bundesrat bħala att**.

Kunsens tal-Bundesrat

Permezz tal-**Bundesrat**, il-**Länder** huma involuti fit-tfassil ta’ kull biċċa leġiżlazzjoni. F’dan ir-rigward, id-**drittijiet tal-Bundesrat li jipparteċipa** fil-proċess leġiżlattiv huma definiti b’mod preċiż.

Il-Bundesrat ma jistax jagħmel emendi għal att li jkun ġie adottat mill-Bundestag. Madankollu, jekk ma jaqbilx ma’ att, jista’ jitlob li jitlaqqa’ l-**Kumitat ta’ Medjazzjoni** (Vermittlungsausschuss). Il-Kumitat ta’ Medjazzjoni huwa magħmul minn għadd indaqs ta’ membri tal-Bundestag u tal-Bundesrat.

Għal ċerti abbozzi ta’ atti, imsejħa **liġijiet li jirrikjedu l-kunsens (Zustimmungsgesetze)**, il-kunsens tal-Bundesrat huwa rekwiżit obbligatorju. Dawn jinkludu, pereżempju, atti li jirrikjedu li l-Länder iħallas benefiċċji liċ-ċittadini jew li jaffettwaw il-kompetenzi amministrattivi tal-Länder.

Fil-każ ta’ **abbozzi ta’ atti li għalihom il-Bundesrat jista’ joġġezzjona**, il-Bundestag jista’ jdaħħal att fis-seħħ anke jekk ma jkunx intlaħaq ftehim fil-Kumitat ta’ Medjazzjoni. Madankollu, dan jeħtieġ votazzjoni oħra li fiha l-Bundestag jgħaddi l-abbozz ta’ att b’maġġoranza assoluta.

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għas-sit web tal-Bundestag u tal-Bundesrat.

Promulgazzjoni, pubblikazzjoni u dħul fis-seħħ

Ladarba abbozz ta’ att ikun ġie approvat mill-Bundestag u mill-Bundesrat, dan irid jgħaddi minn għadd ta’ stadji oħra qabel ma jkun jista’ jidħol fis-seħħ.

Att li jkun ġie adottat l-ewwel jiġi stampat u jintbagħat lill-Kanċillier Federali u lill-ministru federali kompetenti, li jikkontrofirmawh.

Il-President Federali mbagħad jirċievi l-att biex bil-firma tiegħu jsir liġi. Huwa jeżamina jekk l-att ġiex adottat f’konformità mal-Kostituzzjoni u jekk huwiex ħieles minn ksur materjali evidenti tal-Liġi Bażika. Ladarba jsiru dawn il-verifiki, il-President Federali jiffirma l-att u jordna li jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Liġijiet Federali (Bundesgesetzblatt).

F’dan il-punt, l-att jiġi ppromulgat. Jekk fl-att ma tissemma’ l-ebda data speċifika meta għandu jidħol fis-seħħ, dan iseħħ fl-14-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Liġijiet Federali li fiha jkun ġie stampat.

Mezzi ta’ riżoluzzjoni ta' kunflitti bejn sorsi legali differenti

Il-Liġi Bażika tirregola l-kwistjoni ta’ kwalunkwe kunflitt bejn il-liġi federali u dik tal-Land. Ir-regola fundamentali hija stabbilita fl-Artikolu 31 tal-Liġi Bażika: “Il-liġi federali għandha tieħu preċedenza fuq il-liġi tal-Land”. Dan il-prinċipju japplika irrispettivament mill-istatus ġerarkiku tar-regoli legali konfliġġenti biex b’ hekk, pereżempju, statut federali jipprevali fuq il-kostituzzjoni ta’ Land.

Inkella, il-kunflitti jistgħu jiġu solvuti abbażi tal-istatus ġerarkiku tar-regoli legali konfliġġenti. Fil-każ ta’ regoli legali li formalment għandhom l-istess status fil-ġerarkija, jista’ jitqies l-aspett tal-ispeċifiċità (*lex specialis*) jew il-kronoloġija tal-promulgazzjoni tagħhom (lex posterior).

Bażijiet tad-*data* legali (b’links xierqa)

Gesetze im Internet (liġijiet online)

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja jippubblikaw kważi l-liġi federali attwali kollha online. Din l-informazzjoni hija disponibbli bla ħlas għal dawk interessati. Il-leġiżlazzjoni u l-istrumenti statutorji jistgħu jiġu aċċessati fil-verżjonijiet attwali tagħhom. Jiġu konsolidati fuq bażi kontinwa miċ-ċentru ta’ dokumentazzjoni fl-Uffiċċju Federali għall-Ġustizzja.

Il-liġijiet ippubblikati bil-Ġermaniż jistgħu jintużaw liberament fil-formati kollha pprovduti. It-testi legali li jistgħu jiġu aċċessati online ma humiex il-verżjonijiet uffiċjali. Dawn jistgħu jinstabu biss fl-edizzjoni stampata tal-Gazzetta tal-Liġijiet Federali.

Il-bażi tad-*data* tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlas?
Iva.
F'liema lingwi hija disponibbli?
Il-liġijiet huma disponibbli bil-Ġermaniż. F'ħafna każijiet hemm ipprovduti traduzzjonijiet bl-Ingliż.
X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?
1. Tfittxija tat-titlu
Tista' tagħmel tfittxija limitata għall-kliem li jinsab fit-titlu twil jew qasir u fl-abbrevjazzjonijiet uffiċjali tal-liġijiet kollha disponibbli. Jistgħu jintużaw żewġ operaturi differenti:
Operatur AND:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti kollha li fihom jidher il-kliem kollu mdaħħal.
Operatur OR:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti li fihom tidher mill-inqas waħda mill-kliem imdaħħal.
2. Tfittxija b'test sħiħ
Huwa possibbli wkoll li ssir tfittxija ta' kelma ewlenija tat-testi legali kollha disponibbli. Hawn ukoll jistgħu jintużaw żewġ operaturi differenti:
Operatur AND:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti kollha li fihom jidher il-kliem kollu mdaħħal.
Operatur OR:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti li fihom tidher mill-inqas waħda mill-kliem imdaħħal.

Rechtsprechung im Internet (ġurisprudenza online)

Mill-2010 'l hawn, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja ppubblikaw għażla ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Federali, tal-qrati supremi federali u tal-Qorti Federali tal-Privattivi online. Din l-informazzjoni hija disponibbli bla ħlas għal dawk interessati. Id-deċiżjonijiet huma anonimizzati u, fil-prinċipju, jiġu ppubblikati fil-forma sħiħa. Il-bażi tad-*data* tiġi aġġornata kuljum.
Id-deċiżjonijiet jistgħu jintużaw liberament fil-formati kollha pprovduti.
Il-bażi tad-*data* tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlas?
Iva.
F'liema lingwi hija disponibbli?
Id-deċiżjonijiet huma disponibbli bil-Ġermaniż.
X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?
1. "Tfittxija sempliċi"
It-tfittxija standard ("tfittxija sempliċi") tippermettilek twettaq tfittxija sħiħa tad-deċiżjonijiet kollha ppubblikati mill-Helpdesk taċ-Ċittadini (Bürgerservice). Fejn ikun possibbli, l-entrati tal-utent jiġu assenjati għal ċerta metadata u l-ortografija tiġi standardizzata. Wara li tkun twettqet it-tfittxija, it-termini tat-tfittxija jintwerew taħt il-formola tat-tiftix flimkien man-numru ta' hits. Hemm kaxxa ta' input disponibbli fejn tista' ddaħħal kważi l-kriterji speċifiċi kollha tat-tfittxija li jistgħu jintużaw b'magna tat-tiftix fuq l-internet.
Il-hits possibbli jiġu ssuġġeriti awtomatikament f'lista waqt li jkun qed jiddaħħal it-terminu tat-tfittxija. Wara li l-utent ikun beda jdaħħal kriterju, it-test u termini oħrajn tat-tfittxija jidhru fil-lista ta' suġġerimenti ġġenerata awtomatikament u jistgħu jiġu adottati direttament fl-iskema tat-tiftix minn hemm. Is-sistema tirrikonoxxi u tenfasizza wkoll l-iżbalji fl-input. Il-funzjoni ta' tfittxija rapida tinterpreta l-entrati u toffri ortografija alternattiva permezz tal-lista ta' suġġerimenti (il-funzjoni ta' "Ridt tfisser?").
L-entrati tat-tiftix huma marbuta b'"u" awtomatikament; l-utent ma għandux għalfejn idaħħal il-kelma "u". Issir tfittxija awtomatika ta' intersezzjoni għall-kriterji tat-tiftix li jkunu ddaħħlu wieħed wara l-ieħor. Meta jdaħħal l-operaturi "OR" jew "NOT", l-utent jista' jispeċifika jekk id-dokumenti mfittxija jistgħux jiġu inklużi jew esklużi. Is-sekwenza tal-input tat-termini tat-tiftix tinżamm meta jiġu ppreżentati t-termini tat-tiftix. Ir-relazzjonijiet OR jew NOT jiġu ppreżentati separatament fil-lista tat-termini tat-tiftix.
2. "Tfittxija avvanzata"
Il-funzjoni tat-tfittxija avvanzata toffri lill-utent il-possibbiltà li jirrelata l-kriterji individwali tat-tiftix ma' xulxin fid-dokumenti kollha b'mod differenzjat.
Minbarra t-tfittxija tat-test sħiħ, it-tfittxija avvanzata tippermetti tfittxija ta' metadata bbażata fuq il-kriterji ta' tiftix li ġejjin:
il-Qorti
id-Dispożizzjoni legali
id-Data
In-numru ta' referenza tad-dokument/ECLI

Verwaltungsvorschriften im Internet (regolamenti amministrattivi online)

Taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Ministeru Federali tal-Intern, il-Gvern Federali, fi proġett konġunt ma' juris GmbH, jipprovdi bażi tad-*data* online komprensiva li fiha r-regolamenti amministrattivi attwali maħruġa mill-ogħla awtoritajiet federali. Din l-informazzjoni hija disponibbli bla ħlas għal dawk interessati. Il-bażi tad-*data* fiha "dokumenti ħajjin", jiġifieri d-dipartimenti tal-gvern jaġġornaw id-dokumenti magħmula disponibbli fuq bażi kontinwa. Regolamenti amministrattivi ġodda u regolamenti amministrattivi li qed jiġu riveduti jistgħu jiżdiedu fi kwalunkwe ħin minn juris GmbH.
Ir-regolamenti amministrattivi ma humiex liġijiet. Dawn huma regolamenti astratti u ġenerali fl-organizzazzjoni amministrattiva u jinħarġu minn korpi amministrattivi ta' livell ogħla jew superjuri lil korpi subordinati jew impjegati bil-għan li jiġu speċifikati l-organizzazzjoni u l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni kkonċernata. Aktar dettalji dwar ir-regolamenti amministrattivi individwali jistgħu jinstabu, jekk ikun meħtieġ, fuq is-siti web tal-ministeru federali li taħt il-qasam ta' responsabbiltà tiegħu taqa' l-materja inkwistjoni.
Il-bażi tad-*data* tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlas?
Iva.
F'liema lingwi hija disponibbli?
Ir-regolamenti amministrattivi huma disponibbli bil-Ġermaniż.
X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?
1. Tfittxija tat-titlu
Tista' tagħmel tfittxija limitata għall-kliem li jinsab fit-titlu twil jew qasir u fl-abbrevjazzjonijiet uffiċjali tar-regolamenti amministrattivi kollha disponibbli. Jistgħu jintużaw żewġ operaturi differenti:
Operatur AND:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti kollha li fihom jidher il-kliem kollu mdaħħal.

Operatur OR:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti li fihom tidher mill-inqas waħda mill-kliem imdaħħal.
2. Tfittxija b'test sħiħ
Huwa possibbli wkoll li ssir tfittxija ta' kelma ewlenija tat-testi legali kollha disponibbli. Hawn ukoll jistgħu jintużaw żewġ operaturi differenti:
Operatur AND:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti kollha li fihom jidher il-kliem kollu mdaħħal.
Operatur OR:
It-tfittxija ssir għad-dokumenti li fihom tidher mill-inqas waħda mill-kliem imdaħħal.
Justizportal des Bundes und der Länder (portal tal-ġustizzja federali u statali)
Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-amministrazzjonijiet tal-Länder jagħmlu t-testi legali disponibbli online għaċ-ċittadini interessati. F'xi każijiet japplika xi ħlas. Hemm ukoll xi differenzi fil-kriterji tat-tiftix.
Bażijiet tad-*data* legali oħra
Bundesgesetzblatt (Il-Gazzetta tal-Liġijiet Federali)
Il-Gazzetta tal-Liġijiet Federali hija ppubblikata f'forma stampata u b'mod elettroniku permezz tal-link li ġejja: https://www.bgbl.de/xaver/bgbl/start.xav Il-verżjoni stampata hija vinkolanti.
Bundesanzeiger (Il-Gazzetta Federali)
Il-Gazzetta Federali tiġi ppubblikata elettronikament permezz tal-link li ġejja: https://www.bundesanzeiger.de/pub/de/amtlicher-teil
Il-verżjoni elettronika hija vinkolanti.
Dokumentations- und Informationssystem für Parlamentarische Vorgänge (sistema ta' dokumentazzjoni u informazzjoni għall-affarijiet parlamentari)
L-aħħar aġġornament: 05/05/2023
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Estonja
Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali Estonjana u deskrizzjoni ġenerali tal-liġi Estonjana.

Sorsi tal-liġi
L-Estonja hija parti mis-sistema legali tal-Ewropa Kontinentali (sistema tad-dritt ċivili). L-iktar sorsi importanti tal-liġi huma strumenti legali bħall-Kostituzzjoni, il-Liġi tal-Unjoni Ewropea, il-ftehimiet internazzjonali, l-Atti u r-Regolamenti.
L-interpretazzjonijiet legali mogħtija mill-ogħla qorti – il-Qorti Suprema – u kummenti tal-esperti wkoll iservu ta' punti ta' referenza (pereżempju l-edizzjoni kkummentata tal-Kostituzzjoni). Is-Sentenzi tal-qorti ma joħolqux drittijiet, u b'mod ġenerali sentenzi maqtugħa minn qrati superjuri ma jorbtux qrati inferjuri. Madankollu, il-Qorti Suprema, li hija wkoll il-qorti ta' stħarriġ kostituzzjonali, hija awtorizzata tiddikjara strumenti legali invalidi jekk dawn ma jkunux konformi mal-Kostituzzjoni jew ma' strumenti legali li jieħdu preċedenza fuqhom. Meta jiġu indirizzati każijiet partikolari, l-ebda qorti ma tista' tapplika strument bħal dan, u l-qrati huma awtorizzati ma japplikaw l-ebda strument legali li jkun f'kunflitt mal-Kostituzzjoni. Il-Qorti Suprema, bħala l-qorti ta' stħarriġ kostituzzjonali, imbagħad teżamina l-każ aktar u hija awtorizzata tiddikjara kwalunkwe strument bħal dan anti kostituzzjonali (iżda mhux invalidu).
Il-prinċipji rikonoxxuti b'mod ġenerali u r-regoli tad-dritt internazzjonali huma parti inseparabbli mis-sistema legali Estonjana.
Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni
L-istrumenti legali huma maqsuma fi strumenti ta' applikazzjoni ġenerali, pereżempju atti leġiżlattivi, u strumenti ta' applikazzjoni individwali, jiġifieri atti ta' implimentazzjoni.
Strumenti ta' applikazzjoni ġenerali
Il-**Kostituzzjoni** – skont l-Artikolu 3(1) tal-Kostituzzjoni, l-awtorità tal-Istat tiġi eżerċitata biss skont il-Kostituzzjoni u l-Atti li huma konformi magħha.
Att – skont l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni, l-Atti jiġu adottati mill-Parlament Estonjan (ir-*Riigikogu*), li huwa investit bis-setgħa leġiżlattiva. L-atti jiġu adottati skont il-Kostituzzjoni u huma pubblikati bil-mod stipulat fir-*Riigi Teataja* (Il-Gazzetta tal-Istat). Huma biss Atti li ġew ippubblikati li huma eżegwibbli.
Digriet – strument legali li għandu s-saħħa ta' liġi. Skont l-Artikolu 109 tal-Kostituzzjoni, jekk ma jkunx possibbli li jitlaqqa' l-Parlament, il-President tar-Repubblika jista', f'każ ta' ħtieġa nazzjonali urġenti, joħroġ Digrieti li jkollhom is-saħħa ta' liġi. Digrieti bħal dawn iridu jiġu kontrofirmati mill-President (l-Ispeaker) tal-Parlament u mill-Prim Ministru. Skont il-Kostituzzjoni, il-President jista' joħroġ:
digrieti speċjali fil-każ ta' bżonn nazzjonali urġenti u jekk ikun impossibbli li jitlaqqa' l-Parlament;
digrieti ta' emerġenza f'każ ta' bżonn nazzjonali urġenti, fejn il-Gvern ikun iddikjara stat ta' emerġenza u jekk ikun impossibbli li jitlaqqa' l-Parlament jew ma jkunx hemm ħin biżżejjed biex jitlaqqa' l-Parlament.
Digriet maħruġ mill-President tar-Repubblika jidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fir- *Riigi Teataja*, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fid-Digriet.
Ladarba jiltaqa' l-Parlament, il-President tar-Repubblika jqiegħed id-Digrieti quddiem il-Parlament, li fil-pront jadotta Att sabiex japprovahom jew jirrevokahom. Skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, il-President tar-Repubblika ma jistax juża Digriet biex jippromulga, jemenda jew iħassar il-Kostituzzjoni, l-Atti msemmija fl-Artikolu 104 tal-Kostituzzjoni, l-Atti li jistabbilixxu taxxi nazzjonali jew il-baġit tal-Istat.
Regolament – skont l-Artikoli 87 u 94 tal-Kostituzzjoni, il-Gvern tar-Repubblika u l-Ministri huma awtorizzati joħorġu Regolamenti fuq il-bażi ta' Att u biex ikun hemm konformità miegħu. Sabiex jittrattaw kwistjonijiet ta' importanza lokali jew f'każijiet stabbiliti f'Att, il-kunsilli tal-gvern lokali wkoll huma awtorizzati joħorġu Regolamenti. Barra minn hekk, ir-Regolamenti jistgħu jinħarġu mill-President tal-*Eesti Pank* (il-Bank tal-Estonja), l-Awditur Ġenerali u l-kunsilli tal-universitajiet pubbliċi. Regolamenti jistgħu jinħarġu biss fuq il-bażi ta' u fi ħdan kamp ta' applikazzjoni stabbilit f'Att.
Il-Gvern tar-Repubblika u l-Ministri huma awtorizzati joħorġu Regolamenti fuq il-bażi ta' Att u biex ikun hemm konformità miegħu. Ir-Regolamenti jidħlu fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom fir-*Riigi Teataja*, ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.
Strumenti ta' applikazzjoni ġenerali
Ordni Amministrattiva – att amministrattiv individwali li permezz tiegħu amministrazzjoni regolata mid-dritt pubbliku tiddeċiedi dwar kwistjonijiet legali individwali u torganizzahom. Skont l-Artikolu 87(6) tal-Kostituzzjoni, il-Gvern tar-Repubblika joħroġ Ordnijiet Amministrattivi fuq il-bażi ta' Att u għal konformità miegħu. Il-Prim Ministru, il-gvernaturi tal-kontej u l-gvernijiet lokali wkoll huma awtorizzati joħorġu Ordnijiet Amministrattivi.
Deċiżjoni – att amministrattiv individwali maħruġ fuq il-bażi ta' kontestazzjonijiet amministrattivi jew ta' appelli jew li permezz tiegħu jiġu imposti sanzjonijiet. Il-Parlament, il-kunsilli tal-gvernijiet lokali, il-Kumitat Elettorali Nazzjonali u l-qrati wkoll jadottaw Deċiżjonijiet.

Ordni – skont l-Artikolu 94 tal-Kostituzzjoni, il-Ministri joħorġu Ordnijiet fuq il-bażi ta' Att u biex ikun hemm konformità miegħu. Ordni tinkludi kodiċi ta' kondotta mandatorju ġenerali għal kwistjonijiet relatati ma' servizz f'Ministeru jew sabiex tkun iddeterminata l-istruttura u jiġu organizzati l-operazzjonijiet ta' korpi tal-Istat li joperaw taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Ministeru.

Ġerarkija tal-istrumenti legali

Il-ġerarkija tal-istrumenti legali hija kif ġej: il-Kostituzzjoni, il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-ftehimiet internazzjonali, Atti u Digrieti, ir-Regolamenti tal-Gvern tar-Repubblika u r-Regolamenti maħruġa mill-Ministri. Minbarra l-istrumenti legali ta' applikazzjoni ġenerali, hemm ukoll strumenti legali ta' applikazzjoni individwali li jinħarġu fuq il-bażi ta' Att u fil-ġerarkija jinsabu taħt l-Atti u r-Regolamenti. L-istrumenti legali fuq kull livell iridu jimxu skont dawk f'livell ogħla.

Qafas istituzzjonali

L-istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' strumenti legali

L-organizzazzjoni istituzzjonali Estonjana ssegwi l-prinċipju tas-separazzjoni u tal-bilanċ tas-setgħat (l-Artikolu 4 tal-Kostituzzjoni).

Is-setgħa leġiżlattiva qiegħda f'idejn il-Parlament. Skont l-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni, id-dritt li joħorġu proposti leġiżlattivi huwa f'idejn il-Membri Parlamentari, il-gruppi politiċi Parlamentari, il-kumitati Parlamentari, il-Gvern tar-Repubblika u l-President tar-Repubblika. Madankollu, il-President tar-Repubblika jista' biss jagħti bidu għal emendi fil-Kostituzzjoni. Il-Parlament jiddibatti l-abbozz leġiżlattiv u jiddeċiedi jekk jadottahx bħala Att jew jirrifjutahx. Fuq il-bażi ta' deċiżjoni meħuda b'maġġoranza assoluta tal-Membri tiegħu, il-Parlament għandu d-dritt jagħmel proposta lill-Gvern tar-Repubblika għal abbozz leġiżlattiv li l-Parlament jixtieq li jingħata bidu.

Il-Parlament għandu d-dritt isejjaħ referendum dwar abbozz ta' Att jew kwistjoni ta' importanza nazzjonali. Ir-riżultat tar-referendum jiġi deċiż mill-maġġoranza tal-voti ta' dawk li jieħdu sehem. Atti adottati permezz ta' referendum jiġu promulgati mill-ewwel mill-President tar-Repubblika. Deċiżjonijiet meħuda fir-referenda huma vinkolanti fuq l-awtoritajiet pubbliċi kollha. Jekk abbozz ta' Att li dwaru jissejjaħ referendum ma jirċevix maġġoranza ta' voti favurih, il-President tar-Repubblika jiddikjara elezzjonijiet straordinarji tal-Parlament. Kwistjonijiet li jikkonċernaw il-baġit, it-taxxi, l-obbligi finanzjarju tal-Istat, ir-ratifika jew denunzja ta' ftehimiet internazzjonali, id-dikjarazzjoni jew tneħħija ta' stat ta' emerġenza u d-difiża nazzjonali ma jistgħux ikunu soġġetti għal referendum.

Is-setgħat eżekuttivi jiġu eżerċitati mill-Gvern tar-Repubblika. Fil-parti l-kbira tal-każijiet l-abbozz leġiżlattiv jitressaq quddiem il-Parlament mill-Gvern tar-Repubblika. L-abbozzi tal-Atti jiġu sottomessi lill-Gvern mill-Ministeri, u jrid jkun diġà seħħ stadju ta' konsultazzjoni bejn il-ministeri.

Il-Kanċillier tal-Ġustizzja u l-Awditur Ġenerali jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Gvern u għandhom id-dritt li jitkellmu matulhom. Is-suġġerimenti tagħhom ma jorbtux lill-Gvern imma r-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom ta' spiss jiġu kkunsidrati. Jekk il-Kanċillier tal-Ġustizzja u l-Awditur Ġenerali jemmnu li hekk meħtieġ, huma jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom direttament quddiem il-kumitat Parlamentari xieraq li jkun qed jittratta l-abbozz leġiżlattiv.

Skont l-Artikolu 139 tal-Kostituzzjoni, il-Kanċillier tal-Ġustizzja janalizza s-suġġerimenti kollha mogħtija lilu dwar l-emendi leġiżlattivi, l-adozzjoni ta' Atti ġodda u x-xogħol ta' korpi tal-gvern u, fejn meħtieġ, jippreżenta rapport lill-Parlament. Jekk il-Kanċillier tal-Ġustizzja jsib illi att legali adottat mill-leġiżlatura, mill-fergħa eżekuttiva jew minn awtorità lokali jmur kontra l-Kostituzzjoni jew Att, huwa jipproponi lill-korp li jkun adottah biex isir konformi mal-Kostituzzjoni jew mal-Att fi żmien għoxrin jum. Jekk l-att ma jsirx konformi mal-Kostituzzjoni jew mal-Att f'dak il-perjodu speċifiku, il-Kanċillier tal-Ġustizzja jippreżenta proposta lill-Qorti Suprema biex jiġi ddikjarat invalidu skont l-Artikolu 142 tal-Kostituzzjoni.

Il-President tar-Repubblika jew jaċċetta li jippromulga Atti adottati mill-Parlament jew le. F'każ li jirrifjuta, il-President tar-Repubblika jibgħat lura l-Att, flimkien mar-raġunijiet tiegħu, lill-Parlament għal dibattitu u deċiżjoni ġdida.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jippubblika l-Atti adottati ppromulgati mill-President tar-Repubblika fil-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Estonja *Riigi Teataja* (Gazzetta tal-Gvern).

Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet

Il-proċess leġiżlattiv fil-Parlament Estonjan jinkludi l-istadji li ġejjin:

l-istadju inizjali tal-abbozz tal-liġi;

l-eżaminazzjoni tal-abbozz tal-liġi;

l-adozzjoni tal-abbozz tal-liġi.

L-istadju inizjali

Skont l-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni, il-Gvern tar-Repubblika, il-membri Parlamentari, il-gruppi politiċi Parlamentari, il-kumitati Parlamentari u l-President tar-Repubblika għandhom id-dritt joħorġu proposti leġiżlattivi. Madankollu, il-President jista' jipproponi biss abbozz ta' emendi lill-Kostituzzjoni. L-abbozz tal-liġi jrid jissodisfa r-regoli tekniċi adottati mill-Bord tal-Parlament u r-regoli leġiżlattivi u tekniċi adottati mill-Gvern tar-Repubblika. Il-Bord tal-Parlament jibgħat l-abbozz tal-liġi lill-kumitat permanenti Parlamentari responsabbli għall-abbozz.

L-eżaminazzjoni tal-abbozz tal-liġi

L-abbozz tal-liġi jitħejja għas-sessjoni plenarja tal-Parlament minn kumitat permanenti Parlamentari (il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat Kostituzzjonali, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi, eċċ). Fuq proposta tal-kumitat responsabbli, l-abbozz tal-liġi jiġi nkluż fl-aġenda għas-sessjoni plenarja tal-Parlament. Skont l-Att dwar ir-Regoli Interni u r-Regoli ta' Proċedura tar-*Riigikogu*, l-ewwel qari tal-abbozz tal-liġi jrid iseħħ fi żmien seba' ġimgħat tax-xogħol tal-plenarja tal-Parlament li jkun ġie aċċettat. L-abbozzi tal-liġijiet jiġu diskussi mis-sessjoni plenarja tal-Parlament bi 3 stadji ta' qari, bl-ewwel wieħed jinkludi dibattitu dwar il-prinċipji ġenerali wara l-abbozz tal-Att. Jekk ma jkun hemm l-ebda mozzjoni li tiċħad l-abbozz mill-kumitat responsabbli jew minn xi grupp politiku matul in-negozjati, l-ewwel qari jintemm mingħajr vot. Wara l-ewwel qari, il-Membri Parlamentari, il-kumitati Parlamentari u l-gruppi politiċi għandhom 10 ijiem xogħol biex jippreżentaw emendi. Il-President tal-Parlament jista' jistabbilixxi skadenza differenti għall-preżentazzjoni ta' emendi jekk il-kumitat responsabbli hekk jipproponi.

Fid-diskussjoni dwar abbozz, il-Kumitat jinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li kienu involuti fit-tħejjija tal-abbozz u li jixtiequ jipparteċipaw fid-diskussjoni.

Il-kumitat responsabbli jirrevedi l-emendi proposti kollha u jiddeċiedi jekk jikkunsidrahomx meta jkun qiegħed ifassal it-test il-ġdid tal-abbozz. Il-kumitat ifassal verżjoni ġdida tal-abbozz għat-tieni qari, inkluż l-emendi aċċettati kollha u kull emenda magħmula mill-kumitat innifsu. Ifassal ukoll memorandum ta' spjegazzjoni għat-tieni qari, li jinkludi informazzjoni marbuta mal-ipproċessar tal-abbozz tal-liġi, bħal pereżempju r-raġunijiet għall-aċċettazzjoni jew rifjut ta' emendi proposti u l-pożizzjoni tal-persuna li bdiet jew ippreżentat l-abbozz tal-liġi, l-esperti involuti fil-proċess u persuni oħra.

L-abbozz tal-liġi jitqiegħed fuq l-aġenda għat-tieni qari fuq proposta tal-kumitat responsabbli. Fuq proposta tal-Bord tal-Parlament, il-kumitat responsabbli jew il-persuna li ħarġet bl-abbozz tal-liġi, il-Parlament jissospendi t-tieni qari tal-abbozz tal-liġi mingħajr vot. Jekk il-grupp politiku jipproponi li l-qari għandu jiġi sospiż, irid jittieħed vot. Jekk it-tieni qari ta' abbozz leġiżlattiv jiġi sospiż, xorta jkunu jistgħu jitressqu emendi. Jekk it-tieni qari fil-Parlament ma jiġix sospiż, dan jitqies li ġie fi tmiemu u l-abbozz leġiżlattiv jintbagħat għat-tielet qari.

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament jista' jitqiegħed għal votazzjoni wara t-tmiem tat-tieni qari.

Il-kumitat responsabbli jfassal it-test finali tal-abbozz leġiżlattiv għat-tielet qari billi jagħmel titjib lingwistiku u tekniku hekk kif jintemm it-tieni qari. Il-kumitat jista' jfassal memorandum ta' spjegazzjoni għat-tielet qari, fejn jipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-bidliet li saru wara li jkun intemm it-tieni qari. Fit-tielet qari tal-abbozz leġiżlattiv jinfetħu n-negozjati li matulhom rappreżentanti mill-gruppi politiċi jippreżentaw dikjarazzjonijiet. Fit-tielet qari tiegħu, l-abbozz leġiżlattiv jitqiegħed għall-votazzjoni finali.

Adozzjoni
Atti u Deċiżjonijiet Parlamentari jiġu adottati permezz ta' vot miftuħ fil-Parlament. Il-votazzjoni finali ssir waqt it-tielet qari tal-abbozzi tal-Atti. L-għadd tal-Membri Parlamentari meħtieġ biex jivvutaw favur li Att jiġi adottat huwa stipulat fl-Artikoli 73 u 104 tal-Kostituzzjoni, li skonthom l-Atti huma kkategorizzati bħala:
atti kostituzzjonali, jiġifieri Atti li jeħtieġu maġġoranza assoluta tal-Membri Parlamentari (aktar minn nofs il-101 Membru Parlamentari jridu jivvotaw favur l-addozzjoni tal-Att); jew
Atti ordinarji, jiġifieri Atti li jeħtieġu maġġoranza sempliċi (aktar Membri Parlamentari jridu jivvotaw favur l-addozzjoni tal-Att milli kontrih).
L-Atti li ġejjin jistgħu jiġu adottati jew emendati biss permezz ta' maġġoranza assoluta tal-Membri Parlamentari:
l-Att dwar iċ-Ċittadinanza;
l-Att dwar l-Elezzjoni tar-*Riigikogu*;
l-Att dwar l-Elezzjoni tal-President tar-Repubblika;
l-Att dwar l-Elezzjoni tal-Kunsill tal-Gvern Lokali;
l-Att dwar ir-Referendum;
l-Att dwar ir-Regoli ta' Proċedura tar- *Riigikogu* u l-Att dwar ir-Regoli Interni tar- *Riigikogu*;
l-Att dwar ir-Rimunerazzjoni tal-President tar-Repubblika u tal-Membri tar-*Riigikogu*;
l-Att dwar il-Gvern tar-Repubblika;
l-Att dwar il-Ftuħ ta' Proċedimenti fil-Qrati kontra l-President tar-Repubblika u l-Membri tar-*Riigikogu*;
l-Att dwar l-Awtonomija Kulturali tal-Minoranzi Nazzjonali;
l-Att tal-Baġit tal-Istat;
l-Att dwar l- *Eesti Pank*;
l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar;
l-Att dwar l-Organizzazzjoni tal-Qorti u l-Atti dwar il-proċedimenti tal-qorti;
l-Atti li jikkonċernaw is-self barrani u domestiku u l-obbligi proprjetarji tal-Istat;
l-Att dwar l-Istat ta' Emerġenza;
l-Att dwar id-Difiża Nazzjonali fi Żmien ta' Paċi u l-Att dwar id-Difiża Nazzjonali fi Żmien ta' Gwerra.
Malli Att jew Deċiżjoni tal-Parlament jiġi adottat, dan jiġi ffirmat mill-Ispeaker tal-Parlament, jew jekk l-Ispeaker ikun assenti, mid-Deputat Speaker tal-Parlament li jkun ippreseda s-sessjoni, mhux iktar tard mill-ħames jum tax-xogħol wara li jkun ġie adottat.
Promulgazzjoni
Wara li Att jiġi adottat u ffirmat, jintbagħat lill-President tar-Repubblika biex jiġi ppromulgat. Il-President tar-Repubblika jista' jirrifjuta li jippromulga Att adottat mill-Parlament u jista', fi żmien 14-il jum minn meta jirċevih jirritornah, flimkien mar-raġunijiet tiegħu, lill-Parlament għal dibattitu ġdid u deċiżjoni. Jekk Att li ġie ritornat mill-President tar-Repubblika jiġi adottat mill-Parlament għat-tieni darba f'forma mhux emendata, il-President tar-Repubblika jew jippromulga l-Att jew jipproponi lill-Qorti Suprema biex tiddikjara li l-att huwa anti kostituzzjonali. Jekk il-Qorti Suprema ssib li l-Att huwa skont il-Kostituzzjoni, il-President tar-Repubblika irid jippromulgah.
L-Att jidħol fis-seħħ fl-għaxar jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fir-*Riigi Teataja*, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Att innifsu.
Pubblikazzjoni tal-istrumenti legali
L-iktar strumenti legali u ftehimiet internazzjonali importanti jiġu ppubblikati fir-*Riigi Teataja*. L-Atti u r-Regolamenti jiksbu saħħa legali biss ladarba jkunu ġew ippubblikati fir-*Riigi Teataja*.
Ir-Riigi Teataja hija l-pubblikazzjoni uffiċjali online Estonjana u l-bażi ta' *data* ċentrali tal-istrumenti legali. Mill-1 ta' Ġunju 2010, ir-*Riigi Teataja* bdiet tiġi ppubblikata fuq l-Internet biss, bħala pubblikazzjoni online uffiċjali.
Mill-1 ta' Jannar 2011, ir-*Riigi Teataja* bdiet tiġi ppubblikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja.
Deskrizzjoni fil-qosor tal-kontenut
Atti, Regolamenti, ftehimiet internazzjonali, Deċiżjonijiet Parlamentari u l-Ordnijiet tal-Gvern tar-Repubblika jiġu ppubblikati fir-*Riigi Teataja*, u informazzjoni oħra importanti bħal traduzzjonijiet ta' strumenti legali u informazzjoni proċedurali li tirrigwarda l-verżjonijiet tal-abbozzi ta' strumenti jistgħu jsiru disponibbli fiha.
Il-maġġoranza tal-istrumenti li ġew adottati mill-1990 huma disponibbli fir-*Riigi Teataja*.
Mill-1 ta' Ġunju 2002, verżjonijiet uffiċjali konsolidati ta' Atti, Digrieti tal-President tar-Repubblika, ir-Regolamenti u l-Ordnijiet tal-Gvern, ir-Regolamenti ministerjali, ir-Regolamenti tal-President tal-*Eesti Pank* u r-Regolamenti tal-Kumitat Elettorali Nazzjonali bdew jiġu ppubblikati fir-*Riigi Teataja*. Verżjonijiet konsolidati tad-Deċiżjonijiet Parlamentari bdew jiġu ppubblikati mill-1 ta' Ġunju 2010 u l-verżjonijiet konsolidati tar-regolamenti tal-awtorità lokali sa minn tmiem l-2011.
Kull darba li strumenti bħal dawn jiġu emendati, titfassal verżjoni konsolidata u aġġornata li tinkludi l-emendi u tiġi ppubblikata flimkien mal-istrument ta' emenda, flimkien mal-informazzjoni dwar meta se tidħol fis-seħħ. It-testi konsolidati huma uffiċjali u jistgħu jiġu invokati meta tiġi eżegwita l-liġi. Dawn għandhom saħħa legali.
L-istrumenti legali kollha li ġew ippubblikati jiġu ttimbrati b'mod diġitali meta jiġu ppubblikati. Kulħadd jista' jiċċekkja t-timbru diġitali u dan jiżgura li l-istrument baqa' l-istess minn meta ġie pubblikat. L-istrumenti pubblikati kollha huma wkoll marbuta ma' timbru ta' żmien, li jippermetti li jinkixef kwalunkwe każ ta' proċessar mhux awtorizzat.
Tista' tara l-verżjonijiet konsolidati li huma/kienu fis-seħħ fi kwalunkwe data partikolari. Tista' taċċessa wkoll verżjonijiet futuri ta' dawn l-istrumenti, fejn dawn ikunu magħrufa. Kull verżjoni konsolidata għandha ħoloq għall-verżjonijiet preċedenti u sussegwenti. Dan jagħtik il-possibbiltà li kronoloġikament minn verżjoni tat-test konsolidat għal dik li jmiss u vice versa. Inti għandek l-opportunità tqabbel il-verżjonijiet konsolidati differenti tal-istess strument sabiex tara x' emendi sarulu.
Il-ħoloq preżenti fil-verżjoni konsolidata jippermettulek tiftaħ ir-Regolamenti adottati fuq il-bażi tal-Att u biex minn dawk ir-Regolamenti tasal għad-dispożizzjonijiet tal-Att li fuq il-bażi tiegħu jkunu ġew adottati r-Regolamenti.
Fl-istrumenti ppubblikati fir-*Riigi Teataja* ssir referenza wkoll għall-informazzjoni proċedurali, li tgħinek issib il-memoranda ta' spjegazzjoni (il-ħoloq għall-bażi tad-*data* ta' konsultazzjoni u għall-proċedimenti Parlamentari), il-ħoloq għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, it-traduzzjonijiet u informazzjoni addizzjonali oħra meħtieġa sabiex tkun tista' tifhem l-istrument legali.
Fil-websajt tar-*Riigi Teataja* tista' tfittex il-ġurisprudenza tal-qrati tal-kontea, tal-qrati distrettwali u tal-Qorti Suprema. Hija disponibbli wkoll informazzjoni dwar il-post u l-ħin tas-seduti tal-qorti.

Taqsiriet u ħarsiet ġenerali lejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema u s-sentenzi kollha mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) huma ppubblikati wkoll. It-taqsiriet ġew sistematizzati, u tista' tfittex it-taqsiriet ta' sentenzi tal-Qorti Suprema permezz ta' kelma ewlenija jew b'referenza għal strumenti legali. Is-sentenzi tal-QEDB jistgħu jiġu mfittxija skont l-Artikolu.

Punti varji tal-aħbarijiet rigward l-Atti u l-liġi b'mod ġenerali huma wkoll ippubblikati fir-*Riigi Teataja*.

Fit-30 ta' Ottubru 2013 tnieda il-verżjoni Ingliża *tas-sit elettroniku* tar-Rigi Teataja. Din fiha traduzzjonijiet bl-Ingliż aġġornati tat-testi konsolidati ta' Atti. It-traduzzjonijiet bl-Ingliż tat-testi konsolidati tal-Atti kollha (bl-eċċezzjoni tal-Atti ta' ratifika) ilhom disponibbli sa mill-aħħar tal-2014. L-Atti jiġu tradotti minn tradutturi li jkunu ħadu l-ġurament. Il-proċess ta' traduzzjoni tat-testi lejn l-Ingliż beda fl-2011 u ġie organizzat mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Għalkemm it-traduzzjonijiet ma għandhomx saħħa tal-liġi, jinżammu aġġornati. Kulħadd jista' jkollu l-aħħar traduzzjonijiet mibgħuta fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħu billi jabbona għas-servizz My RT.

Hemm ukoll funzjoni ta' tfittxija għall-abbozzi tal-istrumenti legali li tippermettilek tfittex id-diversi stadji proċedurali li minnhom ikunu għaddew l-istrumenti adottati u li jkunu għadhom qed jgħaddu minnhom l-abbozz tal-istrumenti. Minn hemm tista' taċċessa l-informazzjoni kollha dwar il-proċeduri leġiżlattivi u d-dokumenti rilevanti li jkunu tfasslu. Tista' wkoll titlob informazzjoni proċedurali dwar il-passaġġ ta' diversi abbozzi ta' strumenti legali minn pass proċedurali wieħed għal ieħor. Din tintbagħatlek fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jekk tabbona għas-servizz *Minu RT* tal-lingwa Estonjana.

Permess tas-servizz *Minu RT* kulħadd għandu l-opportunità jistabbilixxi l-portal tal-utent tiegħu fejn jista' jżid l-istrumenti mal-ġabra tal-ħoloq tiegħu u jitlob permezz tal-portal biex ikun informat dwar strumenti ġodda u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali bil-posta elettronika.

L-aċċess għall-bażi tad-*data* tal-leġiżlazzjoni Estonjana huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-*Riigi Teataja* u għas-servizzi kollha ta' informazzjoni legali huwa **mingħajr ħlas** għall-utenti.

L-aċċess bla ħlas għar-*Riigi Teataja* fil-bini tal-gvernijiet lokali u fil-libreriji pubbliċi (bejn wieħed u ieħor 600) huwa disponibbli lil kull min huwa interessat. Tingħata wkoll assistenza biex wieħed ifittex l-istrumenti rilevanti. L-utenti jridu jitħallew jistampaw sa 20 paġna mingħajr ħlas.

L-istorja tal-bażi tad-*data* tal-leġiżlazzjoni Estonjana

Ir-*Riigi Teataja* hija l-pubblikazzjoni uffiċjali tar-Repubblika tal-Estonja u ilha tiġi ppubblikata mis-27 ta' Novembru 1918. Il-pubblikazzjoni tar-*Riigi Teataja* kienet sospiża fl-1940 u reġgħet inbdiet fl-1990.

Ir-*Riigi Teataja* ilha tiġi ppubblikata fuq l-internet mill-1996, u fl-1 ta' Ġunju 2002 il-verżjoni online ingħatat status uffiċjali.

Mill-1 ta' Ġunju 2010, ir-*Riigi Teataja* bdiet tiġi ppubblikata fuq l-Internet biss, bħala pubblikazzjoni online uffiċjali. Minn dak iż-żmien il-quddiem ma ġietx ippubblikata iktar fuq il-karta.

F'Novembru 2010, kienet introdotta sistema tal-IT iktar faċli għall-utent li toffri iktar informazzjoni legali. Is-sistema tal-IT ġiet żviluppata taħt il-gwida tal-Uffiċċju tal-Gvern bl-użu ta' finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Taqsiriet tas-sentenzi tal-Qorti Suprema u tal-QEDB, diversi aħbarijiet li jikkonċernaw il-liġi b'mod ġenerali u informazzjoni dwar is-seduti tal-qorti u l-ġurisprudenza ilhom disponibbli fuq il-websajt tar-*Riigi Teataja* mill-20 ta' Jannar 2012.

Fl-aħħar tal-2012 ġiet introdotta funzjoni ta' tiftix għal abbozzi ta' strumenti.

Mill-2013, il-verżjonijiet konsolidati aġġornati tar-Regolamenti kollha adottati mill-awtoritajiet lokali bdew jiġu ppubblikati fir-*Riigi Teataja*.

Mill-24 ta' Settembru 2013, l-istrumenti legali kollha qed jingħatalhom it-timbru diġitali tal-korp tal-ħruġ u timbru tal-ħin meta jiġu ppubblikati fir-*Riigi Teataja*.

Il-websajt bl-Ingliż tar-*Riigi Teataja* tnediet fit-30 ta' Ottubru 2013.

Se tinħoloq konnessjoni mal-portal Ewropew N-Lex bħala parti mill-proċess tal-iżvilupp tas-sistema elettronika tal-IT il-ġdida tar-*Riigi Teataja*.

L-aħħar aġġornament: 14/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Irlanda

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali fl-Irlanda.

Ordni Ġuridiku

1. Strumenti Legali/Sorsi tad-Dritt

1.1. Sorsi Nazzjonali

Il-Kostituzzjoni tal-Irlanda (fil-lingwa Irlandiża, Bunreacht na hÉireann), li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 1937, hija d-dritt bażiku jew fundamentali fl-Istat. Din tistabbilixxi l-istituzzjonijiet u l-apparat tal-Istat u tipprovdi għas-separazzjoni fi tliet partijiet tas-setgħat, l-Eżekuttiv, il-Leġiżlattiv u l-Ġudizzjarju. Tiggarantixxi wkoll drittijiet fundamentali li ġew soġġetti għal interpretazzjoni u estensjoni rigorużi mill-qrati.

Il-leġiżlazzjoni primarja tikkonsisti f'Atti adottati mill-Oireachtas (il-Parlament), li jikkonsisti fil-President tal-Irlanda, is-Seanad Éireann (l-Ewwel Kamra) u d-Dáil Éireann (it-Tieni Kamra). Il-leġiżlazzjoni primarja hija maqsuma fi: Atti li jemendaw il-Kostituzzjoni, li jridu jiġu aċċettati min-nies f'referendum sabiex jidħlu fis-seħħ; Atti Ġenerali Pubbliċi, li huma ta' applikazzjoni ġenerali; u Atti Privati, li huma mmirati lejn l-imġiba ta' individwu partikolari jew grupp ta' individwi partikolari.

Il-leġiżlazzjoni sekondarja hija mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Oireachtas jista' jiddelega setgħat leġiżlattivi lil Ministru tal-Gvern jew awtorità partikolari. Is-setgħa ta' tfassil ta' leġiżlazzjoni delegata trid tingħata b'mod espliċitu minn leġiżlazzjoni primarja u l-eżerċitar tagħha huwa rregolat minn kundizzjonijiet stretti – il-prinċipji u l-politiki li għandhom jiġu implimentati għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar u mhux ambigwu fl-att prinċipali u għandhom ikunu segwiti strettament mill-awtorità li tagħmel il-leġiżlazzjoni sekondarja. L-Istrumenti Statutorji huma l-aktar forma komuni ta' leġiżlazzjoni sekondarja iżda jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' Regolamenti, Ordnijiet, Regoli, Skemi jew Digrieti.

Skont l-Artikolu 50 tal-Kostituzzjoni, il-liġijiet ta' qabel l-1922 li għandhom x'jaqsmu mal-Irlanda (eż. Atti tal-Parlament tar-Renju Unit) u miżuri adottati mill-Istat Ħieles Irlandiż (1922 – 1937), li mhumiex inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jibqgħu fis-seħħ. Ħafna mil-liġijiet ta' qabel l-1922 li ma baqgħux rilevanti għall-Irlanda ġew mħassra bl-Atti dwar ir-Reviżjoni tal-Liġi tal-Istatut 2005-2012.

Is-sistema legali Irlandiża hija sistema ta' dritt komuni u dan ifisser li l-liġijiet li jsiru mill-Imħallfin huma sors importanti ta' dritt. Skont id-duttrina tal-preċedent, jew *stare decisis*, qorti hija marbuta li ssegwi d-deċiżjonijiet f'kawżi preċedenti, b'mod partikolari deċiżjonijiet ta' qrati ogħla. Madankollu, din hija politika u mhux regola vinkolanti li ma tistax tinbidel. Dan il-korp ta' dritt jinkludi regoli, prinċipji ġenerali, kanoni ta' kostruzzjoni u massimi. Id-duttrina ta' *stare decisis* tagħmel distinzjoni bejn ir-*ratio decidendi*, il-parti vinkolanti ta' deċiżjoni li għandha tiġi segwita, u l-*obiter dictum*, osservazzjonijiet magħmula minn imħallef f'kawża dwar kwistjonijiet li kienu preżenti, jew mhux materjali, fil-kawża, jew li nħolqu b'tali mod li ma jirrikjedux deċiżjoni. L-*obiter dictum* mhuwiex vinkolanti f'kawżi futuri imma jista' jkun persważiv.

1.2. Id-Dritt tal-Unjoni Ewropea

Peress li l-Irlanda hija membru tal-Unjoni Ewropea (UE), id-dritt tal-UE huwa parti importanti mill-ordni legali nazzjonali tal-Istat. L-obbligi ta' sħubija fl-UE jfissru li l-Kostituzzjoni u liġijiet nazzjonali oħra huma soġġetti għad-dritt tal-UE kull meta l-Komunità jkollha l-kompetenza. Emenda tal-Kostituzzjoni kienet meħtieġa biex tawtorizza lill-Istat jissieħeb mal-UE u biex jiġi evitat nuqqas ta' qbil bejn id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u d-dritt tal-UE.

1.3. Sorsi Internazzjonali

L-Irlanda hija firmatarja ta' ħafna Ftehimiet u Trattati Internazzjonali u hija membru ta' ħafna Organizzazzjonijiet Internazzjonali. Il-Kostituzzjoni tipprovdi li l-Irlanda taċċetta l-prinċipji tad-dritt internazzjonali rikonoxxuti b'mod ġenerali bħala li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-Istati.

L-Irlanda hija Stat duwalista u sabiex ikollhom pożizzjoni legali formali fl-Istat, għall-kuntrarju ta' bejn l-Istati, il-Ftehimiet Internazzjonali jridu jiġu inkorporati fid-dritt nazzjonali mill-Oireachtas.

L-Irlanda ilha firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mill-1953 u minn dak iż-żmien 'l hawn, permezz tal-obbligi legali internazzjonali tal-Istat, iċ-ċittadini jinvokaw id-dispożizzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ingħata effett legali nazzjonali lid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni permezz tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2003 li inkorporat l-QEDB fid-dritt Irlandiż.

2. Sorsi Oħra

Fin-nuqqas ta' regoli legali formali, avukat, waqt kawża, jew qorti, fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha, jistgħu jikkwotaw kitba akkademika. Il-Qrati jinvokaw id-dritt naturali u d-drittijiet naturali fl-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u fl-enumerazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali mhux speċifikament previsti fit-test tal-Kostituzzjoni, għalkemm jeżistu diskussjonijiet dwar jekk saħansitra għandux japplika u li l-influwenza tiegħu setgħet naqset f'dawn l-aħħar snin.

3. Il-Ġerarkija tas-Sorsi Legali

Il-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema tal-Irlanda. Il-leġiżlazzjoni u d-deċiżjonijiet u l-prattika tal-gvern u tal-amministrazzjoni jistgħu jiġu riveduti skont il-Kostituzzjoni għall-konformità.

Il-Kostituzzjoni madankollu tipprovdi li ma tinvalida l-ebda att jew miżura li huma meħtieġa minħabba s-sħubija fl-UE. Dan huwa pprovdut fl-Artikolu 29.4.6 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, id-dritt tal-UE jipprevali fuq il-liġijiet nazzjonali kollha inkluża l-Kostituzzjoni. Minħabba l-fatt li d-dritt tal-UE jipprovdi li l-metodi tal-implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu stabbiliti mir-rekwiżiti proċedurali nazzjonali, l-istrumenti li jimplimentaw id-dritt tal-UE għandhom xorta waħda jkunu konformi mar-rekwiżiti proċedurali tal-Kostituzzjoni.

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-2003 tippermetti li l-individwi jinvokaw id-dispożizzjonijiet tal-KEDB quddiem il-Qrati Irlandiżi. Il-KEDB ġiet inkorporata fuq livell sottokostituzzjonali u l-Kostituzzjoni żżomm il-primat. L-Att jirrikjedi li l-qrati jinterpretaw u japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali, sa fejn ikun possibbli, skont il-preċetti li jinsabu fil-KEDB. Jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tikkonformax mal-KEDB, tinħareġ Dikjarazzjoni ta' Inkompatibilità.

Il-qrati ddeċidew li l-prinċipji tad-dritt internazzjonali konswetudinarju jiffurmaw parti mid-dritt nazzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 29.3 tal-Kostituzzjoni, iżda biss sa fejn dawn ma jkunux f'kunflitt mal-Kostituzzjoni, mal-leġiżlazzjoni jew mad-dritt konswetudinarju. Il-Ftehimiet Internazzjonali jistgħu jiġu ratifikati biss jekk ikunu skont il-Kostituzzjoni, inkella jkun meħtieġ referendum.

Il-leġiżlazzjoni tista' tiġi sostitwita jew emendata b'leġiżlazzjoni sussegwenti. Il-leġiżlazzjoni sekondarja tista' tiġi mibdula b'leġiżlazzjoni primarja, bħas-setgħa tad-delega għat-tfassil ta' leġiżlazzjoni sekondarja, iżda l-leġiżlazzjoni sekondarja ma tistax tipprevali fuq il-leġiżlazzjoni primarja. Il-qrati jistgħu jħassru leġiżlazzjoni minħabba li tkun invalida wara li jqisu d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni (il-leġiżlazzjoni ta' wara l-1937) jew minħabba li tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni (il-leġiżlazzjoni ta' qabel l-1937). Hemm il-preżunzjoni li l-leġiżlazzjoni ta' wara l-1937 hija konsistenti mal-Kostituzzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-qrati jistgħu jinbidlu bi promulgazzjonijiet leġiżlattivi jew kostituzzjonali u b'deċiżjonijiet sussegwenti ta' qrati ta' grad ugwali jew ogħla.

4. Dħul fis-Seħħ ta' Strumenti supranazzjonali

Il-Kostituzzjoni kif imfassla oriġinarjament ma kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Komunità Ewropea. Pereżempju, din kienet tipprovdi li l-Oireachtas kien l-uniku korp leġiżlattiv fl-Istat. Għal din ir-raġuni iddaħħlet dispożizzjoni fil-Kostituzzjoni li tipprovdi li din ma tinvalida l-ebda liġi, att jew miżura meħtieġa minħabba s-sħubija fl-UE. Madankollu, ġie deċiż li jekk il-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi jinbidlu, pereżempju permezz ta' Trattat ġdid, dan għandu jsir permezz ta' referendum għall-poplu u, jekk ikun aċċettat mill-poplu, tiddaħħal dispożizzjoni li tikkonferma li l-Istat jista' jirratifika dan it-Trattat.

Jekk id-dritt tal-UE jirrikjedi traspożizzjoni mill-Istat din tiġi implimentata permezz ta' leġiżlazzjoni primarja jew b'mod aktar ġenerali permezz ta' Strument Statutorju magħmul mill-Gvern jew minn Ministru tal-Gvern.

Skont il-Kostituzzjoni, ftehim internazzjonali jsir parti mid-dritt nazzjonali jekk l-Oireachtas jistabbilixxi dan. Dan normalment isir permezz ta' Att u eżempju ta' dan huwa l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-2003 li permezz tiegħu l-Konvenzjoni ġiet inkorporata fid-dritt nazzjonali, bir-riżultat li l-individwi jistgħu jinvokaw id-dispożizzjonijiet tagħha quddiem il-qrati nazzjonali.

5. L-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jadottaw regoli tad-dritt

Il-Kostituzzjoni tipprovdi li l-Oireachtas, li huwa magħmul mid-Dáil (it-Tieni Kamra) u s-Seanad (l-Ewwel Kamra) u l-President, għandu "is-setgħa waħdanija u esklużiva li jagħmel liġijiet għall-Istat" soġġetti għall-obbligi tas-sħubija Komunitarja kif ipprovdut fil-Kostituzzjoni. Il-leġiżlazzjoni proposta fil-forma ta' Abbozz ta' liġi trid tiġi ffirmata fil-liġi mill-President sabiex tidħol fis-seħħ u jekk il-President ikollu dubji dwar il-kostituzzjonalità tal-Abbozz ta' liġi propost, jista' jlaqqa' lill-Kunsill tal-Istat, u jekk ikun meħtieġ jirreferi l-Abbozz lill-Qorti Suprema biex tiddeċiedi skont l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni.

Kif imsemmi hawn fuq, l-Oireachtas jista' jiddelega s-setgħa ta' tfassil ta' leġiżlazzjoni lil Ministru tal-Gvern jew awtorità oħra u din is-setgħa hija ċirkoskritta strettament mill-istrument li jiddelega. Id-Direttivi tal-UE normalment jiġu implimentati permezz ta' Strument Statutorju minn Ministru. Is-setgħa ta' leġiżlazzjoni tista' tiġi ddelegata lil diversi korpi bħall-Ministri tal-Gvern, bordijiet statutorji, korpi semi-statali, korpi regolatorji, korpi esperti u awtoritajiet lokali.

Skont il-Kostituzzjoni l-Gvern huwa responsabbli mit-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni u jista' jiffirma Trattati u Ftehimiet Internazzjonali u jingħaqad ma' Organizzazzjonijiet internazzjonali soġġett għal rekwiżiti kostituzzjonali.

Skont is-sistema tad-dritt konswetudinarju, il-liġijiet magħmula minn Imħallef huma vinkolanti.

6. Il-proċess tal-adozzjoni tar-regoli tad-dritt

6.1. Il-Kostituzzjoni

L-ewwel stadju ta' emenda għall-Kostituzzjoni, skont l-Artikolu 46, huwa li jitressaq Abbozz ta' liġi fid-Dáil. Dan l-Abbozz ta' liġi jrid jgħaddi miż-żewġ Kmamar tal-Oireachtas u mbagħad irid jitressaq f'referendum lin-nies għall-approvazzjoni jew ir-rifjut tagħhom. Skont l-Artikolu 47(1) il-proposta titqies approvata mill-poplu jekk il-maġġoranza tal-voti mitfugħa tkun favur il-promulgazzjoni tagħha f'liġi. Dan l-abbozz għandu jiġi espress bħala "Att li jemenda l-Kostituzzjoni" u ma għandux ikun fih proposti oħra. Jekk jiġi approvat mill-poplu, il-president għandu jiffirma l-abbozz u "għandu jiġi ppromulgat mill-President bħala liġi".

L-Artikolu 47(2) jipprovdi li proposta magħmula f'referendum li ma temendax il-Kostituzzjoni tgħaddix meta l-maġġoranza tal-voti tkun kontra l-proposta u l-voti mitfugħa kontra l-proposta ma jkunu jammontaw għal iktar minn terz tal-votanti fir-reġistru.

6.2. Proċedura leġiżlattiva

L-ewwel pass fit-tfassil ta' leġiżlazzjoni primarja huwa normalment li jitressaq Abbozz ta' liġi fi kwalunkwe waħda mill-Kmamar tal-Oireachtas. Kull Abbozz ta' liġi mressaq fid-Dáil irid jintbagħat lis-Seanad għall-kunsiderazzjoni u jistgħu jsiru emendi li d-Dáil hija obbligata tikkunsidra. Madankollu, jekk Abbozz ta' liġi jitressaq u jgħaddi fis-Seanad, u wara jiġi emendat mid-Dáil, l-abbozz jitqies li tressaq mid-Dáil u jrid jintbagħat lura lis-Seanad għall-kunsiderazzjoni.

Qabel ma Abbozz ta' liġi jiġi ppromulgat, dan għandu jiġi approvat miż-żewġ Kmamar tal-Oireachtas u jrid jiġi ffirmat mill-President f'liġi. Waqt il-kors leġiżlattiv tiegħu, Abbozz ta' liġi jista' jiġi emendat fid-Dáil u fis-Seanad. Madankollu, il-Kostituzzjoni tikkonsolida s-supremazija tad-Dáil eletta mill-poplu; L-

Artikolu 23 jistipula li meta s-Seanad tkun irrifjutat jew emendat Abbozz ta' liġi kontra x-xewqa tad-Dáil, id-Dáil tista' tgħaddi riżoluzzjoni fi żmien 180 jum li tqis li l-Abbozz ta' liġi jkun għadda miż-żewġ Kmamar. Is-Seanad għandha s-setgħa li ddewwem Abbozz ta' liġi sa 90 ġurnata iżda ma għandhiex is-setgħa li żżommu milli jsir Att jew li tibdlu sakemm id-Dáil ma taqbilx.

Il-biċċa l-kbira tal-Abbozzi ta' liġijiet jitressqu fid-Dáil Eireann minn Ministru tal-Gvern.

Abbozzi ta' liġijiet ta' flus (eż. Abbozzi ta' liġijiet li jittrattaw l-impożizzjoni, it-tħassir, il-maħfra jew it-tibdil jew ir-regolazzjoni tat-tassazzjoni u Abbozzi ta' liġijiet li jinvolvu ħlas fuq il-fondi pubbliċi) jistgħu jitressqu u jiġu mgħoddija biss mid-Dáil Éireann. Dan it-tip ta' Abbozz ta' liġi jintbagħat lis-Seanad għar-"rakkomandazzjonijiet".

Il-pass finali fil-proċedura leġiżlattiva huwa li l-President jiffirma l-Abbozz f'liġi. Il-President jista', wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Istat, jirreferi Abbozz ta' liġi, jew sezzjoni partikolari ta' Abbozz ta' liġi, lill-Qorti Suprema biex din tiddetermina l-kostituzzjonalità. Din hija magħrufa bħala Referenza skont l-Artikolu 26. Ladarba l-Qorti Suprema tiddeċiedi li l-Abbozz ta' liġi huwa kostituzzjonali, qatt ma jista' jerġa' jiġi kkontestat għal raġunijiet kostituzzjonali fil-qrati u l-President huwa meħtieġ li jiffirmah f'liġi. Jekk ikun stabbilit li l-Abbozz ta' liġi jmur kontra l-Kostituzzjoni, il-President għandu jirrifjuta li jiffirmah f'liġi.

6.3. Leġiżlazzjoni Sekondarja

Huwa komunement ipprovdut fl-istatut prinċipali li l-leġiżlazzjoni delegata li jawtorizza tista' tkun annullata jew approvata mill-Oireachtas. Dawn id-dispożizzjonijiet ġeneralment jipprovdu li l-istrumenti "jitressqu quddiem" iż-żewġ Kmamar tal-Oireachtas jew waħda minnhom u dawn jistgħu jannullawhom f'perjodu ta' żmien iddikjarat. Il-leġiżlazzjoni sekondarja kollha li timplimenta l-miżuri tal-UE hija soġġetta għal dan il-mekkaniżmu ta' annullament. Wara l-promulgazzjoni, ċerti strumenti statutorji jridu jiġu ddepożitati f'librerji magħżula u avviż dwar il-promulgazzjoni tagħhom għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta uffiċjali tal-Gvern Irlandiż Iris Oifigiúil.

6.4. Id-Dritt Internazzjonali

Il-gvern jista' jiffirma t-Trattati jew Ftehimiet Internazzjonali jew jingħaqad ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali, madankollu tqies li l-gvern ma jistax jagħmel dan jekk ixekkel id-dritt esklużiv mogħti lill-Oireachtas jew b'mod ieħor jikser il-Kostituzzjoni. Għal din ir-raġuni, il-qrati ddeċidew li t-Trattati li jbiddlu l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jiġu approvati mill-Gvern sakemm ma jkunux aċċettati mill-poplu f'referendum kostituzzjonali.

7. Dħul fis-seħħ jew regoli nazzjonali

L-emendi għall-Kostituzzjoni jidħlu fis-seħħ wara li jkunu ġew aċċettati miċ-ċittadini u l-Abbozz ta' liġi li jipproponi l-emenda jkun ġie ffirmat mill-President.

Abbozz ta' liġi jsir liġi fil-jum li jiġi ffirmat mill-President u jidħol fis-seħħ f'dik il-ġurnata sakemm l-Att ma jkunx jipprovdi mod ieħor. Il-President normalment ma jiffirmax Abbozz ta' liġi qabel il-ħames jum jew wara s-seba' jum minn meta jkun ġie ppreżentat. Att jista' jispeċifika d-data minn meta għandu jidħol fis-seħħ jew jista' jipprovdi li Ministru jista' jagħmel "ordni ta' bidu" (leġiżlazzjoni sekondarja) sabiex l-Att, jew parti minnu jidħlu fis-seħħ. Il-President għandu l-obbligu li jippromulga Abbozz ta' liġi permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fl-Iris Oifigiúil fejn jiddikjara li dan sar liġi.

Il-leġiżlazzjoni sekondarja tispeċifika d-data li fiha għandha tibda topera.

Ġeneralment, id-deċiżjonijiet tal-Qorti jidħlu fis-seħħ fil-jum li jittieħdu.

8. Mezzi ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti bejn sorsi legali differenti

Hija r-responsabilità tal-qrati li jistabbilixxu kwalunkwe kunflitt bejn regoli jew sorsi legali differenti.

Bla ħsara għall-pożizzjoni superjuri tad-dritt tal-UE, il-Kostituzzjoni hija l-liġi fundamentali tal-Istat u tieħu preċedenza fi kwalunkwe kunflitt ma' liġijiet oħra.

Skont l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, l-individwi jistgħu jikkontestaw il-validità kostituzzjonali tal-leġiżlazzjoni quddiem il-Qorti Għolja. Din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti Suprema. L-individwi jistgħu wkoll jallegaw li d-drittijiet kostituzzjonali jew il-proċedura kostituzzjonali tagħhom inkisru mill-azzjonijiet tal-Istat.

Huwa preżunt li l-leġiżlazzjoni magħmula wara l-adozzjoni tal-Kostituzzjoni tal-1937 hija konformi mal-Kostituzzjoni sakemm ma jiġix stabbilit il-kuntrarju.

Jistgħu jinqalgħu ċirkustanzi li fihom id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali, jistgħu sa ċertu punt ikunu f'kunflitt. Il-qrati użaw diversi mekkaniżmi sabiex jaslu għal deċiżjonijiet f'dawn il-każijiet inkluża interpretazzjoni litterali jew grammatikali, l-approċċ storiku, l-approċċ teoloġiku jew armonjuż, id-duttrina tal-proporzjonalità, l-approċċ tal-ġerarkija tad-drittijiet u l-approċċ tal-impenn lejn id-dritt naturali u lejn id-drittijiet naturali.

Kien hemm każijiet meta, b'konsegwenza ta' determinazzjoni jew interpretazzjoni kostituzzjonali mhux popolari mill-Qrati, sar referendum biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni.

Jekk individwu jiddikjara li d-drittijiet tiegħu skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem inkisru mil-leġiżlazzjoni, huwa jista' jitlob Dikjarazzjoni ta' Inkompatibilità mill-qrati.

Id-dritt tal-UE jgawdi minn immunità kostituzzjonali billi l-Kostituzzjoni tipprovdi li ma tinvalida l-ebda att jew miżura meħtieġa minħabba s-sħubija, għalkemm il-mezzi ta' implimentazzjoni ta' dawn l-atti jew miżuri jridu jkunu konformi mal-Kostituzzjoni.

Barra mill-kwistjonijiet kostituzzjonali, il-validità tal-leġiżlazzjoni delegata tkun iġġudikata skont il-konformità tagħha mal-istatut prinċipali tagħha.

Aktar informazzjoni dwar is-sistema legali, il-leġiżlazzjoni u l-Kostituzzjoni tal-Irlanda, jinstabu fis-siti li ġejjin:

- https://www.gov.ie/en/organisation/department-of-the-taoiseach
- https://www.courts.ie/judgments
- https://www.irishstatutebook.ie
- http://www.bailii.org

L-aħħar aġġornament: 16/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Greċja

Din il-paġna tipprovdilek tagħrif dwar is-sistema legali tal-Greċja.

Sorsi tad-dritt

Leġiżlazzjoni

Id-Dritt Internazzjonali konswetudinarju

Regoli tad-dritt internazzjonali li huma ġeneralment aċċettati

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

Il-konvenzjonijiet internazzjonali

Ġurisprudenza

Tipi ta’ strumenti legali - deskrizzjoni

Il-Kostituzzjoni (*Σύνταγμα)*

Il-liġi formali *(Τυπικός νόμος)*

Atti oħra b'kontenut leġiżlattiv *(Πράξεις νομοθετικού περιεχομένου)*

Digriet tal-President tar-Repubblika *(Προεδρικό διάταγμα)*

Miżuri amministrattivi *(Διοικητικές πράξεις)*

Trattati fundaturi tal-UE

Regolamenti tal-UE

Direttivi tal-UE

Il-konvenzjonijiet internazzjonali

Ġerarkija tas-sorsi

Is-*Σύνταγμα* (il-Kostituzzjoni) tippreċedi l-istrumenti legali domestiċi kollha u hija segwita, f’ordni ta’ importanza, mil-liġi, mid-Digriet Presidenzjali u l-miżuri amministrattivi. It-Trattati fundaturi tal-Unjoni Ewropea qegħdin fuq l-istess livell formali tal-Kostituzzjoni, filwaqt li strumenti legali internazzjonali oħra jippreċedu l-istrumenti legali domestiċi kollha minbarra l-Kostituzzjoni.

Il-qafas istituzzjonali

L-istituzzjonijiet responsabbli għall-promulgazzjoni tar-regoli legali

Meta jkun hemm il-bżonn li tiġi emendata jew supplimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti, jew biex jiġu stabbiliti regoli tad-dritt ġodda, jew biex jiġu inkorporati regoli tad-dritt internazzjonali fil-leġiżlazzjoni domestika:

Il-Ministru kompetenti jitlob lill-kumitat leġiżlattiv speċjali biex ifassal abbozz ta' liġi.

Il-proċess leġiżlattiv

L-abbozz ta’ liġi mħejji mill-kumitat leġiżlattiv speċjali jintbagħat lill-kumitat leġiżlattiv ċentrali fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern, li jassigura illi l-abbozz ikun ġie mfassal sew, u jista' jagħmel aktar osservazzjonijiet fuq affarijiet bħall-konformità mal-Kostituzzjoni u mad-dritt internazzjonali.

Imbagħad l-abbozz tal-liġi jiġi ppreżentat lill-Parlament akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni li jfisser il-ħsieb u l-għan tad-dispożizzjonijiet proposti. Jekk l-abbozz jinkludi nefqa mill-baġit tal-Istat, jiġu mħejjija rapport speċjali dwar l-infiq u rapport komparattiv mill-Uffiċċju Ġenerali Nazzjonali dwar il-Kontabilità *(Γενικό Λογιστήριο του Κράτους).* L-abbozzi tal-liġi għandhom jiġu akkumpanjati wkoll minn rapport li jevalwa miżuri li setgħu ttieħdu għal dan il-għan u rapport fuq il-konsultazzjoni pubblika ta' qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. .

Il-President tal-Parlament jirreferi l-abbozz tal-liġi għad-dibattitu jew fis-sessjoni plenarja, jew mill-kumitati permanenti jew mill-kumitati supplimentari tal-Parlament. Ordnijiet għall-implimentazzjoni ta' Atti tal-Parlament isiru mill-President tar-Repubblika fuq proposta mill-ministri responsabbli. Dispożizzjonijiet speċifiċi legali jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet amministrattivi biex jieħdu miżuri li jirregolaw kwistjonijiet speċifiċi jew ta' interess lokali, tekniku jew minuri.

Skont l-Artikolu 28 tal-Kostituzzjoni, il-konvenzjonijiet internazzjonali, fil-mument ta' ratifikazzjoni tagħhom b'Att tal-Parlament, jsiru parti integrali mil-liġi domestika Griega u jipprevalu fuq kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tmur kontra tagħhom li saret qabel, ħlief għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni.

Ir-regolamenti tal-UE huma universalment validi mal-Unjoni kollha; huma vinkolanti u direttament effettivi f’kull Stat Membru.

Id-direttivi tal-UE huma inkorporati fil-liġi domestika permezz tal-liġi, ta' digriet Presidenzjali jew ta' deċiżjoni ministerjali.

Fi żmien xahar mill-approvazzjoni tal-Att mill-Parlament, dan jiġi ffirmat mill-ministri responsabbli u mbagħad iffirmat u ppromulgat mill-President tar-Repubblika.

L-Att innifsu jispeċifika ż-żmien meta jidħol fis-seħħ. F'każ li ma jispeċifikax, huwa iidħol fis-seħħ 10 ijiem wara li jkun ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern *(Εφημερίδα της Κυβερνήσεως)* skont l-Artikolu 103 tal-Att Introduttorju tal-Kodiċi Ċivili.

Att li jirratifika Konvenzjoni jidħol fis-seħħ, bħala regola ġenerali, mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fid-data speċifikata fil-Konvenzjoni.

Il-websajt tal- Βουλή των Ελλήνων (il- Parlament Grieg) turi l-Atti kollha promulgati mit-22 ta' Ottubru 1993 'il quddiem. Barra minn hekk, fuq il-websajt tal-*ΕθνικόΤυπογραφείο*(l-Istamperija Nazzjonali)*,* tista’ tuża s-sezzjoni 'Fittex'*(‘Αναζητήσεις’)* biex issib listi annwali sa mill-1890 tal-Atti u l-ordnijiet li jkunu saru, li juru s-suġġett u d-dettalji tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern li fiha ġew ippubblikati.

L-inizjattiva għal kull emenda ta' Att tal-Parlament tinsab f'idejn il-ministru responsabbli għall-qasam partikolari.

Att tal-Parlament jibqa' fis-seħħ sakemm ma jiġix abrogat minn Att ġdid.

Bażijiet tad-Dejta Ġuridiċi

Il- Bażi tad-dejta ġuridika sħiħa hija l-proprjetà ta’ u tiġi ġestita mill-Istamperija Nazzjonali Griega.

L-aċċess huwa mingħajr ħlas (Artikolu 7 tal-Att Nru 3861/2010, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern FEK A/112/13-7-10)..

Il- Bażi tad-dejta ġuridika sħiħa hija l-proprjetà ta’ Intracom u HOL u tiġi ġestita minnhom.

L-aċċess huwa soġġett għal ħlas.

Is-sit tal-internet tan- Νομικό Συμβούλιο του Κράτους (Kunsill Legali tal-Istat)

L-aċċess huwa mingħajr ħlas.

Ħoloq relatati

Βουλή των Ελλήνων (Il-Parlament Grieg)

Εθνικό Τυπογραφείο (L-Istamperija Nazzjonali)

L-aħħar aġġornament: 04/07/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Spanja

Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Spanjol u ħarsa ġenerali lejn l-ordinament ġuridiku tal-pajjiż.

Sorsi tal-liġi Spanjola

Is-sorsi tal-liġi Spanjola huma definiti fl-Artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili (*Código Civil*):

L-ordinament ġuridiku Spanjol huwa mfassal fuq il-liġi, il-konswetudni u l-prinċipji ġenerali tal-liġi.

Dispożizzjonijiet li jikkontradixxu oħra f’pożizzjoni superjuri ma għandhomx validità legali.

Il-konswetudni tapplika biss fin-nuqqas ta’ dritt applikabbli, sakemm il-konswetudni inkwistjoni ma tmurx kontra l-ordni pubblika jew il-moralità u li tkun tista’ tintwera.

Użi legali li mhux sempliċement jinterpretaw espressjoni ta’ intenzjoni huma kkunsidrati konswetudni.

Fin-nuqqas ta' liġi jew ta' konswetudni, japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi, minkejja r-rwol tagħhom fil-formazzjoni tal-ordinament ġuridiku.
Ir-regoli legali li jinsabu fit-trattati internazzjonali ma japplikawx direttament fi Spanja sakemm dawn isiru parti mill-ordinament ġuridiku intern billi jiġu ppubblikati bis-sħiħ fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat (*Boletín Oficial del Estado*).
Il-każistika tikkomplementa l-ordinament ġuridiku bid-duttrina li tiġi stabbilita maż-żmien mill-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo*) fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tagħha tal-liġi, tal-konswetudni u tal-prinċipji ġenerali tal-liġi.
L-imħallfin u l-qrati ta' Spanja, li huma soġġetti biss għall-Kostituzzjoni u għall-istat tad-dritt, huma marbuta bid-dmir li jiddeċiedu dwar kull każ li jisimgħu, billi jirrikorru għas-sistema ta' sorsi stabbilita bħala l-bażi biex fuqha tittieħed dik id-deċiżjoni.

Tipi ta' strumenti legali

Il-Kostituzzjoni: l-ordinament ġuridiku suprem tal-Istat Spanjol, li għalih huma soġġetti l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini kollha. Kull dispożizzjoni jew att li jmur kontra l-Kostituzzjoni ma għandux validità legali. Il-kontenut tagħha huwa maqsum f'żewġ partijiet separati u distinti: a) id-duttrina ġuridika u b) il-liġi organika.
Trattati internazzjonali: ftehimiet bil-miktub bejn ċerti suġġetti tad-dritt internazzjonali u regolati minn dik il-liġi. Dawn jistgħu jikkonsistu minn strument jew minn strumenti legali, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħhom. Ladarba jiġu ffirmati u ppubblikati uffiċjalment fi Spanja, it-trattati internazzjonali jsiru parti mill-ordinament ġuridiku intern.
Statuti ta' awtonomija: regoli istituzzjonali Spanjoli bażiċi applikabbli għal komunitajiet awtonomi individwali u rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978. Dawn jiġu adottati bil-liġi organika. Dawn jinkludu, tal-anqas, id-denominazzjoni tal-komunità awtonoma; il-konfini territorjali tagħha; id-denominazzjonijiet, l-istrutturi organizzazzjonali u s-sede tal-istituzzjonijiet awtonomi; u s-setgħat mogħtija lilhom. L-istatuti ta' awtonomija mhumiex espressjoni ta' sovranità, u lanqas mhuma *kostituzzjoni* minħabba li ma joriġinawx minn setgħa kostitwenti oriġinarja (li ma ngħatatx lit-territorji li saru komunitajiet awtonomi). Pjuttost, jafu l-eżistenza tagħhom grazzi għar-rikonoxximent tagħhom mill-Istat u, taħt l-ebda ċirkostanza, il-prinċipju tal-awtonomija ma jista' jikkontesta l-prinċipju tal-unità.
Liġi: Spanja għandha diversi tipi ta' liġijiet.
Liġijiet organiċi: dawk relatati mal-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili, dawk li jadottaw l-istatuti ta' awtonomija u l-ordinament ġuridiku li jirregola s-sistema elettorali ġenerali, u oħrajn previsti fil-Kostituzzjoni.
Liġijiet ordinarji: dawk li jirregolaw kwistjonijiet li mhumiex regolati mil-liġijiet organiċi.
Digrieti leġiżlattivi: dispożizzjonijiet statutorji dwar ċerti kwistjonijiet maħruġa mill-Gvern bis-saħħa tas-setgħat delegati lilu mill-Parlament (*Cortes Generales*).
Digrieti amministrattivi: dispożizzjonijiet leġiżlattivi proviżorji maħruġa mill-Gvern f'każijiet ta' ħtieġa straordinarja u urġenti u li ma jaffettwawx l-ordinament ġuridiku li jirregola l-istituzzjonijiet bażiċi tal-Istat; id-drittijiet, id-dmirijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini skont L-Ewwel Titolu tal-Kostituzzjoni; l-ordinament ġuridiku li jirregola l-komunitajiet awtonomi; jew l-ordinament ġuridiku li jirregola s-sistema elettorali ġenerali. Id-digrieti amministrattivi għandhom jitressqu għal dibattitu u votazzjoni mill-Kungress kollu tad-Deputati (*Congreso de los Diputados*) fi żmien tletin jum mill-promulgazzjoni.
Regolamenti: regoli legali ġenerali maħruġa mill-awtorità eżekuttiva. Il-grad tagħhom fil-ġerarkija tan-normi huwa eżattament taħt il-liġi u, f'sens ġenerali, jimplimentawha.
Konswetudni: definiti bħala "is-sett ta' regoli derivati mir-ripetizzjoni pjuttost kostanti ta' azzjonijiet uniformi". Sabiex konswetudni tirrappreżenta espressjoni ta' intenzjoni kollettiva u spontanja, din għandha tkun mifruxa, kostanti, uniformi u tkun ilha teżisti għal tul ta' żmien.
Prinċipji ġenerali tal-liġi: dikjarazzjonijiet normattivi ġenerali li, mingħajr ma jkunu ġew inkorporati formalment fl-ordinament ġuridiku, jitqiesu parti minn dak l-ordinament peress li jservu bħala bażi għal dikjarazzjonijiet normattivi partikolari oħra jew jinkorporaw b'mod astratt il-kontenut ta' grupp ta' tali dikjarazzjonijiet. Jintużaw biex jiġu indirizzati lakuni ġuridiċi jew biex jiġu interpretati normi ġuridiċi.
Il-ġurisprudenza: kostitwita minn żewġ sentenzi — mogħtija mill-Qorti Suprema jew, fil-każ ta' ċerti kwistjonijiet li l-ġurisdizzjoni tagħhom hija limitata għall-komunità awtonoma, mill-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja (*Tribunal Superior de Justicia*) ta' dik il-komunità awtonoma — li tinterpreta regola bl-istess mod. F'każ li mħallef jew qorti ma taqbilx mad-duttrina stabbilita mill-Qorti Suprema, is-sentenza ma tiġix awtomatikament invalidata iżda minflok isservi bħala l-bażi għal appell fuq punti tal-liġi. Minkejja dan, kemm il-Qorti Suprema kif ukoll il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja f'komunità awtonoma partikolari jistgħu, fuq bażi sostanzjata, jitbiegħdu mill-ġurisprudenza stabbilita u jiġġeneraw ġurisprudenza ġdida fi kwalunkwe ħin.

Ġerarkija ta' normi

L-Artikolu 1.2 tal-Kodiċi Ċivili Spanjol jiddikjara li "dispożizzjonijiet li jikkontradixxu oħra f'pożizzjoni superjuri ma għandhomx validità legali". Dan ifisser li bilfors trid tiġi stabbilita ġerarkija ta' normi. Għal dan il-għan, il-Kostituzzjoni Spanjola tirregola l-interrelazzjoni bejn id-diversi normi u r-relazzjonijiet ġerarkiċi u ġurisdizzjonali tagħhom.
Skont il-Kostituzzjoni, il-primat tan-normi fil-liġi Spanjola huwa kif ġej:
Il-Kostituzzjoni.
It-Trattati internazzjonali.
Il-liġi, fl-ordni li ġejja: il-liġijiet organiċi, il-liġijiet ordinarji u r-regoli bi grad ta' liġi (inklużi d-digrieti amministrattivi rjali u d-digrieti leġiżlattivi rjali), mingħajr ebda ġerarkija bejniethom iżda pjuttost proċeduri u oqsma ta' applikazzjoni distinti.
Ir-regoli li joħorġu mill-eżekuttiv, bil-ġerarkija tagħhom stess skont il-korp li jippromulgahom (digrieti reġji, ordnijiet ministerjali, eċċ.).
Barra minn hekk, hemm prinċipju ta' ġurisdizzjoni stabbilit fir-rigward tar-regoli maħruġa mill-parlamenti tad-diversi komunitajiet awtonomi (digrieti tal-gvern reġjonali, ordnijiet tal-gvern reġjonali, eċċ.).
L-imħallfin u l-qrati ma għandhomx japplikaw regolamenti jew dispożizzjonijiet oħra li jmorru kontra l-Kostituzzjoni, il-liġi jew il-prinċipju tal-ġerarkija tan-normi.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tan-normi ġuridiċi

Il-qafas istituzzjonali ta' Spanja huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri, bil-poter leġiżlattiv attribwit lill-Parlament Spanjol u lill-assemblei leġiżlattivi tal-komunitajiet awtonomi tal-pajjiż.
Il-gvern, kemm fil-livell tal-istat kif ukoll f'kull komunità awtonoma, għandu poter eżekuttiv — li jinkludi s-setgħa li jirregola — u f'ċerti okkażjonijiet jeżerċita setgħa leġiżlattiva kif delegata lilu mill-Parlament.
L-awtoritajiet lokali ma għandhomx setgħa leġiżlattiva, iżda huma jeżerċitaw setgħa regolatorja, li prinċipalment tiġi eżerċitata fil-forma ta' digrieti muniċipali.
L-inizjattiva leġiżlattiva hija f'idejn il-Gvern, il-Kungress u s-Senat, l-assembleji tal-komunitajiet awtonomi u, f'ċerti każijiet, l-inizjattiva popolari.

Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

Trattati internazzjonali: hemm tliet mekkaniżmi ta' adozzjoni disponibbli, skont il-kwistjonijiet regolati mit-trattat.
L-ewwel, liġi organika tawtorizza l-iffirmar ta' trattati li permezz tagħhom organizzazzjoni jew istituzzjoni internazzjonali tiġi vestita bl-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni derivanti mill-Kostituzzjoni.

It-tieni, il-Gvern jista' jagħti l-kunsens tal-Istat għall-iffirmar ta' trattati jew ta' ftehimiet legalment vinkolanti, bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Parlament, fil-każijiet li ġejjin: trattati politiċi, trattati jew ftehimiet militari, trattati jew ftehimiet li jaffettwaw l-integrità territorjali tal-Istat jew id-drittijiet u d-dmirijiet fundamentali stabbiliti fl-Ewwel Titolu, trattati jew ftehimiet li jinvolvu obbligi finanzjarji għall-awtoritajiet tat-taxxa, u trattati jew ftehimiet li jeħtieġu emenda jew deroga ta' liġi, jew li jkunu jeħtieġu miżuri leġiżlattivi sabiex jiġu implimentati.

Fl-aħħar nett, għall-kwistjonijiet l-oħra kollha l-uniku rekwiżit huwa li l-Kungress u s-Senat jiġu informati malli jiġi ffirmat it-trattat.

Ladarba jiġu ffirmati u ppubblikati uffiċjalment fi Spanja, it-trattati internazzjonali jsiru parti mill-ordinament ġuridiku intern. Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jistgħu jiġu derogati, emendati jew sospiżi biss bil-mod speċifikat fit-trattati nfushom jew skont ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali. It-trattati u l-ftehimiet internazzjonali jistgħu jiġu terminati bl-istess proċedura bħal dik tal-adozzjoni tagħhom.

Liġi:

L-abbozzi ta' liġijiet jiġu approvati mill-Kunsill tal-Ministri (*Consejo de Ministros*), li jgħaddihom lill-Kungress bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-introduzzjoni tagħhom u l-isfond legali meħtieġ biex il-Kungress jieħu deċiżjoni dwarhom.

Fil-każ ta' komunitajiet awtonomi, l-abbozzi ta' liġijiet jiġu approvati mill-kunsilli tal-ministri rispettivi u jiġu ppreżentati, skont l-istess termini, lill-assemblea leġiżlattiva tal-komunità awtonoma inkwistjoni.

Ladarba l-abbozz għal liġi ordinarja jew organika jkun ġie approvat mill-Kungress, il-President tiegħu jirreferih minnufih lill-President tas-Senat, li mbagħad jippreżentah lis-Senat għal deliberazzjoni. Is-Senat għandu xahrejn mid-data li fiha jirċievi l-abbozz ta' liġi biex jeżerċita l-veto tiegħu jew biex jintroduċi emendi. Il-veto jrid ikun approvat b'maġġoranza assoluta.

Abbozz ta' liġi ma jistax jiġi ppreżentat lir-Re għall-kunsens tiegħu sakemm il-Kungress ikun irratifika l-abbozz inizjali (fil-każ ta' veto, dan għandu jkun b' maġġoranza assoluta; maġġoranza sempliċi hija biżżejjed ladarba jkunu għaddew xahrejn minn meta jkun tressaq l-abbozz ta' liġi) jew ikun ivvota dwar l-emendi, u jkun aċċettahom jew le b'maġġoranza sempliċi. Il-perjodu ta' xahrejn li s-Senat jista' juża biex juża l-veto tiegħu jew biex jemenda l-abbozz ta' liġi jonqos għal għoxrin jum kalendarju fil-każ ta' abbozzi ta' liġijiet li l-Gvern jew il-Kungress ikun iddikjara bħala urġenti.

Fi żmien ħmistax il-jum ir-Re japprova l-liġijiet adottati mill-Parlament li jkunu ġew ippreżentati lilu, jippromulgahom u jordna l-pubblikazzjoni tagħhom.

Liġijiet organiċi: l-adozzjoni, l-emenda jew id-deroga ta' liġijiet organiċi teħtieġ maġġoranza assoluta tal-Kungress f'vot finali dwar l-abbozz fl-intier tiegħu.

Regolamenti: it-tfassil tar-regolamenti jsegwi l-proċedura segwenti:

Ir-regolamenti jinbdew mid-dipartiment rilevanti li jfassal il-politika billi jħejji l-abbozz ta' liġi korrispondenti, li jiġi ppreżentat b'rapport dwar il-ħtieġa għar-regolament u l-adegwatezza tiegħu, kif ukoll rapport finanzjarju li jinkludi stima tal-kostijiet previsti.

Matul il-proċess ta' tħejjija huwa neċessarju li, minbarra r-rapporti, jinkisbu l-opinjonijiet u l-approvazzjonijiet obbligatorji preċedenti, l-istudji u l-konsultazzjonijiet kollha meqjusa neċessarji biex tiġi żgurata l-adegwatezza u l-legalità tat-test. F'kull każ, ir-regolamenti għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar l-impatt fir-rigward tas-sessi tal-miżuri stabbiliti fihom.

Meta d-dispożizzjoni taffettwa d-drittijiet u l-interessi leġittimi taċ-ċittadini, jista' jsir smigħ pubbliku f'perjodu ta' żmien raġonevoli ta' mhux inqas minn ħmistax-il jum ta' xogħol. Għalhekk, meta n-natura tad-dispożizzjoni titlob dan, tiġi sottomessa għal konsultazzjoni pubblika matul il-perjodu msemmi hawn fuq.

F'kull każ, abbozzi ta' liġijiet għal regolamenti jridu jiġu rapportati mis-Segretarjat Ġenerali Tekniku (*Secretaría General Técnica*), mingħajr preġudizzju għall-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat (*Consejo de Estado*) f'każijiet fejn dan huwa legalment meħtieġ.

Meta r-regolament jista' jaffettwa d-distribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn l-Istat u l-komunitajiet awtonomi, l-ewwel hemm bżonn ta' rapport mill-awtoritajiet pubbliċi.

Qabel ma regolamenti adottati mill-Gvern jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ, dawn għandhom jiġu ppubblikati fl-intier tagħhom fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat topera bażi tad-*data* li fiha l-leġiżlazzjoni kollha ppubblikata mill-1960.

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għal din il-bażi ta' *data* huwa mingħajr ħlas.

Deskrizzjoni qasira tal-kontenut

Il-gazzetti kollha ppubblikati mill-1960 jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Gazzetta Uffiċjali tal-Istat.

Is-sit web jinkludi magna tat-tiftix għal-leġiżlazzjoni u għall-avviżi, flimkien ma' bażi ta' *data* tal-ġurisprudenza kostituzzjonali (mill-1980 'il quddiem), rapporti u opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Istat (*Abogacía del Estado*) (mill-1997 'il quddiem) u opinjonijiet tal-Kunsill tal-Istat. Jinkludi wkoll il-**verżjonijiet riformulati** li fihom l-emendi ewlenin li saru għal-leġiżlazzjoni. Fl-aħħar nett, joffri servizz ta' twissija li jkopri notifiki leġiżlattivi, avviżi pubbliċi u konsultazzjoni ta' informazzjoni u dokumentazzjoni.

Links relatati

Bażi ta' *data* tal-leġiżlazzjoni Spanjola

L-aħħar aġġornament: 17/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Franza

F'din ittaqsima inti għandek issib ħarsa ġenerali tassorsi diffferenti talliġi fi Franza.

Sorsi talliġi

Illiġi fi Franza hija essenzjalment magħmula minn regoli miktubin msejħa **sorsi talliġi**. Dawn jistgħu jkunu regoli adottati millIstati jew bejn lIstati fuq livell nazzjonali, iżda jinkludu wkoll każistika millqrati nazzjonali u internazzjonali. Barra minn hekk, huma jkopru regoli magħmula fuq livell lokali, bħal *bylaws* muniċipali, jew minn organizzazzjonijiet professjonali u tannegozju, bħallKulleġġ tatTobba, jew regoli stabbiliti minn ċittadini bejniethom, bħal ftehim kollettiv jew kuntratti, u finalment sempliċiment użanzi.

Din ilġabra hija ordnata bi qbil ma' **ġerarkija ta' regoli**. Għalhekk, regola ġdida:

għandha tirrispetta rregoli superjuri preċedenti;

tista' temenda regoli preċedenti fuq listess livell;

tirrevoka regoli inferjuri u kontradittorji.

Sorsi internazzjonali talliġi

Trattati u ftehmiet internazzjonali

Fi Franza, Trattat jiġi fisseħħ biss meta jkun ratifikat jew approvat u mbagħad ippubblikat. Xi trattati huma **applikabbli direttament** flordni legali Franċiża, filwaqt li oħrajn jeħtieġ li jiġu **trasposti** b'regola interna.

Liġi tal-Unjoni Ewropea

Ilkunċett ta' liġi tal-Unjoni Ewropea jirreferi għarregoli magħmula minn istituzzjonijiet talUnjoni Ewropea. Dawn jistgħu jkunu rakkommandazzjonijiet, opinjonijiet, regolamenti, deċiżjonijiet jew direttivi.

Sorsi nazzjonli talliġi

Regoli kostituzzjonali:

ilKostituzzjoni tal4 ta' Ottubru 1958;

ilpreambolu għallKostituzzjoni tas27 ta' Ottubru 1946, flimkien madDikjarazzjoni tadDrittijiet tal-Bniedem u taċĊittadin tas26 ta' Awwissu 1789 u lprinċipji fundamentali rikonoxxuti milliġijiet tarRepubblika li jirreferu għalihom;

illiġijiet organiċi sottomessi lillKunsill Kostituzzjonali qabel ma jiġu fisseħħ, li lgħan tagħhom huwa li jikkumplimentaw ilKostituzzjoni.

Regoli leġiżlattivi

Leġiżlazzjoni, mgħoddija millParlament, hija subordinata għallKostituzzjoni. Meta indirizzata, ilKunsill Kostituzzjonali jirrevedi lkostituzzjonalità talleġiżlazzjoni qabel ma tidħol fisseħħ, jiġifieri, jiċċekkja biex jara jekk hijiex konformi malKostituzzjoni. IlKunsill Kostituzzjonali jista' jkun indirizzat ukoll millPresident tarRepubblika, millPrim Ministru, millPresidenti talAssemblea Nazzjonali u sSenat, jew minn sittin membru jew sittin senatur. Barra minn hekk, il-Kunsill Kostituzzjonali jista' jiġi invokat, meta ssir referenza għalih mill-Kunsill tal-Istat jew mill-Qorti tal-Kassazzjoni, fir-rigward ta' talbiet li jwasslu għal abrogazzjoni ta' liġijiet fis-seħħ, ippreżentati mill-partijiet li jkunu qed jikkontestawhom matul litigazzjoni li tirrigwarda dawn il-liġijiet u l-konformità tagħhom mad-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni.

Skont l-Artikolu 55 talKostituzzjoni, trattati internazzjonali ratifikati minn Franza huma superjuri għalleġiżlazzjoni. Qrati kemm millġuriżdizzjoni amministrattiva kif ukoll minn dik ordinarja għandhom jirrifjuttaw li japplikaw leġiżlazzjoni li tidher inkompatibbli ma' trattat, kemm jekk ikun ratifikat qabel jew wara lleġiżlazzjoni.

Strumenti statutorji

Ordnijiet

Skont l-Artikolu 38 talKostituzzjoni, biex jimplimenta lprogramm tiegħu, **ilGvern** jista' jitlob permess millParlament għal perjodu limitat ta' żmien biex jieħu miżuri ta' natura leġiżlattiva. Dawn l-ordinanzi huma biss atti formalment regolamentati sakemm ma jiġux ratifikati mil-leġiżlatur u għalhekk sakemm jiġu ratifikati dawn jistgħu jiġu kkontestati quddiem imħallef amministrattiv.

Regolamenti

IrRegolamenti **jvarjaw skont lawtorità li introduċiethom**:

diġrieti mill-President tar-Repubblika jew mill-Prim Ministru (meta jkunu ġew adottati fil-Kunsill tal-Ministri jew fil-Kunsill tal-Istat jistgħu jiġu emendati biss taħt l-istess ċirkustanzi);

ordnijiet interministerjali jew ministerjali;

deċiżjonijiet regolatorji meħudin millawtoritajiet delegati millIstat (prefett, sindku eċċ.) jew awtoritajiet deċentralizzati (muniċipalità, *département* – simili għal kontea - jew reġjun).

IrRegolamenti **jvarjaw skont lawtorità li introduċiethom**:

Ftehimiet Kollettivi

IlKodiċi talImpjiegi jistabbilixxi rregoli ġenerali li jirregolaw ilkundizzjonijiet talimpjiegi. F'dan ilkuntest, imsieħba soċjali missettur privat (min iħaddem u trejdunjins) jinnegozjaw ftehimiet u kuntratti. Għalhekk ftehimiet kollettivi jiddefinixxu lkundizzjonijiet talimpjiegi u jiggarantixxu benefiċċji talimpjieg għallimpjegati talorganizzazzjonijiet ikkonċernati (negozju u industriji ta' materjal mormi u riċiklar, djar għal ħaddiema żgħażagħ, istituzzjonijiet talpensjoni supplimentari, eċċ). **Ftehimiet kollettivi** minnaħa loħra, jikkonċernaw biss qasam speċifiku (pagi, sigħat taxxogħol, eċċ). Ftehimiet kollettivi u kunsensi jistgħu jkunu konklużi fuq illivell ta' settur partikolari (innegozji kollha li għandhom listess attività f'territorju partikolari), negozju partikolari jew stabbiliment partikolari. Ilftehim kollettiv jista' jkun "estiż" millMinisteru talImpjiegi, Affarijiet Soċjali u lFond Solidali jew millMinisteru talAgrikultura u sSajd sabiex japplika għallorganizzazzjonijiet fissettur fil-mira.

Il-każistika ġudizzjarja u amministrattiva

Il-każistika tista' tiġi minn qrati ġudizzjarji jew amministrattivi. Il-każistika ġudizzjarja tinterpreta l-liġi imma, bi prinċipju, tappika biss għall-każ li jkun qed jiġi deċiż. Il-każistika amministrattiva għandha valur li jmur lil hinn mir-regolamentazzjoni, fis-sens li tista' tħassar regolament jew leġiżlazzjoni sekondarja.

Qafas Istituzzjonali

Ilproċess leġiżlattiv fi Franza

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn **abbozz ta' liġi**, li t-test tiegħu jibda mill-gvern u li jiġi ppreżentat minn xi ministru lill-Kunsill tal-Ministri , u **l-proposta**, li t-test tagħha jibda mill-Parlament. Labbozz ta' liġi jew il-proposta ta' liġi għandhom jiġu ppreżentati lillAssemblea Nazzjonali jew lisSenat.

Imbagħad, labbozz ta' liġi jiġi eżaminat millParlament, u jiġi adottat skont listess termini miżżewġ Kmamar.

Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ assembleji, jiġi msejjaħ kumitat imħallat konġunt. Dan ilkumitat, magħmul minn seba' membri u minn seba' senaturi jingħata d-dmir li jipproponi test miftiehem, normalment wara żewġ qari minn kull Kamra.

Madankollu, il-gvern jista' jniedi l-proċedura aċċellerata; f'dan il-każ il-kumitat imħallat konġunt jista' jiġi ffurmat immedjatament wara l-ewwel qari.

It-test tal-liġi jiġi ppromulgat (jiġifieri ffirmat) mill-President tar-Repubblika fi żmien 15-il jum minn meta t-test adottat mill-Parlament jiġi trażmess lill-Gvern. Matul dan iż-żmien il-President jista' jitlob li ssir reviżjoni tat-test u l-Kunsill Kostituzzjonali jista' jiġi invokat biex jivverfika l-konformità tat-test mal-Kostituzzjoni. L**att promulgat** jidħol fisseħħ wara li jkun ippubblikat filĠurnal Uffiċjali.

Pubblikazzjoni talatti u rregolamenti

Biex ikollhom effetti vinkolattivi, latti u rregolamenti **għandhom jinġiebu għallattenzjoni taċċittadini**. Għalhekk, miżuri individwali għandhom jiġu nnotifikati linnies li jkunu sejrin jiġu affettwati minnhom, li jfisser li miżuri regolatorji għandhom jiġu ppubblikati.

Irregoli relatati mattesti leġiżlattivi u regolatorji li jkunu sejrin jidħlu fisseħħ ġew emendati bl-Ordni Nru. 2004-164 tal20 ta' Frar 2004 mill1 ta' Ġunju 2004. Minn issa 'l quddiem, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-testi jidħlu fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali.

Madankollu, f'emerġenzi, dawn li ġejjin jistgħu jidħlu fisseħħ flistess jum li fih jiġu ppubblikati: liġijiet fejn iddigriet li jġibhom fisseħħ jippreskrivi dan, u miżuri amministrattivi fejn dan kien preordinat millgvern permezz ta' dispożizzjoni speċjali.

Minbarra **digrieti, dispożizzjonijiet regolatorji**, introdotti millawtoritajiet kompetenti talIstat fuq livell nazzjonali (ordnijiet ministerjali, miżuri meħudin minn awtoritajiet amministrativi indipendenti, eċċ) huma wkoll **ippubblikati filĠurnal Uffiċjali**. Dawn lordnijiet talministeri huma ħafna drabi ppubblikati wkoll filGazzetti Uffiċjali talministeri.

Biex dispożizzjoni regolatorja tkun ippubblikata biss filGazzetta Uffiċjali, din għandha tikkonċerna biss kategorija speċifika ta' ċittadini (essenzjalment impjegati taċċivil u aġenti talministeru).

Miżuri meħudin millawtoritajiet lokali jsegwu metodi speċifiċi ta' pubblikazzjoni**.** Huma ma jidhrux filĠurnal Uffiċjali.

Ċirkulari jew struzzjonijiet bħala regola ġenerali m'għandhomx effett regolatorju. Dawn ilmiżuri huma limitati għall-għoti ta' struzzjonijiet liddipartimenti għallapplikazzjoni talliġijiet u ddigrieti, jew biex jikkjarifikaw linterpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet.
Sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati, iridu jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Prim Ministru, maħsub għal dan il-għan (id-digriet 2008-1281 tat-8 ta' Diċembru 2008). Iċċirkolari liktar importanti biss jiġu ppubblikati filĠurnal Uffiċjali.

Data banks talleġiżlazzjoni

Iddatabases legali pubbliċi fi Franza huma koperti minn servizz ta' disseminazzjoni pubblika fuq lInternet (SPDDI) skont id- Digriet Nru. 2002-1064 tas-7 ta' Awwissu 2002 (Verżjoni bl-Ingliż)
Din issistema hija spjegata fiddettall fil- Folja ta' fatti dwar użu millġdid taddejta disponibbli fuq Légifrance :
Légifrance jinkludi li ġej:
ilkodiċi, latti u rregolamenti filverżjoni kkonsolidata **(database "Legi")**
iddokumenti huma ppubblikati fledizzjoni tal"*lois et décrets*" (liġijiet u digrieti) talĠurnal Uffiċjali **(database "Jorf")**
ilftehimiet kollettivi nazzjonali kollettivi **(database "Kali")**
iddeċiżjonijiet talKunsill Kostituzzjonali **(database "Constit")**
iddeċiżjonijiet talQorti talKassazzjoni u talQorti talAppell (**database "Cass"** għal deċiżjonijiet ippubblikati filgazzetta, **database "Inca"** għal deċiżjonijiet mhux ippubblikati, u **database "Capp"** għal deċiżjonijiet talQorti talAppell)
iddeċiżjonijiet talConseil d'Etat u talQorti talKunflitti, iddeċiżjonijiet talQrati Amministrativi talAppell u għażla ta' deċiżjonijiet millQrati Amministrativi talPrim' Istanza **(database "Jade")**
iddeliberazzjonijiet talKummissjoni Nazzjonali għatTeknoloġija talInformazzjoni u lLibertajiet Ċivili (CNIL) **(database "CNIL")**.
Għal għanijiet ta' referenza, siti oħrajn, aċċessibbli jew direttament jew permezz tal Légifrance, jieħdu sehem f'dan isservizz (SPDDI); dawn jikkonċernaw:
il Qorti tal-Awdituri għal deċiżjonijiet millqrati finanzjarji,
kull ministeru għallgazzetta uffiċjali tiegħu,
idDirettorat Ġenerali għatTaxxi għad- dokumentazzjoni tat-taxxa,
ilMinisteru talAffarijiet Barranin u Ewropej għallkonvenzjonijiet internazzjonali (database " Pact").
Informazzjoni marbuta ma' termini u kundizzjonijiet għall-irkupru u l-użu millġdid ta' dejta li tikkonċerna ttieni kategorija ta' hawn fuq hija disponibbli fuq kull sit elettroniku.
Huwa wkoll possibbli li ssib Katalgu tad-databases elenkat hawn fuq, fuq issit elettroniku ta' Légifrance.
Il-lista tat-tariffi tal-liċenzja ta' Légifrance hija disponibbli wkoll.

Databases

Dain li ġejja hija lista mhux eżawrjenti taddatabases legali:
Iddatabase LEGI tinkludi kodiċi, atti u regolamenti filverżjoni konsolidata tagħhom;
Iddatabase JORF tinkludi dokumenti kif ikunu ppubblikati fledizzjoni tal"*lois et décrets*" (liġijiet u digrieti) talĠurnal Uffiċjali;
Iddatabase KALI tinkludi l ftehimiet kollettivi nazzjonali estiżi;
Iddatabase CONSTIT tinkludi ddeċiżjonijiet talKunsill Kostituzzjonali;
Iddatabase JADE tinkludi d deċiżjonijiet talConseil d'Etat u talQorti talKunflitti, iddeċiżjonijiet talQrati Amministrativi talAppell u għażla ta' deċiżjonijiet millQrati Amministrativi talPrim'Istanza;
Iddatabase CNIL tinkludi d-deliberazzjonijiet tasCNIL (ilKummissjoni Nazzjonali għatTeknoloġija talInformazzjoni u lLibertajiet Ċivili).
Ilkażistika tal Qorti tal-Kassazzjoni hija disponibbli fuq issit elettroniku tagħha.
Hemm servizz online biex tordna d- deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni, u xi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni huma tradotti għall-Ingliż, l-Għarbi u l-Mandarin.
L-aħħar aġġornament: 13/12/2016
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna hr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - il-Kroazja

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja

Il-leġiżlazzjoni kriminali l-aktar importanti

Il-Kodiċi Kriminali (*Kazneni zakon*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 125/11, 144/12, 56/15, 61/15, 101/17 u 126 /19)

Il-Kodiċi Kriminali l-ġdid, li daħal fis-seħħ fl-ewwel jum tal-2013 daħħal elementi ġodda bħalma huma pieni akbar u perjodi ta' limitazzjoni itwal, kif ukoll reati kriminali ġodda bħan-nuqqas ta' ħlas tas-salarji, is-sewqan bla rażan u l-logħob tal-azzard illeċitu. Permezz ta' emendi fil-Kodiċi Kriminali ta' Diċembru 2012 fil-qasam tal-responsabbiltà kriminali, il-pussess ta' droga għall-użu personali sar reat minuri.
Il-Kodiċi Kriminali għandu parti ġenerali u parti speċifika:
A) Il-parti ġenerali tal-Kodiċi Kriminali fiha d-dispożizzjonijiet applikabbli għar-reati kriminali kollha. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-punibbiltà, il-multi u l-pieni kriminali.
(B) Il-parti speċifika tal-Kodiċi Kriminali fiha deskrizzjonijiet ta' reati kriminali speċifiċi u tal-pieni korrispondenti, inklużi dawk irregolati b'leġiżlazzjonijiet oħra.
Ir-reati kriminali stipulati fil-Kodiċi Kriminali Kroat huma:
ir-reati kriminali kontra l-umanità u d-dinjità umana,
ir-reati kriminali kontra l-ħajja u l-ġisem,
ir-reati kriminali kontra d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,
ir-reati kriminali kontra l-impjegabbiltà u s-sigurtà soċjali,
ir-reati kriminali kontra l-libertà personali,
ir-reati kriminali kontra l-privatezza,

ir-reati kriminali kontra l-unur u r-reputazzjoni,
ir-reati kriminali kontra l-libertà sesswali,,
ir-reati kriminali li jirrigwardaw l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal,
ir-reati kriminali kontra ż-żwieġ, il-familja u t-tfal,
ir-reati kriminali kontra s-saħħa tal-bniedem,
ir-reati kriminali kontra l-ambjent,
ir-reati kriminali kontra s-sikurezza ġenerali,
ir-reati kriminali kontra s-sikurezza tat-traffiku,
ir-reati kriminali kontra l-proprjetà,
ir-reati kriminali kontra l-ekonomija,
ir-reati kriminali kontra s-sistemi tal-kompjuters, is-software u d-*data*,
ir-reati kriminali kontra l-iffalsifikar,
ir-reati kriminali kontra l-proprjetà intellettwali,
ir-reati kriminali kontra l-karigi pubbliċi,
ir-reati kriminali kontra l-ġudikatura,
ir-reati kriminali kontra l-ordni pubbliku,
ir-reati kriminali kontra d-dritt tal-vot,
ir-reati kriminali kontra r-Repubblika tal-Kroazja,
ir-reati kriminali kontra stat barrani jew organizzazzjoni internazzjonali, u
ir-reati kriminali kontra l-forzi armati tar-Repubblika tal-Kroazja.

Att dwar il-Proċeduri Kriminali (*Zakon o kaznenom postupku*) (NN Nri 152/08, 76/09, 80/11, 91/12 – Ordni u Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Kroata, 143/12, 56/13, 145/13, 152/14 u 126/19)

L-Att jiddefinixxi r-regoli sabiex jiġi żgurat li l-ebda persuna innoċenti ma tkun kkundannata u li pieni jew miżuri oħra jiġu imposti fuq min iwettaq reati kriminali skont it-termini stabbiliti mil-liġi abbażi ta' proċedimenti mwettqa skont il-liġi quddiem qorti kompetenti.

Il-prosekuzzjoni u l-proċedimenti kriminali jistgħu jitwettqu u jitlestew biss skont ir-regoli u skont it-termini stabbiliti fl-Att.

L-Att dwar il-Proċedura Kriminali jittrasponi fl-ordinament ġuridiku Kroat il-leġiżlazzjoni tal-UE li ġejja:

Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010);

Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (ĠU L 101, 15.4.2011);

Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (ĠU L 335, 17.12.2011);

Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012);

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008);

Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012);

Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013);

Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014);

Id-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151, 21.5.2014).

Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016).

Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

Il-proċedimenti kriminali jinbdew mill-prosekutur awtorizzat.

Il-prosekutur awtorizzat fuq reati li l-proċedimenti kriminali għalihom jinfetħu *ex officio* jkun prosekutur pubbliku (*državni odvjetnik*), filwaqt li l-prosekutur awtorizzat fuq reati li l-proċediment kriminali għalihom jinfetħu permezz ta' kawża privata jkun prosekutur privat. Fil-każ ta' ċertu reati kriminali stabbiliti mil-liġi, il-proċedimenti kriminali jinfetħu minn prosekutur pubbliku biss fuq talba tal-vittma. Sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor mil-liġi, il-prosekutur pubbliku huwa obbligat jiftaħ proċedimenti kriminali meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli li jwassluh biex jaħseb li ċertu persuna kkommettiet reat kriminali li l-proċedimenti kriminali għalih jinfetħu *ex officio* u li ma jkun hemm l-ebda impediment legali biex il-persuna inkwistjoni tiġi mixlija.

Jekk il-prosekutur pubbliku ma jsib l-ebda raġuni biex jibda jew iwettaq prosekuzzjoni kriminali jista' minflok jitressaq każ mill-vittma fir-rwol ta' parti leża, bħala kwerelant skont it-termini speċifikati fl-Att.

L-Att dwar il-Konsegwenzi tal-Kundanna, ir-Rekords Kriminali u r-Riabilitazzjoni (*Zakon o pravnim posljedicama osude, kaznenoj evidenciji i rehabilitaciji*) (NN Nri 143/12 u 105/15)

Dan l-Att jirregola l-konsegwenzi legali tal-kundanna, l-organizzazzjoni, iż-żamma, l-aċċessibbiltà, id-divulgazzjoni u t-tħassir ta' *data* ta' rekords kriminali u l-iskambju internazzjonali ta' *data* ta' rekords kriminali kif ukoll ir-riabilitazzjoni.

Dan l-Att fih dispożizzjonijiet li jikkonformaw mal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin:

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali;

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

Ir-rekords kriminali fil-Kroazja huma organizzati u miżmumin mill-ministeru responsabbli għall-ġudikatura li huwa fl-istess ħin, l-awtorità ċentrali għall-iskambju ta' din id-*data* ma' stati oħra (minn hawn 'il quddiem: il-Ministeru).

Ir-rekords kriminali jinżammu għall-persuni naturali jew ġuridiċi li kienu ġew ikkundannati għal reati kriminali permezz ta' sentenza finali fil-Kroazja. Ir-rekords kriminali jinżammu wkoll għaċ-ċittadini Kroati u l-persuni ġuridiċi domiċiljati fil-Kroazja li kienu ġew ikkundannati għal reati kriminali permezz ta' sentenza finali mhux fil-Kroazja, jekk din id-*data* tkun ġiet ikkomunikata lill-Ministeru.

Ir-rekords kriminali jinkludu lista ta' persuni kkundannati permezz ta' sentenza finali għal reati kriminali ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, u reati kriminali oħra msemmija fl-Artikolu 13(4) ta' dan l-Att.

(A) L-aktar atti importanti tad-dritt ċivili, kummerċjali u amministrattiv fil-Kroazja huma:

L-Att dwar l-Obbligi Ċivili (*Zakon o obveznim odnosima*) (NN Nri 35/05, 41/08 u 125/11)

Dan l-Att jirregola l-bażi tal-obbligi ċivili (il-parti ġenerali), tal-obbligi ċivili kuntrattwali u ekstrakuntrattwali (il-parti speċifika).

Il-partijiet fit-tranżazzjonijiet huma liberi li jirregolaw l-obbligi ċivili tagħhom, iżda dawn ma jistgħux jiġu rregolati b'tali mod li jkunu kontra l-Kostituzzjoni Kroata, ir-regolamenti obbligatorji u l-moralità pubblika.

L-Att dwar id-Drittijiet tas-Sjieda u ta' Materjal Ieħor (*Zakon o vlasništvu i drugim stvarnim pravima*) (NN Nri 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 129/00, 114 /01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09, 153/09, 143/12 u 152/14)

Dan l-Att jistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali li jirregolaw is-sjieda; ir-regoli ta' dan l-Att japplikaw ukoll għas-sjieda ta' oġġetti li huma soġġetti għal xi arranġament ġuridiku speċjali, dment li ma jmorrux kontra dan l-arranġament.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att rigward id-dritt tas-sjieda u tas-sidien japplika *mutatis mutandis* għad-drittijiet materjali l-oħra kollha, dment li ma jkunx speċifikament previst mod ieħor mil-liġi jew minħabba n-natura legali tagħhom.

L-Att dwar is-Suċċessjoni (*Zakon o nasljeđivanju*) (NN Nri 48/03, 163/03, 35/05 – L-Att dwar l-Obbligi Ċivili u 127/13)

Dan l-Att jirregola d-dritt tas-suċċessjoni u r-regoli li taħthom qrati, awtoritajiet oħra u persuni awtorizzati jaġixxu fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni.

L-Att dwar ir-Reġistru tal-Artijiet (*Zakon o zemljišnim knjigama*) (NN Nri 63/19)

Dan l-Att jirregola l-kwistjonijiet relatati mal-istatus legali tal-proprjetà immobbli fit-territorju tal-Kroazja li huwa relevanti għat-tranżazzjonijiet legali, kif wkoll il-mod u l-manjiera ta' kif jinżammu r-reġistri tal-artijiet (l-uffiċċju tat-titli tal-artijiet(*gruntovnica*)) jekk ma tkun saret l-ebda dispożizzjoni speċifika għal ċerti biċċiet ta' artijiet.

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (NN Nri 53/91, 91/92, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 02/07, 96/08, 84/08, 123/08, 57/11, 148/11 – test konsolidat, 25/13 u 89/14)

Dan l-Att jirregola r-regoli ta' proċedura li l-qrati jsegwu biex jisimgħu u jiddeċiedu f'kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet u d-dmirijiet fundamentali tal-persuni u taċ-ċittadini, ir-relazzjonijiet personali u tal-familja kif ukoll f'tilwim industrijali, kummerċjali, dwar il-proprjetà u tilwim ċivili ieħor, dment li ma jkunux saru dispożizzjonijiet bil-liġi biex il-qrati jiddeċiedu dwar xi wħud minn dawn it-tilwimiet skont regoli proċedurali oħra.

L-Att dwar l-Eżekuzzjoni (*Ovršni zakon*) (NN Nri 112/12, 25/13, 93/14, 55/16, u 73/17)

Dan l-Att jirregola l-proċedimenti li fihom il-qrati u n-nutara pubbliċi jeżegiwixxu s-saldu tal-pretensjonijiet abbażi ta' strumenti awtentiċi u ta' eżekuzzjoni (il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni) u l-proċedimenti li fihom il-qrati u nutara pubbliċi jiggarantixxu l-ammonti riċevibbli (il-proċedimenti ta' garanzija), dment li dan ma jkunx previst b'liġi separata. Ir-relazzjonijiet legali sostantivi stabbiliti abbażi ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni u ta' proċedimenti ta' garanzija huma wkoll irregolati minn dan l-Att.

(B) L-iktar leġiżlazzjoni importanti li tirregola l-kooperazzjoni ġudizzjarja:

L-Att dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (NN 101/17)

Dan l-Att jirregola:

il-liġi applikabbli għar-relazzjonijiet irregolati mid-dritt privat, b'dimensjoni internazzjonali;

il-ġuriżdizzjoni tal-qrati u ta' awtoritajiet oħra tar-Repubblika tal-Kroazja fi kwistjonijiet legali msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu u fir-regoli ta' proċedura;

ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin f'materji legali msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu.

Aktar dettalji jinsabu fi:

https://pravosudje.gov.hr/pristup-informacijama-6341/zakoni-i-ostali-propisi/zakoni-i-propisi-6354/6354

Aktar

L-aħħar aġġornament: 01/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Italja

Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar is-sistema legali fl-Italja.

Sorsi tal-liġi

Fl-Italja, bħal f'kull demokrazija moderna, is-sistema politika hija bbażata fuq is-separazzjoni tas-setgħa bejn il-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-ġudikatura.

Is-sorsi tal-liġi tal-Italja normalment jiġu pprovduti permezz tal-leġiżlatura, li l-eżekuttiv imbagħad jinforza. Il-qrati jintervjenu fejn jinkisru l-liġijiet.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

Is-sorsi tal-liġi fl-Italja huma, skont l-ordni ta' importanza:

Il-Kostituzzjoni

Il-liġijiet (kodiċijiet u liġijiet parlamentari oħra, liġijiet reġjonali)

Regolamenti

Liġijiet konswetudinarji

Referendum jista' jkun sors ta' liġi, jekk dan iħassar liġi preċedenti.

Il-liġi hija miftuħa għall-interpetazzjoni, u l-ġurisprudenza tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet sussegwenti. Madankollu, il-ġurisprudenza mhix strettament vinkolanti peress li l-Italja għandha sistema ta' liġi ċivili, fejn liġi pożittiva u miktuba tkun il-gwida prinċipali għall-interpreti.

Il-Kostituzzjoni hija s-sors prinċipali tal-liġi. Din għandha setgħa kostitwenti u tista' tiġi emendata biss permezz ta' proċedura speċjali – iktar komplessa minn dik meħtieġa sabiex jiġu mmodifikati liġijiet ordinarji.

Il-liġijiet parlamentari huma r-riżultat ta' kunsiderazzjoni kemm mill-Kamra tad-Deputati (il-kamra inferjuri) u mis-Senat (il-kamra superjuri) u jridu jiġu infurzati u mħarsa fl-Italja kollha. Esklużi huma liġijiet speċjali adottati għal territorji jew avvenimenti speċifiċi – bħal, pereżempju, minħabba xi terremot.

Il-liġijiet reġjonali għandhom saħħa fit-territorju tar-reġjun ikkonċernat, u għandhom setgħa biss fuq kwistjonijiet speċifiċi.

F'ċerti materji, il-liġijiet reġjonali jistgħu jiġu integrati f'liġijiet statali (jekk ikunu jeżistu) jew jistgħu jsiru esklużivi (fin-nuqqas ta' regolament nazzjonali) – bħal pereżempju għall-kummerċ, l-edukazzjoni, ir-riċerka xjentifika, l-isport, il-portijiet u l-ajruporti, xogħol bla periklu u beni kulturali.

Ir-regolamenti jikkonsistu minn strumenti ta' regoli li jiġu sottomessi, b'dettalji dwar l-infurzar tal-liġijiet, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell reġjonali.

Il-ġerarkija tan-normi
Is-sistema ġudizzjarja Taljana hija konformi mar-regoli internazzjonali u Komunitarji, kemm dawk konswetudinarji kif ukoll dawk miktuba.
Teżisti ġerarkija ta' sorsi ta' liġijiet. Skont l-istat tad-dritt, liġi m'għandhiex tikkontradixxi lill-Kostituzzjoni u Att sussidjarju m'għandux jikkontradixxi sors leġiżlattiv.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli legali
Normalment, l-istituzzjonijiet li huma responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli legali huma l-parlament u l-kunsilli reġjonali.
F'ċirkostanzi straordinarji, il-gvern jista' jadotta liġijiet (bil-konferma/il-modifikazzjoni sussegwenti mill-parlament). Dan jista' jsir f'każijiet ta' urġenza, jew meta l-parlament ikunu ddelega s-setgħa tiegħu.
Normalment ir-regoli jinħarġu mill-gvern jew mill-kunsilli reġjonali, b'dettalji dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet.

Il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet
Il-proċess normali biex liġi tkun adottata tikkonsisti fi tliet fażijiet:
Preliminari: Din il-prerogattiva tappartjeni lill-gvern, lil kull membru parlamentari, lil gruppi ta' votanti (ċittadini), lil kunsilli reġjonali u ċerti istituzzjonijiet speċjali
Diskussjoni u votazzjoni: dan jista' jsir b'diversi modi, skont ir-regoli interni tal-parlament
Promulgazzjoni u pubblikazzjoni: Din tikkonsisti mill-proklama mill-President tar-Repubblika tal-Italja u mill-pubblikazzjoni tagħha fil-gazzetta uffiċjali.

Bażijiet tad-dejta legali
Il-proġett "Normattiva", li ngħata bidu f'Marzu 2010 biex jiġu promossi l-informatizzazzjoni u l-klassfikazzjoni tal-liġijiet statali u reġjonali fis-seħħ fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u biex tkun iffaċilitata r-riċerka u l-konsultazzjoni tagħhom bla ħlas miċ-ċittadini, kif ukoll biex jiġu pprovduti l-istrumenti għall-attivitajiet ta' riformulazzjoni tal-liġijiet, huwa kompitu li ġie fdat lill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, is-Senat tar-Repubblika u l-Parlament.
Il-liġijiet li jinsabu fil-bażi tad-dejta "Normattiva" jistgħu jiġu kkonsultati bit-tliet metodi li ġejjin:
it-test oriġinali, hekk kif ikun ġie ppubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali;
it-test li jkun attwalment fis-seħħ u effettivament applikabbli fid-data li fiha tiġi kkonsultata l-bażi tad-dejta;
it-test fis-seħħ fi kwalunkwe data preċedenti li jindika l-utent.
Fil-verżjoni definittiva tagħha, il-bażi tad-dejta se tkun tinkludi l-korp leġiżlattiv statali kollu tad-dispożizzjonijiet innumerati (liġijiet, digrieti liġi, digrieti leġiżlattivi u atti oħra nnumerati).
Bħalissa hemm madwar 75,000 att, kollha ddatati mill-1946.
Mhumiex inklużi d-digriet ministerjali.
Il-proġett għadu fil-fażi ta' żvilupp :
se tiġi introdotta l-possibilità (għall-bażi tad-dejta kollha) li wieħed jinnaviga fil-kontenut permezz ta' links dinamiċi li jgħaqqdu l-liġi modifikata mal-artikolu tal-liġi emendatorja suċċessiva
se jiġi pperfezzjonat il-metodu ta' tfittxija u se jkun ukoll possibbli li ssir tfittxija skont "il-kunċett" u skont il-klassijiet semantiċi
l-atti kollha tal-liġi ppubblikati matul il-perjodu tal-monarkija mill-1861 sal-1946 se jkunu rkuprati u se jkun disponibbli
se jitpoġġew links fil-bażijiet tad-dejta leġiżlattivi pubbliċi l-oħra kollha, u dan il-proċess se jibda minn dawk tal-liġijiet reġjonali u dawk tal-liġijiet komunitarji.
L-aħħar aġġornament: 18/01/2022
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Ċipru
Skont l-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni (Σύνταγμα): "L-Istat ta' Ċipru huwa Repubblika indipendenti u sovrana b'reġim presidenzjali", ibbażat fuq il-prinċipji tal-legalità, tad-diviżjoni tal-poteri (l-eżekuttiv, il-leġiżlattiv u l-ġudikatura), tal-imparzjalità tal-ġudikatura u tar-rispett għal u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali.
Id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma ssalvagwadjati fil-Parti II tal-Kostituzzjoni, li tirrifletti l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) (Ευρωπαϊκή Σύμβαση Ανθρωπίνων Δικαιωμάτων) (Ε.Σ.Α.Δ.) u, fl-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni: "L-awtoritajiet leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tar-Repubblika għandhom ikunu obbligati jiżguraw, fil-limiti tal-kompetenza rispettiva tagħhom, l-applikazzjoni effiċjenti tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti".
Il-legalità hija ssalvagwardjata mhux biss mill-Kostituzzjoni u mid-dispożizzjonijiet tal-liġi miktubin, imma anki mill-fatt li l-gvern jimpenja ruħu li jirrispetta l-limiti kostituzzjonali imposti fuqu u jiżgura li l-leġiżlatura tgħaddi liġijiet konformi mal-kostituzzjoni u li jkun hemm ġudikatura indipendenti u imparzjali.

Sorsi tal-liġi

1. Il-liġi tal-Unjoni Ewropea
Ċipru sar Stat Membru sħiħ u ndaqs tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 u huwa suġġett għal-liġi tal-UE. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Δικαστήριο της Ευρωπαϊκής Ένωσης), il-liġi tal-UE tieħu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi kemm il-liġijiet domestiċi kif ukoll il-Kostituzzjoni.
Is-supremazija tal-liġi tal-UE fuq il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru hija ssalvagwardjata fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru, li kienet emendata fil-Liġi dwar il-Ħames Emenda tal-Kostituzzjoni (Ο περί της Πέμπτης Τροποποίησης του Συντάγματος Νόμος) (Liġi 127(I)/2006) sabiex ikunu ċċarati s-supremazija u l-preċedenza tal-liġi tal-UE fuq il-Kostituzzjoni.
Ir-Repubblika ta' Ċipru anki adattat għal u armonizzat il-liġijiet nazzjonali tagħha mal-liġi tal-UE billi ppromulgat għadd ta' atti leġiżlattivi u, fl-istess ħin, irrevokat jew emendat diversi dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, kif ġie deskritt iktar 'il fuq.
Għalhekk, fir-Repubblika ta' Ċipru, il-liġi tal-UE hija s-sors tal-liġi li għandha supremzija u tinkludi kemm ir-regoli adottati mill-Istat Membru, jiġifieri t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-protokolli u l-annessi tagħhom, kif ġew sussegwentement supplimentati jew emendati, kif ukoll ir-regoli maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-forma ta' Regolamenti, Direttivi jew Deċiżjonijiet. Hija tinkludi wkoll ir-regoli tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jsiru partijiet għalihom l-UE u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, prinċipji tal-liġi ġenerali u fundamentali, il-*common law*, ir-regoli ġenerali tad-dritt pubbliku internazzjonali, u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn jingħad li, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma parti integrali mill-*acquis* Ewropew.

2. Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru
Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru kienet adottata fl-1960, meta ġiet iddikjarata r-Repubblika ta' Ċipru u, skont l-Artikolu 179 tal-Kostituzzjoni, hija l-liġi suprema tar-Repubblika ta' Ċipru. Wara l-adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru mal-Unjoni Ewropea u wara li ġiet emendata l-Kostituzzjoni tagħha kif ġie deskritt fl-ewwel paragrafu t'iktar 'il fuq, il-liġi tal-UE tieħu preċedenza fuq l-ordni kostituzzjonali intern u r-regoli tal-liġi inklużi fil-Kostituzzjoni jridu jkunu konformi mal-liġi tal-UE.

3. Konvenzjonijiet / Trattati / Ftehimiet Internazzjonali

Skont l-Artikolu 169 tal-Kostituzzjoni, ladarba l-konvenzjonijiet, it-trattati jew il-ftehimiet internazzjonali li ssir parti għalihom ir-Repubblika ta' Ċipru, skont deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali, jiġu rratifikati bil-liġi u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, huma jkollhom supremazija fuq kwalunkwe liġi nazzjonali (ħlief għall-Kostituzzjoni) u, fil-każ ta' kunflitt ma' tali liġijiet, huma jieħdu l-preċedenza, sakemm ikunu applikati b'mod simili mill-kontroparti.

4. Liġijiet formali

Il-liġijiet formali huma l-liġijiet li tgħaddi l-Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων), li teżerċita l-poter leġiżlattiv u, dawn iridu jkunu konformi kemm mal-liġi tal-UE kif ukoll mal-Kostituzzjoni.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 188 tal-Kostituzzjoni, il-liġijiet li japplikaw fir-Repubblika ta' Ċipru llum huma l-liġijiet li kienu fil-ktieb tal-istatuti, skont dak l-artikolu, lejliet Jum l-Indipendenza, sakemm ma saritx jew mhix se ssir xi dispożizzjoni oħra skont liġi li tapplika jew li ġiet mgħoddija skont il-Kostituzzjoni u l-liġijiet li għaddiet il-Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων) wara l-indipendenza.

5. Atti regolatorji

L-atti regolatorji huma atti leġiżlattivi maħruġa mill-eżekuttiv skont il-poteri statutorji kkonferiti lilu u jridu jkunu konformi kemm mal-liġi tal-UE kif ukoll mal-Kostituzzjoni u mal-liġijiet.

Dawn il-poteri tal-amministrazzjoni biex ikunu ppromulgati regoli tal-liġi addizzjonali (leġiżlazzjoni sekondarja), li huma meħtieġa sabiex tkun applikata u eżegwita liġi, huma magħrufa bħala poteri regolatorji u, għalkemm il-poteri leġiżlattivi f'Ċipru huma kkonferiti lill-Kamra tar-Rappreżentanti, dawn jiġu permessi sabiex ikunu jistgħu jiġu rregolati kwistjonijiet speċifiċi jew ta' interess lokali jew tekniċi jew dettaljati.

6. Ġurisprudenza tal-Qorti Suprema (Ανώτατο Δικαστήριο)

Id-duttrina li tapplika f'Ċipru hija li s-sentenzi mogħtija mill-Qorti Suprema jorbtu lill-qrati inferjuri kollha. Għalhekk, sentenza mill-Qorti Suprema li tinterpreta regola tal-liġi tiġi interpretata bħala sors tal-liġi.

7. Common law – Prinċipji ta' ekwità

Il-*common law* (κοινοδίκαιο) u l-prinċipji ta' ekwità (επιείκεια) wkoll huma sorsi tal-liġi f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni leġiżlattiva oħra.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

Miktubin

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru

Il-konvenzjonijiet/it-trattati/il-ftehimiet internazzjonali li r-Repubblika ta' Ċipru hija parti għalihom flimkien ma' pajjiżi terzi, irratifikati bil-liġi u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tar-Repubblika, li jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe liġi nazzjonali, sakemm jiġu applikati b'mod simili mill-kontroparti.

Il-liġijiet fis-seħħ skont l-Artikolu 188 tal-Kostituzzjoni lejliet Jum l-Indipendenza skont id-dispożizzjonijiet tiegħu, sakemm ma saritx jew mhix se ssir xi dispożizzjoni oħra skont liġi li tapplika jew li ġiet mgħoddija skont il-Kostituzzjoni. Liġijiet li għaddew il-Kamra tar-Rappreżentanti wara l-indipendenza.

Atti regolatorji (Κανονιστικές Πράξεις) (Regolamenti) (Κανονισμοί).

Mhux miktubin

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-*common law* u l-prinċipji ta' ekwità, sakemm ma saritx jew mhix se ssir xi dispożizzjoni oħra skont liġi li tapplika jew li ġiet mgħoddija skont il-Kostituzzjoni.

Ġerarkija ta' normi

Wara l-adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru mal-Unjoni Ewropea, il-ġerarkija tan-normi fir-Repubblika ta' Ċipru hija kif ġej:

IL-LIĠI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KOSTITUZZJONI TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU

KONVENZJONIJIET/ TRATTATI/FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

LIĠIJIET FORMALI

ATTI REGOLATORJI

IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI SUPREMA

IL-*COMMON LAW* U L-PRINĊIPJI TA' EKWITÀ

Il-*common law* u l-prinċipji ta' ekwità huma sors tal-liġi Ċiprijotta u jiġu applikati f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni leġiżlattiva oħra jew l-ebda qafas istituzzjonali ieħor.

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli legali

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru tagħmel distinzjoni ċara bejn tliet stati. Il-poteri eżekuttivi jiġu eżerċitati mill-President, mill-Viċi President u mill-Kunsill Ministerjali, il-poteri ġudizzjarji jiġu eżerċitati mill-qrati tar-Repubblika, u l-poteri leġiżlattivi jiġu eżerċitati mill-Kamra tar-Rappreżentanti, li hija l-entità leġiżlattiva suprema tar-Repubblika. Għalkemm il-Kamra tar-Rappreżentanti hija l-entità leġiżlattiva suprema, l-eżekuttiv għandu l-faċilità li jistabbilixxi r-regoli tal-liġi meħtieġa sabiex tkun applikata liġi u li jirrispondi għall-għadd ta' każijiet fejn jista' jkun meħtieġ li tiġi applikata. Dawn il-poteri li huma kkonferiti lill-amministrazzjoni biex tippromulga r-regoli tal-liġi addizzjonali meħtieġa għall-applikazzjoni u għall-eżekuzzjoni ta' liġi huma magħrufa bħala poteri regolatorji.

Proċess deċiżjonali

Il-proċedura biex tgħaddi liġi tibda meta proposta għal abozz ta' liġi jew abbozz ta' liġi titqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Ir-Rappreżentanti għandhom id-dritt li jqiegħdu proposta għal abbozz ta' liġi fuq il-medja tal-Kamra filwaqt li l-ministri għandhom id-dritt li fuq il-medja tal-Kamra jqiegħdu abbozz ta' liġi. L-abbozzi kollha tal-liġijiet u l-proposti kollha għal abbozzi ta' liġijiet li jitqiegħdu fuq il-medja tal-Kamra tar-Rappreżentanti għall-ewwel ikunu suġġetti għal dibattitu mill-kumitat parlamentari kompetenti u mbagħad jgħaddu mill-istadju tad-dibattitu waqt sessjoni plenarja tal-Kamra.

Il-liġijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kamra tar-Rappreżentanti jgħaddu b'maġġoranza sempliċi tar-rappreżentanti preżenti u li jivvotaw u, ladarba jgħaddu, jiġu nnotifikati lill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika, li jew joħroġhom billi jippromulgahom fil-Gazzetta tal-Gvern tar-Repubblika jew jibgħathom lura quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti biex jiġu eżaminati mill-ġdid, f'liema każ, jekk il-Kamra tikkonferma d-deċiżjoni tagħha, il-President irid joħroġ il-liġi inkwistjoni, sakemm ma jeżerċitax id-dritt kostituzzjonali tiegħu li jirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Suprema sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar jekk il-liġi hiex konformi mal-Kostituzzjoni jew mal-liġi tal-UE. Jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-liġi tkun konformi, din tiġi ppromulgata immedjatament; jekk il-Qorti tiddeċiedi li m'hemmx konformità, il-liġi ma tiġix ippromulgata.

Il-liġijiet jitniżżlu fil-ktieb tal-istatuti malli jiġu ppromulgati fil-Gazzetta tal-Gvern tar-Repubblika jew fid-data stipulata fil-liġi u jistgħu jiġu rrevokati permezz ta' liġi oħra jew b'mod impliċitu f'ċerti ċirkustanzi.

Bażijiet tad-dejta legali

Fir-Repubblika ta' Ċipru huma disponibbli l-bażijiet tad-dejta legali li ġejjin:

Sors ta' Informazzjoni Legali Ċiprijotta

IL-PORTAL LEGALI TA' ĊIPRU (ΝΟΜΙΚΟΣ ΚΟΜΒΟΣ ΣΤΟ ΔΙΑΔΙΚΤΥΟ)

L-aċċess għall-bażijiet tad-dejta huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għal CYLAW huwa mingħajr ħlas. Il-PORTAL LEGALI TA' ĊIPRU huwa aċċessibbli biss għall-abbonati.

Deskrizzjoni fil-qosor

1. Sors ta' Informazzjoni Legali Ċiprijotta (CYLAW)

CyLaw ġiet stabbilita f'Jannar 2002 bħala bażi tad-dejta mhux għal skopijiet ta' lukru sabiex tkun ipprovduta informazzjoni legali mingħajr ħlas u indipendenti dwar u aċċess għas-sorsi tal-liġi Ċiprijotta bħala parti mill-moviment internazzjonali għal aċċess mingħajr ħlas għal-liġi li tiegħu Ċipru huwa membru. Il-bażijiet tad-dejta Cylaw jinkludu sentenzi mogħtija mill-Qorti Suprema u mill-Qorti tal-Familja tat-tieni istanza sa mill-1997, ir-regoli tal-proċedura ċivili u numru ta' artikli u ta' testi legali.

Is-sentenzi inklużi fil-bażi tad-dejta CyLaw kienu rreġistrati f'format elettroniku mill-Qorti Suprema. It-testi tas-sentenzi inklużi huma testi awtentiċi, kif ippronunzjathom il-Qorti Suprema, bla ebda interferenza jew korrezzjoni.

2. Il-Portal Legali ta' Ċipru

Il-Portal Legali ta' Ċipru jipprovdi aċċess faċli, fost l-oħrajn, għal artikli ġurnalistiċi, testi u artikli ta' interess immedjat għal kull min huwa involut fi kwistjonijiet legali u aċċess għal bażi tad-dejta legali bi ħlas li tinkludi l-bażijiet tad-dejta tal-"Leġiżlazzjoni" ('Νομοθεσία') u tal-"Ġurisprudenza" ('Νομολογία') tar-Repubblika ta' Ċipru.

Id-Direttorju tal-Liġijiet (Ευρετήριο των Νόμων) jinkludi direttorju tal-liġijiet kollha jew li jinsabu fil-ktieb tal-istatuti jew li ġew irrevokati kif ukoll direttorju tar-regolamenti relatati kollha. Dawn id-direttorji jiġu aġġornati b'mod kostanti meta tiġi ppubblikata l-Gazzetta tal-Gvern.

Fid-Direttorju tal-Ġurisprudenza (Ευρετήριο της Νομολογίας) hemm il-faċilità li tfittex għat-test ta' kwalunkwe deċiżjoni permezz ta' diversi kriterji ta' tiftix.

Links relatati

Uffiċċju Legali (Uffiċċju Legali)

Qorti Suprema

Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων)

L-aħħar aġġornament: 11/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Latvja

F'din it-taqsima ssib informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku tal-Latvja.

Sorsi tal-liġi

L-ordinament ġuridiku tal-Latvja huwa dak bħal tal-Ewropa kontinentali. L-aktar sors importanti tal-liġi huwa l-leġiżlazzjoni miktuba.

Leġiżlazzjoni

Ir-relazzjonijiet bejn il-korpi stabbiliti skont il-liġi pubblika, l-individwi privati u detenturi oħra tad-drittijiet huma regolati mil-leġiżlazzjoni (*ārējie normatīvie akti*).

Tipi ta' leġiżlazzjoni, f'ordni dixxendenti tal-istatus legali:

il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja;

l-istatut: il-liġijiet promulgati mill-Parlament;

ir-regolamenti tal-Kabinett;

ir-regolamenti tal-Bank tal-Latvja, tal-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital u tal-Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi (fl-ordinament ġuridiku tal-Latvja dawn ir-regolamenti għandhom l-istess forza ġuridika bħar-regolamenti maħruġa mill-Kabinett);

ir-regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jiġu applikati skont il-pożizzjoni tagħhom fil-ġerarkija tal-atti leġiżlattivi. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet u l-qrati jridu jqisu wkoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali jiġu applikati irrispettivament mis-sors tagħhom skont il-pożizzjoni tagħhom fil-ġerarkija tal-atti leġiżlattivi. Jekk dispożizzjoni tad-dritt internazzjonali u dispożizzjoni tal-liġi Latvjana bl-istess status fil-ġerarkija jinstabu li huma inkompatibbli, tiġi applikata d-dispożizzjoni tad-dritt internazzjonali.

Ir-regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali huma vinkolanti fuq l-individwi u fuq il-persuni ġuridiċi kollha fil-qasam amministrattiv rilevanti.

Il-leġiżlazzjoni u atti legali oħra jiġu ppubblikati fil-gazzetta uffiċjali, *Latvijas Vēstnesis*. Il-pubblikazzjoni uffiċjali hija pubblikament awtentika u legalment vinkolanti. Ħadd ma jista' jgħid li ma jafx bl-atti legali jew bl-avviżi uffiċjali ppubblikati fil-gazzetta uffiċjali.

L-entitajiet intitolati li jippromulgaw atti leġiżlattivi huma:

il-poplu tal-Latvja meta jeżerċita setgħat leġiżlattivi (għaxra fil-milja tal-eletturi kollha jistgħu jissottomettu abbozz ta' liġi lill-Parlament; il-poplu jista' anke jieħu sehem f'referenda);

is-Saeima (il-Parlament) għandu s-setgħa jgħaddi statuti;

il-Kabinett għandu s-setgħa jagħmel regolamenti meta awtorizzat biex jagħmel dan minn statut;

il-Bank tal-Latvja, il-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital u l-Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi għandhom ukoll is-setgħa jagħmlu regolamenti meta awtorizzati minn statut;

l-awtoritajiet lokali għandhom is-setgħa jagħmlu regolamenti meta awtorizzati biex jagħmlu dan minn statut.

Normi pubbliċi interni

In-normi pubbliċi interni (*iekšējie normatīvie akti*) isiru minn korp regolat mid-dritt pubbliku bil-għan li jistabbilixxi proċeduri għall-operat intern tiegħu jew għal dawk tal-korpi subordinati tiegħu, jew biex tiġi ċċarata l-proċedura għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-operat tiegħu stess. In-normi pubbliċi interni mhumiex vinkolanti fuq individwi privati. Jekk korp jadotta deċiżjoni fir-rigward ta' individwu privat, ma jistax jirreferi għal norma pubblika interna f'dik id-deċiżjoni.

It-tipi ta' normi pubbliċi interni huma:

il-kostituzzjoni (*nolikums*) jew ir-regoli ta' proċedura (*reglaments*) ta' korp, li jiddeterminaw l-istruttura u l-organizzazzjoni interna tiegħu, jew l-istruttura u l-organizzazzjoni interna ta' bord jew unità li jkun waqqaf;

ir-rakkomandazzjonijiet (*ieteikumi)*: dawn jistabbilixxu l-proċeduri għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija skont il-leġiżlazzjoni u n-normi pubbliċi interni billi jistabbilixxu azzjoni uniformi f'ċirkostanzi simili — f'ċerti sitwazzjonijiet ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu injorati jekk ikun hemm ġustifikazzjoni suffiċjenti biex isir dan;

l-istruzzjonijiet (*instrukcja*): dawn jiddeterminaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġenerali u tal-prinċipji legali ġenerali;

ir-regolamenti interni (*iekšējie noteikumi*): dawn jiddeterminaw il-proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi, kif għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom l-uffiċjali amministrattivi u l-persunal l-ieħor, ir-regoli ta' kondotta, is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kwistjonijiet oħra relatati mal-operazzjonijiet tal-korp inkwistjoni.

Kull tip ta’ norma pubblika interna għandha l-istess status ġuridiku. Jekk ir-regoli pubbliċi interni jinstabu li huma inkompatibbli ma’ xulxin, jiġi applikat l-att maħruġ mill-ogħla awtorità jew uffiċjal.
Jekk uffiċjal isib li hemm konflitt bejn in-normi pubbliċi interni maħruġa minn awtoritajiet jew uffiċjali tal-istess livell ġerarkiku, huwa japplika:
norma ġuridika ġenerali sakemm ma tkunx limitata minn norma ġuridika speċjali;
f’każ li ż-żewġ normi huma ġenerali jew it-tnejn huma speċifiċi, l-aktar waħda reċenti mit-tnejn; id-data deċiżiva hija d-data meta ġiet adottata n-norma pubblika interna.
Jekk uffiċjal isib li hemm konflitt bejn norma pubblika interna u norma stabbilita fil-leġiżlazzjoni, huwa japplika l-leġiżlazzjoni.
L-entitajiet li jistgħu joħorġu normi pubbliċi interni huma:
il-Kabinett;
membru tal-Kabinett;
korp governattiv ta’ entità pubblika;
il-kap ta’ awtorità;
il-kap ta’ unità strutturali mwaqqfa minn awtorità.

Sorsi tal-liġi: kategoriji

Is-sorsi tal-liġi jistgħu jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:
il-liġijiet u r-regolamenti (*normatīvie akti*): atti legali li jistabbilixxu, idaħħlu fis-seħħ, jemendaw jew iħassru normi ġuridiċi; il-liġijiet u r-regolamenti jistgħu jinqasmu f’leġiżlazzjoni u f’normi pubbliċi interni;
il-prinċipji ġenerali tal-liġi: normi bażiċi li jistgħu jkunu bil-miktub (fi statut u f’regolamenti) jew mhux bil-miktub li jirregolaw il-legalità oġġettiva fil-ħajja soċjali;
il-liġi konswetudinarja: regoli ta’ kondotta li żviluppaw bħala riżultat tal-applikazzjoni attwali fuq perjodu ta’ żmien storiku; il-liġi konswetudinarja tiġi applikata fl-iżvilupp tad-drittijiet u fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi jekk statut jew leġiżlazzjoni oħra ma tipprovdix tweġiba għall-kwistjoni kkonċernata;
il-ġurisprudenza: il-korp tas-sentenzi tal-qorti li fih sejbiet legali astratti korretti u ta’ valur sinifikanti li l-imħallfin jistgħu jużaw f’każijiet oħra bħala raġunament ġuridiku għad-deċiżjonijiet tagħhom;
id-duttrina (*doktrīna*): il-korp ta’ opinjonijiet akkademiċi stabbiliti li jipprovdi interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-oriġini u l-applikazzjoni tagħhom; id-duttrina tintuża b’mod estensiv bħala referenza insostenn tad-deċiżjonijiet tal-qrati u tal-korpi amministrattivi pubbliċi.

Ġerarkija tas-sorsi tal-liġi

Sorsi primarji tal-liġi

il-liġijiet u r-regolamenti: dawn huma s-sorsi tal-liġi bl-ogħla status ġuridiku; jiġu applikati skont il-pożizzjoni tagħhom fil-ġerarkija tal-atti leġiżlattivi;
il-prinċipji ġenerali tal-liġi: dan is-sors tal-liġi jiġi applikat jekk il-kwistjoni kkonċernata ma tkunx regolata minn statut jew regolament; il-prinċipji ġenerali tal-liġi jintużaw ukoll fl-interpretazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti; m’hemmx ġerarkija fost il-prinċipji legali ġenerali: kollha għandhom l-istess status fil-liġi;
il-liġi konswetudinarja: din tiġi applikata fl-iżvilupp tad-drittijiet u fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi jekk l-istatut jew leġiżlazzjoni oħra ma tipprovdix tweġiba għall-kwistjoni kkonċernata.

Sorsi sekondarji tal-liġi

il-ġurisprudenza – sentenzi tal-qorti li, skont ir-regoli ta’ proċedura, huma vinkolanti fuq il-qrati li jisimgħu t-talbiet; dawn is-sentenzi għandhom is-saħħa tal-liġi, huma vinkolanti fuq il-partijiet kollha u għandhom jingħataw l-istess rispett bħal-liġi statutorja.
is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali (*Satversmes tiesa*) huma vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istat u dawk lokali, fuq l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali kollha, inklużi l-qrati, kif ukoll fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi. Dispożizzjoni tal-liġi (jew att) li titqies mill-Qorti Kostituzzjonali bħala inkonsistenti ma’ dispożizzjoni tal-liġi ta’ status ogħla titqies nulla u bla effett mid-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddeċidix mod ieħor.
Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tqis i ftehim internazzjonali ffirmat jew konkluż mil-Latvja jmur kontra l-Kostituzzjoni, il-Kabinett huwa obbligat jieħu ħsieb li l-ftehim jiġi emendat, jiġi dikjarat invalidu, jiġu sospiżi l-operazzjonijiet tiegħu jew tiġi rtirata l-adeżjoni għall-ftehim.
Jekk deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-konklużjoni ta’ każ ikun fiha interpretazzjoni ta’ dispożizzjoni ta’ liġi, l-interpretazzjoni hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istat u dawk lokali, fuq l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali fuq il-qrati, kif ukoll fuq il-persuni fiżiċi u ġuridiċi.
id-duttrina tintuża b’mod estensiv bħala referenza insostenn tad-deċiżjonijiet tal-qrati u tal-korpi amministrattivi pubbliċi; id-duttrina ma għandhiex forza legali, u lanqas mhija universalment applikabbli.

Qafas istituzzjonali

Entitajiet intitolati jippromulgaw leġiżlazzjoni

Is-Saeima u **l-poplu tal-Latvja** għandhom kompetenza leġiżlattiva u d-dritt li jipparteċipaw f’referenda.
Il-Kabinett jista’ joħroġ leġiżlazzjoni fil-forma ta’ regolamenti (*noteikumi*) fil-każijiet li ġejjin:
fuq il-bażi ta’ awtorizzazzjoni stabbilita minn statut;
sabiex japprova ftehim internazzjonali jew abbozz tiegħu, jiddenunzja ftehim internazzjonali jew jissospendi l-operazzjonijiet tiegħu, sakemm il-Kostituzzjoni jew il-liġi ma tipprevedix mod ieħor;
jekk ikun meħtieġ għall-applikazzjoni tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea u jekk il-kwistjoni kkonċernata ma tkunx ġiet regolata minn statut; dawn ir-regolamenti ma jistgħux jaffettwaw id-drittijiet fundamentali ta’ individwi privati.
Il-Bank tal-Latvja, **il-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital** u **l-Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi** jistgħu jippromulgaw leġiżlazzjoni (regolamenti, *noteikumi*) biss fuq il-bażi ta’ awtorizzazzjoni stabbilita minn statut, u fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompetenza tagħhom.
L-awtoritajiet lokali jistgħu jippromulgaw leġiżlazzjoni (regolamenti vinkolanti) fuq il-bażi ta’ statuti jew ta’ regolamenti tal-Kabinett.

Proċess leġiżlattiv

Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali qasira tal-proċess leġiżlattiv.

Statut

Tqegħid ta’ abbozzi ta’ liġi fuq il-Mejda tal-Parlament

Abbozz ta’ liġi jista’ jitressaq quddiem il-Parlament mill-President, mill-Kabinett, mill-kumitati parlamentari, minn mhux inqas minn ħames Membri Parlamentari jew, f’każijiet u skont il-proċeduri previsti fil-Kostituzzjoni, minn għaxra fil-mija tal-votanti kollha.

Eżami u adozzjoni ta’ abbozzi ta’ liġi fil-Parlament

Il-Parlament jeżamina l-abbozz ta’ liġi fi tliet qari. Abbozzi ta’ liġi li jitqiesu urġenti, l-abbozz tal-Baġit tal-Istat, l-emendi għall-Baġit tal-Istat u l-abbozzi ta’ liġi li jipprovdu għall-adozzjoni ta’ ftehimiet internazzjonali jiġu adottat fit-tieni qari.
Abbozz ta’ liġi jitqies li ġie adottat u jsir liġi jekk ikun ġie eżaminat fi tliet qari, jew f’żewġ qari fil-każijiet imsemmija hawn fuq, u meta abbozz li jitressaq għal vot ikollu l-maġġoranza assoluta tal-voti tal-Membri Parlamentari preżenti.

Promulgazzjoni ta’ liġijiet

Il-liġijiet kollha adottati jintbagħtu mill-Kumitat ta’ Tmexxija (*Prezidijs*) tas-Saeima lill-President għall-promulgazzjoni.

Il-President jippromulga l-liġijiet adottati mis-Saeima mhux qabel l-għaxar jum u mhux aktar tard mill-wieħed u għoxrin jum wara l-adozzjoni tagħhom. Il-liġi tidħol fis-seħħ fl-erbatax-il jum wara l-promulgazzjoni tagħha (pubblikazzjoni) fil-*Latvijas Vēstnesis*, il-gazzetta uffiċjali, sakemm il-liġi ma tipprevedix skadenza differenti.

Dritt ta' sospensjoni tal-promulgazzjoni ta' liġi

Il-President għandu s-setgħa jitlob li liġi terġa' tiġi kkunsidrata jew li tiġi posposta l-pubblikazzjoni tagħha sa massimu ta' xahrejn.

Il-President jeżerċita d-dritt li jitlob li liġi terġa' tiġi kkunsidrata mill-ġdid fuq inizjattiva propja, iżda jista' jipposponi l-pubblikazzjoni ta' liġi biss fuq talba ta' mhux inqas minn terz tal-Membri Parlamentari kollha. Il-President jew terz tal-Membri Parlamentari kollha jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet imsemmija hawn fuq fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tal-liġi mis-Saeima.

Liġi li tiġi sospiża skont il-proċedura msemmija hawn fuq titgħadda għal votazzjoni permezz ta' referendum nazzjonali, jekk din tintalab minn mhux inqas minn għaxra fil-mija tal-votanti kollha matul il-proċedura tal-ġbir tal-firem. Madankollu, jekk ma ssir l-ebda talba fi żmien xahrejn, il-liġi tiġi ppubblikata. Ir-referendum ma jsirx jekk is-Saeima jerġa' jivvota fuq il-liġi kkonċernata u jekk tal-inqas tliet kwarti tal-Membri Parlamentari kollha jivvutaw favur l-adozzjoni tagħha.

Liġi adottata mill-Parlament u sospiża mill-President tista' titħassar permezz ta' referendum jekk tal-inqas nofs il-votanti li pparteċipaw fl-elezzjonijiet preċedenti tas-Saeima jieħdu sehem fir-referendum u l-maġġoranza tagħhom jivvutaw favur it-tħassir tal-liġi.

Madankollu mhux kull liġi tista' tiġi sottoposta għal referendum. Il-Baġit u l-liġijiet dwar is-self, it-taxxi, id-Dwana, it-tariffi ferrovjarji, is-servizzi militari, id-dikjarazzjoni u l-bidu ta' gwerra, il-konklużjoni ta' trattat tal-paċi, id-dikjarazzjoni u t-tħassir ta' stat ta' emerġenza, il-mobilizzazzjoni u d-demobilizzazzjoni u l-ftehimiet ma' pajjiżi barranin ma jistgħux ikunu soġġetti għal referendum.

Dħul fis-seħħ ta' liġi

Liġi tidħol fis-seħħ fl-erbatax-il jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Latvijas Vēstnesis*, sakemm il-liġi ma tispeċifikax skadenza oħra. It-terminu għad-dħul fis-seħħ ta' liġi jibda jiddekorri mill-jum wara l-pubblikazzjoni ta' dik il-liġi.

Abrogazzjoni ta' statut

Statut ma jibqax fis-seħħ fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

mad-dħul fis-seħħ ta' statut li jħassar l-istatut preċedenti;

mad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni tranżitorja ta' statut ieħor li tipprevedi t-tħassir tal-istatut preċedenti;

mad-dħul fis-seħħ ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tannulla l-liġi rilevanti;

jekk jiskadi l-perjodu ta' validità fil-każ li liġi tkun ġiet adotta għal perjodu ta' żmien limitat.

Regolamenti tal-Kabinett

Sottomissjoni ta' abbozz ta' regolament lill-Kabinett

Abbozz ta' regolament imfassal minn Ministeru, mill-Kanċellerija tal-Istat jew minn korp amministrattiv pubbliku li jirrapporta lill-Prim Ministru jista' jiġi ppreżentat lill-Kabinett minn membru tal-Kabinett.

Abbozz ta' regolament imfassal minn kap ta' awtorità lokali jew ta' Stat ieħor, minn NGO jew minn sħab soċjali jista' jiġi ppreżentat għal kunsiderazzjoni minn kumitat tal-Kabinett jew mill-Kabinett innifsu biss permezz tal-membru tal-Kabinett li huwa politikament responsabbli għall-qasam, għas-settur jew għas-sottosettur rispettiv.

Eżami u adozzjoni ta' abbozz ta' regolament tal-Kabinett

L-abbozzi ta' regolamenti ppreżentati lill-Kabinett jiġu nnotifikati u diskussi waqt il-laqgħat tas-Segretarji tal-Istat. Ladarba abbozz ta' regolament tal-Kabinett jkun ġie nnotifikat, dan jintbagħat lill-Ministeri rilevanti għall-approvazzjoni tagħhom u, jekk ikun meħtieġ, lil istituzzjonijiet rilevanti oħra. Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ministeru tal-Finanzi jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq kull abbozz ta' liġi. Ir-rappreżentanti tal-NGOs jistgħu jissottomettu wkoll l-opinjonijiet tagħhom matul il-proċess ta' approvazzjoni.

L-abbozzi ta' regolamenti li dwarhom ikun intlaħaq ftehim jiġu eżaminati waqt laqgħa tal-Kabinett, filwaqt li dawk li dwarhom ma jkunx intlaħaq ftehim jiġu diskussi waqt laqgħa tas-Segretarji tal-Istat jew waqt laqgħa tal-kumitat tal-Kabinett. Kull proġett li dwaru jkun intlaħaq qbil waqt tali laqgħa jintbagħat għal aktar kunsiderazzjoni waqt laqgħa tal-Kabinett. Jekk waqt il-laqgħa tal-Kabinett l-abbozz tar-regolament jiġi approvat, jitqies li ġie adottat u jsir regolament tal-Kabinett.

Promulgazzjoni ta' regolamenti tal-Kabinett

Regolamenti tal-Kabinett jiġu promulgati bil-pubblikazzjoni fil-*Latvijas Vēstnesis*, il-gazzetta uffiċjali.

Dħul fis-seħħ ta' regolamenti tal-Kabinett

Regolamenti tal-Kabinett jidħlu fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Latvijas Vēstnesis*, sakemm ma jipprevedux mod ieħor.

Abrogazzjoni ta' regolamenti tal-Kabinett

Regolamenti tal-Kabinett ma jibqgħux fis-seħħ fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

mad-dħul fis-seħħ ta' regolament tal-Kabinett li jħassar ir-regolament preċedenti;

mad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni tad-dispożizzjonijiet finali ta' regolament tal-Kabinett li tħassar ir-regolament preċedenti;

jekk id-dispożizzjoni ta' liġi li abbażi tagħha nħareġ ir-regolament tal-Kabinett ma tibqax fis-seħħ;

mad-dħul fis-seħħ ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tannulla r-regolament tal-Kabinett rilevanti;

jekk jiskadi l-perjodu ta' validità fil-każ li regolament tal-Kabinett ikun ġie adottat għal perjodu ta' żmien limitat.

Regolamenti tal-Bank tal-Latvja, tal-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital u tal-Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi

Il-proċedura għall-promulgazzjoni, għad-dħul fis-seħħ u għall-abrogazzjoni ta' regolamenti tal-Bank tal-Latvja, tal-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital, u tal-Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi hija ekwivalenti għall-proċeduri għall-promulgazzjoni, għad-dħul fis-seħħ u għall-abrogazzjoni ta' regolamenti tal-Kabinett.

Regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali

Sottomissjoni ta' abbozz ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali lil kunsill lokali

Abbozzi ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali jistgħu jiġu ppreżentati lil kunsill lokali mill-president tal-kunsill, minn kumitat tal-kunsill, minn membri tal-kunsill, minn min ikun sejjaħ għal laqgħa straordinarja jew mill-kap ta' amministrazzjoni ta' belt, ta' raħal jew ta' parroċċa.

Eżami u adozzjoni ta' abbozzi ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali

Abbozzi ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali jiġu adottati u jsiru vinkolanti jekk aktar minn nofs il-membri tal-kunsill lokali jivvutaw favur, sakemm l-istatut ma jipprevedix mod ieħor.

Il-kunsill jibgħat ir-regolamenti u memorandum ta' spjegazzjoni lill-Ministeru għall-Ħarsien tal-Ambjent u l-Iżvilupp Reġjonali bil-miktub u f'forma elettronika fi żmien tlett ijiem mid-data tal-iffirmar. Il-Ministeru jivvaluta l-legalità tar-regolamenti fi żmien xahar minn meta jirċevihom u jibgħat l-opinjoni tiegħu lill-kunsill lokali.

Jekk l-opinjoni tal-Ministeru ma jkunx fiha oġġezzjonijiet fir-rigward tal-legalità tar-regolamenti, jew jekk il-kunsill lokali ma jirċevix l-opinjoni fil-limitu ta' żmien speċifikat, dan joħroġ ir-regolamenti vinkolanti kif adottati.

Jekk il-kunsill lokali jirċievi opinjoni mill-Ministeru li ssib li r-regolamenti huma kompletament jew parzjalment illegali, il-kunsill lokali jagħmel titjib għar-regolamenti skont l-opinjoni u joħroġ regolamenti emendati. Jekk il-kunsill lokali ma jaqbilx mal-opinjoni kollha kemm hi jew ma' parti minnha, jipprovdi ġustifikazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu u joħroġ ir-regolamenti. Ir-regolamenti jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ħarsien tal-Ambjent u l-Iżvilupp Reġjonali bil-miktub u f' forma elettronika fi żmien tlett ijiem mid-data li fiha ġew iffirmati.

Promulgazzjoni ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali

Il-kunsill ta' belt (*Republikas pilsētas dome*) jippubblika regolamenti vinkolanti u l-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjahom fil-gazzetta uffiċjali, *Latvijas Vēstnesis*. Kunsill muniċipali (*novada dome*) jippubblika regolamenti vinkolanti u l-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjahom fil-*Latvijas Vēstnesis* (mis-6 ta' Novembru 2015) jew f'gazzetta lokali jew f'pubblikazzjoni mingħajr ħlas.

Kunsill muniċipali jrid jadotta regolamenti vinkolanti u għandu jispeċifika l-post tal-pubblikazzjoni ta' tali regolamenti, u għandu jippubblika dik l-għażla fil-*Latvijas Vēstnesis*. Kunsill muniċipali ma jistax ibiddel il-post fejn jippubblika r-regolamenti vinkolanti aktar minn darba fis-sena. Wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, ir-regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-gvern lokali. Regolamenti vinkolanti promulgati mill-kunsilli muniċipali huma disponibbli wkoll fil-bini tal-kunsill muniċipali u fl-uffiċċji amministrattivi tal-parroċċa ċivili jew tal-belt.

Dħul fis-seħħ ta' regolamenti vinkolanti tal-gvernijiet lokali

Regolamenti vinkolanti jidħlu fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-post uffiċjali ta' pubblikazzjoni tagħhom, sakemm ma jispeċifikawx data aktar tard għad-dħul fis-seħħ.

Abrogazzjoni ta' regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali

Regolamenti vinkolanti tal-gvern lokali ma jibqgħux fis-seħħ fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

mad-dħul fis-seħħ ta' regolamenti vinkolanti li jħassru r-regolament preċedenti;

mad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni tad-dispożizzjonijiet finali ta' regolament vinkolanti li tħassar ir-regolamenti preċedenti;

jekk ma tibqax fis-seħħ dispożizzjoni ta' liġi jew ta' regolament ta' livelli ogħla li abbażi tagħha nħarġu r-regolamenti vinkolanti rilevanti;

mad-dħul fis-seħħ ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tannulla r-regolamenti rilevanti;

jekk jiskadi l-perjodu ta' validità fil-każ li regolamenti vinkolanti jkunu ġew adottati għal perjodu ta' żmien limitat.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

***Latvijas Vēstnesis*, il-gazzetta uffiċjali tar-Repubblika tal-Latvja**

Il-pubblikazzjoni uffiċjali *Latvijas Vēstnesis*, hija l-gazzetta uffiċjali tar-Repubblika tal-Latvja. Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fiha tikkostitwixxi l-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha.

Il-pubblikazzjoni uffiċjali hija pubblikament awtentika u legalment vinkolanti.

Ħadd ma jista' jgħid li ma jafx bl-atti legali jew bl-avviżi uffiċjali ppubblikati fil-gazzetta uffiċjali.

Mill-1 ta' Lulju 2012, il-gazzetta uffiċjali *Latvijas Vēstnesis* bdiet tiġi uffiċjalment ippubblikata f'forma elettronika fuq is-sit web https://www.vestnesis.lv. L-informazzjoni li ġiet ippubblikata fuq is-sit web https://www.vestnesis.lv qabel dik id-data kienet biss għal skopijiet ta' informazzjoni: qabel dan il-pubblikazzjoni uffiċjali kienet il-verżjoni stampata tal-*Latvijas Vēstnesis*.

Leġiżlazzjoni konsolidata

L-istatuti, ir-regolamenti tal-Kabinett u l-liġijiet u r-regolamenti l-oħra konsolidati huma disponibbli fuq is-sit web leġiżlattiv Latvjan https://likumi.lv/. Il-liġijiet u r-regolamenti konsolidati kollha ppubblikati fuq is-sit web huma għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Is-sit web jiġi ġestit mill-pubblikatur uffiċjali VSIA Latvijas Vēstnesis.

Pubblikatur uffiċjali

Il-pubblikatur tal-gazzetta uffiċjali elettronika *Latvijas Vēstnesis* huwa l-istess wieħed li kien jippubblika l-edizzjoni stampata preċedenti li kellha l-istess isem: VSIA Latvijas Vēstnesis.

Il-pubblikatur uffiċjali jopera skont l-istandards internazzjonali ISO 9001:2015 (ġestjoni tal-kwalità) u ISO 27001:2013 (sigurtà tal-informazzjoni).

Il-bażi tad-*data* tista' tiġi aċċessata mingħajr ħlas?

Iva, *Latvijas Vēstnesis* hija disponibbli mingħajr ħlas. L-arkivju elettroniku tal-edizzjoni stampata preċedenti tal-*Latvijas Vēstnesis* huwa disponibbli wkoll mingħajr ħlas. L-aċċess għas-sit web tal-atti legali kkonsolidati huwa wkoll mingħajr ħlas.

Links

Saeima (Il-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja)

Kabinett tar-Repubblika tal-Latvja

Bank tal-Latvja

Il-Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital

Kummissjoni għall-Utilitajiet Pubbliċi

Informazzjoni ta' kuntatt għall-awtoritajiet lokali

Gazzetta uffiċjali, *Latvijas Vēstnesis*

Sit web leġiżlattiv Latvjan

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna lt ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: bg es en fr hr pl diġà ġew tradotti.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Litwanja

Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar is-sistema legali Litwana u ħarsa ġenerali lejn il-liġi Litwana.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi huma l-mezzi uffiċjali li permezz tagħhom jitwasslu u jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet ġuridiċi.

L-**att leġiżlattiv** huwa dokument uffiċjali bil-miktub adottat mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat li fih jitniżżlu u jiġu spjegati dispożizzjonijiet ġuridiċi jew li fuqu hija indikata l-bażi ġuridika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi f'każ partikolari. Skont in-natura tal-informazzjoni ġuridika mniżżla fihom, l-atti leġiżlattivi jinkludu dawn li ġejjin:

Strumenti leġiżlattivi – dawn huma deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Istat bil-forma miktuba li jistabbilixxu, jemendaw jew jirrevokaw regoli ta' natura ġenerali li japplikaw għal grupp indeterminat ta' destinatarji u approvati mill-Istat. L-istrumenti leġiżlattivi huma maqsuma f'żewġ kategoriji:

Liġijiet, l-ogħla mit-tipi kollha ta' atti leġiżlattivi, li jiġu adottati mill-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja [*Seimas*] jew permezz ta' referendum nazzjonali, li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet ġuridiċi ġenerali maħsuba biex jirregolaw l-oqsma ewlenin tal-interazzjoni umana u li għandhom forza ġuridika prevalenti. Il-liġijiet jitqiesu bħala s-sors prinċipali tal-liġi.

Strumenti subordinati, li huma strumenti leġiżlattivi adottati fuq il-bażi ta' liġi maħsuba biex jagħtuha forma konkreta u jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha. L-istrumenti subordinati jistgħu ma jkunux konsistenti mal-liġijiet. Dawn jinkludu li ġej:

Riżoluzzjonijiet tal-Parlament,
Riżoluzzjonijiet tal-Gvern,
struzzjonijiet u ordnijiet tad-dipartimenti ministerjali,
riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-awtoritajiet lokali u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi,
strumenti oħra.

Atti dwar l-interpretazzjoni, li jiġu adottati sabiex jitfgħu dawl fuq it-tifsira u l-kontenut tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli. Dawn jiġu adottati minn istituzzjoni li għandha kompetenza biex tinterpreta l-liġi.

Atti ta' implimentazzjoni individwali, li permezz tagħhom jidħlu fis-seħħ ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti leġiżlattivi. Bl-istess mod bħall-istrumenti leġiżlattivi, l-atti ta' implimentazzjoni individwali jipproduċu effetti ġuridiċi iżda ma għandhomx l-i*status* ta' sors tal-liġi, għaliex ma joħolqux regoli ta' applikazzjoni universali iżda jindirizzaw skont il-kontenut normattiv tagħhom, persuni speċifiċi f'ċirkostanzi speċifiċi u huma ta' natura unika fis-sena li ma jibqgħux japplikaw meta s-sitwazzjoni soċjali konċernata (reklutaġġ, tmiem tal-impjieg, għoti ta' pensjoni, eċċ.) ma tibqax teżisti.

Sorsi oħra tal-liġi

Minbarra l-istrumenti leġiżlattivi, dawn li ġejjin ukoll huma meqjusa bħala sorsi ta' liġi primarja:

Prinċipji ġuridiċi ġenerali (*bona fide*, l-ekwità, ir-responsabbiltà individwali, ir-raġonevolezza) huma meqjusa bħala parti integrali mis-sistema ġudizzjarja Litwana kemm biex ifissru d-dispożizzjonijiet statutorji u biex jikkumplimentaw *lakunae* fil-liġi. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 135(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, il-prinċipji universalment rikonoxxuti tad-dritt internazzjonali wkoll huma meqjusa li jiffurmaw parti integrali mis-sistema ġudizzjarja Litwana, u l-qrati Litwani għalhekk għandhom japplikawhom u jużawhom bħala gwida.

Il-konswetudini, jiġifieri r-regoli ta' kondotta approvata mill-Istat u stabbilita fis-soċjetà minħabba natura ripetuta u b'effett fit-tul. Il-Kodiċi Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja jgħid li l-konswetudini hija sors dirett tal-liġi. Il-konswetudini tista' tiġi applikata meta liġi jew kuntratt jipprovdi espressament għall-applikazzjoni tagħha jew jekk ikun hemm *lakuna* f'regolament ġuridiku. Il-konswetudini li tikkontradixxi l-prinċipji ġuridiċi ġenerali jew dispożizzjonijiet ġuridiċi imperattivi ma' tistax tiġi applikata.

Dawn li ġejjin huma rikonoxxuti bħala sorsi sekondarju tal-liġi:

Il-preċedent ġudizzjarju, jiġifieri sentenza tal-qorti f'każ speċifiku li saret isservi ta' gwida għall-qrati tal-istess jew ta' istanza inferjuri meta' jeżaminaw każijiet simili. Il-preċedent ġudizzjarju huwa aktar ta' natura konsultattiva fis-sistema ġudizzjarja Litwana.

Id-dottrina ġuridika.

Ġerarkija ta' normi

Il-ġerarkija tal-atti leġiżlattivi hija kif ġej:

il-Kostituzzjoni,
il-liġijiet kostituzzjonali;
it-trattati ratifikati;
il-liġijiet
atti leġiżlattivi oħra li jimplimentaw il-liġijiet (atti tal-President, tal-Gvern, tal-Qorti Kostituzzjonali, eċċ.)

L-organizzazzjoni tal-Istituzzjonijiet:

Il- **Parlament Litwan** [*Seimas*] huwa l-unika istituzzjoni li tista' tadotta l-liġijiet. L-atti leġiżlattivi adottati minn kull istituzzjoni oħra jridu jkunu konsistenti mal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja u ma' liġijiet oħra.

Strumenti leġiżlattivi oħra jistgħu jiġu adottati minn:

il-Parlament Litwan (riżoluzzjonijiet),
il-President (digrieti),
il-Gvern (riżoluzzjonijiet),
ministri u korpi oħra tal-Gvern (ordnijiet),
awtoritajiet lokali (deċiżjonijiet, ordnijiet).

Bażijiet tad-dejta ġuridiċi

Il-bazi tad-dejta Litwan tal-atti leġiżlattivi (*Lietuvos teisės aktų duomenų bazė*) hija proprjetà ta' u hija miżmuma mill-**Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja.**

Il-bażi tad-dejta fiha li ġej:

atti leġiżlattivi adottati,
abbozzi tal-atti leġiżlattivi,
riżoluzzjonijiet,
konklużjonijiet,
tipi oħra ta' strumenti leġiżlattivi.

Id-dokumenti f'din il-bażi tad-dejta la huma uffiċjali u lanqas mhuma ġuridikament vinkolanti.

Tista' tfittex fil-bażi tad-dejta kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Litwan. Jista' jkollok aċċess għat-tipi varji ta' dokumenti leġiżlattivi billi tikklikkja l-menu li jinżel "Ittajpja".

Tista' ssib ukoll leġiżlazzjoni u dokumenti leġiżlattivi oħra fuq ir-Reġistru tal-atti leġiżlattivi tal-Litwanja (*Lietuvos teisės aktų registras*). Dan is-sit huwa miżmum mill-**intrapriża statali ċ-Ċentru tar-Reġistri** (*valstybė įmonė Registrų centras*) bis-superviżjoni tal-**Ministeru tal-Ġustizzja.** Mill-31 ta' Awwissu 2013 ir-Reġistru se jinżamm mill-Kanċellerija tal-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess kemm għar-reġistru kif ukoll għall-bażi tad-dejta tal-atti leġiżlattivi tal-Litwanja **huwa mingħajr ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Lussemburgu

F’din it-taqsima, issib ħarsa ġenerali lejn is-sorsi differenti tad-dritt fil-Lussemburgu.

Sorsi tad-dritt

Sorsi tad-dritt internazzjonali

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa marbut bi trattati internazzjonali, multilaterali u bilaterali. Minbarra l-obbligi li dawn l-impenji jimponu fuq l-Istat tal-Lussemburgu fir-relazzjonijiet tiegħu ma’ Stati oħra, xi wħud minn dawk it-trattati huma sorsi tad-dritt għall-individwi (pereżempju, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jibbażaw direttament fuq il-libertà tal-moviment abbażi tat-trattati Ewropej).

Ftehimiet internazzjonali

Dawn huma trattati internazzjonali u ftehimiet konklużi bejn il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u Stati barranin. Xi eżempji huma l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f’Ruma fl-4 ta’ Novembru 1950 jew it-trattati tal-Benelux iffirmati fl-Aja fit-3 ta’ Frar 1958 u fis-17 ta’ Ġunju 2008 rispettivament, u li jorbtu lill-Belġju, lin-Netherlands u lil-Lussemburgu.

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jinkludi t-trattati Ewropej infushom u r-regoli tal-leġiżlazzjoni sekondarja, li jinsabu fl-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ewropea: id-direttivi, id-deċiżjonijiet, ir-regolamenti, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Sorsi tad-dritt nazzjonali

Regoli kostituzzjonali

Il-Kostituzzjoni tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu ġiet promulgata fis-17 ta’ Ottubru 1868. Is-sistema kostituzzjonali stabbilita fl-1868 tixbah ħafna lis-sistema tal-Kostituzzjoni Belġjana tal-1831. Minkejja d-diversi differenzi fid-dettalji, wieħed jista’ jirreferi mingħajr riżerva għall-pubblikazzjonijiet dwar id-dritt kostituzzjonali Belġjan fir-rigward tal-prinċipji ġenerali. Minkejja d-diversi emendi kostituzzjonali li saru mill-promulgazzjoni tagħha, il-Kostituzzjoni attwali għadha tikkorrispondi b’mod sostanzjali mat-test promulgat fl-1868.

Il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu hija kostituzzjoni riġida, li jfisser li hija meħtieġa proċedura speċjali biex tiġi emendata, li hija aktar kumplessa mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Emenda fil-Kostituzzjoni tirrikjedi żewġ votazzjonijiet suċċessivi tal-Parlament tal-Lussemburgu (*Chambre des Députés*) u mill-anqas maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-voti mitfugħa, u mhix permessa votazzjoni bi prokura. Iż-żewġ votazzjonijiet iridu jsiru mill-anqas tliet xhur minn xulxin.

Jekk, fix-xahrejn ta’ wara l-ewwel votazzjoni, aktar minn kwart tal-membri tal-Parlament jew 25,000 votant jitolbu dan, it-test adottat fl-ewwel qari mill-Parlament jiġi soġġett għal referendum. F’dan il-każ, ma jkunx hemm it-tieni votazzjoni u l-emenda tiġi adottata biss jekk tikseb il-maġġoranza tal-voti validi mitfugħa.

Regoli leġiżlattivi

Il-liġijiet huma definiti bħala n-normi mgħoddija mill-Parlament u promulgati mill-Gran Duka. Il-korp leġiżlattiv tal-Lussemburgu jiddeċiedi fuq il-forma ġenerali li jrid li tieħu l-liġi amministrattiva tiegħu, ħlief meta dispożizzjoni kostituzzjonali jew dispożizzjoni tad-dritt internazzjonali tillimita l-libertà tagħha.

Regoli regolatorji

Naturalment, il-liġijiet ma jistgħux jirregolaw kull kwistjoni sal-anqas dettall. Barra minn hekk, l-użu tal-proċedura leġiżlattiva relattivament ikkumplikata mhux dejjem ikun xieraq, pereżempju fil-leġiżlazzjoni f’qasam fejn id-dispożizzjoni trid tiġi emendata b'mod frekwenti.

Huwa hawnhekk fejn jidħol ir-Regolament Gran Dukali (*règlement grand-ducal*), li huwa l-istrument ta’ implimentazzjoni għal-liġi. Fil-fatt, il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu tinkariga lill-Gran Duka bil-kompitu li “(jippromulga) ir-regolamenti u l-ordnijiet neċessarji biex il-liġijiet jidħlu fis-seħħ”.

X’inhuma, jekk hemm, is-sorsi l-oħra tal-liġi u x’forza għandhom?

Ġurisprudenza

Ir-rikonoxximent tal-ġurisprudenza bħala sors tad-dritt mhuwiex mingħajr id-diffikultajiet tiegħu. Fil-fatt, il-liġi tal-Lussemburgu ma tirrikonoxxix ir-“regola tal-preċedent” applikata f’ordinamenti ġuridiċi bbażati fuq il-mudell tad-dritt komuni, u l-qrati ġeneralment ma jkunux marbuta b’sentenzi mogħtija f’kawżi oħra, lanqas jekk pjuttost simili. Barra minn hekk, l-imħallfin huma pprojbiti milli jieħdu deċiżjonijiet permezz ta’ prinċipji ġenerali u s-sentenza tagħhom għalhekk trid tkun limitata dejjem għall-kawża speċifika li jkollhom quddiemhom.

Fil-prattika, il-produzzjoni tal-ġurisprudenza mogħtija f’kawża simili xorta waħda għandha sinifikat ċar. Barra minn hekk, meta strument ikun miftuħ għall-interpretazzjoni, l-imħallef ikollu b’mod ċar aktar setgħa minħabba li huwa jkun jista’ jfassal il-liġi filwaqt li jinterpretaha.

Ġurisprudenza internazzjonali

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jirrikonoxxi l-awtorità diretta ta’ diversi qrati internazzjonali, inkluża l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li għandha s-sede fi Strasburgu.

Ġurisprudenza Ewropea

Skont l-Artikolu 267 TFUE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tapplika għall-qrati nazzjonali permezz ta’ rinviju għal deċiżjoni preliminari, li jippermetti lill-qrati nazzjonali, qabel jieħdu deċiżjoni, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja s-soluzzjoni għall-problemi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, li l-individwi jistgħu jagħmlu użu minnu quddiem dawk il-qrati.

Ġurisprudenza nazzjonali

Bħala regola ġenerali, is-sentenzi tal-qrati mogħtija fil-konklużjoni ta’ proċedimenti ċivili u kummerċjali għandhom biss awtorità relattiva ta’ *res judicata*: dawn is-sentenzi jorbtu lill-partijiet fil-kawża, iżda ma jibdlux l-arranġament tal-liġi.

Dan huwa l-każ ukoll għall-maġġoranza tas-sentenzi mogħtija mill-qrati amministrattivi. Bħala eċċezzjoni, meta titressaq azzjoni kontra att regolatorju quddiem il-Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza (*Tribunal administratif*) jew il-Qorti Amministrattiva (*Cour administrative*), sentenza jew deċiżjoni tkun ta’ applikazzjoni ġenerali u tiġi ppubblikata fil-*Mémorial*, il-ġurnal uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali (*Cour constitutionnelle*) huma wkoll ta’ applikazzjoni ġenerali u jiġu ppubblikati fil-*Mémorial* (il-ġurnal uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu).

Il-prinċipji ġenerali tad-dritt

Fost ir-regoli derivati mill-ġurisprudenza, huwa importanti li tiġi nnotata b’mod partikolari l-kategorija tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, definiti bħala “normi ġuridiċi li jorbtu lill-amministrazzjoni u li l-eżistenza tagħhom hija kkonfermata bid-deċiżjonijiet tal-qrati”.

Ġerarkija tan-normi

Fil-liġi domestika, hemm ġerarkija tas-sorsi tad-dritt. Il-Kostituzzjoni hija l-ogħla sors tad-dritt, segwita mil-liġijiet u r-regolamenti.

Fin-nuqqas ta’ kwalunkwe dispożizzjoni kostituzzjonali, il-pożizzjoni tal-liġi tal-Lussemburgu dwar ir-relazzjoni bejn id-dritt internazzjonali u l-liġi domestika toħroġ esklussivament mill-ġurisprudenza.

Il-ġurisprudenza tal-Lussemburgu dwar dan il-punt kibret mill-bidu tas-snin 50 meta l-ewwel il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de Cassation*), u mbagħad il-Kunsill tal-Istat (*Conseil d'Etat*), immarkaw it-tmiem tal-pożizzjoni sostnuta qabel li rieżami mill-qrati, tal-konformità tal-liġijiet mat-trattati internazzjonali, kienet impossibbli minħabba s-separazzjoni tas-setgħat.

Skont id-deċiżjoni importanti tal-Kunsill tal-Istat tal-1951, "trattat internazzjonali inkorporat fil-leġiżlazzjoni domestika b'liġi ta' approvazzjoni huwa liġi ta' essenza superjuri li għandha oriġini ogħla mir-rieda ta' korp intern. Dan ifisser li fil-każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' trattat internazzjonali u dawk ta' liġi nazzjonali sussegwenti, id-dritt internazzjonali għandu jirbaħ fuq il-liġi nazzjonali" (Kunsill tal-Istat, 28 ta' Lulju 1951, Pas. lux. t. XV, p. 263).

Il-lingwaġġ ta' dik id-deċiżjoni ovvjament huwa ġenerali ħafna billi d-deċiżjoni tafferma mingħajr ebda distinzjoni li n-normi internazzjonali jirbħu fuq ir-rieda ta' kwalunkwe korp intern. Madankollu, il-qrati tal-Lussemburgu qatt ma ddeċidew b'mod espliċitu favur il-preminenza tan-normi internazzjonali fuq il-Kostituzzjoni.

Ta' min jinnota li l-Assemblea Kostitwenti, fiż-żmien tal-emenda tal-1956, irrifjutat b'mod espliċitu abbozz ta' liġi tal-gvern li ddikjara li "r-regoli tad-dritt internazzjonali huma parti mill-ordni ġuridiku nazzjonali. Huma jieħdu l-preċedenza fuq il-liġijiet nazzjonali u d-dispożizzjonijiet nazzjonali l-oħra kollha." Il-kummentarju dwar l-artikoli kien iddikjara b'mod ċar li din il-formulazzjoni tal-aħħar kellha tinkludi d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali.

Madankollu, il-Kunsill tal-Istat irrikonoxxa b'mod impliċitu dik il-preminenza f'opinjoni tas-26 ta' Mejju 1992 dwar l-abbozz ta' liġi li approva t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, fiha l-Kunsill jissuġġerixxi li "wieħed għandu jżomm f'moħħu li skont ir-regola tal-ġerarkija tan-normi legali, id-dritt internazzjonali jieħu l-preċedenza fuq il-liġi nazzjonali u, fil-każ ta' kunflitt, il-qrati għandhom iwarrbu l-liġi domestika favur it-Trattat. Minħabba l-importanza li tiġi evitata kontradizzjoni bejn il-liġi nazzjonali tagħna u d-dritt internazzjonali, il-Kunsill tal-Istat iħeġġeġ li l-emenda kostituzzjonali relatata sseħħ fil-perjodu ta' żmien xieraq biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' inkompatibbiltà bħal din." Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu għalhekk jidher li ħa triq deċiżament internazzjonalista.

Din is-sitwazzjoni hija bla dubju ta' xejn konsegwenza teknika tan-nuqqas ta' rieżami kostituzzjonali tal-liġijiet fil-Lussemburgu. Il-Qorti Kostituzzjonali tivverifika l-konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni. Kwistjoni dwar il-konformità mal-Kostituzzjoni, ta' liġi li tapprova trattat internazzjonali, ma tistax fil-fatt tiġi rinvijata lilha.

Fis-sistema legali tal-Lussemburgu, liġijiet li jmorru kontra l-Kostituzzjoni jistgħu jiġu ddikjarati bħala mhux kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali. Qorti ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Lussemburgu tista' tirrinvija kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali meta, fil-kuntest ta' proċedimenti quddiemha, titqajjem il-kwistjoni tal-kostituzzjonalità. Mhux possibbli li jsir rikors direttament lill-Qorti.

Huwa possibbli wkoll rikors għall-annullament kontra atti regolatorji illegali quddiem il-Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza bil-possibbiltà ta' appell quddiem il-Qorti Amministrattiva. Madankollu, rikors bħal dan ikun ammissibbli biss fi żmien perjodu ta' tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-regolament. Jekk, wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-legalità ta' att regolatorju tiġi diskussa quddiem qorti ġudizzjarja jew amministrattiva, il-qorti xorta jkollha l-għażla li twarrab l-istrument regolatorju favur il-liġi, iżda, b'differenza mill-azzjoni diretta possibbli matul it-tliet xhur ta' wara l-pubblikazzjoni, dik is-sentenza ma tkunx eżegwibbli b'mod ġenerali.

Dħul fis-seħħ nazzjonali tar-regoli fi strumenti supranazzjonali

Ftehimiet internazzjonali

Il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu hija eċċezzjonalment konċiża fir-regolamentazzjoni tal-proċedura għall-approvazzjoni tat-trattati internazzjonali billi tillimita ruħha li tiddikjara li "t-trattati ma jkollhomx effett qabel ma jkunu ġew approvati bil-liġi u ppubblikati fil-forom speċifikati għall-pubblikazzjoni tal-liġijiet".

Il-Gran Dukat huwa pajjiż bi tradizzjoni monistika. Fi kliem ieħor, it-trattat innifsu japplika bl-istess mod bħal norma domestika tal-Gran Dukat mingħajr il-ħtieġa li jiġi traspost f'forma jew oħra.

Il-kontenut tal-liġi ta' approvazzjoni għalhekk huwa qasir ħafna u ġeneralment jillimita ruħu għal artikolu wieħed li jgħid li trattat partikolari "huwa b'dan approvat". Din il-liġi ma jkollha l-ebda kontenut normattiv. Il-liġi ta' approvazzjoni tapprova, iżda ma tittrasponix; hija ma għandha l-ebda skop ieħor ħlief li tawtorizza lill-Gvern jipproċedi bir-ratifika tat-trattat.

Il-liġi ta' approvazzjoni tingħadda mill-Parlament skont il-proċedura ordinarja. Il-votazzjoni normalment issir b'maġġoranza assoluta, ħlief jekk it-trattat ikun jinkludi d-delega tas-setgħat (ara hawn taħt). Mill-emenda tal-1956, il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu tinkludi dispożizzjoni espliċita li tagħmilha possibbli li s-setgħat jiġu delegati lil organizzazzjonijiet internazzjonali permezz ta' trattat. L-Artikolu 49*bis* tal-Kostituzzjoni jgħid li "l-eżerċizzju tas-setgħat riżervati mill-Kostituzzjoni għall-fergħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji jista' jingħata temporanjament bi trattat lil istituzzjonijiet regolati bid-dritt internazzjonali". It-tieni paragrafu tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, madankollu, jistipula li t-trattati ta' dan it-tip iridu jiġu approvati mill-Parlament b'maġġoranza konsiderevolment rinforzata.

Ħlief fejn ikun previst b'mod espliċitu, il-mogħdija ta' liġi ta' approvazzjoni ma għandhiex l-effett li ddaħħal fis-seħħ trattat fil-liġi nazzjonali tal-Lussemburgu. Il-liġi ta' approvazzjoni hija prerekwiżit għad-dħul fis-seħħ tagħha iżda dan iseħħ biss wara r-ratifika. Barra minn hekk, fil-Lussemburgu, anke wara l-approvazzjoni mill-Parlament, il-fergħa eżekuttiva hija meqjusa li żżomm id-diskrezzjoni sħiħa biex tirratifika t-test u l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa ma jistax jiġi rieżaminat mill-qrati.

Id-dħul fis-seħħ ta' trattat fil-liġi nazzjonali huwa ġeneralment soġġett għal tliet kundizzjonijiet: (1) il-Gran Dukat irid ikun irratifika t-trattat, (2) it-trattat irid ikun fis-seħħ b'mod internazzjonali u (3) it-test tat-trattat irid ikun ġie ppubblikat b'mod sħiħ fil-*Mémorial* tal-Lussemburgu bl-istess mod bħal liġi.

Ta' min jinnota li l-pubblikazzjoni tat-trattat (mitluba mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni) hija rekwiżit separat mir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni tal-liġi li tapprova t-trattat. Naturalment, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, iż-żewġ kundizzjonijiet jiġu ssodisfati fl-istess ħin, jiġifieri t-test tat-trattat jiġi ppubblikat fil-*Mémorial* immedjatament wara dak tal-liġi. Madankollu, huma żewġ atti separati u l-pubblikazzjoni tagħhom tista' tkun separata minħabba li t-trattat ma jiffurmax parti integrali mil-liġi ta' approvazzjoni.

Normi tal-Unjoni Ewropea

Il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu ma fihiex dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea sekondarja fil-liġi nazzjonali tal-Lussemburgu.

L-istrument normali għall-implimentazzjoni tad-direttivi Ewropej huwa liġi adottata b'maġġoranza ordinarja tal-Parlament.

Filwaqt li, fil-prinċipju, id-direttivi Ewropej normalment iridu jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-Lussemburgu permezz ta' liġi, madankollu mhuwiex neċessarju li tintuża l-liġi formali meta d-direttiva tkun tikkonċerna kwistjoni diġà regolata b'liġi mhux kontradittorja tal-Lussemburgu. F'dan il-każ, it-traspożizzjoni tista' ssir permezz ta' Regolament Gran Dukali adottat fuq il-bażi tas-setgħa ġenerali ta' infurzar tal-liġijiet li l-Gvern jieħu mill-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni. *Strettament*, għalhekk, dak li jkun qiegħed jinforza l-Gran Duka tkun il-liġi tal-Lussemburgu, anki jekk il-kontenut tar-regolament fil-fatt ikun ibbażat fuq id-direttiva Ewropea.

L-użu tal-leġiżlazzjoni jista' jiġi evitat ukoll meta l-kwistjoni armonizzata mid-direttiva tkun is-suġġett ta' statut abilitanti li permezz tiegħu l-Parlament jagħti lill-Gvern is-setgħa li jittratta kwistjonijiet li normalment jaqgħu fl-ambitu tal-liġijiet permezz ta' regolamenti sempliċi.

"Statuti abilitanti" bħal dawn ilhom jiġu adottati mill-Parlament mill-1915 u l-Gvern għalhekk għandu setgħat regolatorji estensivi fl-oqsma tal-ekonomija u l-finanzi li, anki fin-nuqqas ta' referenza espliċita għall-Ewropa, bla dubju kienu jippermettulu li jittrasponi wkoll diversi direttivi Ewropej.

Madankollu, it-traspożizzjoni tad-direttivi Ewropej illum hija regolata bi statut abilitanti speċifiku tad-9 ta' Awwissu 1971, emendat b'liġi tat-8 ta' Diċembru 1980, li l-għan tiegħu huwa limitat għall-awtorizzazzjoni tal-Gvern biex jesegwixxi u japprova d-direttivi tal-Komunitajiet Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-

ekonomija, it-teknoloġija, l-agrikoltura, il-forestrija, l-affarijiet soċjali u t-trasport. B'deroga mill-proċedura regolatorja ordinarja, ir-regolamenti Gran Dukali inkwistjoni jridu jkunu rċevew l-approvazzjoni tal-kumitat parlamentari rilevanti.

Il-proċedura għall-adozzjoni tar-regolamenti Gran Dukali hija kkaratterizzata, bħall-proċedura leġiżlattiva, mill-obbligu tal-Gvern li jissottometti l-abbozz ta' liġi tiegħu għall-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat u tal-kmamar professjonali (*Chambres professionnelles*). Madankollu, b'differenza mill-proċedura leġiżlattiva, il-proċedura regolatorja tippermetti lill-Gvern sempliċement li jevita dawn il-konsultazzjonijiet fuq il-bażi tal-urġenza li tiġi adottata l-miżura rakkomandata. Madankollu, din il-faċilità hija miċħuda lill-Gvern meta jkollu l-għan li jittrasponi Direttiva tal-UE permezz ta' regolament Gran Dukali. Fil-fatt, il-liġi tad-9 ta' Awwissu 1971 tissupplimenta l-proċedura regolatorja ordinarja billi tirrikjedi, minn naħa, il-konsultazzjoni obbligatorja tal-Kunsill tal-Istat u, min-naħa l-oħra, l-approvazzjoni tal-kumitat parlamentari rilevanti.

Fiż-żewġ każijiet, it-test tar-Regolament Gran Dukali jiġi adottat fil-Kunsill tal-Ministri (*Conseil des ministres*), imbagħad jiġi ffirmat mill-Ministru responsabbli u jiġi ppreżentat lill-Gran Duka għall-iskop ta' promulgazzjoni. Ir-Regolament Gran Dukali jidħol fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Mémorial*.

Dħul fis-seħħ ta' regoli ta' oriġini nazzjonali

Fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, il-liġijiet u r-regolamenti jidħlu fis-seħħ biss wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Mémorial*.

Awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jadottaw regoli legali

Normi internazzjonali

Il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu tgħid li "Il-Gran Duka jiffirma t-trattati". Madankollu, hija tgħid ukoll li "it-trattati ma jidħlux fis-seħħ qabel ma jkunu ġew approvati bil-liġi u ppubblikati fil-forom speċifikati għall-pubblikazzjoni tal-liġijiet".

Għandu jiġi nnotat li l-approvazzjoni hija meħtieġa għat-trattati internazzjonali kollha, irrispettivament mill-għan tagħhom u li din l-approvazzjoni trid tingħata fil-forma ta' liġi. Din il-kjarifika tal-aħħar iddaħħlet fl-1956 fuq talba espliċita tal-Kunsill tal-Istat, li qies li "din l-approvazzjoni hija marbuta mal-proċedura tat-tfassil tal-liġijiet, minħabba li l-Kostituzzjoni tirrikonoxxi biss din il-proċedura unika, li tapplika għall-espressjonijiet kollha tar-rieda tal-Parlament, fuq kwalunkwe kwistjoni".

Normi nazzjonali

Fis-sistema leġiżlattiva tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, **l-inizjattiva għal liġi** tista' tiġi mill- Parlament jew mill- Gvern.

Id-dritt ta' inizjattiva tal-Gvern jissejjaħ "inizjattiva tal-gvern" u jiġi eżerċitat billi jiġu ppreżentati "**abbozzi ta' liġijiet tal-Gvern**".

Id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament jissejjaħ "inizjattiva parlamentari" u jiġi eżerċitat billi jiġu ppreżentati "**abbozzi ta' liġijiet ta' membri privati**".

Wara, dawn l-abbozzi ta' liġijiet tal-gvern jew ta' membri privati jiġu sottomessi għall-opinjonijiet tal-korpi kkonċernati (kmamar professjonali) u, fuq kollox, għall-opinjoni tal- **Kunsill tal-Istat**. Wara li tasal l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat, l-abbozz ta' liġi tal-gvern jew tal-membru privat jintbagħat lura lill-Parlament.

Proċess għall-adozzjoni ta' dawn in-normi ġuridiċi

Liġijiet

Il-Parlament huwa parlament unikamerali.

Sabiex jiġi mitigat ir-riskju ta' impetwożità f'sistema unikamerali, l-Assemblea Kostitwenti tal-Lussemburgu stipulat li kull abbozz ta' liġi tal-gvern irid fil-prinċipju jkun is-suġġett ta' żewġ votazzjonijiet, mill-anqas tliet xhur minn xulxin.

Madankollu, il-Kostituzzjoni tistipula li l-ħtieġa tat-tieni votazzjoni (magħrufa bħala "it-tieni votazzjoni kostituzzjonali") tista' titwarrab "jekk il-Parlament, bi qbil mal-Kunsill tal-Istat, li jkun f'sessjoni miftuħa, jiddeċiedi mod ieħor".

F'dan il-każ, il-Kunsill tal-Istat jeżerċita funzjoni distintiva ħafna, simili għar-rwol tat-tieni kmamar leġiżlattivi fi Stati oħra (u b'mod partikolari r-rwol tal-House of Lords fl-Ingilterra). Huwa jkun involut l-ewwel darba qabel id-dibattiti parlamentari. Il-Kostituzzjoni tirrikjedi li tintalab l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat fuq kull abbozz ta' liġi tal-gvern jew ta' membru privat. Il-Kunsill tal-Istat imbagħad jipparteċipa għat-tieni darba wara l-ewwel votazzjoni tal-Parlament biex jiddeċiedi, f'sessjoni miftuħa, jekk jirrinunzjax għat-tieni votazzjoni.

Fil-prattika, it-tieni votazzjoni tiġi rinunzjata b'dan il-mod għall-maġġoranza kbira tal-liġijiet. Il-Kunsill tal-Istat adotta politika li biha r-rinunzja tingħata kważi fil-każijiet kollha, bis-sanzjoni tar-rifjut tiġi riżervata għall-aktar każijiet serji. L-ostakli potenzjali għar-rinunzja ħafna drabi jitneħħew matul il-proċedura preliminari. Ta' min jinnota wkoll li s-setgħa tal-Kunsill tal-Istat mhijiex setgħa effettiva tal-veto, li, barra minn hekk, tkun diffiċli biex tiġi rikonċiljata mal-fatt li l-Kunsill tal-Istat huwa korp mhux elett. Fil-fatt, il-membri tal-Kunsill tal-Istat jiġu maħtura mill-Gran Duka. Fil-każ ta' post battal, is-sostituti jinħatru fl-ordni li ġejja, l-ewwel: direttament mill-Gran Duka, it-tieni: minn lista ta' tliet kandidati proposti mill-Parlament u t-tielet: minn lista ta' tliet kandidati proposti mill-Kunsill tal-Istat. Il-Kunsill tal-Istat jista' jittardja l-approvazzjoni ta' liġi biss b'xahrejn u b'dan il-mod jagħti lill-korp leġiżlattiv żmien addizzjonali għar-riflessjoni.

Il-Gran Duka jipparteċipa mhux biss fil-bidu tal-proċedura leġiżlattiva (għall-abbozzi ta' liġijiet tal-gvern), iżda wkoll wara l-approvazzjoni finali tat-test tal-liġi mill-Parlament. Il-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu tgħid li "l-Gran Duka jippromulga l-liġijiet fi żmien tliet xhur mill-vot tal-Parlament."

Regolamenti Gran Dukali

Skont l-Artikolu 2 tal-liġi tat-12 ta' Lulju 1996 li tirriforma l-Kunsill tal-Istat (*loi du 12 juillet 1996 portant réforme du Conseil d'Etat*), kull **abbozz ta' regolament** li jimplimenta liġijiet u trattati jista' jiġi sottomess biss lill-Gran Duka ladarba l-**Kunsill tal-Istat** ikun ġie kkonsultat għall-**opinjoni** tiegħu.

Madankollu, il-Gvern jista' jneħħi din ir-regola ġenerali f'każijiet ta' urġenza (li għandhom jiġu valutati mill-Gran Duka fuq il-bażi ta' rapport motivat sewwa mħejji mill-Ministru proponenti) u konsegwentement ma jfittixx l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat (jew *Haute Corporation* kif xi drabi jissejjaħ). Madankollu, l-eżerċizzju ta' din il-**proċedura ta' emerġenza** għandu jkun riżervat għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

Barra minn hekk, jekk att tal-Parlament jirrikjedi espliċitament li l-Kunsill tal-Istat jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-regolamenti li jimplimentaw dik il-liġi, il-proċedura ta' emerġenza ma tista' tiġi eżerċitata taħt l-ebda ċirkustanza. Dan huwa l-każ ukoll għall-emendi għal abbozzi ta' regolamenti li l-Kunsill tal-Istat ikun diġà ħareġ l-ewwel opinjoni tiegħu dwarhom.

Bl-istess mod bħal fil-każ tal-atti tal-Parlament, il-Kunsill tal-Istat jagħti l-opinjonijiet tiegħu dwar l-abbozzi ta' regolamenti fil-forma ta' **rapport motivat** li jkun fih konsiderazzjonijiet ġenerali, eżami tat-test tal-abbozz u, meta jkun meħtieġ, kontroabbozz ta' regolament.

L-eżami mill-Kunsill tal-Istat iqis il-kontenut u l-forma tal-abbozzi ta' regolamenti kif ukoll il-konformità tagħhom ma' norma ġuridika ogħla.

Bażijiet ta' *data* leġiżlattivi

Is-sit Légilux huwa l-portal tal-liġi online tal-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Huwa jipprovdi aċċess għal-leġiżlazzjoni tal-Lussemburgu, jew fil-forma tat-testi oriġinali fil-*Mémorial A* jew fil-forma ta' testi konsolidati, li jinsabu fil-biċċa l-kbira f'kodiċijiet u ġabriet leġiżlattivi.

Is-sit huwa maqsum fi tliet oqsma ewlenin, li huma:

Il- Qasam tal-Leġiżlazzjoni li jiġbor flimkien il-pubblikazzjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni tal-Lussemburgu, diversi pubblikazzjonijiet oħra u t-testi konsolidati.

Il- Qasam tal-Amministrazzjoni li jinkludi l-pubblikazzjonijiet meqjusa bħala "amministrattivi". Dan jikkonsisti prinċipalment minn ġabriet tal-*Mémorial B* u l-*Annuaire Officiel d'Administration et de Législation* (id-direttorju uffiċjali tal-amministrazzjoni u l-leġiżlazzjoni).

Il- Qasam tal-Kumpaniji u tal-Assoċjazzjonijiet, il-*Mémorial C*, mill-1 ta' Ġunju 2016, ġie sostitwit b'lista tal-pubblikazzjonijiet disponibbli fuq is-sit web tar- Reġistri Kummerċjali tal-Lussemburgu (*Registre de commerce et des Sociétés* — RCS). L-arkivji tal-*Mémorial C*, mill-1996 sal-aħħar *Mémorial C* ippubblikat fis-27 ta' Lulju 2016, se jibqgħu disponibbli fil- Qasam tal-Kumpaniji u tal-Assoċjazzjonijiet.

L-aċċess għall-bażi ta' *data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess għall-bażijiet ta' *data* huwa **bla ħlas**.

Ħoloq relatati

Is-sit Légilux

Il-Kunsill tal-Istat

Il-Parlament

Il-Gvern

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

L-aħħar aġġornament: 17/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Ungerija

Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku fl-Ungerija.

Sorsi tal-liġi

I. Ġerarkija leġiżlattiva

1. Liġi Fundamentali

Il-**Liġi Fundamentali tal-Ungerija** (promulgata fil-25 ta’ April 2011), hija fil-quċċata tal-ġerarkija leġiżlattiva fl-Ungerija, u kull liġi oħra trid tkun kompatibbli magħha. Il-Liġi Fundamentali ġiet ippromulgata mill-**Parlament Ungeriż** (magħruf ukoll bħala l-Assemblea Nazzjonali), u **emenda** teħtieġ **maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-voti tal-Membri Parlamentari kollha** (l-Artikolu S(2) tal-Liġi Fundamentali).

Il-Liġi Fundamentali u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tagħha (id-Dispożizzjonijiet Tranżitorji tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, promulgati fil-31 ta’ Diċembru 2011) **daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2012**.

Il-Liġi Fundamentali tikkonsisti f’**sitt taqsimiet**: preambolu intitolat **Dikjarazzjoni Nazzjonali** kif ukoll it-taqsimiet intitolati **Bażi**(l-Artikolu A sa U), **Libertà u Responsabbiltà** (l-Artikolu I sa XXXI), **L-Istat** (l-Artikolu 1 sa 54), Ordinamenti Ġuridiċi Speċjali, u **Dispożizzjonijiet Finali u Mixxellanji**.

It-taqsima intitolata **Bażi** fiha dispożizzjonijiet ġenerali u tiddefinixxi dawn li ġejjin:

il-forma tal-gvern,

il-prinċipji fundamentali tal-operat tal-Istat,

it-trasferiment ta’ ċerti setgħat lill-Unjoni Ewropea,

l-entitajiet amministrattivi pubbliċi u reġjonali tal-Ungerija,

id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar iċ-ċittadinanza Ungeriża u dwar kif din tista’ tinkiseb,

il-lingwa uffiċjali, l-istemma araldika, il-bandiera, l-innu nazzjonali, il-festi nazzjonali u l-munita uffiċjali tal-Ungerija,

il-pożizzjoni tal-Liġi Fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Ungerija, jiġifieri l-Liġi Fundamentali hija l-bażi tal-ordinament ġuridiku tal-Ungerija,

il-proċedura għall-adozzjoni u għall-emendar tal-Liġi Fundamentali,

it-tipi ta’ leġiżlazzjoni Ungeriża,

għadd ta’ prinċipji fundamentali, li jinkludu:

il-projbizzjoni tal-assunzjoni u tal-eżerċitar tas-setgħa bil-forza,

ir-responsabbiltà għad-destin ta’ Ungeriżi li jgħixu lil hinn mill-fruntieri tal-Ungerija,

il-kooperazzjoni fit-twaqqif tal-unità Ewropea,

il-ħarsien tal-istituzzjoni taż-żwieġ,

l-iżgurar tal-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni ġusta,

il-prinċipju ta’ ġestjoni baġitarja bilanċjata, trasparenti u sostenibbli,

l-obbligu tal-protezzjoni u s-sostenn tar-riżorsi naturali,

il-ħolqien u l-preservazzjoni tal-paċi u tas-sigurtà, u l-impenn favur kooperazzjoni man-nazzjonijiet u mal-pajjiżi kollha tad-dinja biex jinkiseb żvilupp sostenibbli tal-umanità.

It-taqsima intitolata **Libertà u Responsabbiltà** tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi fundamentali. **Is-segwenti (fost oħrajn) huma rikonoxxuti bħala drittijiet fundamentali**:

id-dritt għall-ħajja u għad-dinjità tal-bniedem,

il-projbizzjoni tat-tortura, ta’ trattament jew ta’ pieni inumani jew degradanti, tal-iskjavitù jew tas-servitù, u tat-traffikar tal-bnedmin,

il-projbizzjoni tal-prattiki ewġeniċi kollha, ta’ kwalunkwe użu tal-ġisem tal-bniedem jew ta’ xi partijiet minnu għal qligħ finanzjarju, u tal-ikklonjar tal-bnedmin,

id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà personali, u dispożizzjonijiet li jiggarantixxu li ħadd ma jiċċaħħad mil-libertà tiegħu,

id-dritt għal-libertà tal-moviment u tal-għażla ħielsa tar-residenza,

id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja,

id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-aċċess għad-*data* ta’ interess pubbliku,

id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon,

id-dritt għal-libertà ta’ għaqda paċifika,

id-dritt għal-libertà ta’ espressjoni,

id-dritt għall-edukazzjoni u l-kultura,

id-dritt li wieħed jagħżel b’mod liberu x-xogħol, l-okkupazzjoni u l-attivitajiet intraprenditorjali tiegħu,

id-dritt għall-proprjetà,

il-projbizzjoni tat-tkeċċija ta’ ċittadini Ungeriżi mit-territorju tal-Ungerija,

id-dritt għall-asil,

l-ugwaljanza quddiem il-liġi,

in-nondiskriminazzjoni,

il-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal,

id-dritt għal ambjent b’saħħtu,

id-dritt tal-vot u d-dritt ta’ kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ungeriż, tar-rappreżentanti lokali u tas-sindki, u fl-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew,

id-dritt ta' kull ċittadin għal amministrazzjoni imparzjali u ġusta tal-kwistjonijiet personali tiegħu fi żmien raġonevoli,
id-dritt ta' kull ċittadin Ungeriż li jkun protett mill-Ungerija matul is-soġġorn tiegħu barra minn pajjiżu,
u l-Liġi Fundamentali tiddefinixxi wkoll id-drittijiet tan-nazzjonalitajiet u d-drittijiet ewlenin ta' persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali.
Skont il-Liġi Fundamentali, l-Ungerija tistinka biex, fost oħrajn:
tipprovdi sigurtà soċjali għaċ-ċittadini kollha tagħha,
tipprovdi akkomodazzjoni diċenti lil kull persuna kif ukoll aċċess għas-servizzi pubbliċi.
Il-Liġi Fundamentali tistabbilixxi wkoll diversi **obbligi**, jiġifieri:
l-obbligu li wieħed jikkontribwixxi għas-sodisfar tal-ħtiġijiet komuni (kondiviżjoni ta' piżijiet pubbliċi), u
l-obbligu għaċ-ċittadini Ungeriżi li jiddefendu lill-pajjiżhom.
It-taqsima tal-Liġi Fundamentali intitolata **L-Istat** fiha l-aktar regoli fundamentali li japplikaw għad-dinjitarji pubbliċi u għall-aktar istituzzjonijiet importanti tal-pajjiż, u tistabbilixxi l-istatus ġuridiku u l-kompiti ta':
il-parlament,
il-President tar-Repubblika,
il-Gvern,
il-korpi regolatorji awtonomi,
il-Qorti Kostituzzjonali,
is-servizzi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni,
il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali,
il-gvernijiet lokali,
il-Bank Nazzjonali tal-Ungerija,
l-Uffiċċju tal-Awdituri tal-Istat,
il-Forzi Armati Ungeriżi
il-pulizija u s-servizzi tas-sigurtà nazzjonali,
ir-referenda nazzjonali.
It-taqsima tal-Liġi Fundamentali intitolata **Ordinamenti Ġuridiċi Speċjali** fiha regoli li jirregolaw stati ta' kriżi nazzjonali, stati ta' emerġenza, stati ta' difiża preventiva, attakki imprevisti u stati ta' periklu estrem.

2. Atti tal-Parlament

Fl-Ungerija, l-Atti jiġu adottati mill-**Parlament**. Skont il-Liġi Fundamentali r-**regoli dwar id-drittijiet u l-obbligi fundamentali** jiġu determinati mill-Atti. L-atti tal-Parlament jiġu adottati b'**maġġoranza sempliċi tal-voti** (aktar minn nofs il-voti tal-membri preżenti). Dan ma japplikax għall-hekk imsejħa **Atti kardinali** definiti mil-Liġi Fundamentali, li l-adozzjoni u l-emenda tagħhom jeħtieġu maġġoranza ta' **żewġ terzi** tal-voti tal-Membri tal-Parlament **preżenti**.
Skont il-Liġi Fundamentali l-Atti kardinali japplikaw pereżempju għaċ-ċittadinanza, għall-knejjes, għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali li jgħixu fl-Ungerija, għall-istatus ġuridiku u għar-remunerazzjoni tal-Membri tal-Parlament u tal-President tar-Repubblika, għall-Qorti Kostituzzjonali, għall-gvernijiet lokali, ir-regoli dettaljati għall-użu tal-istemma araldika u tal-bandiera, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-onorifiċenzi tal-Istat.
Skont il-Liġi Fundamentali, l-awtorizzazzjoni biex tiġi rikonoxxuta n-natura vinkolanti tat-Trattati kostituttivi u emendatorji tal-Unjoni Ewropea, għad-dikjarazzjoni ta' stat ta' gwerra, għall-konklużjoni tal-paċi u għad-dikjarazzjoni ta' stat ta' ordinament ġuridiku speċjali, teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-Membri Parlamentari kollha.
Qabel l-adozzjoni tal-Att XXXI tal-1989 dwar l-emenda tal-Kostituzzjoni, il-Kunsill Presidenzjali tal-Ungerija kien awtorizzat joħroġ ordnijiet amministrattivi. Mill-perspettiva tal-ġerarkija leġiżlattiva, l-ordnijiet amministrattivi li għadhom fis-seħħ jikkwalifikaw bħala regolamenti fuq l-istess livell tal-Atti.

3. Digrieti

Il-Liġi Fundamentali tirrikonoxxi d-digrieti tal-gvern, id-digrieti tal-Prim Ministru, id-digrieti ministerjali, id-digrieti mill-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija, id-digrieti mill-kapijiet ta' korpi regolatorji awtonomi u d-digrieti tal-gvern lokali. Id-digrieti jistgħu jinħarġu wkoll mill-Kunsill Nazzjonali għad-Difiża waqt stat ta' kriżi nazzjonali, u mill-President tar-Repubblika waqt stat ta' emerġenza.

3.1. Digriet tal-Gvern

L-awtorità tal-**Gvern** li jippromulga **digrieti** tista' tkun **primarja jew ibbażata fuq setgħat iddelegati lilu mill-Atti**. Is-setgħat primarji huma stabbiliti mill-Artikolu 15 (3) tal-Liġi Fundamentali, li jgħid li l-Gvern jista' joħroġ digrieti fl-isfera tal-awtorità tiegħu dwar kwalunkwe kwistjoni li ma tkunx regolata minn Att. L-ebda digriet tal-Gvern ma għandu jkun f'konflitt ma' xi Att ieħor. Dan ma jillimitax is-setgħat tal-Parlament, li jista' jilleġisla dwar kull qasam regolatorju taħt l-awtorità tiegħu.
Skont il-Liġi Fundamentali u l-Att CXXX tal-2010 dwar il-leġiżlazzjoni, il-Gvern jista', abbażi wkoll ta' awtorità leġiżlattiva speċifika, jippromulga digrieti li jimplimentaw Atti. Skont it-Taqsima 5(1) tal-Att CXXX tal-2010, l-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' regolamenti ta' implimentazzjoni għandha tispeċifika d-detentur, is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorità. Id-detentur tal-awtorità ma jistax jgħaddi l-awtorità leġiżlattiva lil xi parti oħra.

3.2. Digrieti tal-Prim Ministru

Skont il-Liġi Fundamentali, anke l-Prim Ministru jista' joħroġ digrieti, pereżempju jista' jaħtar b'digriet deputat prim ministru minn fost il-ministri. Id-digrieti tal-prim ministru ministerjali jikklassifikaw fuq l-istess livell tad-digrieti ministerjali fil-ġerarkija tal-leġiżlazzjoni.

3.3. Digrieti ministerjali

Id-**digrieti ministerjali** jikklassifikaw taħt id-digrieti tal-gvern fil-ġerarkija tal-leġiżlazzjoni. Skont il-Liġi Fundamentali l-ministri jadottaw digrieti **permezz tal-awtorità** konferita lilhom minn xi Att jew minn xi digriet tal-gvern (maħruġa fil-kompetenza leġiżlattiva oriġinali tagħhom), kemm jekk fuq bażi indipendenti jew bi ftehim ma' xi ministru ieħor; tali digrieti ma jistgħux ikunu f'konflitt ma' xi Att, xi digriet tal-gvern jew xi digriet tal-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija.

3.4. Digrieti tal-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija

Abbażi tal-kompetenza tiegħu kif definit minn Att kardinali, il-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija jista' joħroġ **digrieti bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni statutorja**, li ma jistgħux ikunu f'konflitt ma' xi liġi oħra.

3.5. Digrieti tal-kapijiet ta' korpi regolatorji awtonomi

Skont l-Artikolu 23(4) tal-Liġi Fundamentali, u abbażi tal-kompetenzi tagħhom definiti f'Att kardinali, il-kapijiet ta' korpi regolatorji awtonomi joħorġu digrieti permezz ta' awtorizzazzjoni statutorja, li ma jistgħux ikunu f'konflitt ma' xi Att, digriet tal-gvern, digriet tal-Prim Ministru, digriet ministerjali jew ma' xi digriet tal-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija.

3.6. Digrieti tal-gvern lokali

Skont l-Artikolu 32(2) tal-Liġi Fundamentali, u abbażi tal-kompetenzi tagħhom, il-gvernijiet lokali jistgħu jadottaw digrieti lokali sabiex jirregolaw ir-relazzjonijiet soċjali lokali li mhumiex regolati minn xi Att jew bl-awtorità ta' xi Att. Id-digrieti tal-gvern lokali ma jistgħux ikunu f'konflitt ma' xi leġiżlazzjoni oħra.

Ir-regoli dettaljati dwar id-digrieti li għandhom jiġu adottati minn korpi rappreżentattivi tal-gvern lokali huma stabbiliti fl-Att CLXXXIX tal-2011 dwar il-gvernijiet lokali tal-Ungerija.

4. Ftehimiet internazzjonali u l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali

Il-Gvern tal-Ungerija jista' jikkonkludi **ftehimiet internazzjonali** ma' stati oħra jew mal-gvernijiet ta' stati oħra. Fl-Ungerija, ir-relazzjoni bejn il-ftehimiet internazzjonali u l-liġi nazzjonali hija bbażata fuq sistema duwalista; jiġifieri, il-ftehimiet internazzjonali jsiru **parti mil-liġi nazzjonali** permezz tal-**promulgazzjoni** tagħhom tramite regolamenti legali.

Prinċipji tad-dritt internazzjonali

Skont l-Artikolu Q(3) tal-Liġi Fundamentali, l-Ungerija taċċetta r-regoli ġeneralment rikonoxxuti tad-dritt internazzjonali. Id-dritt internazzjonali konswetudinarju u l-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali jsiru parti mil-liġi nazzjonali mingħajr il-ħtieġa ta' trasformazzjoni.

II. Sorsi ta' liġi mhux leġiżlattivi

1. Strumenti legali tal-gvern tal-istat

L-ordinament ġuridiku Ungeriż jinkludi strumenti legali tal-gvern tal-istat li, għalkemm fihom dispożizzjonijiet normattivi, ma jikkwalifikawx bħala leġiżlazzjoni. L-Att dwar il-Leġiżlazzjoni (l-Att CXXX tal-2010) jiddefinixxi żewġ tipi ta' strumenti legali tal-gvern tal-istat: deċiżjonijiet normattivi u digrieti normattivi. Dawn huma regoli ta' kondotta li mhumiex vinkolanti fuq livell ġenerali, jiġifieri mhumiex vinkolanti fuq kulħadd. Huma sempliċement dispożizzjonijiet interni, normi organizzattivi u operattivi li jirrigwardaw biss l-emittent jew lill-korpi jew l-persuni subordinati tiegħu. Id-deċiżjonijiet u d-digrieti normattivi ma jistgħux jiddeterminaw id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini. L-istrumenti legali tal-gvern tal-istat ma jistgħux ikunu f'konflitt ma' xi leġiżlazzjoni oħra u ma jistgħux jirrepetu dispożizzjonijiet leġiżlattivi.

Skont l-Att dwar il-Leġiżlazzjoni preċedenti (l-Att XI tal-1987) il-**komunikazzjonijiet statistiċi** u l-**linji gwida legali** kienu jikkwalifikaw ukoll bħala sorsi tal-liġi (magħrufa bħala strumenti legali oħra ta' governanza) li ma jikkwalifikawx bħala leġiżlazzjoni. L-Att dwar il-Leġiżlazzjoni l-ġdid ma għadux isemmihom. Madankollu, filwaqt li l-linji gwida legali tħassru mad-dħul fis-seħħ tal-Att il-ġdid (fl-1 ta' Jannar 2011), strumenti statistiċi maħruġa qabel dik id-data jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu abrogati. (Il-komunikazzjonijiet statistiċi jinħarġu mill-President tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika u fihom dispożizzjonijiet legalment vinkolanti, li jikkonsistu esklussivament f'termini, f'metodi, fi klassifikazzjonijiet, f'listi u f'ċifri statistiċi.)

1.1. Deċiżjonijiet normattivi

F'deċiżjonijiet normattivi l-Parlament, il-gvern u korpi amministrattivi ċentrali oħra, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Kunsill tal-Baġit jistgħu jistabbilixxu l-organizzazzjoni u l-funzjonament kif ukoll l-attivitajiet u l-programmi ta' azzjoni tagħhom stess.

F'deċiżjonijiet normattivi l-korpi rappreżentattivi tal-gvern lokali jistgħu jistabbilixxu wkoll l-attivitajiet tagħhom stess kif ukoll dawk tal-korpi mmexxija minnhom, kif ukoll il-programmi ta' azzjoni tagħhom u l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korpi mmexxija minnhom. Bl-istess mod, f'deċiżjonijiet normattivi l-korp rappreżentattiv ta' awtonomiji nazzjonali jista' jistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament, l-attivitajiet u l-programmi ta' azzjoni tiegħu stess kif ukoll dawk tal-korpi mmexxija minnhom.

1.2. Digrieti normattivi

Fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom u kif previst fil-leġiżlazzjoni, il-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru, il-kap tal-korpi amministrattivi ċentrali (minbarra l-gvern), il-President tal-Uffiċċju Ġudizzjarju Nazzjonali, il-Prosekutur Suprem, il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali, il-Gvernatur tal-Bank Nazzjonali tal-Ungerija, il-President tal-Uffiċċju tal-Awdituri tal-Istat, il-kap tal-uffiċċju tal-gvern metropolitan jew tal-kontea, is-sindki u s-segretarji tal-belt jistgħu jistabbilixxu, permezz ta' digrieti normattivi, l-organizzazzjoni, il-funzjonament u l-attivitajiet tal-korpi mmexxija, ġestiti jew sorveljati minnhom.

Barra minn hekk, il-Parlament, il-President tar-Repubblika, il-Qorti Kostituzzjonali, il-Kummissarju għad-Drittijiet Fundamentali, il-korpi regolatorji awtonomi, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-kap tal-organizzazzjoni uffiċjali tal-ministeru jistgħu joħorġu digrieti normattivi li huma vinkolanti fuq il-persunal tal-organizzazzjoni.

2. Deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom rwol importanti fis-sistema leġiżlattiva Ungeriża.

Skont l-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali l-**kompiti** tal-Qorti Kostituzzjonali huma kif ġej:

ir-rieżami *ex post* tal-konformità tal-leġiżlazzjoni mal-Liġi Fundamentali (il-proċedura ta' rieżami *ex post*);

ir-rieżami *ex ante* tal-konformità tal-Atti li ġew adottati iżda li għadhom ma ġewx promulgati u ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' trattati internazzjonali mal-Liġi Fundamentali;

rieżami individwali fuq talba ta' mħallef: jekk waqt is-smigħ ta' kawża imħallef ikollu japplika leġiżlazzjoni li jqis li mhijiex kostituzzjonali jew li l-Qorti Kostituzzjonali tkun sabet li mhijiex kostituzzjonali, huwa għandu jissospendi l-proċedimenti u jitlob lill-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara l-leġiżlazzjoni jew id-dispożizzjoni leġiżlattiva mhux kostituzzjonali u biex tipprojbixxi l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni mhux kostituzzjonali;

il-qtugħ ta' sentenzi dwar ilmenti kostituzzjonali bbażati fuq ksur tad-drittijiet garantiti fil-Liġi Fundamentali: il-persuna jew l-organizzazzjoni involuta fil-każ individwali tista' tippreżenta lment kostituzzjonali jekk id-dritt tagħha garantit fil-Liġi Fundamentali jkun inkiser wara l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni mhux kostituzzjonali fil-proċedimenti ġudizzjarji li jkunu għaddejjin fil-kawża, u jekk din tkun eżawriet il-possibbiltajiet kollha ta' appell jew ma jkollhiex dritt għal appell;

l-eżaminar ta' atti leġiżlattivi sabiex jiġi żgurat li ma jmorrux kontra xi ftehim internazzjonali;

ir-rettifika ta' ommissjonijiet leġiżlattivi mil-leġiżlatur li jmorru kontra l-Liġi Fundamentali;

ir-riżoluzzjoni ta' ċerti kunflitti ta' kompetenza bejn il-korpi tal-istat jew bejn il-gvernijiet lokali u korpi statali oħrajn;

l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Fundamentali;

proċedimenti mixxellanji li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

Il-Qorti Kostituzzjonali tipprovdi raġunijiet dettaljati għad-deċiżjonijiet tagħha. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ma jistgħux jiġu appellati u huma vinkolanti fuq kulħadd.

3. Ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali

Sabiex taqdi r-responsabbiltà tagħha li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-liġi u li tipprovdi gwida ġudizzjarja lill-qrati inferjuri, il-qorti suprema tal-Ungerija, il-**Curia** (magħrufa bħala l-Qorti Suprema qabel l-1 ta' Jannar 2012) toħroġ **deċiżjonijiet dwar l-uniformità ġudizzjarja** u toħroġ **deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' prinċipju**
.

Jista' jingħata bidu għal **proċedura ta' uniformità ġudizzjarja** jekk l-iżvilupp u l-uniformità tal-prassi ġudizzjarja jeħtieġu l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-uniformità ġudizzjarja fi kwistjoni ta' prinċipju, u jekk awla tal-Curia tkun beħsiebha tiddevja mid-deċiżjoni li tkun ittieħdet minn awla oħra tal-Curia. Deċiżjoni dwar l-uniformità fil-liġi hija vinkolanti fuq il-qrati.

Id-**deċiżjonijiet ta' prinċipju** joħorġu mill-prassi tal-awli ġudizzjarji tal-Curia u jippromwovu wkoll l-uniformità fil-qtugħ ta' sentenzi

Id-deċiżjonijiet li jittieħdu biex tiġi żgurata l-uniformità fil-liġi u d-deċiżjonijiet ta' prinċipju jiġu ppubblikati fir-**Repertorju Uffiċjali tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema**.

III. Kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni jkopri t-territorju tal-Ungerija, filwaqt li dak tad-digrieti tal-gvern lokali jkopri ż-żona amministrattiva tal-gvern lokali. Il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni jkopri lill-persuni fiżiċi, lill-persuni ġuridiċi u lill-organizzazzjonijiet mingħajr personalità ġuridika fit-territorju tal-Ungerija, liċ-ċittadini Ungeriżi barra mit-territorju tal-Ungerija, u fil-każ ta' digrieti tal-gvern lokali lill-persuni fiżiċi, lill-persuni ġuridiċi u lill-organizzazzjonijiet mingħajr personalità ġuridika fiż-żona amministrattiva tal-gvern lokali.

L-Att dwar il-Leġiżlazzjoni jipprojbixxi l-**validità retroattiva**, u jiddikjara li leġiżlazzjoni ma tistax tistabbilixxi obbligi jew tagħmilhom aktar onerużi, tirtira jew tirrestrinġi d-drittijiet jew tiddikjara mġiba bħala illegali fil-perjodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

Il-leġiżlazzjoni għandha dejjem tistabbilixxi d-data tad-**dħul fis-seħħ** tagħha b'tali mod li jkun hemm biżżejjed żmien disponibbli biex isiru t-tħejjijiet għall-applikazzjoni tagħha.

Il-**leġiżlazzjoni** u r-**regolamenti ta' implimentazzjoni** tagħha għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin. Parti minn leġiżlazzjoni (jew dispożizzjoni leġiżlattiva) ma tibqax valida jekk titħassar jew – jekk ikun fiha biss dispożizzjonijiet emendatorji jew abrogattivi – abbażi tal-Att dwar il-Leġiżlazzjoni.

IV. Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Fl-Ungerija l-Gazzetta Uffiċjali hija l-Magyar Közlöny, li tiġi ppubblikata f'forma elettronika u li t-test tagħha għandu jitqies awtentiku.

Il-Gazzetta Uffiċjali Ungeriża fiha l-leġiżlazzjoni Ungeriża (minbarra d-digrieti tal-gvern lokali), li tinkludi:

id-digrieti u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, li għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Ungerija f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew abbażi ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali;

id-deċiżjonijiet tal-Parlament;

id-deċiżjonijiet dwar l-uniformità ġudizzjarja tal-Curia;

l-opinjonijiet tal-Kumitat Elettorali Nazzjonali;

l-annessi, inkluża l-Ġabra ta' Deċiżjonijiet;

ir-Rapport Uffiċjali.

Il-Bażi tad-*Data* tal-Leġiżlazzjoni Nazzjonali (Nemzeti Jogszabálytár) fiha l-leġiżlazzjoni kollha (minbarra digrieti tal-gvern lokali) u l-istrumenti legali tal-gvern tal-istat fis-seħħ fid-data tat-tfittxija. Din tiġi ppreżentata f'verżjoni konsolidata, flimkien ma' emendi u tibdil ieħor.

Tista' tfittex din l-informazzjoni skont it-titolu u n-numru, u tista' wkoll tfittex it-test.

L-aċċess għal dawn il-bażijiet ta' *data* huwa **mingħajr ħlas**, mingħajr ebda restrizzjoni.

Links relatati

Gazzetta Uffiċjali Elettronika Awtentika

Bażi tad-*Data* tal-Leġiżlazzjoni Nazzjonali

L-aħħar aġġornament: 17/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Malta

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali f'Malta.

Sorsi tal-liġi

Atti tal-Parlament (Leġislazzjoni Prinċipali);

Regolamenti, Regoli, Ordnijiet, Ordinamenti (Leġislazzjoni Sussidjarja); u

Liġi tal-UE inklużi d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ).

Il-Kostituzzjoni hija s-sors bażiku tal-liġi nazzjonali u tistipula li l-Parlament jgħaddi l-liġijiet fil-forma ta' Atti tal-Parlament, iżda li l-Parlament jista' jiddelega s-setgħat leġiżlattivi lil korpi oħrajn (jiġifieri, ministeri, awtoritajiet, korpi pubbliċi eċċ.) li jingħataw is-setgħa biex jagħmlu leġislazzjoni sussidjarja fl-isfera tal-awtorità ddelegata lilhom b'Att tal-Parlament.

L-ordni legali nazzjonali għandu jiġi kkunsidrat ukoll fil-kuntest tal-leġislazzjoni tal-UE, u speċjalment fid-dawl tat-Trattat ta' Adeżjoni.

F'Malta ma jeżistix il-kunċett ta' liġijiet magħmula mill-imħallef (*judge-made law*): Il-Qorti tinterpreta l-liġi kif tinsab fid-diversi Atti. Madankollu, dan ma jfissirx li l-preċedenti ġuridiċi m'humiex awtorevoli. Fil-fatt l-imħallfin, b'mod ġenerali, ma jmorrux kontra xi prinċipju stabbilit sew permezz tal-ġurisprudenza, jekk mhux għal xi raġuni serja. Hija wkoll il-prattika li l-Qrati Inferjuri jsegwu l-prinċipji dwar punti ta' liġi stabbiliti minn Qorti Superjuri.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

It-trattati internazzjonali wkoll jistgħu jifformaw parti mil-leġislazzjoni domestika ta' Malta.

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani ġiet inkorporata fil-Liġi ta' Malta bis-saħħa ta' Att tal-Parlament Malti, l-*Att XIV ta' l-1987*. L-ebda Liġi Maltija ma tista' tkun inkonsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet garantiti mill-Konvenzjoni. Il-Qrati għandhom is-setgħa ta' verifika.

Ġerarkija tar-regoli

Fuq il-livell nazzjonali, il-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema tal-pajjiż, segwita mill-Atti tal-Parlament u mbagħad mil-leġislazzjoni sussidjarja. Madankollu, kif ġie nnotat aktar 'il fuq, it-Trattat ta' Adeżjoni u r-regolamenti tal-UE huma legalment vinkolanti u operattivi f'Malta, l-istess bħal fl-Istati Membri kollha, u jridu jiġu kkunsidrati b'mod ġenerali flimkien mal-liġi tal-UE.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli legali

Essenzjalment, tiġi segwita sistema ta' kontrolli u bilanċi bejn il-leġislatura, l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Filwaqt li t-tlett pilastri jeżerċitaw setgħat leġislattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji fl-isfera tagħhom, is-sistema ta' kontrolli u ta' bilanċi, li Malta wirtet mill-prinċipji Ingliżi tas-supremazija tad-dritt, jippermettu ħidma mingħajr problemi min-naħa tas-sistema legali f'Malta.

Proċess deċiżjonali

Malta ssegwi s-sistema parlamentari Brittanika, li mhux sorprendenti wara 180 sena taħt il-kuruna Brittanika. Ministru jipproponi abbozz ta' liġi, li mbagħad jiġi ppubblikat fil-Gazzetta għall-ewwel qari li għandu jingħata fil-Parlament. Jiddependi mill-importanza tal-liġi inkwistjoni, qabel tista' tiġi ppubblikata *white paper* . Il-Kamra tar-Rappreżentanti mbagħad tifforma kumitat u, wara t-tieni qari fejn il-membri tal-Parlament jingħataw l-opportunità li jikkummentaw b'mod ġenerali dwar il-leġislazzjoni partikolari inkwistjoni, l-Istadju tal-Kumitat jeżamina kull artikolu fid-dettall u jista' jipproponi xi emendi. Meta l-Istadju tal-Kumitat jitlesta, l-Abbozz jintbagħat lura l-Parlament għat-tielet, u l-aħħar, qari. Wara li l-President tar-Repubblika jagħti l-kunsens tiegħu, l-abbozz isir liġi.

Ir-regola ġenerali hija li liġi tidħol fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni, sakemm ma jkunx speċifikatament iddikjarat fil-liġi nfisha li l-ministru konċernat jista' jdaħħal fis-seħħ il-liġi (jew parti minnha) f'data differenti.

Bażijiet tad-dejta legali

Il-Bażi tad-Dejta tal-Leġislazzjoni Nazzjonali: il-Liġijiet ta' Malta – Servizzi Legali

Is-servizz jagħti aċċess mingħajr ħlas għal:
Leġislazzjoni nazzjonali prinċipali u sussidjarja kollha;
Pubblikazzjonijiet legali, inklużi l-atti, l-abbozzi tal-liġijiet, l-avviżi legali u l-ordinamenti.

Links relatati

Liġijiet ta' Malta

L-aħħar aġġornament: 04/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna nl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Olanda

Din il-paġna tipprovdik b'informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja fin-Netherlands.

Il-Gvern Netherlandiż hu magħmul mill-Ministri u r-Re. Sa dak il-punt, in-Netherlands hija eċċezzjoni fost il-monarkiji tal-Ewropa tal-Punent li, fil-parti l-kbira tagħhom il-monarkija mhix parti mill-gvern. Minn mindu saret reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni fl-1848, in-Netherlands saret monarkija kostituzzjonali b'sistema parlamentari.

Sorsi tad-dritt

Tipi ta' strumenti legali - deskrizzjoni

Il-Kostituzzjoni tipprovdi l-qafas għall-organizzazzjoni tal-Istat Netherlandiż u hija l-bażi għal-leġiżlazzjoni. It-trattati bejn in-Netherlands u stati oħrajn u huma sors ewlieni tad-dritt. L-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni jistipula li d-dispożizzjonijiet tat-trattati u tad-deċiżjonijiet ta' istituzzjonijiet internazzjonali, jista' jkollhom effett dirett fl-ordinament ġuridiku tan-Netherlands, u f'dak il-każ dawn id-dispożizzjonijiet jieħdu preċedenza fuq il-liġijiet Netherlandiżi. Il-miżuri statutorji li japplikaw fir-Renju tan-Netherlands ma japplikawx jekk ma jkunux kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet. Għaldaqstant, ir-regoli tal-Unjoni Ewropea stipulati fit-trattati, ir-regolamenti u d-direttivi huma sors ewlieni tad-dritt fin-Netherlands.

Il-Karta għar-Renju tan-Netherlands tirregola r-relazzjoni kostituzzjonali bejn in-Netherlands, Aruba, Curaçao u Sint Maarten.

Il-liġijiet isiru fil-livell nazzjonali. Permezz ta' delega bil-liġi, il-gvern ċentrali jista' jistipula (aktar) regoli f'ordnijiet fil-kunsill u f'regolamenti ministerjali. Ordnijiet indipendenti fil-kunsill (li mhumiex derivati minn liġi) huma possibbli wkoll. Il-Kostituzzjoni tagħti awtorità regolatorja lill-korpi inferjuri skont id-dritt pubbliku (provinċji, muniċipalitajiet u bordijiet tal-ilma).

Il-preċedenti legali huma sors tad-dritt, billi d-deċiżjonijiet tal-qorti għandhom sinifikat usa' mill-kawża speċifika fejn tittieħed dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjonijiet ta' qrati superjuri jservu ta' gwida. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema huma partikolarment awtorevoli, billi l-kompitu ta' din il-qorti tal-ġustizzja huwa li tippromwovi l-uniformità fil-liġi. Għalhekk, f'kawżi ġodda l-qorti inferjuri tikkunsidra deċiżjoni tal-Qorti Suprema meta tkun qed tasal biex tagħti sentenza.

Il-prinċipji ġenerali tad-dritt huma ta' rilevanza għall-gvern u għall-għoti tal-ġustizzja. Xi kultant il-liġi tirreferi għall-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal pereżempju fil-Kodiċi Ċivili (raġonevolezza u ġustizzja). Il-qorti tista' tirreferi wkoll għall-prinċipji ġenerali tad-dritt meta tagħti sentenza.

Id-dritt konswetudinarju, magħruf ukoll bħala l-liġijiet mhux miktuba, hija sors ieħor tad-dritt. Fil-prinċipju, prattika konswetudinarja tkun rilevanti biss jekk il-liġi tirreferi għaliha, iżda l-qorti xorta tista' tikkunsidra l-prattika konswetudinarja fis-sentenza tagħha f'każ ta' kunflitt. Id-dritt konswetudinarju ma jistax ikun sors tad-dritt meta jkun qed jiġi stabbilit reat kriminali (l-Artikolu 16 tal-Kostituzzjoni).

Il-ġerarkija tas-sorsi tad-dritt

L-Artikolu 94 tal-Kostituzzjoni jiddikjara li xi regoli tad-dritt internazzjonali jieħdu preċedenza ġerarkika: id-dispożizzjonijiet statutorji li mhumiex kompatibbli ma' dawn ir-regoli tad-dritt internazzjonali ma japplikawx. Liġi Ewropea, fin-natura tagħha, tieħu preċedenza fuq liġi nazzjonali. Din hija segwita mill-Karta, il-Kostituzzjoni u l-Atti Parlamentari. Dawn jieħdu preċedenza fuq miżuri oħrajn. L-Atti Parlamentari jiġu adottati mill-gvern flimkien mal-Istati Ġenerali (ir-rappreżentanti eletti tal-poplu).

Huwa stipulat ukoll li liġi tista', totalment jew parzjalment, titlef l-effett tagħha biss bħala riżultat ta' liġi sussegwenti. Barra minn hekk, hemm regola ġenerali tal-interpretazzjoni li tistipula li l-liġijiet speċifiċi jieħdu preċedenza fuq dawk ġenerali. Barra minn hekk, fit-tradizzjoni kontinentali, liġi miktuba hija kkunsidrata bħala sors tad-dritt superjuri għall-preċedenti legali.

Il-qafas istituzzjonali

L-awtoritajiet responsabbli għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet legali

Il-proċess leġiżlattiv

L-Atti Parlamentari jiġu adottati mill-gvern flimkien mal-Istati Ġenerali. Il-proposti leġiżlattivi jistgħu jitressqu mill-gvern jew mill-Kamra Inferjuri tal-Istati Ġenerali. Il-Kunsill tal-Istat jagħti pariri dwar il-proposti leġiżlattivi, kif ukoll dwar l-ordnijiet fil-kunsill. Waqt li tkun qed titħejja proposta leġiżlattiva, ġeneralment, jiġu kkonsultati partijiet ikkonċernati oħrajn.

Normalment, il-Kunsill tal-Ministri jadotta l-proposti leġiżlattivi u jgħaddihom lit-Taqsima Konsultattiva tal-Kunsill tal-Istat għar-rakkomandazzjoni tagħha. Il-gvern iwieġeb għal dik ir-rakkomandazzjoni billi jfassal rapport ieħor. Imbagħad, il-gvern jibgħat il-proposta leġiżlattiva — bi kwalunkwe emenda meħtieġa — lill-Kamra Inferjuri permezz ta' Messaġġ Irjali. Il-proposta tista' tiġi emendata waqt li tkun qed tiġi diskussa fil-Kamra Inferjuri. Hija l-Kamra Inferjuri li għandha d-dritt temenda. Ladarba tiġi aċċettata mill-Kamra Inferjuri, il-Kamra Superjuri tiddiskuti l-proposta. Il-Kamra Superjuri tista' biss tadotta jew tiċħad il-proposta leġiżlattiva. F'dan l-istadju ma jistgħux isiru aktar emendi. Ladarba tiġi aċċettata mill-Kamra Superjuri, it-test leġiżlattiv jiġi ffirmat mir-Re u l-Ministru, u wara jsir il-liġi.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Overheid.nl huwa l-punt ta' aċċess ċentrali għall-informazzjoni kollha dwar l-organizzazzjonijiet governattivi tan-Netherlands. Din il-paġna tipprovdi aċċess għal-leġiżlazzjoni lokali u nazzjonali.

Officielebekendmakingen.nl jipprovdi aċċess għall-gazzetti uffiċjali (*"Staatsblad"*, *"Staatscourant"* u *"Tractatenblad"*). Tista' ssib ukoll il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Parlament Netherlandiż fis-sit web.

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa bla ħlas?

L-aċċess għas-sit web u għall-bażi tad-*data* huwa **bla ħlas**.

Ħoloq relatati

Il-gvern nazzjonali

Regering

Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Il-Kamra tar-Rappreżentanti

Government.nl

Houseofrepresentatives.nl

L-aħħar aġġornament: 19/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Awstrija

Introduzzjoni – Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Awstrijak u ħarsa ġenerali lejn il-liġi Awstrijaka.

Sorsi ġuridiċi

Il-liġi Awstrijaka hija primarjament liġi miktuba (*gesatztes*). Min-naħa l-oħra l-liġi konswetudinarja għandha rwol ristrett ferm. Is-sentenzi tal-ogħla qrati jipprovdu gwida importanti għall-applikazzjoni tal-liġi, u huma ta' importanza kbira, iżda l-liġi żviluppata mill-ġurisprudenza mhijiex formalment rikonoxxuta bħala sors ta' liġi.

Il-**Kostituzzjoni Awstrijaka** tiddikjara li n-normi ġeneralment rikonoxxuti tad-dritt internazzjonali jagħmlu parti mil-liġi federali tal-Awstrija, u tipprevedi għall-inkorporazzjoni tat-**trattati internazzjonali** fl-ordinament ġuridiku Awstrijak (bi jew mingħajr leġiżlazzjoni speċifika). Il-klassifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-trattati fl-ordinament ġuridiku nazzjonali hija determinata mill-kontenut tagħhom.

Sabiex jiġu approvati fin-Nationalrat (il-kamra tad-deputati tal-Parlament Awstrijak), it-trattati internazzjonali li jemendaw jew li jissupplimentaw il-Kostituzzjoni jeħtieġu l-istess maġġoranzi speċjali bħal-liġijiet federali kostituzzjonali. Trattati li jemendaw jew li jissupplimentaw il-liġi statutorja jeħtieġu l-istess kworums bħall-istatuti.

Bħala prinċipju, il-President Federali jikkonkludi trattati internazzjonali fuq talba tal-gvern federali jew tal-ministru federali li jkun ingħata din is-setgħa mill-gvern. It-trattati politiċi u t-trattati li jemendaw jew li jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni jeħtieġu l-kunsens minn qabel tan-Nationalrat. Il-President Federali jista' jagħti s-setgħa lill-gvern federali jew lill-membri rilevanti tal-gvern federali biex jikkonkludu ċerti kategoriji ta' trattati internazzjonali li mhumiex politiċi u li la jemendaw u lanqas ma jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni.

Skont il-Kostituzzjoni tal-Awstrija, id-**disa' provinċji** (*Bundesländer*) huma lkoll soġġetti għad-**dritt kostituzzjonali provinċjali** tagħhom stess minbarra li huma soġġetti wkoll għad-dritt kostituzzjonali federali. Id-dritt kostituzzjonali provinċjali ma għandux ikun inkonsistenti mad-dritt kostituzzjonali federali, u għalhekk huwa **subordinat** għalih. Iżda fil-prinċipju m'hemmx din l-ordni ta' preċedenza bejn il-liġijiet federali u l-liġijiet tal-provinċji. Mill-1988, l-istati jistgħu jikkonkludu wkoll trattati internazzjonali fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Madankollu, fil-qasam tal-affarijiet barranin, il-gvern federali jżomm is-supremazija tiegħu.

Tipi ta' strumenti legali – ġerarkija tan-normi

Biex tgħaddi, leġiżlazzjoni kostituzzjonali Federali teħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti fin-Nationalrat, b'tal-anqas nofs il-membri preżenti. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni maħluqa b'dan il-mod għandha tkun speċifikament deżinjata bħala "att kostituzzjonali" jew "dispożizzjoni kostituzzjonali".

Min-naħa l-oħra, riżoluzzjoni valida dwar dispożizzjoni bbażata fuq liġi statutorja Federali teħtieġ il-preżenza ta' mill-inqas terz tal-membri tan-Nationalrat u maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa.

1. Prinċipji ta' gwida tal-Kostituzzjoni

Il-prinċipji gwida li ġejjin (*Grundprinzipien*) tal-Kostituzzjoni Awstrijaka huma l-aktar dispożizzjonijiet importanti fl-ordinament ġuridiku tal-pajjiż:

il-prinċipju demokratiku

il-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat

il-prinċipju tal-istat tad-dritt

il-prinċipju repubblikan

il-prinċipju federali, u

il-prinċipju liberali.

Flimkien, dawn il-prinċipji gwida jifformaw dak li jissejjaħ l-**ordni kostituzzjonali fundamentali** (*verfassungsrechtliche Grundordnung*).

Huma għandhom importanza kostituzzjonali kbira. Jekk **emenda prinċipali tal-Kostituzzjoni** twassal għall-abbandun ta' xi wieħed mill-prinċipji gwida, jew tbiddel b'mod sostanzjali r-relazzjoni bejn dawk il-prinċipji, din titqies bħala reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni u **teħtieġ tiġi approvata b'referendum**.

2. Id-dritt primarju u sekondarju tal-UE

L-**adeżjoni tal-Awstrija mal-Unjoni Ewropea** fl-1 ta' Jannar 1995 kienet tirrikjedi reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni Awstrijaka. Mill-adeżjoni tal-Awstrija, l-ordinament ġuridiku huwa bbażat mhux biss fuq id-dritt kostituzzjonali Awstrijak iżda wkoll fuq id-dritt tal-Unjoni **(duwaliżmu kostituzzjonali)**. Skont l-opinjoni prevalenti **d-dritt tal-Unjoni jipprevali fuq id-dritt nazzjonali** kif ukoll fuq id-dritt kostituzzjonali federali ordinarju, iżda mhux fuq il-prinċipji gwida tal-Kostituzzjoni.

3. Dritt kostituzzjonali federali "ordinarju"

Id-dritt kostituzzjonali jistabbilixxi r-regoli tax-xena politika, billi jispeċifika:

il-proċedura leġiżlattiva

l-istatus tal-ogħla korpi fi ħdan l-istat

ir-relazzjoni bejn il-gvern federali u l-provinċji fil-proċess leġiżlattiv u l-applikazzjoni tal-liġi, u

il-kontroll tal-azzjoni tal-gvern mill-qrati tal-liġi pubblika.

4. Statut Federali

Il-prinċipju fundamentali tal-istat tad-dritt stabbilit fil-Kostituzzjoni jeħtieġ li l-applikazzjoni tal-liġi fl-amministrazzjoni pubblika u fil-qrati ssir skont il-liġi. Il-Kostituzzjoni taqsam is-setgħat leġiżlattivi bejn il-gvern federali u l-provinċji.

5. Regolamenti

Ir-Regolamenti (*Verordnungen*) huma **dispożizzjonijiet legali ġenerali magħmula minn awtoritajiet amministrattivi** li huma vinkolanti fuq il-persuni kollha soġġetti għal-liġi. Il-Kostituzzjoni tikkonferixxi awtorizzazzjoni ġenerali għall-ħruġ ta' regolamenti ta' implimentazzjoni bil-għan li jiġu elaborati aktar ir-regoli stabbiliti f'dispożizzjonijiet aktar ġenerali, ħafna drabi liġijiet. Ir-regolamenti jistgħu jemendaw jew jissupplimentaw liġijiet biss meta jkun hemm awtorizzazzjoni espressa fil-Kostituzzjoni.

6. Deċiżjonijiet

Id-Deċiżjonijiet (*Bescheide*) huma primarjament atti amministrattivi li japplikaw il-liġi li huma indirizzati biss lejn il-persuni msemmija f'dawk id-deċiżjonijiet.

Qafas istituzzjonali

Il-leġiżlatura
Il-Kostituzzjoni taqsam il-poteri bejn il-gvern federali u l-provinċji, b'diversi entitajiet involuti fil-proċess leġiżlattiv.
In-Nationalrat jippromulga l-leġiżlazzjoni federali, ġeneralment bl-involviment tal-**Bundesrat** (is-senat tal-Parlament Awstrijak). Il-183 membru tan-Nationalrat jiġu eletti direttament mill-poplu. Madankollu, il-Bundesrat jiġi elett mill-kunsilli provinċjali (*Landtage*). Bħala regola l-Bundesrat huwa awtorizzat biss jippreżenta oġġezzjoni sospensiva għal abbozz ta' liġi.
Il-liġi provinċjali tiġi promulgata mill-kunsilli provinċjali.
Il-proċedura leġiżlattiva
Abbozzi ta' liġijiet jistgħu jiġu sottomessi lin-Nationalrat kif ġej:
mill-membri tan-Nationalrat innifsu (abbozz ta' liġi privata)
mill-gvern federali (abbozz ta' liġi tal-gvern), jew
mill-Bundesrat.
Barra minn hekk, inizjattiva taċ-ċittadini għandha titressaq quddiem in-Nationalrat għal diskussjoni jekk tkun iffirmata minn 100 000 votant, jew minn wieħed minn kull sitta tal-votanti fi tliet provinċji.
Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-**inizjattivi leġiżlattivi** joriġinaw mill-**gvern federali**. Abbozzi ta' liġijiet tal-gvern federali jeħtieġu approvazzjoni unanima tal-gvern federali (fil-kabinett). Dawn jiġu abbozzati mill-ministru rilevanti, u qabel ma jiġu approvati mill-gvern jintalbu l-kummenti ta' korpi oħra, bħall-provinċji jew partijiet interessati oħra.
Wara li jkunu għaddew fin-Nationalrat, l-abbozzi ta' liġijiet jeħtieġu l-kunsens tal-Bundesrat. (L-abbozzi tal-liġijiet federali tal-finanzi ma għandhomx għalfejn jiġu sottomessi lill-Bundesrat – is-sovranità federali tan-Nationalrat.) Il-Kanċillier imbagħad jissottometti l-abbozzi tal-liġijiet lill-President għall-**awtentikazzjoni**.
In-Nationalrat jista' jiddeċiedi li jsir **referendum** dwar abbozz ta' liġi. Referendum jista' jintalab ukoll minn maġġoranza tal-membri tan-Nationalrat. F'dan il-każ, abbozz ta' liġi li jkun diġà għadda min-Nationalrat għandu mbagħad jiġi approvat permezz ta' referendum qabel jiġi awtentikat. Barra minn hekk kull reviżjoni komprensiva tal-Kostituzzjoni teħtieġ li tkun soġġetta għal referendum.
Il-President jiċċertifika li att ikun għadda f'konformità mal-Kostituzzjoni billi jiffirmah. Dik l-**awtentikazzjoni** mbagħad trid tiġi kontrofirmata mill-Kanċillier. Ladarba l-Kanċillier jikkontrofirmaha, il-leġiżlazzjoni federali tiġi ppubblikata fil-Bundesgesetzblatt (Il-Gazzetta tal-Liġi Federali). Sakemm liġi nnifisha ma tinkludix dispożizzjoni espliċita għal effett retroattiv jew tispeċifika d-data meta għandha tidħol fis-seħħ (*vacatio legis*), din **tidħol fis-seħħ** fl-aħħar tal-jum tal-pubblikazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-ħarġa tal-Gazzetta tal-Liġi Federali li fiha tiġi ppubblikata.
Att jista' jiġi abrogat jew b'mod espliċitu (deroga formali) jew bil-mogħdija ta' leġiżlazzjoni ġdida li l-kontenut tagħha ma jkunx konsistenti mad-dispożizzjoni preċedenti (deroga materjali), mingħajr dikjarazzjoni formali li d-dispożizzjoni preċedenti ma għadhiex fis-seħħ *(lex posterior derogat legi priori*). Normi speċifiċi jipprevalu fuq dawk ġenerali (*lex specialis derogat legi generali*). Il-perjodu ta' validità ta' liġi jista' anke jiġi determinat mill-bidu.
Bażijiet ta' *data* ġuridiċi
Ir- Rechtsinformationssystem des Bundes (Is-Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika tar-Repubblika tal-Awstrija), operata mill-**Ministeru Federali għall-Affarijiet Diġitali u Ekonomiċi**, tipprovdi aċċess online għal-leġiżlazzjoni Awstrijaka.
L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?
L-aċċess għar- Rechtsinformationssystem des Bundes huwa mingħajr ħlas.
Deskrizzjoni qasira tal-kontenut
Is-**Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika tar-Repubblika tal-Awstrija** tipprovdi informazzjoni dwar:
Dritt Federali
Dritt Federali (verżjoni konsolidata)
Verżjoni awtorevoli tal-Gazzetta tal-Liġi Federali Awstrijaka (*Bundesgesetzblatt*) mill-2004
Gazzetta tal-Liġi Federali Awstrijaka 1945-2003
Gazzetti tal-Liġi Federali u Imperjali (*Reichs-, Staats- u Bundesgesetzblatt*) 1848-1940
Ġabriet ta' liġijiet u ta' regolamenti 1740-1848 (estern)
Gazzetti tal-Liġi Ġermaniża (*Reichsgesetzblatt*) 1919-1945 (estern)
Abbozzi ta' liġijiet (*Begutrachtungsentwürfe*)
Abbozzi ta' liġijiet tal-gvern (*Regierungsvorlagen*)
Liġi Provinċjali
Liġi Provinċjali (verżjoni konsolidata)
Gazzetti tal-liġi provinċjali awtorevoli u mhux awtorevoli (*Landesgesetzblätter*) (diversi perjodi ta' żmien)
Liġi muniċipali: għażla ta' dispożizzjonijiet legali ta' muniċipalitajiet tal-provinċji li ġejjin:
Carinthia (il-muniċipalitajiet kollha)
L-Awstrija t'Isfel
L-Awstrija ta' Fuq
Salzburg
Styria
Vjenna
Sentenzi
Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshof*)
Qorti Amministrattiva (*Verwaltungsgerichtshof*)
Il-lista ta' atti leġiżlattivi (*Normenliste*) imfassla mill-Qorti Amministrattiva Suprema
Sentenzi tal-Qorti Suprema (*Oberster Gerchtshof*), tal-ogħla qrati reġjonali (*Oberlandsgerichte*), tal-qrati reġjonali (*Landesgerichte*), tal-qrati distrettwali (*Bezirksgerichte*) u tal-Qorti Suprema tal-Privattivi u tat-Trade Marks (*Oberste Patent- und Markensenat*), u sentenzi internazzjonali
Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*)
Qrati Amministrattivi Reġjonali (*Landesverwaltungsgerichte*)
Qorti Fiskali Federali (*Bundesfinanzgericht*) (estern)
L-awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* (qabel l-2014: Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-*Data*)
Kummissjonijiet Dixxiplinari, Kummissjoni Dixxiplinari Suprema, Tribunal tal-Appelli (*Disziplinarkommissionen, Disziplinaroberkommission, Berufungskommission*)
L-awtorità Superviżorja għar-Rappreżentanza tal-Impjegati (*Personalvertretungsaufsichtsbehörde*) (qabel l-2014: It-Tribunal Superviżorju għar-Rappreżentanza tal-Impjegati (*Personalvertretungs-Aufsichtskommission*)

Kummissjonijiet għat-Trattament Ugwali (*Gleichbehandlungskommissione*n) mill-2014
Kummissjonijiet għat-Trattament Ugwali (*Gleichbehandlungskommissionen*) mill-2008 (estern)
Dokumentazzjoni finanzjarja, Tribunal tal-Finanzi Indipendenti (*Unabhängiger Finanzsenat*) (estern)
Tribunali Amministrattivi Indipendenti (*Unabhängige Verwaltungssenate*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-1991 sal-2013
Qorti tal-Ażil (*Asylgerichtshof*) – Lulju 2008 sal-2013
Bord Federali Indipendenti tal-Ażil (*Unabhängiger Bundesasylsenat*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-1998 sal-aħħar ta' Ġunju 2008
Tribunal Ambjentali (*Umweltsenat*) - għażla ta' deċiżjonijiet mill-1994 sal-2013
Bord Federali tal-Komunikazzjonijiet (*Bundeskommunikationssenat*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-2001 sal-2013
Korpi għas-sorveljanza tal-akkwist pubbliku (*Vergabekontrollbehörden*) – għażla ta' deċiżjonijiet sal-2013
Deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema u tal-Qorti tal-Kassazzjoni f'Materji Ċivili u Kriminali (1885-1897) (estern)
Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Imperjali Awstrijaka (*Reichsgericht*) 1869-1918 (estern)
Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Awstrijaka (*Verfassungsgerichtshof*) 1919-1979 (estern)
Ġabra tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Awstrijaka (*Verfassungsgerichtshof*) 1876-1934 (estern)

Proklamazzjonijiet oħrajn:

Regolamenti għall-eżamijiet ta' kapumastri u għall-eżamijiet tal-kompetenza professjonali skont il-Kodiċi Industrijali (*Gewerbeordnung*)
Dispożizzjonijiet uffiċjali tas-sistema tas-sigurtà soċjali – awtorevoli mill-2002
Pjanijiet għall-Infrastruttura fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa (ÖSG, RSG)
Bullettini veterinarji uffiċjali (OVB) mill-15.9.2004

Ċirkulari ġenerali (*Erlässe*)

Ċirkulari maħruġa minn ministeri federali
Direttivi u ċirkulari maħruġa mill-Ministeru Federali tal-Finanzi (estern)
Ċirkulari maħruġa mill-Ministeru Federali tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali, is-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (*Bundesministerium für Arbeit, Soziales, Gesundheit und Konsumentenschutz*) fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (estern)

Il-liġijiet Awstrijaċi

Xi liġijiet Awstrijaċi huma disponibbli wkoll bl-Ingliż.

Aktar informazzjoni

Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq is-sit web tar- Rechtsinformationssystem des Bundes.

L-aħħar aġġornament: 13/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Polonja

Din il-paġna tipprovdik b'informazzjoni dwar is-sistema legali fil-Polonja.

Il-Polonja hija repubblika li għandha gvern f'forma demokratika. Is-setgħa leġiżlattiva hija vestita fil-Parlament, li jikkonsisti fil-kamra inferjuri – is-**Sejm** – u l-kamra superjuri – is-**Senat**. Is-setgħa eżekuttiva hija vestita fil-**President tar-Repubblika tal-Polonja Poland (Prezydent Rzeczypospolitej Polskiej)** u l-**Kunsill tal-Ministri (Rada Ministrów).** Is-setgħa ġudizzjarja hija vestita fil-qrati u fit-tribunali.

Is-sistema legali Pollakka hija bbażata fuq is-sistema legali kontinentali (**tradizzjoni tal-liġi ċivili**).Il-qrati komuni fil-Polonja huma l-**qrati tal-appell (sądy apelacyjne), il-qrati provinċjali** (okręg) **(sądy okręgowe)** u l-**qrati tad-distrett** (rejon) **sady rejonowe)**. Huma kompetenti biex jisimgħu kawżi kriminali, kawżi tal-liġi ċivili, kawżi tal-familja u kawżi dwar il-kustodja, kawżi dwar il-liġi tax-xogħol u kawżi dwar l-assikurazzjoni soċjali.

Il-**ġudikatura amministrattiva** (Sąd Najwyższy) taqa' taħt il-Qorti l-Għolja Amministrattiva (Naczelny Sąd Administracyjny), li għandha l-kontroll ġudizzjarju tal-amministrazzjoni pubblika.

Il- Qorti Suprema hija l-ogħla organu ġudizzjarju ċentrali fir-Repubblika tal-Polonja, u għalhekk hija l-ogħla qorti tal-appell. Il-funzjonijiet ewlenin tal-Qorti Suprema huma li tamministra l-ġustizzja fil-Polonja (flimkien mal-qrati komuni, amministrattivi u militarji), li tikkonsidra l-kassazzjoni bħala forma ta' appell straordinarju u li tadotta riżoluzzjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-liġi.

It-**Tribunal Kostituzzjonali** (Trybunał Konstytucyjny) huwa organu tal-ġudikatura. Huwa kompetenti biex jiddeċiedi dwar:

Il-konformità ta' liġi pubblikata mal-Kostituzzjoni
Tilwim dwar il-kompetenza bejn l-organi tal-amministrazzjoni ċentrali
Il-konformità tal-għanijiet u l-attivitajiet tal-partiti politiċi fi ħdan il-Kostituzzjoni
Ilmenti kostituzzjonali mressqa minn ċittadini

Il-verżjoni Ingliża tal-Att li jirregola t-Tribunal Kostituzzjonali u Atti oħrajn relatati huma provduti fuq il-paġna web tat- Tribunal Kostituzzjonali Pollakk.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi Pollakka huma l-Kostituzzjoni, l-istatuti, il-ftehimiet internazzjonali rratifikati u r-regolamenti. Il-Kostituzzjoni hija meqjusa bħala s-sors l-aktar importanti tal-liġi Pollakka. Fiha informazzjoni dwar is-sistema legali Pollakka, l-organizzazzjoni istituzzjonali, is-sistema ġudizzjarja u l-awtoritajiet lokali. Tkopri wkoll il-libertajiet u d-drittijiet politiċi. Il-Kostituzzjoni vinkolanti bħalissa ġiet promulgata fl-1997. It-test tal-Kostituzzjoni Pollakka huwa disponibbli fuq is-sit web tal- Kamra inferjuri tal-Parlament Pollakk (Sejm) bil-Pollakk, bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u bir-Russu.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

L-istatuti (ustawy) huma strumenti universalment vinkolanti li jkopru kwistjonijiet sinjifikanti. Kwalunkwe kwistjoni tista' tkun s-suġġett ta' statut. F'xi każijiet, il-Kostituzzjoni timponi obbligu li kwistjoni speċifika tiġi rregolata minn statut: pereżempju, baġit jew l-istat legali taċ-ċittadini.

Skont il-Kostituzzjoni Pollakka, xi **ftehimiet internazzjonali (umowy międzynarodowe)** għandhom, qabel ma jiġu rratifikati, jiġu kkonfermati minn statut, li għandu jiġi adottat mill-parlament u ffirmat mill-President. Dawn jinkludu kwistjonijiet bħall-alleanzi, trattati politiċi jew militarji; il-libertajiet, id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini; l-isħubija fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwistjonijiet oħrajn regolati mill-Kostituzzjoni.

Ir-regolamenti (rozporządzenia) jinħarġu mill-korpijiet regolatorji msemmija fil-Kostituzzjoni kif awtorizzati minn statut.

Il-Kunsill tal-Ministri huwa intitolat li joħroġ **riżoluzzjonijiet (uchwały)** ta' natura interna, li huma vinkolanti biss fuq l-unitajiet organizzazzjonali li huma subordinati għall-istituzzjoni li toħroġ ir-riżoluzzjoni; dawn ma jistgħux jipprovdu l-bażi legali għal deċiżjonijiet meħuda dwar ċittadini, persuni legali u suġġetti oħrajn.

L-awtoritajiet tal-gvern lokali u l-awtoritajiet lokali tal-amministrazzjoni governattiva jistgħu, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni minn statut, joħorġu **liġijiet lokali (akty prawa miejscowego)** li japplikaw għaż-żoni tal-amministrazzjoni tagħhom.

Ġerarkija ta' normi

Il-Kostituzzjoni hija s-sors ewlieni tal-liġi Pollakka. Normi oħrajn fil-ġerarkija tal-Kostituzzjoni Pollakka huma ftehimiet internazzjonali ratifikati, regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, statuti, ordnijiet u Atti tal-awtoritajiet lokali.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli mill-adozzjoni tar-regoli legali

Is-setgħa leġiżlattiva hija eżerċitata mis-Sejm u mis-Senat, iż-żewġt ikmamar tal-**Parlament Pollakk.** Il-Membri huma eletti għal **kariga ta' erba' snin.** Id-dritt ta' introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tappartjeni lid-deputati, lis-Senat, lill-President tar-Repubblika tal-Polonja u lill-Kunsill tal-Ministri. Id-dritt ta' introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni tappartjeni wkoll għal grupp ta' **mhux inqas minn 100,000 ċittadin,** li għandhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet tas-Sejm.

Is-Sejm jikkunsidra l-Abbozzi fi tliet qarjiet. Meta Abbozz ikun ġie adottat mis-Sejm u mis-Senat, jintbagħat lill-President għall-firma. Il-President jista', qabel ma jiffirma Abbozz, jirreferih lit-Tribunal Kostituzzjonali biex jaġġudika dwar il-konformità tiegħu mal-Kostituzzjoni.

Il-Kunsill tal-Ministri jiżgura l-implimentazzjoni tal-**istatuti**, joħroġ **regolamenti,** jikkonkludi **ftehimiet internazzjonali li jeħtieġu ratifika,** u jaċċetta jew jirrinunzja **ftehimiet internazzjonali oħrajn**.

Proċess deċiżjonali

Inizzjazzjoni

Il-leġiżlazzjoni tista' tiġi introdotta mid-deputati, mis-Senat, mill-President tar-Repubblika, mill-Kunsill tal-Ministri u minn grupp ta' mhux inqas minn 100,000 ċittadin intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet tas-Sejm.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-Abbozzi jiġu sottomessi mill-Kunsill tal-Ministri jew mid-deputati.

Abbozz, mal-ġustifikazzjoni tiegħu, għandu jiġi sottomess lill-**Marixxall tas-Sejm (Marszałek Sejmu)**, , li jibagħtha lill-President tar-Repubblika, lis-Senat u lill-President tal-Kunsill tal-Ministri (prim ministru).

Diskussjoni

Is-Sejm jikkunsidra lill-Abbozzi fi tliet stadji ta' qari . L-abbozzi jiġu eżaminati wkoll mill-kummissjonijiet speċifikati mis-Sejm u mis-Senat.

Adozzjoni

Is-**Senat** għandu, **fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni ta' Abbozz**, jadottah mingħajr emendi, jadotta emendi jew jirriżolvi dwar iċ-ċaħda kompleta tiegħu. Is-**Sejm** jista' jiċħad l-emendi tas-Senat biss permezz ta' vot ta' maġġoranza assoluta fil-preżenza ta' mhux inqas minn nofs l-għadd statutorju ta' deputati.

Proklamazzjoni

Wara li titlesta l-proċedura fis-Sejm u fis-Senat, il-Marixxall tas-Sejm għandu jissottometti l-Abbozz adottat lill-President għall-firma. Il-President tar-Repubblika għandu jiffirma Abbozz fi żmien 21 jum mis-sottomissjoni u għandu jordna l-promulgazzjoni tiegħu fil-Ġurnal tal-Liġijiet tar-Repubblika tal-Polonja (Dziennik Ustaw). Erbatax-il jum wara, l-Att jidħol fis-seħħ. Madankollu d-data tad-**dħul fis-seħħ** tista' wkoll tiġi stabbilita fit-test ta' Abbozz. Skond is-sistema tal-liġi Pollakka, Abbozz jista' jitħassar biss minn Abbozz ieħor. Id-data meta l-Att jew liġi jitlef jew titlef is-saħħa ta' liġi għandha tiġi inkluża fit-test tal-Att jew liġi.

Bażijiet tad-dejta legali

Tista' ssib Atti legali lura sal-1918 fuq is-sit web tal- Bażi tad-dejta legali Pollakk (Sejm), flimkien ma' lista ta' dawn l-Atti.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas.**

L-aħħar aġġornament: 01/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Portugall

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali fil-Portugall.

1 Strumenti jew sorsi tad-dritt li jistabbilixxu n-normi ġuridiċi

Dawn li ġejjin tradizzjonalment huma meqjusa bħala sorsi tad-dritt fil-Portugall:

Liġijiet kostituzzjonali - li jinkludu l-Kostituzzjoni Portugiża nnifisha, liġijiet kostituzzjonali varji u liġijiet li jemendaw il-Kostituzzjoni;

Ir-"regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali jew komuni", ir-"regoli stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali debitament ratifikati jew approvati", ir-"regoli maħruġa mill-korpi kompetenti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-Portugall jagħmel parti minnhom (…) bil-kundizzjoni li dan ikun stipulat fit-trattati kostitwenti rispettivi" u d-"dispożizzjonijiet tat-trattati li jirregolaw lill-Unjoni Ewropea u r-regoli maħruġa mill-istituzzjonijiet tagħha fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom" − l-Artikolu 8 tal-Kostituzzjoni;

Liġijiet ordinarji, li jinkludu l-liġijiet promulgati mill-Assemblea tar-Repubblika, l-ordnijiet amministrattivi maħruġa mill-Gvern u d-digrieti leġiżlattivi reġjonali adottati mill-Assemblej Leġiżlattivi tar-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira;

Strumenti b'effett ekwivalenti għal dak tal-liġijiet, bħall-atti li japprovaw konvenzjonijiet, trattati jew ftehimiet internazzjonali, id-deċiżjonijiet li jorbtu b'mod ġenerali tal-Qorti Kostituzzjonali li jiddikjaraw miżuri bħala mhux kostituzzjonali jew illegali, il-ftehimiet kollettivi tax-xogħol u strumenti kollettivi oħra li jirregolaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol;

Regolamenti, jew strumenti leġiżlattivi ta' status aktar baxx mil-liġijiet, li l-għan tagħhom huwa li jissupplimentaw il-liġijiet u jimlew id-dettalji sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati jew implimentati. Dawn jinkludu d-digrieti ta' implimentazzjoni, ir-regolamenti, id-digrieti, id-digrieti ta' implimentazzjoni reġjonali, id-deċiżjonijiet, ir-regoli, l-ordnijiet ta' implimentazzjoni ministerjali, l-ordnijiet eżekuttivi, ir-regolamenti tal-pulizija maħruġa mill-Gvernaturi Ċivili, u l-ordnijiet u r-regolamenti muniċipali.

2 Sorsi oħra tad-dritt

Hemm fehmiet differenti dwar l-ammissibbiltà u l-importanza ta' sorsi oħra barra mill-isfera tas-setgħa politika tal-Istat biex joħloq il-liġi miktuba, skont jekk is-sorsi jkunux meqjusa bħala mezz biex jiġu stabbiliti normi ġuridiċi jew mezz biex jiġu divulgati tali regoli, jew it-tnejn. Xi drabi ssir distinzjoni bejn sorsi diretti u sorsi indiretti, li tevita xi wħud mid-diffikultajiet li jirriżultaw mid-differenzi fl-approċċ bażiku.

Dawn li ġejjin jissejħu komunement bħala sorsi possibbli tad-dritt:

Id-drawwa, fi kliem ieħor, l-adozzjoni ripetuta u abitwali ta' linja ta' kondotta partikolari li ġeneralment titqies bħala obbligatorja. Din tista' titqies bħala sors tad-dritt f'ċerti suġġetti biss. Regoli maħluqa b'dan il-mod jistgħu, pereżempju, jinstabu fil-qasam tad-dritt internazzjonali pubbliku (eż. il-prinċipju tal-immunità tal-Istati barranin mill-prosekuzzjoni), id-dritt internazzjonali privat u d-dritt amministrattiv.

Il-ġurisprudenza, jiġifieri s-sett ta' prinċipji li joħorġu mis-sentenzi u d-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati; f'ċerti kwartieri tiġi meqjusa li ma tikkostitwix sors ġenwin tad-dritt iżda bħala sinifikanti biss biex turi t-tifsira tad-dispożizzjonijiet legali billi tipprovdi soluzzjonijiet għall-problemi ta' interpretazzjoni li jistgħu jiġu segwiti

f'każijiet oħra skont il-piż tal-argumenti loġiċi u tekniċi li jkunu bbażati fuqhom. F'din il-kategorija, xi awturi jinkludu mhux biss id-deċiżjonijiet tal-qorti f'kawżi speċifiċi iżda wkoll id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li għandhom il-forza tal-liġi (id-deċiżjonijiet li jorbtu b'mod ġenerali tal-Qorti Kostituzzjonali) minħabba li, fil-fehma tagħhom, huma kollha strumenti li fil-fatt joħolqu liġi applikabbli b'mod ġenerali.

L-ekwità, li permezz tagħha l-qrati huma mogħtija s-setgħa li jifformulaw normi ġuridiċi xierqa għall-karatteristiċi speċifiċi tal-kawżi individwali li jkunu qed jeżaminaw, billi jibbażaw ruħhom fuq il-prinċipji ġenerali tal-ġustizzja u fuq l-għarfien etiku tal-imħallef. "Il-qrati jistgħu jieħdu deċiżjoni bbażata fuq l-ekwità biss meta: (a) ikun hemm dispożizzjoni legali li tippermettiha; (b) ikun hemm qbil bejn il-partijiet u jkun possibbli li jsir appell f'qorti superjuri; (c) il-partijiet ikunu qablu minn qabel li jibbażaw fuq l-ekwità" − l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili.

L-użanza, jew fi kliem ieħor il-prattiki soċjali ripetuti li mhumiex meqjusa bħala obbligatorji iżda li huma meqjusa importanti fit-tranżazzjonijiet legali, b'mod partikolari fil-formalizzazzjoni tar-relazzjonijiet legali, speċjalment fil-qasam tal-kummerċ. L-użanza tista' jiġi kkunsidrata mill-qrati meta dan ikun previst mil-liġi u meta ma jkunx "kuntrarju għall-prinċipji ta' bona fide" - l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili. In-normi ġuridiċi għalhekk ma jistgħux jinħolqu b'mod indipendenti permezz tal-użanza, u ħafna ma jqisux l-użu bħala sors ġenwin tal-liġi.

It-teorija legali, jew l-opinjonijiet ta' kittieba legali, ma għandhomx jitqiesu bħala sors ġenwin tad-dritt, għalkemm għandha rwol importanti fl-iżvilupp xjentifiku u tekniku tal-għarfien legali u għandha riperkussjonijiet sinifikanti fuq ir-riżultat finali tal-ħidma ta' dawk responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tan-normi ġuridiċi.

3 Ġerarkija tas-sorsi tad-dritt

Meta ssir referenza għall-ġerarkija tal-liġijiet, dak li jitfisser huwa l-istatus relattiv tal-istrumenti differenti, fi kliem ieħor il-pożizzjoni tagħhom fi skala ordnata. F'dan ir-rigward, xi wħud jargumentaw li ġerarkija tista' tiġi stabbilita biss fuq il-bażi tal-metodu ta' ħolqien. Skont din il-fehma, il-ġerarkija mhijiex ibbażata fuq l-istatus relattiv tan-normi ġuridiċi iżda hija stabbilita biss bejn is-sorsi li jkunu nħolqu bihom.

Irrispettivament minn liema fehma tittieħed, tista' titfassal ordni ta' preċedenza.

L-ordni ġerarkika tas-sorsi differenti elenkati fit-taqsima 1 hija kif ġej:

il-Kostituzzjoni u l-liġijiet kostituzzjonali;

ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali jew komuni u l-ftehimiet internazzjonali (jiġifieri l-istrumenti kollha msemmija fit-taqsima 1(b));

il-liġijiet u d-digrieti amministrattivi;

id-digrieti leġiżlattivi reġjonali;

l-istrumenti li għandhom effett ekwivalenti għal dak tal-liġijiet;

ir-regolamenti.

4 Proċeduri għad-dħul fis-seħħ tar-regoli internazzjonali fil-Portugall

L-istrumenti leġiżlattivi internazzjonali jiġu trasposti fil-liġi Portugiża skont il-prinċipji li ġejjin li huma stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Kostituzzjoni Portugiża:

"Ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali jew komuni jiffurmaw parti integrali mil-liġi Portugiża";

"Ir-regoli stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali debitament ratifikati jew approvati għandhom jidħlu fis-seħħ fil-liġi nazzjonali Portugiża ladarba jkunu ġew ippubblikati b'mod uffiċjali, u għandhom jibqgħu hekk sakemm ikunu jorbtu internazzjonalment lill-Istat Portugiż";

"Ir-regoli maħruġa mill-korpi kompetenti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li l-Portugall jagħmel parti minnhom għandhom jidħlu fis-seħħ direttament fil-liġi nazzjonali Portugiża, bil-kundizzjoni li dan ikun stabbilit fit-trattati kostitwenti rispettivi";

"Id-dispożizzjonijiet tat-trattati li jirregolaw l-Unjoni Ewropea u r-regoli maħruġa mill-istituzzjonijiet tagħha fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għandhom japplikaw fil-liġi nazzjonali Portugiża skont id-dritt tal-Unjoni u b'rispett għall-prinċipji fundamentali ta' Stat demokratiku bbażat fuq l-istat tad-dritt".

5 L-awtoritajiet differenti li għandhom is-setgħa jadottaw ir-regoli tal-liġi

L-awtoritajiet li għandhom is-setgħa jadottaw ir-regoli tal-liġi huma l-Assemblea tar-Repubblika, il-Gvern, il-Gvernijiet Reġjonali u l-Assemblej Leġiżlattivi tal-Azores u ta' Madeira, l-awtoritajiet lokali u ċerti awtoritajiet amministrattivi.

6 Proċess għall-adozzjoni ta' dawn ir-regoli tal-liġi

Il-mod kif jiġu adottati r-regoli jvarja skont il-proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu segwiti minn kull korp responsabbli għall-adozzjoni tar-regoli. It-tipi differenti ta' strumenti leġiżlattivi għalhekk jiġu ġġenerati permezz ta' proċessi differenti. Iż-żewġ proċeduri l-aktar formali u l-aktar importanti għall-adozzjoni tan-normi ġuridiċi huma deskritti hawn taħt.

L-aktar proċedura kumplessa, li tinvolvi l-Assemblea tar-Repubblika, tinkludi l-passi li ġejjin:

Bidu tal-leġiżlazzjoni: "is-setgħa li tinbeda l-leġiżlazzjoni hija f'idejn il-Membri, il-gruppi parlamentari u l-Gvern, kif ukoll, soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, f'idejn gruppi ta' eletturi reġistrati. Is-setgħa li tinbeda l-leġiżlazzjoni fir-rigward tar-reġjuni awtonomi hija f'idejn l-Assemblej Leġiżlattivi reġjonali rispettivi" (l-Artikolu 167(1) tal-Kostituzzjoni).

Ammissjoni inizjali, pubblikazzjoni, reġistrazzjoni, numerazzjoni u valutazzjoni: din il-fażi tinvolvi l-konsiderazzjoni tal-ammissibbiltà tal-abbozz ta' liġi, il-pubblikazzjoni tat-test fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Assemblea tar-Repubblika, l-ipproċessar amministrattiv u, fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni tal-kontenut tagħha.

Diskussjoni u approvazzjoni: din tinvolvi dibattitu dwar kwistjonijiet ġenerali, dibattitu ieħor dwar punti speċifiċi, votazzjoni dwar l-abbozz ta' liġi sħiħ, votazzjoni dwar punti speċifiċi u votazzjoni ġenerali finali. Biex l-abbozz ta' liġi jgħaddi, tista' tkun meħtieġa maġġoranza sempliċi, maġġoranza assoluta jew maġġoranza kwalifikata.

Skrutinju mill-President tar-Repubblika fil-perjodu stipulat mil-liġi, li warajh il-President jista' jippromulga t-test propost jew jeżerċita d-dritt tal-veto. Fil-każ tal-aħħar, il-miżura terġa' tiġi diskussa mill-Assemblea tar-Repubblika. Jekk il-vot jiġi kkonfermat jew isiru emendi, it-test jerġa' jintbagħat lill-President għall-promulgazzjoni, li trid isseħħ ukoll f'perjodu ta' żmien stabbilit minn qabel. Il-President tar-Repubblika huwa responsabbli biex "jippromulga liġijiet, ordnijiet amministrattivi u digrieti regolatorji u jordna l-pubblikazzjoni tagħhom, u biex jiffirma r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea tar-Repubblika li japprovaw ftehimiet internazzjonali u digrieti oħra tal-Gvern" (l-Artikolu 134(b) tal-Kostituzzjoni).

Pubblikazzjoni: ladarba tiġi promulgata, il-President irid jordna li t-test tal-leġiżlazzjoni l-ġdida jiġi ppubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Portugiża.

Il-proċedura li l-Gvern jadotta l-leġiżlazzjoni biha tinkludi l-passi prinċipali li ġejjin:

Bidu tal-leġiżlazzjoni: l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jiġi ppreżentat mill-uffiċċju tal-Ministru kkonċernat;

Stħarriġ: f'dan l-istadju, il-Ministru li jipproponi l-abbozz irid jippreżenta opinjonijiet, u jridu jiġu kkonsultati wkoll il-korpi speċifikati mill-Kostituzzjoni u mil-liġi;

Valutazzjoni preliminari u dettaljata: il-proposti jiġu eżaminati u evalwati ladarba jkunu ġew approvati inizjalment.

Approvazzjoni: għalkemm ċerti tipi ta' leġiżlazzjoni m'għandhomx għalfejn jiġu approvati mill-Kunsill tal-Ministri, dan tal-aħħar normalment huwa responsabbli biex japprova l-abbozz;

Skrutinju: "fi żmien erbgħin jum mill-wasla ta' kwalunkwe digriet tal-gvern għall-promulgazzjoni, … il-President tar-Repubblika għandu jew jippromulga d-digriet jew jeżerċita d-dritt tiegħu tal-veto. Fil-każ tal-aħħar, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-Gvern dwar ir-raġunijiet għaliex ikun għamel hekk" (l-Artikolu 136(4) tal-Kostituzzjoni);

Pubblikazzjoni tat-test definittiv fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Portugiża.

7 Proċeduri għad-dħul fis-seħħ tar-regoli nazzjonali

"Il-liġijiet għandhom jorbtu biss wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali." "Ladarba liġi tkun ġiet ippubblikata, din għandha tidħol fis-seħħ wara li jkun għadda l-perjodu stipulat fil-liġi nnifisha jew, meta ma jkunx stipulat perjodu bħal dan, wara l-perjodu previst f'leġiżlazzjoni speċjali" (l-Artikolu 5 tal-Kodiċi Ċivili).
L-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 74/98 tal-11 ta' Novembru 1998, fil-formulazzjoni attwali tiegħu, jistipula dan li ġej:
"1. L-istrumenti leġiżlattivi u atti oħra ta' natura ġenerali għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data stipulata fihom; taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni."
"2. Jekk ma tkun stabbilita l-ebda data, l-atti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ fit-territorju Portugiż kollu u barra l-pajjiż fil-ħames jum wara l-pubblikazzjoni."
"4. Il-perjodu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda mill-jum immedjatament ta' wara l-pubblikazzjoni fuq is-sit tal-internet ġestit minn *Imprensa Nacional Casa da Moeda, SA.*"

8 Mezzi għas-soluzzjoni tal-kunflitti li jistgħu jinqalgħu bejn normi ġuridiċi differenti

L-aktar rwol importanti f'dan ir-rigward huwa dak tal-Qorti Kostituzzjonali, li trid tiddikjara bħala mhux kostituzzjonali kwalunkwe regola li tmur kontra l-Kostituzzjoni Portugiża jew il-prinċipji mnaqqxin fiha.
Meta jkunu qegħdin jikkunsidraw każijiet speċifiċi li jiġu ppreżentati quddiemhom, il-qrati ma jistgħux japplikaw dispożizzjonijiet li jiksru l-Kostituzzjoni jew il-prinċipji li joħorġu minnha.
Matul il-proċess ta' interpretazzjoni mwettaq bl-għan li jintiżnu l-fatti ppreżentati għall-konsiderazzjoni tagħhom, il-qrati jridu jsolvu kwalunkwe kunflitt li jinqala' bejn normi ġuridiċi differenti, waqt li dejjem iqisu l-ġerarkija tas-sorsi msemmija aktar 'il fuq. Meta jagħmlu dan, huma għandhom iqisu s-sistema bħala ħaġa sħiħa unifikata, mingħajr ma jirrikonoxxu l-ebda lakuna jew inkonsistenza, b'mod partikolari ta' natura loġika jew semantika, billi jiżnu ċ-ċirkustanzi li fuqhom tkun ibbażata l-adozzjoni tar-regoli u l-kundizzjonijiet speċifiċi li jkun hemm meta jseħħu l-proċedimenti. Dan il-proċess jirrikjedi dejjem korrispondenza minima fil-formulazzjoni, anki jekk espressa b'mod imperfett, mal-approċċ adottat fil-leġiżlazzjoni u billi wieħed jassumi li l-korp leġiżlattiv għażel is-soluzzjonijiet "l-aktar ġudizzjużi" u kien kapaċi "jesprimi l-intenzjonijiet tiegħu f'termini xierqa" (l-Artikolu 9 tal-Kodiċi Ċivili).
Għal dak li jirrigwarda l-kunflitti bejn ir-regoli fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat, jekk jogħġbok irreferi għall-iskeda informattiva dwar "Il-liġi applikabbli".

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Digesto hija l-bażi ta' *data* ġuridika uffiċjali tal-Portugall u tinkludi l-Gazzetta Uffiċjali (*Diário da República*).

Digesto — Sistema Integrata ta' Informazzjoni Ġuridika

Digesto ġie stabbilit bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 48/92 tal-31 ta' Diċembru 1992 u fih:
L-atti leġiżlattivi ppubblikati fl-ewwel u fit-tieni serje tal-Gazzetta Uffiċjali.
Informazzjoni ġuridika bla ħlas, integrata, dettaljata u aġġornata, b'mod aktar speċifiku:
il-perjodu ta' validità, id-data tad-dħul fis-seħħ u noti relatati mal-atti ppubblikati fl-ewwel serje tal-Gazzetta Uffiċjali mill-5 ta' Ottubru 1910 u dokumenti varji minn deċennji preċedenti, u l-atti fit-tieni serje tal-Gazzetta Uffiċjali pproċessati mill-PCMLEX (il-bażi ta' *data* ċentrali tas-sistema Digesto);
l-informazzjoni kollha rilevanti, bħad-dispożizzjonijiet ta' abilitazzjoni, ir-regolamenti, il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, l-emendi prodotti u implimentati, il-liġi Komunitarja applikabbli, il-linji gwida amministrattivi maħruġa mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit, il-ġurisprudenza u l-istrumenti kollettivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol;
aċċess għal tliet bażijiet ta' *data* oħra: LEGAÇOR – il-bażi ta' *data* leġiżlattiva reġjonali tal-Azores, REGTRAB – il-bażi ta' *data* speċifika għar-regolamenti tax-xogħol, u DGO–DOUT - bażi ta' *data* speċifika li fiha ċ-ċirkularijiet u l-opinjonijiet maħruġa mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit.
aċċess, permezz tal-interoperabbiltà mal-bażijiet ta' *data* ġuridiċi tal-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (PGR) u l-parlament Portugiż (permezz tal-bażi ta' *data* tiegħu, AP – *Atividade Parlamentar*), għall-ġurisprudenza li toħroġ mill-qrati ewlenin, għall-opinjonijiet tal-PGR u għall-ħidma preparatorja kollha dwar il-liġijiet mill-bidu tal-proċess leġiżlattiv sal-pubblikazzjoni.

Il-Gazzetta Uffiċjali Elettronika (*Diário da República Eletrónico* – DRE)

Skont l-Ordni Amministrattiva Nru 83/2016 tas-16 ta' Diċembru 2016, il-Gazzetta Uffiċjali hija servizz pubbliku b'aċċess bla ħlas u universali, ippubblikata biss online. Dan is-servizz pubbliku huwa pprovdut minn *Imprensa Nacional-Casa da Moeda, S. A.* (INCM), li tippubblika l-Gazzetta Uffiċjali fuq is-sit web tagħha.
L-utenti għandhom aċċess universali b'xejn u jistgħu jikkonsultaw, jistampaw, jippreżentaw u jfittxu l-kontenut tal-atti leġiżlattivi ppubblikati fl-ewwel u t-tieni serje tal-Gazzetta Uffiċjali, f'format elettroniku.
Is-servizz ipprovdut mill-Gazzetta Uffiċjali elettronika jrid jinkludi:
it-test legali tal-atti li jirrikjedu l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali, skont il-Kostituzzjoni u l-liġi, b'mod aktar speċifiku l-Liġi Nru 74/98 tal-11 ta' Novembru 1998, emendata u ppubblikata mill-ġdid bil-Liġi Nru 43/2014 tal-11 ta' Lulju 2014.
għodda għall-konsultazzjoni aġġornata tat-test konsolidat tal-leġiżlazzjoni rilevanti (it-test konsolidat m'għandux valur ġuridiku);
għodda għat-traduzzjoni tat-termini legali;
għodda għat-tiftixiet ta' kliem ewlenin ta' atti li jirrikjedu l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali;
informazzjoni ġuridika debitament ipproċessata u sistematizzata;
interkonnessjoni ma' bażijiet ta' *data* settorjali li jipprovdu informazzjoni ġuridika addizzjonali, b'mod aktar speċifiku l-ġurisprudenza, il-dritt Komunitarju, il-linji gwida amministrattivi u t-teorija ġuridika;
il-konsenja b'xejn fil-kontijiet tal-posta elettronika tal-abbonati, tal-werrej tal-ewwel u t-tieni serje tal-Gazzetta Uffiċjali.

Ħoloq utli:

Il-Gazzetta Uffiċjali - Il-Portugall

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Rumanija

Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Rumen u ħarsa ġenerali lejn il-liġi fir-Rumanija.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi Rumena huma:
il-Kostituzzjoni Rumena;
il-leġiżlazzjoni adottata mill-Parlament (liġijiet kostituzzjonali, liġijiet organiċi u liġijiet ordinarji);
id-digrieti tal-President tar-Rumanija;
l-atti leġiżlattivi tal-Gvern (ordinanzi, ordinanzi ta' emerġenza, deċiżjonijiet);
l-atti leġiżlattivi maħruġa mill-gvern ċentrali (ordinanzi, linji gwida u regolamenti Ministerjali);
l-atti leġiżlattivi maħruġa mill-korpi tal-gvern lokali (il-Kunsill tal-Kontea, il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalità ta' Bucharest);

id-dritt tal-Unjoni Ewropea (regolamenti, direttivi);
it-trattati internazzjonali li għalihom ir-Rumanija hija parti kontraenti.

Tipi ta’ strumenti legali – deskrizzjoni

Il-qafas legali Rumen jinkludi l-istrumenti legali li ġejjin:

Il-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema fir-Rumanija. Hija tirregola l-istruttura tar-Rumanija bħala Stat nazzjonali, unitarju u indiviżibbli, ir-relazzjonijiet bejn is-setgħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji u bejn l-entitajiet pubbliċi, iċ-ċittadini u l-persuni ġuridiċi.

Il-liġi kostituzzjonali ġejja mis-setgħa kostitwenti, jiġifieri mill-assemblea kostitwenti eletta u mlaqqa’ għal dan il-għan.

Il-**liġi organika** tittratta oqsma ta’ importanza kbira għall-Istat, bħall-fruntieri nazzjonali, iċ-ċittadinanza Rumena, l-istemma araldika u s-siġill tal-istat, l-arranġamenti legali għall-proprjetà u għall-wirt, u l-organizzazzjoni u t-tmexxija tar-referenda; ir-reati kriminali, is-sentenzi u r-regoli dwar l-infurzar tagħhom, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tal-qrati, tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika u tal-Qorti tal-Awdituri, id-drittijiet tal-persuni li jġarrbu ħsara minn awtorità pubblika, id-difiża nazzjonali, l-organizzazzjoni tal-korpi tal-gvern, u l-partiti politiċi.

Il-**liġi ordinarja** tirregola l-oqsma l-oħra kollha li mhumiex koperti mil-liġi organika. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika norma superjuri, bħal liġi organika jew il-Kostituzzjoni.

F’każijiet speċjali (vaganzi tal-parlament), ċerti oqsma, kif stabbilit mill-Parlament, jistgħu jiġu regolati minn **digrieti tal-Gvern** abbażi tad-delega tas-setgħat leġiżlattivi. Id-digrieti jiġu promulgati abbażi ta’ att speċjali li jagħti din is-setgħa fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih. F’emerġenza l-Gvern jista’ jippromulga digrieti ta’ emerġenza fi kwalunkwe qasam jekk dan jitqies neċessarju.

Id-**deċiżjonijiet tal-gvern** jiddeterminaw il-mod kif il-liġijiet għandhom jiġu infurzati b’mod effettiv jew aspetti organizzazzjonali oħra fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom.

Atti leġiżlattivi (digrieti u linji gwida) **jinħarġu mill-gvern ċentrali** unikament abbażi ta’ liġijiet, deċiżjonijiet u digrieti tal-Gvern u sabiex dawn jiġu infurzati.

Atti tal-awtoritajiet amministrattivi awtonomi

Atti leġiżlattivi promulgati mill-awtoritajiet tal-gvern lokali (Kunsill tal-Kontea, Kunsill Lokali, Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalità ta’ Bucharest) jirregolaw l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.

Sorsi oħra tal-liġi

Il-ġurisprudenza tal-QEDB u l-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE.

Għalkemm il-ġurisprudenza nazzjonali mhijiex sors ta’ liġi, is-sentenzi tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, sabiex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi ta’ ċerti dispożizzjonijiet legali, mingħajr dubju jirrappreżentaw sorsi sekondarji tal-liġi. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jipproduċu effetti *erga omnes* u mhux *inter partes litigantes*, jistgħu jitqiesu bħala sorsi sekondarji tal-liġi.

Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 287/2009 dwar il-Kodiċi Ċivili, is-sorsi tal-liġi ċivili huma l-liġi, il-**prassi u l-prinċipji ġenerali tal-liġi**. Hawnhekk “prassi” tfisser tradizzjoni (konswetudni) u l-prassi professjonali.

Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jistabbilixxu r-regoli li ġejjin għall-applikazzjoni tal-prassi bħala sors ta’ liġi:

Il-prassi f’każijiet li mhumiex previsti mil-liġi; fejn ma teżisti l-ebda prassi, japplikaw id-dispożizzjonijiet legali dwar każijiet simili u, fin-nuqqas ta’ tali dispożizzjonijiet, japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi.

Fil-kwistjonijiet regolati mil-liġi, il-prassi jiġu applikati biss fejn il-liġi tirreferi għalihom b’mod ċar.

Prassi biss li huma konsistenti mal-politika pubblika u mal-prinċipji aċċettati tal-moralità huma rikonoxxuti bħala sorsi tal-liġi.

Il-parti interessata trid tipprova l-eżistenza u l-kontenut tal-prassi. Il-prassi ppubblikati f’kollezzjonijiet imħejjija mill-entitajiet jew mill-korpi awtorizzati rilevanti huma preżunti li jeżistu sakemm ma jiġix pruvat mod ieħor.

Ġerarkija ta’ normi

Il-ġerarkija tan-normi fir-Rumanija hija s-segwenti:

Il-Kostituzzjoni u d-dritt kostituzzjonali Rumeni huma fil-quċċata tal-ġerarkija tan-normi ġuridiċi. L-atti leġiżlattivi l-oħra kollha jridu jkunu konformi magħhom.

Il-liġi organika tikklassifika fit-tieni post fil-ġerarkija ġuridika. Il-Parlament jgħaddi liġijiet organiċi b’maġġoranza kwalifikata.

Il-liġi ordinarja hija t-tielet kategorija ta’ normi ġuridiċi. Il-Parlament jgħaddi liġijiet ordinarji b’maġġoranza sempliċi. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika norma organika jew il-Kostituzzjoni.

Id-digrieti tal-gvern huma r-raba’ kategorija ta’ normi.

Id-deċiżjonijiet tal-gvern huma l-ħames kategorija ta’ normi fil-ġerarkija ġuridika.

Atti leġiżlattivi promulgati mill-gvern ċentrali u mill-awtoritajiet amministrattivi awtonomi huma s-sitt kategorija ta’ normi fil-ġerarkija ġuridika;

Atti leġiżlattivi promulgati mill-gvern lokali (il-Kunsilli tal-Kontea, il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalità ta’ Bucharest) jokkupaw l-aktar pożizzjoni baxxa fil-ġerarkija tan-normi.

Qafas istituzzjonali

L-istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni

Skont il-Kostituzzjoni, l-Istat huwa bbażat fuq il-prinċipji ta’ demokrazija kostituzzjonali tas-**separazzjoni tal-poteri u tal-ekwilibriju bejn is-setgħat tal-Istat** (leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji).

Is-setgħa hija kondiviża u tiġi eżerċitata wkoll mill-Parlament, mill-Gvern u mill-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk il-Qorti Kostituzzjonali, l-Ombudsman Rumen (*Avocatul Poporului din România*), il-Qorti tal-Awdituri (*Curtea de Conturi*) u l-Kunsill Leġiżlattiv (*Consiliul Legislativ*) jissalvagwardjaw l-ekwilibriju tas-setgħat bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini.

Il-Parlament huwa l-korp rappreżentattiv suprem taċ-ċittadini u l-unika awtorità leġiżlattiva fil-pajjiż. Huwa magħmul mill-Kamra tad-Deputati u mis-Senat. Bħala prinċipju, is-**setgħa leġiżlattiva** tappartjeni esklussivament għall-Parlament, iżda f’ċerti każijiet huwa jaqsam din il-funzjoni mal-eżekuttiv (il-Gvern) u mal-elettorat (iċ-ċittadini).

Il-Gvern jista’ jippromulga digrieti abbażi ta’ leġiżlazzjoni speċifika ta’ kompetenza adottata mill-Parlament. F’każijiet eċċezzjonali li jridu jiġu ttrattati b’mod urġenti, il-Gvern jista’ joħroġ ukoll digrieti ta’ emerġenza.

Proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet leġiżlattivi

Il-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet leġiżlattivi huwa magħmul minn tliet stadji:

1. L-istadju governattiv jew pre-parlamentari jirreferi għal dan li ġej:

it-tħejjija tal-abbozz tal-att leġiżlattiv fil-livell tal-Gvern;
is-sottomissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv għal dibattitu pubbliku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi;
l-approvazzjoni mill-Kunsill Leġiżlattiv, fil-livell interministerjali u minn istituzzjonijiet oħra;
l-adozzjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv mill-Gvern.

2. L-istadju Parlamentari jirreferi għal dan li ġej:

is-sottomissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lil waħda mill-Kmamar tal-Parlament (lill-Kamra tad-Deputati jew lis-Senat bħala l-ewwel Kamra), skont il-kompetenzi stabbiliti mill-Kostituzzjoni Rumena;
id-diskussjoni u l-adozzjoni tar-rapport/opinjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv fil-kumitati Parlamentari permanenti (f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jitwaqqfu wkoll kumitati speċjali);
fis-sessjoni plenarja, l-ewwel Kamra tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv u dwar il-proposti leġiżlattivi mressqa quddiemha fi żmien 45 jum mid-data li fiha jkunu ġew ippreżentati quddiem l-Uffiċju Permanenti;
fil-każ ta' kodiċijiet u ta' leġiżlazzjoni oħra partikolarment kumplessi, il-limitu ta' żmien huwa ta' 60 jum mid-data tal-preżentazzjoni quddiem l-Uffiċċju Permanenti;
fil-każ ta' digrieti ta' emerġenza tal-Gvern, il-limitu ta' żmien huwa ta' 30 jum.
jekk jinqabżu dawn l-iskadenzi, l-abbozz tal-att leġiżlattiv jew il-proposta leġiżlattiva titqies adottata u tintbagħat lill-Kamra tad-Deputati għad-deċiżjoni finali.
Imbagħad issir votazzjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv/proposti leġiżlattivi (approvati jew miċħuda) u jintbagħtu lill-Kamra tad-Deċiżjonijiet (il-Kamra tad-Deputati jew is-Senat), li tadotta l-verżjoni finali tal-att leġiżlattiv.
3. L-istadju post-parlamentari jirreferi għal dan li ġej:
il-kontroll kostituzzjonali dwar il-liġi (il-kontroll *a priori*) (il-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma l-kompatibbiltà tal-liġi mal-Kostituzzjoni). Dan il-kontroll jista' jintalab mill- President tar-Rumanija, mill-President ta' waħda mill-Kmamar, mill-Gvern, mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, mill-Ombudsman Rumen jew minn tal-anqas 50 deputat jew 25 senatur, u *ex-officio* fil-każ ta' rieżami kostituzzjonali.
Fl-aħħar nett, **il-liġi tiġi promulgata** mill-President fi żmien 20 jum minn meta jirċeviha. Jekk il-President jitlob rieżami tal-liġi (din it-talba tista' ssib darba biss) jew tal-kostituzzjonalità tagħha, il-liġi tiġi promulgata fi żmien 10 ijiem minn meta jirċeviha wara li tkun ġiet rieżaminata jew wara li jirċievi l-konferma mill-Qorti Kostituzzjonali dwar il-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni.
Il-liġi tidħol fis-seħħ fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, il-Parti I jew f'data aktar tard imsemmija fil-liġi.
Bażijiet ta' *data* ġuridiċi
a) Il-Portal Leġiżlattiv, ġestit mill-Ministeru tal-Ġustizzja, huwa sistema ta' informazzjoni ġuridika li tippermetti aċċess malajr, mingħajr ħlas u mingħajr ebda restrizzjoni għal-liġi nazzjonali f'forma aġġornata u konsolidata lil kwalunkwe persuna interessata. Din l-applikazzjoni taqbad mal-portal komuni Ewropew għal-Liġi Nazzjonali N-Lex.
Il-Portal Leġiżlattiv ġie żviluppat mill-Ministeru tal-Ġustizzja taħt proġett li għalih ingħatat għotja mill-Fond Soċjali Ewropew taħt il-*Programm Operazzjonali "Kapaċità Amministrattiva"*.
Il-bażi tad-*data* tiġi aġġornata kuljum u tipprovdi aċċess għal aktar minn 150 000 liġi mill-1989 sal-lum, u għal serje ta' liġijiet rilevanti preċedenti.
Wieħed jista' juża diversi kriterji biex ifittex fil-bażi tad-*data*, bħal:
kliem fit-titolu;
kliem fit-test;
it-tip ta' dokument;
in-numru tad-dokument;
it-tip u n-numru tal-pubblikazzjoni uffiċjali;
id-data tal-pubblikazzjoni;
l-awtorità li tkun għaddiet il-liġi, eċċ.
b) Bażi ta' *data* ġuridika oħra fir-Rumanija ddisinjata, ġestita u aġġornata mill-Kunsill Leġiżlattiv tipprovdi wkoll aċċess pubbliku mingħajr ħlas għal-leġiżlazzjoni Rumena.
Din hija l-verżjoni online tad-*Direttorju tal-Liġi Rumena®* – l-arkivju uffiċjali tal-liġi Rumena li jipprovdi informazzjoni preċiża u korretta dwar l-istatus ġuridiku ta' kull liġi f'perjodi differenti.
Il-bażi tad-*data* tkopri l-perjodu bejn l-1864 u l-preżent.
Wieħed jista' jfittex fil-bażi tad-*data* billi juża l-kriterji li ġejjin:
il-kategorija/tip ta' att leġiżlattiv;
in-numru;
is-sena ta' promulgazzjoni (perjodu);
il-perjodu tal-pubblikazzjoni;
il-pubblikazzjoni uffiċjali (it-tip, in-numru, is-sena);
kliem ewlieni fit-titolu;
l-istatus tal-att (fis-seħħ, abrogat);
kriterji oħra (att leġiżlattiv, uniku/ippubblikat, mhux ippubblikat).
L-Intranet tal-**Kunsill Leġiżlattiv** fih bażi tad-*data* aġġornata b'informazzjoni ġuridika dettaljata meħtieġa għall-attività speċifika tal-approvazzjoni ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi u għall-għoti ta' informazzjoni utli matul il-proċess leġiżlattiv.
c) Bażi tad-*data* ġuridika oħra (għalkemm organizzata b'mod differenti) tista' tiġi aċċessata wkoll fuq is-sit web tal- Kamra tad-Deputati (waħda mill-Kmamar tal-Parlament). It-tiftix jista' jsir permezz ta':
it-tip ta' att leġiżlattiv;
in-numru;
id-data;
l-awtorità pubblika li ħarġet l-att leġiżlattiv;
id-data tal-pubblikazzjoni u kliem ewlieni (fit-titolu u fit-test prinċipali tal-att).
L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?
Iva, l-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa **mingħajr ħlas**.
L-aħħar aġġornament: 16/07/2020
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Leġiżlazzjoni nazzjonali - Slovenja
Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku fis-Slovenja.
Sorsi tal-liġi
Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

In-normi legali astratti fl-ordinament ġuridikui tar-Repubblika tas-Slovenja huma adottati kemm fil-livell statali kif ukoll f'dak lokali. L-istrumenti legali fil-livell statali huma l-Kostituzzjoni (*ustava*), il-liġijiet/l-atti (*zakoni*) u r-regolamenti ta' implimentazzjoni, li jaqgħu f'żewġ kategoriji ewlenin: id-digrieti (*uredbe*, xi drabi tradotti bħala regolamenti) u r-regoli (*pravilniki*).
Il-kunsilli lokali jadottaw prinċipalment l-ordinanzi (*odloki*).
L-ordinament ġuridiku fis-Slovenja ma tirrikonoxxix il-preċedenza ġudizzjarja bħala sors obbligatorju tal-liġi, li jfisser li l-qrati inferjuri (*nižja sodišča*) mhumiex formalment marbuta bid-deċiżjonijiet tal-qrati superjuri (*višja sodišča*). Madankollu, il-qrati inferjuri għandhom it-tendenza li josservaw u jsegwu l-ġurisprudenza tal-qrati superjuri u tal-Qorti Suprema (*Vrhovno sodišče*).
Il-Qorti Suprema, li tiltaqa' f'sessjoni plenarja, tista' tadotta **opinjonijiet legali ta' prinċipju** (*načelna pravna mnenja*) dwar kwistjonijiet importanti għall-applikazzjoni uniformi tal-liġijiet/atti. Skont l-Att dwar il-Qrati (*Zakon o sodiščih*), dawn l-opinjonijiet legali ta' prinċipju jorbtu biss lill-bordijiet tal-Qorti Suprema u jistgħu jinbidlu biss f'sessjoni plenarja ġdida. Madankollu, il-qrati inferjuri għandhom it-tendenza li josservaw l-opinjonijiet legali ta' prinċipju, u l-Qorti Suprema, fil-ġurisprudenza tagħha, titlob li tingħata konsiderazzjoni xierqa lil parti li tikkwota opinjoni legali diġà adottata dwar il-kwistjoni kkonċernata.
Il-liġijiet/atti u regolamenti oħra jridu jikkonformaw mal-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali, u mat-trattati li jorbtu lis-Slovenja (kif stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Kostituzzjoni). It-trattati internazzjonali ratifikati u ppubblikati jridu jiġu applikati direttament. Il-pożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-Slovenja (*Ustavno sodišče*) hija li t-trattati internazzjonali huma ogħla mid-dispożizzjonijiet statutorji fil-ġerarkija tal-atti legali. It-trattati internazzjonali ratifikati huma integrati fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, u b'hekk joħolqu drittijiet u obbligi għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi fil-pajjiż (bil-kundizzjoni li dawn ikunu direttament infurzabbli).
Is-sistema legali Slovena tappartjeni għall-familja legali kontinentali u hija sistema tad-dritt ċivili, li jfisser li d-dritt komuni, fiha nnifisha, mhijiex parti mill-ordinament ġuridiku. Madankollu, id-dritt komuni jgawdi xi rikonoxximent mil-liġi Slovena. Pereżempju, skont l-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Obbligi (*Obligacijski zakonik*), li jirregola l-kuntratti bejn il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, id-drawwiet, l-użanzi u l-prattiki kummerċjali stabbiliti bejn il-partijiet jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-azzjoni meħtieġa u l-effetti tagħha fuq ir-relazzjonijiet obbligatorji tal-entitajiet kummerċjali.
Fl-eżerċizzju tal-kariga ġudizzjarja tiegħu, imħallef huwa marbut bil-Kostituzzjoni, bil-liġijiet/atti, bil-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali u bit-trattati internazzjonali ratifikati u ppubblikati. L-Att dwar il-Qrati jistipula li, jekk kwistjoni tad-dritt ċivili ma tkunx tista' tiġi solvuta fuq il-bażi ta' regolamenti validi, l-imħallef irid jikkunsidra r-regolamenti li japplikaw f'każijiet simili. Jekk, minkejja dan, is-soluzzjoni għall-kwistjoni tibqa' legalment dubjuża, huwa jrid jieħu deċiżjoni bbażata fuq il-prinċipji ġenerali tal-ordni ġuridiku nazzjonali. F'dan ir-rigward, huwa għandu jaġixxi skont it-tradizzjoni legali u l-prinċipji stabbiliti tal-ġurisprudenza. L-imħallef irid dejjem jaġixxi daqslikieku jkollu quddiemu għadd indefinit ta' każijiet tal-istess tip.

Ġerarkija tan-normi

In-normi legali kollha jridu jkunu konformi mal-Kostituzzjoni. Il-liġijiet/atti u regolamenti oħra jridu jikkonformaw mal-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali, u mat-trattati li jorbtu lis-Slovenja (kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tal-Kostituzzjoni). Ir-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-ordinanzi lokali jridu, barra minn hekk, ikunu konformi mal-liġijiet/atti.
L-atti ġenerali maħruġa għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika (*splošni akti za izvrševanje javnih pooblastil*) iridu jkunu konformi mal-Kostituzzjoni, mal-liġijiet /atti u mar-regolamenti ta' implimentazzjoni.
L-atti individwali u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat, tal-awtoritajiet tal-komunità lokali u ta' dawk li għandhom awtorità pubblika jridu jkunu bbażati fuq liġi/att jew regolament statutorju adottat.
Rigward il-preminenza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni tipprovdi l-bażi biex l-ordinament ġuridiku Sloven jaċċetta l-preminenza tiegħu, billi ssostni li l-atti legali u d-deċiżjonijiet adottati fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali li s-Slovenja ttrasferitilhom l-eżerċizzju ta' parti mid-drittijiet sovrani tagħha (f' dan il-każ, l-Unjoni Ewropea), iridu jiġu applikati fis-Slovenja skont ir-regolamentazzjoni legali ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tan-normi

Il-**liġijiet/atti** jiġu adottati mill-kamra inferjuri tal-parlament bikamerali Sloven, l-**Assemblea Nazzjonali** (*Državni zbor*). F'konformità mal-Artikoli 80 u 81 tal-Kostituzzjoni, l-Assemblea Nazzjonali hija magħmula minn 90 deputat li jirrappreżentaw iċ-ċittadini tas-Slovenja. Tmienja u tmenin deputat jiġu eletti permezz ta' votazzjoni universali, ugwali, diretta u sigrieta. Deputat tal-komunità nazzjonali Taljana u deputat tal-komunità nazzjonali Ungeriża jridu dejjem jiġu eletti fl-Assemblea Nazzjonali mill-membri ta' dawk il-komunitajiet. L-Assemblea Nazzjonali tiġi eletta għal mandat ta' erba' snin.
Id-**digrieti** jinħarġu mill-**Gvern** (*Vlada*), filwaqt li r-**regoli** jinħarġu minn **Ministri individwali** tal-Gvern. F'konformità mal-Artikoli 110–119 tal-Kostituzzjoni, il-Gvern huwa magħmul minn Prim Ministru (*predsednik vlade*) u ministri. Fl-ambitu tas-setgħat tagħhom, il-Gvern u l-Ministri individwali huma indipendenti u jwieġbu lill-Assemblea Nazzjonali, li tista' tpoġġihom taħt akkuża (quddiem il-Qorti Kostituzzjonali), tgħaddi vot ta' sfiduċja jew tittermina l-kariga tagħhom permezz ta' interpellanza. Il-Prim Ministru jiġi elett mill-Assemblea Nazzjonali, u wara jipproponi l-ministri li għandhom jinħatru (u jitneħħew) mill-Assemblea Nazzjonali.
Il-**Qorti Kostituzzjonali** għandha rwol kruċjali fil-qafas istituzzjonali, billi hija tista' tannulla l-liġijiet/atti, ir-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-ordinanzi lokali li tikkunsidra bħala mhux kostituzzjonali. Hija toħroġ ukoll opinjonijiet dwar il-kostituzzjonalità tat-trattati internazzjonali u tiddeċiedi dwar ilmenti kostituzzjonali individwali ta' ċittadini aggravati, li jistgħu jiġu ppreżentati wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji l-oħra kollha.
L-ordinanzi lokali jiġu adottati mill-kunsilli lokali (*občinski sveti, mestni sveti*), li huma eletti direttament mir-residenti ta' muniċipalità.

Proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

L-adozzjoni ta' liġijiet/atti tista' tiġi proposta lill-Assemblea Nazzjonali mill-Gvern, minn deputati individwali tal-Assemblea Nazzjonali, mill-kamra superjuri tal-Parlament – il-Kunsill Nazzjonali (*Državni svet*), u minn ħamest elef votant. Skont ir-Regoli ta' Proċedura tagħha (*Poslovnik Državnega zbora*), il-proċedura regolari fl-Assemblea Nazzjonali tikkonsisti minn tliet qarjiet tal-liġi/att propost.
Barra minn hekk, ir-Regoli ta' Proċedura jipprevedu proċedura ta' emerġenza, imħaffa. Skont l-Artikolu 86, l-Assemblea Nazzjonali tista' tgħaddi deċiżjoni jekk ikunu preżenti l-maġġoranza tad-deputati u jekk il-liġi/att jiġu adottati b'maġġoranza tal-voti mixħuta minn dawk id-deputati preżenti, sakemm ma jkunx stipulat tip differenti ta' maġġoranza. Il-Kunsill Nazzjonali jista' jagħmel veto għal liġi/att adottat, u l-Assemblea Nazzjonali tista' tegħleb dak il-veto b' maġġoranza tad-deputati kollha.
Ir-**referendum leġiżlattiv** (*Zakonodajni referendum*) (kif definit fl-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni) huwa regolat fl-Att dwar ir-Referenda u l-Inizjattivi Pubbliċi (*Zakon o referendumu in o ljudski iniciativi*) u jista' jiġi istitwit mill-Assemblea Nazzjonali nnifisha jew, wara talba mill-Kunsill Nazzjonali, terz tad-deputati jew erbgħin elf votant. Il-votanti għandhom l-opportunità li jikkonfermaw jew jirrifjutaw liġi/att adottat mill-Assemblea Nazzjonali qabel ma jiġu promulgati mill-**President tar-Repubblika** (*Predsednik republike*).
Il-President tar-Repubblika jrid jippromulga liġi/att adottat fi żmien tmint ijiem mill-adozzjoni tagħhom. Skont l-Artikolu 154 tal-Kostituzzjoni, in-normi kollha jridu jiġu ppubblikati qabel ma jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ. In-normi legali adottati mill-istituzzjonijiet tal-Istat jiġu ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja (*Uradni list Republike Slovenije*; UL RS), filwaqt li l-ordinanzi u regolamenti lokali oħra jiġu ppubblikati fil-gazzetti lokali.
L-**emendi għall-Kostituzzjoni** jiġu adottati permezz ta' proċedura speċjali stabbilita mill-Kostituzzjoni. Proposta biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni tista' ssir minn 20 deputat tal-Assemblea Nazzjonali, mill-Gvern jew minn 30,000 votant. Proposta bħal din tiġi deċiża mill-Assemblea Nazzjonali b'vot ta' maġġoranza

ta' żewġ terzi tad-deputati preżenti, iżda emenda tista' tiġi adottata biss jekk tiġi approvata b'vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tad-deputati kollha. L-Artikolu 87 tal-Kostituzzjoni jgħid li d-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini u persuni oħra jistgħu jiġu determinati mill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja biss bil-liġi.

Ir-**regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-UE** maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-UE japplikaw direttament fir-Repubblika tas-Slovenja. Il-validità tagħhom ma teħtieġx ratifika u pubblikazzjoni fil-UL RS.

It-**trattati internazzjonali** li r-Repubblika tas-Slovenja tkun firmatarja tagħhom jidħlu fis-seħħ ladarba l-Assemblea Nazzjonali tkun irratifikathom permezz ta' proċedura speċifika. It-trattati internazzjonali jiġu ratifikati bl-adozzjoni ta' liġi mressqa mill-gvern. Liġi dwar ir-ratifika ta' trattat internazzjonali tiġi adottata jekk tgħaddi b'maġġoranza sempliċi tad-deputati preżenti, ħlief fejn stipulat mod ieħor mill-Kostituzzjoni jew mil-liġi.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika (*Pravno-informacijski sistem* – PIS)

Is-Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika – **Ir-reġistru tar-regolamenti tar-Repubblika tas-Slovenja** (*Register predpisov Republike Slovenije*) huwa marbut mal-ġabra tar-regolamenti ta' korpi statali oħra u l-UL RS.

Leġiżlazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali (*Zakonodaja državnega zbora*)

Il-bażi ta' *data* tal-Leġiżlazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali tinkludi t-testi tal-liġijiet/atti kollha u atti oħra li jkunu qed jiġu diskussi mill-Assemblea Nazzjonali. Dawn jinkludu:

Testi Konsolidati tal-liġijiet/atti (*prečiščena besedila zakonov*) – it-testi konsolidati b'mod uffiċjali tal-liġijiet/atti adottati wara d-29 ta' Novembru 2002 u ppubblikati fil-UL RS, u t-testi konsolidati b'mod mhux uffiċjali mis-17 ta' Ġunju 2007;

Liġijiet/atti adottati (*sprejeti zakoni*) – il-liġijiet/atti adottati mill-Assemblea Nazzjonali u ppubblikati fil-UL RS mill-indipendenza fil-25 ta' Ġunju 1991;

Atti Adottati (*sprejeti akti*) – l-atti adottati mill-Assemblea Nazzjonali u ppubblikati fil-UL RS mit-28 ta' Novembru 1996;

Abbozzi ta' liġijiet/atti (*predlogi zakonov*) – l-abbozzi ta' liġijiet/atti ppreżentati għad-diskussjoni fil-mandat attwali tal-Assemblea Nazzjonali (il-bażi ta' *data* tinkludi wkoll l-abbozzi ta' liġijiet/atti adottati li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-UL RS);

Qari tal-liġijiet/atti (*obravnave zakonov*) (tmiem tal-proċedura) – l-arkivju tal-qari kollu ta' liġi/att sottomessi għad-diskussjoni fl-Assemblea Nazzjonali wara t-28 ta' Novembru 1996;

Abbozzi ta' Atti (*predlogi aktov*) – l-abbozzi ta' atti ppreżentati għad-diskussjoni fil-mandat attwali tal-Assemblea Nazzjonali (il-bażi ta' *data* tinkludi wkoll l-abbozzi ta' atti adottati li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-UL RS);

Qari tal-Atti (*obravnave aktov*) (tmiem tal-proċedura) – l-arkivju tal-qari kollu ta' Att ippreżentat għad-diskussjoni fl-Assemblea Nazzjonali wara t-28 ta' Novembru 1996;

Abbozzi ta' Ordinanzi (*predlogi odlokov*) – l-abbozzi ta' ordinanzi ppreżentati għad-diskussjoni fil-mandat attwali tal-Assemblea Nazzjonali (il-bażi ta' *data* tinkludi wkoll l-abbozzi ta' ordinanzi adottati li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-UL RS);

Qari tal-Ordinanzi (*obravnave odlokov*) (tmiem tal-proċedura) – l-arkivju tal-qari kollu ta' Ordinanza ppreżentata għad-diskussjoni fl-Assemblea Nazzjonali wara t-28 ta' Novembru 1996;

Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja (*Uradni list Republike Slovenije*; UL RS)

Ir-regolamenti nazzjonali kollha jiġu ppubblikati uffiċjalment fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja. Id-dokumenti kollha jiġu ppubblikati online.

Ħoloq relatati

Leġiżlazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali

Sistema ta' Informazzjoni Ġuridika

Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja (UL RS)

L-aħħar aġġornament: 20/07/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Slovakkja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema ġuridika fis-Slovakkja.

Informazzjoni dwar l-ordni ġuridiku fis-Slovakkja tista' tinstab fil-paġna Netwerk Ġudizzjarju Ewropew: ordni ġuridiku tal-ġustizzja ċivili.

Sorsi tad-dritt

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

It-terminu "sorsi tad-dritt" jintuża fi tliet sensi:

sorsi tad-dritt fis-sens materjali – sorsi materjali tal-liġi

sorsi tad-dritt fis-sens epistemoloġiku – sorsi tal-għarfien tad-dritt

sorsi tad-dritt fis-sens formali – sorsi formali tad-dritt

Fuq il-bażi ta' kif feġġew in-normi legali u l-forma vinkolanti li huma espressi biha, tradizzjonalment jiġu rikonoxxuti t-tipi ta' sorsi tad-dritt li ġejjin:

il-konswetudni,

il-preċedent (il-liġi magħmula mill-imħallfin),

il-liġijiet miktuba,

it-trattati leġiżlattivi,

il-prinċipji legali ġenerali,

is-sens komun,

il-kotba kontemporanji, il-letteratura legali u l-opinjonijiet tal-esperti,

it-trattati internazzjonali, meta jkunu inkorporati kif xieraq fl-ordni ġuridiku tar-Repubblika Slovakka.

Ġerarkija tan-normi legali

Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-ordni ġuridiku Slovakk huwa l-ġerarkija tan-normi legali. Li tinftiehem sew, kemm fil-prattika leġiżlattiva kif ukoll fl-implimentazzjoni, huwa vitali f'termini tal-legalità. Il-ġerarkija tan-normi mhijiex, madankollu, sempliċement kwistjoni ta' preċedenza jew subordinazzjoni loġika sempliċi. Il-ġerarkija tirrigwarda l-kwistjoni kollha tal-**awtorità leġittima** u tinkludi wkoll l-importanza kategorika li biċċa leġiżlazzjoni tista' ssir biss minn korp awtorizzat jagħmilha bil-liġi – fil-limiti tal-liġi u s-setgħat leġiżlattivi proprji tiegħu.

Il-leġiżlazzjoni hija kklassifikata minn dik li hija magħrufa bħala l-"forza legali". Il-**forza legali** tirreferi għall-proprjetajiet tal-leġiżlazzjoni, biċċa leġiżlazzjoni tkun subordinata għal oħra (jiġifieri waħda b'forza legali akbar), jew meta biċċa leġiżlazzjoni tkun derivata minn oħra li jkollha forza legali akbar. F'sitwazzjoni li tinvolvi bċejjeċ ta' leġiżlazzjoni b'forza legali differenti, id-dispożizzjoni aktar dgħajfa ma tistax tikkontradixxi dik aktar b'saħħitha, filwaqt li d-dispożizzjoni aktar b'saħħitha tista' tipprevali fuq dik aktar dgħajfa.

Il-leġiżlazzjoni tista' tiġi rranġata b'mod ġerarkiku kif ġej skont il-livell tal-forza legali:
Leġiżlazzjoni primarja (atti)
atti kostituzzjonali (dejjem primarji),
atti (primarji jew derivati minn atti kostituzzjonali).
Leġiżlazzjoni sekondarja (leġiżlazzjoni subordinata)
regolamenti tal-gvern – dejjem sekondarji,
leġiżlazzjoni ta' korpi tal-gvern ċentrali – dejjem sekondarja,
leġiżlazzjoni ta' korpi ta' unitajiet awtoregolatorji (awtoritajiet) – primarja jew sekondarja,
leġiżlazzjoni maħruġa f'ċirkustanzi eċċezzjonali minn awtoritajiet li mhumiex korpi governattivi – dejjem sekondarja.
Fis-sistema tad-dispożizzjonijiet legali, meta att partikolari jkollu l-preċedenza, dan bażikament ifisser li d-dispożizzjonijiet legali l-oħra kollha jridu joħorġu minn dak l-att, ikunu kompatibbli miegħu u ma jmorrux kontrih. Dan ifisser li, fil-prattika, f'sitwazzjoni fejn dispożizzjoni legali aktar baxxa fil-ġerarkija tikkontradixxi dispożizzjoni ta' grad ogħla, l-azzjoni trid tittieħed fuq dik tal-grad ogħla.
Qafas istituzzjonali
Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni
Il-korpi u l-awtoritajiet elenkati hawn taħt għandhom is-setgħa li jadottaw il-leġiżlazzjoni (korpi li jfasslu l-liġijiet):
il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka – il-Kostituzzjoni, l-atti kostituzzjonali, l-atti, ut-trattati internazzjonali bi preċedenza fuq atti, it-trattati internazzjonali bil-forza ta' att,
il-Gvern tar-Repubblika Slovakka – regolamenti tal-gvern,
il-ministeri u korpi oħrajn tal-gvern ċentrali – deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni, digrieti u miżuri ta' implimentazzjoni,
l-assemblej muniċipali u tal-ibliet – regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali,
l-awtoritajiet muniċipali u tal-ibliet, u l-korpi tal-gvern lokali – regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali.
Il-proċess leġiżlattiv
Stadji tal-proċess leġiżlattiv:
it-tressiq ta' abbozz ta' liġi – inizjattiva leġiżlattiva,
dibattitu dwar l-abbozz ta' liġi,
votazzjoni (deċiżjoni dwar l-abbozz ta' liġi),
iffirmar tal-abbozz ta' liġi adottat,
promulgazzjoni (pubblikazzjoni) tal-biċċa leġiżlazzjoni.
Il-proċess deċiżjonali
Il-proċess leġiżlattiv
It-tressiq ta' abbozz ta' liġi – inizjattiva leġiżlattiva
Skont l-Artikolu 87(1) tal-Att Nru 460/1992 (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka), l-abbozzi tal-liġijiet jistgħu jiġu ppreżentati minn dawn li ġejjin:
il-kumitati tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka,
il-membri tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka,
il-Gvern tar-Repubblika Slovakka.
L-abbozzi tal-liġijiet jiġu ppreżentati f'taqsimiet, flimkien ma' preambolu.
Dibattitu dwar l-abbozz ta' liġi
Skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka (l-Att Nru 350/1996), l-abbozzi ta' liġijiet jgħaddu minn tliet qarjiet:
L-ewwel qari jinvolvi dibattitu ġenerali dwar is-sustanza jew dik li hija magħrufa bħala **l-"filosofija" tal-abbozz ta' att**. F'dan il-qari, ma jistgħux jiġu proposti emendi jew żidiet.
Fit-tieni qari, l-abbozz ta' liġi jiġi diskuss mill-kumitat(i) tal-Kunsill Nazzjonali li jkun ġie assenjat lilhom. Kull abbozz ta' liġi jrid jiġi rieżaminat mill-Kumitat Kostituzzjonali, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-**kompatibbiltà tiegħu mal-Kostituzzjoni Slovakka**, mal-atti kostituzzjonali, mat-trattati internazzjonali li jorbtu lir-Repubblika Slovakka, mal-atti u d-dritt tal-UE. Wara dan, **jistgħu jiġu proposti emendi u żidiet** u ssir votazzjoni dwarhom ladarba jitlestew id-diskussjonijiet tal-kumitat. Din hija r-raġuni għaliex il-pożizzjonijiet differenti jridu jiġu konsolidati qabel ma l-abbozz ta' liġi jiġi diskuss fil-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka. L-abbozz ta' liġi jintbagħat lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka ladarba **l-Kumitat ta' Koordinazzjoni jkun approva r-rapport konġunt tal-kumitati permezz ta' riżoluzzjoni speċjali**. Dan ir-rapport jifforma l-bażi tad-dibattitu tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk u tal-vot dwar l-abbozz ta' liġi fit-tieni qari.
It-tielet qari huwa limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' liġi li jkunu ġew approvati emendi jew żidiet għalihom fit-tieni qari. Fit-tielet qari, l-uniċi bidliet li jistgħu jressqu l-membri parlamentari huma korrezzjonijiet ta' żbalji fit-tfassil leġiżlattiv, u ta' żbalji grammatikali u ortografiċi. Emendi u żidiet maħsuba biex jeliminaw kwalunkwe żball ieħor iridu jitressqu minn tal-anqas tletin membru tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka. Ladarba dawn ikunu ġew dibattuti, jittieħed vot dwar l-abbozz ta' liġi sħiħ.
Votazzjoni (deċiżjoni dwar l-abbozz ta' liġi)
Biex liġi tgħaddi, **il-maġġoranza assoluta tal-membri preżenti jridu jivvutaw favuriha**.
Il-Kostituzzjoni tista' tiġi emendata u artikoli individwali jistgħu jitħassru biss jekk jgħaddu b'maġġoranza kwalifikata, li tfisser tlieta minn kull ħamsa tal-membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka (3/5 ta' 150).
Il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jkollu kworum jekk ikun hemm preżenti mill-anqas nofs il-membri tiegħu.
Iffirmar tal-abbozz ta' liġi adottat
L-abbozz ta' liġi adottat jiġi ffirmat minn:
il-President tar-Repubblika Slovakka,
l-Ispiker tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka,
il-Prim Ministru tar-Repubblika Slovakka.
Dan il-pass fil-proċedura jinvolvi l-verifika tal-kontenut, il-korrettezza proċedurali u l-forma finali tal-abbozz ta' liġi adottat. Bil-firma tagħhom, dawn l-ogħla uffiċjali kostituzzjonali japprovaw il-formulazzjoni tal-att.
Il-President għandu d-dritt li jeżerċita "veto sospensiv" u jirrifjuta li jiffirma att adottat minħabba difetti fil-kontenut tiegħu. Huwa mbagħad irid jibgħat lura l-att adottat, flimkien mal-kummenti tiegħu, lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka biex jiġi diskuss mill-ġdid.
L-att irritornat imbagħad jgħaddi mill-istadji tat-tieni u tat-tielet qari. F'dan il-punt, il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jista' – iżda ma għandux għalfejn – jikkunsidra l-kummenti tal-President. Il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jista' jegħleb il-"veto sospensiv" billi jerġa' jivvota, f'liema każ l-att irid jiġi promulgat, anki mingħajr il-firma tal-President.

Promulgazzjoni (pubblikazzjoni) tal-biċċa leġiżlazzjoni

Il-promulgazzjoni hija l-istadju finali fil-proċess leġiżlattiv. Il-leġiżlazzjoni li tapplika għall-pajjiż kollu tiġi ppubblikata formalment fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi (Zbierka zákonov) tar-Repubblika Slovakka; din il-pubblikazzjoni hija kompetenza tal-Ministeru tal-Ġustizzja Slovakk. Il-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi hija l-istrument ta' pubblikazzjoni statali tar-Repubblika Slovakka. Il-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi tinħareġ f'forma elettronika u f'forma stampata. Il-verżjoni elettronika u l-verżjoni stampata tal-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi għandhom l-istess effetti legali u kontenut identiku. Il-verżjoni elettronika tal-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi hija disponibbli mingħajr ħlas permezz tal-portal Slov-Lex.

Dħul fis-seħħ

Il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-promulgazzjoni tagħha fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi.

Il-leġiżlazzjoni ssir effettiva fil-15-il jum wara l-promulgazzjoni fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi sakemm ma jkunx stipulat li se tidħol fis-seħħ aktar tard.

Atti oħra jsiru vinkolanti fid-data tal-promulgazzjoni tagħhom fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi.

Mezzi ta' soluzzjoni tal-kunflitti bejn is-sorsi differenti tal-liġi

Strument normattiv ta' forza legali inferjuri ma jistax jikkontradixxi strument normattiv ta' forza legali superjuri.

Strument normattiv jista' jiġi emendat jew imħassar biss bi strument normattiv tal-istess forza legali jew superjuri.

Fil-prattika, ir-regola għar-riżoluzzjoni tal-inkompatibbiltà bejn leġiżlazzjoni li jkollha l-istess forza legali hija li biċċa leġiżlazzjoni aktar reċenti tħassar jew temenda biċċa leġiżlazzjoni eqdem, jew li norma speċifika tħassar jew temenda norma ġenerali.

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka tirrieżamina u tiddeċiedi dwar jekk:

l-atti jkunux konformi mal-Kostituzzjoni;

ir-regolamenti tal-gvern u d-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali, tal-ministeri u korpi oħrajn tal-gvern ċentrali, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni, il-liġijiet kostituzzjonali, u l-liġijiet;

ir-regolamenti li jorbtu b'mod ġenerali, maħruġa minn korpi ta' unitajiet awtoregolatorji, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni u l-liġijiet;

id-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali, maħruġa minn korpi lokali tal-amministrazzjoni ċentrali, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni, il-liġijiet u dispożizzjonijiet legali oħrajn li jorbtu b'mod ġenerali;

id-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali jkunux konformi mat-trattati internazzjonali promulgati bil-mod stabbilit għall-promulgazzjoni tal-atti.

Meta l-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi li jkun hemm nuqqas ta' kompatibbiltà bejn id-dispożizzjonijiet legali, dawn id-dispożizzjonijiet – jew partijiet jew regoli tagħhom – ma jibqgħux effettivi. Meta l-korpi li jkunu ħarġu d-dispożizzjonijiet jonqsu milli jġibuhom konformi mal-istrumenti ta' livell superjuri rilevanti fil-limitu ta' żmien statutorju wara l-ħruġ tad-deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet – jew partijiet jew regoli tagħhom – ma jibqgħux fis-seħħ.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Il-bażi ta' *data* Slov-Lex tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka

Il-portal "Ġabra Elettronika ta' Atti Leġiżlattivi (Slov-Lex)" tal-Ministeru tal-Ġustizzja huwa bbażat fuq żewġ sistemi ta' informazzjoni interkonnessi:

eZbierka (Ġabra elettronika) – sistema ta' informazzjoni li tipprovdi testi elettroniċi konsolidati vinkolanti tal-leġiżlazzjoni u standards oħra għal dawk indirizzati mil-liġi

eLegislativa (Leġiżlazzjoni elettronika) – sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-proċess għall-fażijiet kollha tal-proċess leġiżlattiv, mgħammra b'għodod ta' editjar avvanzati għal-leġiżlaturi

Benefiċċji għall-gruppi fil-mira:

Il-prinċipju legali fundamentali li l-persuni kollha huma familjari mal-liġi kif valida u fis-seħħ u jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom huwa dejjem aktar diffiċli biex jiġi applikat fil-prattika minħabba ż-żieda fil-volum u fil-kumplessità tal-leġiżlazzjoni. Il-proġett Slov-Lex se jgħin biex itejjeb l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju billi jiżgura aċċess effettiv għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ għal kulħadd:

iċ-**ċittadini** – it-taqsima eZbierka tal-proġett b'mod partikolari se ġġib benefiċċji fil-forma ta' aċċess imtejjeb b'mod formali u sostantiv għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, bla ħlas, u għarfien akbar tal-leġiżlazzjoni ġdida

il-**ġuristi** – se jiksbu aċċess kontinwu għal-liġi fis-seħħ u l-possibbiltà li jkunu notifikati dwar leġiżlazzjoni ġdida fir-Repubblika Slovakka jew fl-Unjoni Ewropea, kemm b'mod ġenerali kif ukoll b'mod speċifiku dwar leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma li jispeċjalizzaw fihom

l-**intraprendituri** – se jiksbu wkoll aċċess kontinwu bla ħlas għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u l-possibbiltà li jiġu mgħarrfa dwar leġiżlazzjoni ġdida Slovakka jew tal-Unjoni Ewropea, kemm b'mod ġenerali kif ukoll b'mod speċifiku dwar leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma li joperaw fihom; l-ambjent regolatorju mtejjeb se joħloq kundizzjonijiet aktar favorevoli għan-negozju u jnaqqas il-piż amministrattiv tan-negozju

l-**awtoritajiet lokali u reġjonali** – se jiksbu aċċess kontinwu bla ħlas għas-sorsi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, filwaqt li fl-istess ħin se jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom (l-obbligu amministrattivament impenjattiv u għali sabiex jipprovdu aċċess fil-ġranet tax-xogħol għall-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi, marbut ma' abbonament u l-arkivjar ta' kopja stampata tal-Ġabra), billi jiġi sostitwit l-obbligu oneruż li jipprovdu aċċess assistit għall-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi fil-jiem tax-xogħol

l-**amministrazzjonijiet pubbliċi** – il-proġett minn naħa se jipprovdi aċċess kontinwu bla ħlas għas-sorsi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, se jnaqqas il-piż amministrattiv u b'hekk l-ispiża finanzjarja tal-proċess leġiżlattiv, u l-possibbiltà li jittejjeb it-twettiq tal-kompiti fl-oqsma tat-tfassil tal-liġijiet u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea

l-**awtoritajiet ġudizzjarji** – se jiksbu aċċess kontinwu u rapidu għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fi kwalunkwe jum magħżul fl-istorja, u l-possibbiltà ta' referenzi minn deċiżjonijiet ġudizzjarji għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fi żmien partikolari, li mill-anqas se jelimina parzjalment l-attivitajiet ta' rutina u jżid l-effiċjenza tax-xogħol tal-imħallfin u tal-uffiċjali tal-qrati

l-**awtoritajiet leġiżlattivi** – se jkunu jistgħu jużaw għodda effiċjenti biex ifasslu l-leġiżlazzjoni u jamministraw il-proċess leġiżlattiv, li se teħlishom minn ftit burokrazija u tippermettilhom jiffukaw aktar fuq il-kontenut tal-proposti pendenti.

Ħoloq relatati

Il-portal legali u ta' informazzjoni Slov-Lex

L-aħħar aġġornament: 25/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Finlandja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema legali fil-Finlandja.

Sorsi tal-liġi

It-terminu "sorsi tal-liġi" jfisser is-sorsi fejn jinstabu r-regoli legali. Fil-Finlandja, uħud mis-sorsi tal-liġi huma nazzjonali u wħud huma internazzjonali. Uħud mis-sorsi huma miktubin, oħrajn mhumiex. Iktar 'l isfel għandek issib sommarju tas-sorsi kollha tal-liġi.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

Sorsi nazzjonali tal-liġi

L-iktar sorsi nazzjonali importanti tal-liġi huma l-liġijiet miktubin. F'dan il-kuntest, it-terminu "liġijiet" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' bħala li jfisser il-Kostituzzjoni, l-atti ordinarji (magħrufa wkoll bħala l-Atti tal-Parlament), id-digrieti – kemm jekk jinħarġu mill-President tar-Repubblika, mill-Kunsill tal-Ministri jew mill-ministeri – u r-regoli legali maħruġa mill-awtoritajiet ta' grad inferjuri. Ir-regoli legali maħruġa mill-awtoritajiet ta' grad inferjuri u d-digrieti jistgħu jinħarġu biss taħt l-awtorità tal-Kostituzzjoni jew ta' Att ordinarju, li normalment jispeċifika l-entità jew l-awtorità Statali li ngħatat is-setgħa biex toħroġ tali regola.

F'ċirkustanzi fejn m'hemm l-ebda liġi miktuba, is-Sezzjoni 11 tal-Kapitolu 1 tal-Kodiċi ta' Proċedura jipprovdi li d-drawwa tista' tkun is-sors tal-liġi. Biex id-drawwa tkun vinkolanti, trid tkun ekwa. Ir-regola tad-drawwa tmur lura ħafna fiż-żmien u l-kunċett kurrenti tagħha mhux wisq speċfiku. Prinċipalment illum "drawwa" tfisser ċerti prattiki stabbiliti li jiġru, pereżempju, fl-attivivitajiet kummerċjali. Minħabba li r-regolamenti pprovduti fil-liġi miktuba issa huma pjuttost komprensivi, id-drawwa llum relattivament rari hija ta' importanza bħala sors tal-liġi. F'uħud mill-oqsma, madankollu, bħal-liġi tal-kuntratti, il-liġi abitwali għadha pjuttost f'saħħitha anki llum.

Il-ħidma leġiżlattiva preparatorja u d-deċiżjonijiet tal-qrati huma wkoll sorsi tal-liġi. Il-ħidma leġiżlattiva preparatorja tipprovdi informazzjoni dwar l-intenzjoni tal-leġiżlatur u, għal dik ir-raġuni, tali dokumenti jintużaw fl-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Mid-diversi deċiżjonijiet tal-qrati, l-iktar importanti bħala sorsi tal-liġi huma dawk tal-ogħla qrati, jiġifieri l-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema. Id-deċiżjonijiet ta' dawn iż-żewġ qrati jissejħu preċedenti. Għalkemm il-preċedenti mhumiex legalment vinikolanti, fil-prattika huma ferm importanti. Id-deċiżjonijiet tal-qrati l-oħra jistgħu wkoll ikunu importanti bħala sorsi tal-liġi. Tabilħaqq, f'ċirkustanzi fejn id-deċiżjoni ta' qorti inferjuri tkun waħda finali, il-prassi tal-qrati inferjuri tista' tkun ta' importanza prattika kbira.

Il-ġurisprudenza, il-prinċipji legali ġenerali u l-argumenti fattwali huma wkoll sorsi nazzjonali tal-liġi. Il-kompitu speċifiku tal-ġurisprudenza huwa li tistħarreġ il-kontenut tas-sistema legali – l-interpretazzjoni u l-klassifikazzjoni tar-regoli legali – u għal dik ir-raġuni hija wkoll hija sinifikanti bħala sors tal-liġi. Il-prinċipji legali ġenerali u l-argumenti prattiċi jista' wkoll ikollhom importanza bħala sorsi tal-liġi. Kif se jintwera iktar 'l isfel, il-pożizzjoni ta' dawn is-sorsi tal-liġi fil-ġerarkija tas-sorsi tal-liġi hija iktar dgħajfa minn dik tas-sorsi l-oħra msemmija iktar 'il fuq.

Sorsi internazzjonali tal-liġi u l-liġi tal-Unjoni Ewropea

Il-ftehimiet internazzjonali u obbligi internazzjonali oħrajn li daħlet għalihom il-Finlandja huma sorsi vinkolanti tal-liġi fil-Finlandja. Il-prattika tal-korpi internazzjonali li japplikaw tali ftehimiet hija wkoll importanti bħala sors tal-liġi. Eżempju wieħed ta' sors tal-liġi f'din il-kategorija hija l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; b'hekk il-prattika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni.

Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, il-Finlandja hija wkoll marbuta bil-liġijiet, bir-regolamenti u bid-direttivi tal-Unjoni. Dawn huma fost l-iktar leġiżlazzjoni importanti tal-Unjoni Ewropea. Ir-regolamenti huma direttament applikabbli għall-Istati Membri kollha u l-Istati Membri jridu jimplimentaw id-direttivi tagħha. Il-ħidma preliminari fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, għalhekk, tista' tkun ta' ċerta importanza fl-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, għalkemm dik l-importanza hija ferm iċken milli huwa l-każ għall-ħidma preparatorja għal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Strumenti regolatorji oħrajn tal-UE jorbtu lill-Finlandja daqskemm jorbtu lil Stati Membri oħrajn. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej huma wkoll importanti bħala sors tal-liġi, għaliex dawn huma parti mill-korp tal-liġi tal-UE.

Ġerarkija ta' normi

Is-sorsi tal-liġi Finlandiża ġeneralment jinqasmu f'sorsi ferm vinkolanti, f'sorsi ftit vinkolanti u f'sorsi ammissibbli. L-atti u d-drawwa huma sorsi ferm vinkolanti. Għalhekk, dawn jokkupaw l-ogħla pożizzjoni fil-ġerarkija. Huwa d-dmir uffiċjali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġijiet li japplikawhom; jekk iwarrbuhom jitqies li dawn ikunu ħajta ta' kondotta uffiċjali ħażina. Il-ġerarkija tal-leġiżlazzjoni nazzjonali hija kif ġej:

Il-Kostituzzjoni

Atti ordinarji (Atti tal-Parlament)

Digrieti maħruġa mill-President tar-Repubblika, mill-Kunsill tal-Ministri u mill-ministeri

Regoli legali maħruġa minn awtoritajiet ta' grad inferjuri.

Is-sorsi tal-liġi li huma ftit vinkolanti, jiġfieri dawk li jinsabu fi grad inferjuri tal-ġerarkija, jikkonsistu fil-ħidma leġiżlattiva preparatorja u fid-deċiżjonijiet tal-qrati. In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' dawn is-sorsi ma jirriżultax f'sanzjoni għal kondotta uffiċjali ħażina fil-konfront tal-awtorità tal-infurzar, imma tiżdied il-probabbiltà li deċiżjoni tkun ikkontestata f'qorti ogħla. Il-kategorija tas-sorsi ammissibbli tal-liġi jinkludu l-ġurisprudenza, il-prinċipji legali ġenerali u l-argumenti fattwali. Is-sorsi ammissibbli tal-liġi mhumiex vinkolanti, imma jistgħu jintużaw sabiex isostnu argument u b'hekk isaħħu l-motivi li fuqhom tkun ibbażata deċiżjoni.

Il-ftehimiet internazzjonali għandhom l-istess grad fil-ġerarkija bħall-istrument li jintuża biex jimplimentahom fil-Finlandja. B'hekk, jekk ftehim internazzjonali jiġi implimentat minn Att, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim għandhom l-istess grad fil-ġerarkija bħad-dispożizzjonijiet tal-Att. Jekk, però, obbligu internazzjonali jiġi implimentat skont digriet, id-dispożizzjonijiet tiegħu jkollhom l-istess grad fil-ġerarkija bħad-dispożizzjonijiet tad-digriet. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi, għalhekk, huma analogi għad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-istess grad fil-ġerarkija.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli mill-adozzjoni tar-regoli legali

Skont il-Kostituzzjoni Finlandiża, huwa l-Parlament li għandu s-setgħa leġiżlattiva fil-Finlandja. Il-Parlament jippromulga l-Atti ordinarji kollha u jiddetermina wkoll l-emendi għall-Kostituzzjoni. L-Atti jew il-liġijiet bażiċi ppromulgati mill-Parlament jistgħu jagħtu lil ċerti korpi l-awtorità li joħroġu regoli legali dwar ċerti kwistjonijiet. Fuq il-bażi ta' din l-awtorizzazzjoni, il-President tar-Repubblika, il-gvern u ministeru jistgħu joħorġu digriet. Fejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni li tispeċifika min għandu joħroġ digriet, dan jinħareġ mill-gvern. F'ċerti ċirkustanzi, awtorità ta' grad inferjuri tista' wkoll tkun awtorizzata minn Att biex tistabbilixxi regoli legali dwar kwistjonijiet partikolari. Dan jiġri fejn ikun hemm raġunijiet speċifiċi marbuta mas-suġġett tar-regoli kkonċernati, u fejn l-importanza materjali ta' dawk ir-regoli ma teżiġix li dawn ikunu stabbiliti minn Att jew digriet. Barra minn hekk, l-ambitu ta' tali awtorizzazzjoni jrid ikun iddefinit b'mod ċar. L-ebda korp għajr dawk imsemmija iktar 'il fuq ma għandu l-awtorità li joħroġ regoli legali ġeneralment vinkolanti.

Proċess deċiżjonali

Promulgazzjoni u dħul fis-seħħ tar-regoli legali

Sabiex leġiżlazzjoni tkun ippromulgata, din trid tkun ippreżentata lill-Parlament għal kunsiderazzjoni bħal proposta mill-gvern jew fuq inizjattiva ta' Membru tal-Parlament. Il-proposti tal-gvern jiġu ppreprati fil-ministeri u wara jiġu diskussi waqt is-sessjoni plenarja tal-gvern. Imbagħad, id-deċiżjoni dwar jekk il-proposta tal-gvern għandhiex titressaq quddiem il-Parlament jew le tittieħed waqt is-sessjoni presidenzjali.

Fil-Parlament, proposta tal-gvern l-ewwel tkun suġġetta għal dibattitu preliminari, u wara tiġi assenjata lil kumitat parlamentari biex tkun ikkunsidrata. Il-kumitat jisma' esperti u jabbozza rapport dwar il-proposta tal-gvern. Il-kwistjoni mbagħad tmur quddiem sessjoni plenarja tal-Parlament, fejn ir-rapport tal-kumitat parlamentari jagħmilha ta' bażi għad-diskussjoni. Id-deċiżjoni jekk l-Abbozz ta' liġi għandux jgħaddi jew le tittieħed waqt sessjoni plenarja tal-Parlament wara t-tieni qari. Il-Parlament jista' jgħaddi abbozz mingħajr ma jemendah, jista' jemendah jew inkella jiċħdu. Id-deċiżjoni finali dwar id-destin ta' Abbozz ta' liġi għalhekk tinsab f'idejn il-Parlament. L-Abbozzi Ordinarji jgħaddu fil-Parlament permezz ta' maġġoranza sempliċi, filwaqt li emenda għall-Kostituzzjoni teħtieġ maġġoranza stipulata.

Hekk kif Abbozz jgħaddi mill-Parlament, dan jintbagħat lill-President tar-Repubblika biex japprovah. Att jidħol fis-seħħ fiż-żmien speċifikat fl-Abbozz, imma mhux qabel ma jkun ġie ppubblikat fil-gazzetta legali, "Statuti tal-Finlandja".

Id-digrieti maħruġa mill-President tar-Repubblika, mill-gvern jew minn ministeru jiġu ppreparati fil-ministeru li jieħu ħsieb il-kwistjoni. Fejn għandhom x'jaqsmu d-digrieti presidenzjali, il-President tar-Repubblika jieħu deċiżjoni biex joħroġ digriet fuq il-bażi tal-proposti ppreżentati mill-gvern. Il-ħruġ tad-digrieti tal-gvern jiġi ddeterminat waqt is-sessjonijiet plenarji tal-gvern, u l-ħruġ tad-digrieti ministerjali jiġi ddeterminat mill-ministeru kkonċernat. Id-digrieti kollha jiġu ppubblikati fl-"Istatuti tal-Finlandja". Digriet jidħol fis-seħħ fiż-żmien speċifikat fid-digriet innifsu, imma, ikun xi jkun il-każ, ma jidħolx fis-seħħ qabel mad-digriet ikun ġie ppubblikat fl-"Istatuti tal-Finlandja".

Ir-regoli legali stabbiliti minn awtoritajiet ta' grad inferjuri – li, fil-prattika, ġeneralment jissejħu jew deċiżjonijiet jew regoli u regolamenti – jiġu ppreparati mill-awtorità kkonċernata, li tiddeċiedi wkoll dwar l-adozzjoni tagħhom. Ir-regolamenti li jiġu adottati minn awtoritajiet ta' grad inferjuri jidħlu fis-seħħ fiż-żmien ipprovdut u jiġu ppubblikati fil-kompendju tar-regoli u tar-regolamenti tal-awtorità kkonċernata.

Bażijiet tad-dejta legali

Finlex

Finlex hija bażi tad-dejta legali b'iktar minn 30 bażi tad-dejta. L-informazzjoni leġiżlattiva f'Finlex hija organizzata f'sitt bażijiet tad-dejta. Fost l-oħrajn, hija tinkludi:

Il-bażi tad-dejta tat-traduzzjonijiet tal-atti u tad-digrieti Finlandiżi, inklużi t-traduzzjonijiet tal-Atti tal-Parlament Finlandiżi (fil-parti l-kbira bl-Ingliż)

It-testi konsolidati tal-atti u tad-digrieti (bil-Finlandiż u bl-Iżvediż)

Bażi tad-dejta ta' referenza li tinkludi lista ta' emendi li saru lil kwalunkwe att jew digriet

Atti u digrieti bil-lingwa Sámi.

It-traduzzjonijiet tal-Atti u tad-digrieti Finlandiżi (fil-parti l-kbira bl-Ingliż) jinsabu f'bażi tad-dejta waħda. It-testi oriġinali tal-Atti u tad-digrieti jinsabu f'bażijiet tad-dejta separati. L-iktar Atti reċenti jinsabu fl-istatuti elettroniċi tal-Finlandja.

Il-ġurisprudenza f'Finlex tikkonsisti f'iktar minn għaxar bażijiet tad-dejta. Dawn jinkludu l-preċedenti stabbiliti mill-Qorti Suprema u l-kawżi tal-Qorti Amministrattiva Suprema, il-qrati tal-appell, il-qrati amministrattivi u l-qrati speċjali.

Bażijiet tad-dejta oħrajn ta' Finlex jinkludu t-trattati internazzjonali, il-leġiżlazzjoni sekondarja u l-abbozzi tal-liġijiet tal-gvern.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa **mingħajr ħlas**.

Bażijiet tad-dejta oħrajn

Minbarra Finlex, fil-Finlandja huma disponibbli wkoll bażijiet tad-dejta dwar il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza, l-abbozzi tal-liġijiet tal-gvern u l-letteratura legali. Edilex u Suomen laki jipprovdu servizzi komprensivi ta' informazzjoni legali onlajn. Kemm Edilex kif ukoll Suomen laki jinkludu bażijiet tad-dejta tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, tal-ġurisprudenza u materjal ieħor. Għall-parti l-kbira tas-servizzi huwa meħtieġ l-abbonament. WSOYPro hija t-tielet servizz ta' informazzjoni legali kummerċjali fil-Finlandja. Il-parti l-kbira tal-materjal huwa ristrett għall-abbonati.

L-aħħar aġġornament: 02/02/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna SV ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Svezja

Din il-paġna tipprovdik b'informazzjoni dwar is-sistema legali fl-Iżvezja.

Sorsi tal-liġi

Hemm erba' sorsi tal-liġi ewlenin fl-Iżvezja: il-leġiżlazzjoni, il-materjal leġiżlattiv ta' tħejjija, il-ġurisprudenza u l-letteratura akkademika.

Il-leġiżlazzjoni hija s-sors ewlieni. Din tiġi stampata u promulgata fil-Kodiċi Żvediż tal- Istatuti. Il-leġiżlazzjoni hija maqsuma f'atti, ordinanzi u regolamenti. L-atti jiġu adottati mir-Riksdag (il-Parlament Svediz), l-ordinanzi mill-Gvern u r-regolamenti joħorġu mill-awtoritajiet.

Ir- Riksdag (il-Parlament Żvediż) huwa l-uniku korp pubbliku li għandu l-awtorità jadotta liġijiet ġodda jew jemenda l-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-leġiżlazzjoni li ġiet adottata tista' biss tiġi annullata jew emendata permezz ta' deċiżjoni ġdida mir-Riksdag.

Id-deċiżjonijiet mill-qrati, **il-ġurisprudenza**, għandhom rwol importanti fl-applikazzjoni tal-liġi. Dan japplika partikolarment għad-deċiżjonijiet mill-għola qrati, il-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema.

Ix-xogħol ta' tħejjija għal liġijiet proposti, jiġifieri it-testi li jiġu maħluqa b'rabta mal-proċess leġiżlattiv, jintużaw ukoll fl-applikazzjoni tal-liġi.

Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni

L-atti l-ġodda jew l-emendi għall-atti eżistenti normalment jiġu proposti mill-Gvern. Qabel ma l-Gvern jissottometti proposta dwar leġiżlazzjoni ġdida lir-Riksdag, ġeneralment irid jeżamina l-alternattivi disponibbli bir-reqqa. Dan il-kompitu huwa assenjat lil kummissjoni ta' inkjesta maħtura għal dan l-għan.

Qabel ma r-Riksdag jiddeċiedi jekk għandux jadotta liġi jew emenda proposta, il-proposta għandha tiġi kkunsidrata mill-membri tar-Riksdag f'kumitat parlamentari. Hemm ħmistax-il kumitat, kull wieħed bil-qasam ta' responsabbiltà tiegħu, bħat-trasport jew l-edukazzjoni.

Meta kumitat ikun ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kamra – fil-forma ta' rapport tal-kumitat – dwar liema deċiżjoni għandu jieħu r-Riksdag dwar il-proposti tal-Gvern u tal-membri, il-membri kollha tar-Riksdag jiddibattu l-liġi proposta u tittieħed deċiżjoni finali.

Hija r-responsabbiltà tal-Gvern li jimplimenta d-deċiżjonijiet tar-Riksdag u li jiżgura li huma infurzati bil-mod intiż mir-Riksdag. L-Uffiċċji tal-Gvern, inklużi l-ministeri kollha u madwar 300 aġenzija pubblika, jassistu lill-Gvern f'din il-kariga.

Il-liġijiet u l-ordinanzi kollha jiġu ppubblikati fil-Kodiċi tal-Istatuti Żvediż (*Svensk Författningssamling*, SFS), li huwa disponibbli f'forma stampata u fuq l-Internet.

Bażijiet tad-dejta ġuridiċi

Tista' ssib informazzjoni ġuridika dwar l-amministrazzjoni pubblika fuq Lagrummet. Minn dan il-portal huma disponibbli ħoloq ta' aċċess għall-informazzjoni ġuridika mill-Gvern, mir-Riksdag, mill-qrati superjuri u mill-aġenziji tal-gvern.

L-aċċess għall-portal huwa **mingħajr ħlas**.

L-aħħar aġġornament: 05/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - L-Ingilterra u Wales

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar il-liġi u l-bażijiet tad-dejta legali marbuta mas-sistema legali fir-Renju Unit, b'referenza partikolari għall-ġurisdizzjoni tal-Ingilterra u ta' Wales.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi prinċipali tal-liġi fil-ġuriżdizzjoni tal-Ingilterra u Wales tar-Renju Unit huma:

Leġiżlazzjoni primarja fil-forma ta' **Atti tal-Parlament tar-Renju Unit, Atti tal-Assemblea Nazzjonali għal Wales** u **Miżuri tal-Assemblea Nazzjonali ta' Wales**

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

Leġiżlazzjoni sekondarja (jew sussidjarja) fil-forma ta' **strumenti statutorji** magħmula mis-Sovran, il-gvern tar-Renju Unit, il-gvern tal-Assemblea għal Wales jew awtorità oħra. Xi leġiżlazzjoni sussidjarja oħra tista' ssir bħala **ordnijiet amministrattivi**.

Id-**dritt komuni** kif żviluppat permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji

Tipi ta' strumenti ġuridiċi – deskrizzjoni

Il-**leġiżlazzjoni primarja**, jew l-Atti tal-Parlament, isiru mill-Parlament tar-Renju Unit f'Londra u jistgħu japplikaw għar-Renju Unit kollu jew għal kwalunkwe parti minnu. L-Assemblea Nazzjonali għal Wales tista' tgħaddi Atti dwar 20 qasam devolut elenkat fl-Iskeda 7 mal-**Att tal-2006 dwar il-Gvern ta' Wales.** Leġiżlazzjoni primarja oħra tista' ssir mis-Sovran, minħabba l-prerogattiva li għandu, f'diversi forom, bħal Ordnijiet fil-Kunsill, Proklamazzjonijiet, Mandati Rjali, Struzzjonijiet Irjali, Regolamenti u Letters Patent.

Il-**leġiżlazzjoni sekondarja** ssir skont is-setgħat ikkonferiti minn jew skont l-istatut tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill jew ta' Ministru, dipartiment (Ministeru), Ministri ta' Wales jew entità jew persuna oħra. Din tissejjaħ anki leġiżlazzjoni delegata jew sekondarja, u l-istatut li jagħti s-setgħa jissejjaħ l-Att li jagħti l-possibbiltà jew is-setgħa jew l-Att "prinċipali". Il-leġiżlazzjoni sekondarja jista' jkollha diversi ismijiet: bħal Ordnijiet fil-Kunsill, Regolamenti jew Regoli, li kollha kemm huma, kollettivament, jistgħu jissejħu "Strumenti Statutorji" jew "Regoli Statutorji".

F'Lulju 1999, ċerti setgħat li jfasslu l-liġijiet kienu ttrasferiti mill-Parlament tar-Renju Unit lill-Assemblea Nazzjonali għal Wales f'Cardiff. L-Assemblea ngħatat is-setgħa li tagħmel strumenti statutorji li jolqtu lil Wales, imma l-leġiżlazzjoni primarja dwar l-affarijiet ta' Wales baqgħet issir mill-Parlament tar-Renju Unit. Wara l-**Att dwar il-Gvern ta' Wales tal-2006**, l-Assemblea ngħatat is-setgħa li tgħaddi Miżuri (leġiżlazzjoni primarja) dwar l-affarijiet ta' Wales li l-Parlament tar-Renju Unit approva l-ordnijiet ta' kompetenza leġiżlattiva għalihom li jkopru s-suġġetti stabbiliti fl-Att. Il-Miżuri, madankollu, iridu jitressqu għall-approvazzjoni tas-Sovran fil-Kunsill qabel ma jkunu jistgħu jsiru liġi. L-Assemblea hija responsabbli għal kwistjonijiet li jinkludu l-iżvilupp ekonomiku, l-edukazzjoni, l-ambjent, is-saħħa, id-djar, it-turiżmu u t-trasport; imma mhix responsabbli għad-dritt ċivili jew id-dritt kriminali. Il-leġiżlazzjoni ta' Wales li ssir mill-Assemblea u mill-Ministri ta' Wales (il-gvern tal-Assemblea għal Wales) issir kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-ilsien ta' Wales.

Is-setgħa biex isiru **trattati internazzjonali** f'isem ir-Renju Unit hija tal-Kuruna – jiġifieri, tas-Sovran skont il-Prerogattiva Rjali, li jaġixxi fuq il-parir tal-Gvern tar-Renju Unit. Fil-mument, il-Parlament tar-Renju Unit ma għandu l-ebda rwol formali fit-tfassil tat-trattati, imma fejn trattat jeħtieġ emenda fil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit jew għotja ta' flejjes pubbliċi, il-Parlament jivvota dwar dan bil-mod normali. It-Trattati kollha tal-UE jeħtieġu leġiżlazzjoni biex jiġu implimentati fir-Renju Unit u għalhekk huma suġġetti għall-iskrutinju tal-Parlament. La jidħol fis-seħħ l-Att dwar ir-Riforma Kostituzzjonali u l-Governanza tal-2010 trattat ma jkunx jista' jiġi rratifikat biss jekk (a) Ministru tal-Kuruna jkun l-ewwel nett ressaq kopja tat-trattat quddiem il-Parlament, (b) it-trattat ikun ġie ppubblikat u (c) ikun skada perjodu ta' 21 ġurnata ta' seduti mingħajr ma l-ebda Kamra tal-Parlament tkun iddeċidiet li t-trattat ma għandux jiġi rratifikat.

Ġerarkija ta' normi

Fejn ikun hemm kunflitti bejn is-sorsi tal-liġi differenti, il-forum prinċipali biex dawn ikunu solvuti huma l-qrati. It-tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni ukoll jista' jiġi solvut mill-qrati. Madankollu, peress li fir-Renju Unit ma hemm l-ebda "kostituzzjoni miktuba", mhux possibbli li Att tal-Parlament jiġi kkontestat fil-qorti għaliex ikun "antikostituzzjonali". Skont id-**duttrina kostituzzjonali tas-"sovranità parlamentari"**, il-Parlament tar-Renju Unit huwa l-awtorità leġiżlattiva suprema, fis-sens li jista' jagħmel u jirrevoka kwalunkwe liġi, u li l-ebda entità oħra ma tista' tirrevoka jew tiddubita l-validità ta' Att tal-Parlament.

Madankollu, id-duttrina tas-sovranità parlamentari hija kkwalifikata mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea tar-Renju Unit. Bis-saħħa tal-Att dwar il-Komunitajiet Ewropej tal-1972, il-liġi tal-Unjoni Ewropea tifforma parti mil-liġi tal-Ingilterra u Wales (kif ukoll tal-Iskozja u tal-Irlanda ta' Fuq). Il-leġiżlazzjoni domestika trid tiġi interpretata b'tali mod li, kull fejn ikun possibbli, tkun konformi mal-liġi tal-UE.

L-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998, li kien jinkorpora l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-liġi tar-Renju Unit, jagħti lill-qrati setgħa oħra li permezz tagħha jistgħu jiġu kkontestati l-Atti tal-Parlament. Sa fejn ikun possibbli, il-leġiżlazzjoni domestika trid tiġi interpretata b'mod li jkun kompatibbli mad-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-qrati, u b'mod partikolari dawk tal-qrati tal-appell, għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-liġi. Mhux biss jipprovdu deċiżjonijiet awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, imma jifformaw ukoll il-bażi tad-dritt komuni, li ġejja mid-deċiżjonijiet tal-qrati f'kawżi preċedenti (jew il-ġurisprudenza). Rigward liema deċiżjonijiet tal-qrati jorbtu liema qrati oħrajn, il-prinċipju ġenerali huwa li qorti tkun marbuta b'deċiżjonijiet preċedenti li ttieħdu minn qorti superjuri.

Rigward kwistjonijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-**Qorti Ewropea tal-Ġustizzja** hija l-ogħla awtorità. Il-Law Lords fil-House of Lords aġixxew bħala l-Qorti Suprema tar-Renju Unit, iżda ġew sostitwiti mill-Qorti Suprema l-ġdida li bdiet topera mill-1 ta' Ottubru 2009. Il-Law Lords eżistenti saru l-ewwel Imħallfin tal-Qorti Suprema, u s-Senior Law Lord sar il-President.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni ta' regoli ġuridiċi u l-proċess deċiżjonali

Il-leġiżlazzjoni primarja ssir mill-**Parlament tar-Renju Unit** f'Londra. Qabel ma **proposta għal leġiżlazzjoni** (magħrufa bħala Abbozz ta' Liġi) tkun tista' ssir Att tal-Parlament, din trid tkun approvata miż-żewġt Ikmamar tal-Parlament: il-House of Commons u l-House of Lords. L-istadji li ġejjin iseħħu fiż-żewġt Ikmamar:

L-ewwel qari (introduzzjoni formali tal-Abbozz mingħajr dibattitu)

It-tieni qari (dibattitu ġenerali)

L-istadju tal-kumitat (eżami dettaljat, dibattitu u emendi. Fil-House of Commons dan l-istadju normalment iseħħ f'Kumitat tal-Abbozzi Pubbliku)

Stadju tar-rapport (opportunità għal emendi ulterjuri)

It-tielet qari (opportunità finali għal dibattitu; huma possibbli emendi quddiem il-Lords).

Ladarba l-Abbozz jgħaddi miż-żewġt Ikmamar, dan jerġa' jintbagħat fl-ewwel Kamra (fejn beda) biex jiġu kkunsidrati l-emendi tat-tieni Kamra.

Iż-żewġt Ikmamar iridu jaqblu fuq it-test finali. Jista' jkun hemm diversi sensiliet ta' skambji bejn iż-żewġt Ikmamar sakemm jintlaħaq ftehim fuq kull kelma tal-Abbozz. Ladarba dan iseħħ, l-Abbozz jista' jitressaq għall-Kunsens Irjali.

Il-leġiżlazzjoni primarja ssir ukoll mill-**Assemblea Nazzjonali għal Wales.** Qabel ma Abbozz ta' liġi jsir Att tal-Assemblea, irid jiġi kkunsidrat u jgħaddi mill-Assemblea u jingħata l-Kunsens Irjali mill-mornarkija. Att tal-Assemblea huwa liġi, u jkun eżegwit fiż-żoni kollha ta' Wales fejn ikun applikabbli.

Ġeneralment ikun hemm proċess b'erba' stadji għall-kunsiderazzjoni ta' Abbozz tal-Gvern fl-Assemblea li huwa kif ġej:
Stadju 1: Kunsiderazzjoni tal-prinċipju ġenerali tal-Abbozz jew Miżura minn kumitat (jew kumitati), u qbil dwar dawk il-prinċipji ġenerali mill-Assemblea.
Stadju 2: Kunsiderazzjoni dettaljata minn Kumitat dwar l-Abbozz jew Miżura u kwalunkwe emenda proposta mill-Membri tal-Assemblea.
Stadju 3: Kunsiderazzjoni dettaljata mill-Assemblea dwar l-Abbozz jew Miżura u kwalunkwe emenda proposta mill-Membri tal-Assemblea. L-Uffiċjali li jippresjedi jiddeċiedi liema emendi jiġu kkunsidrati mill-Assemblea.
Stadju 4: Vot mill-Assemblea biex jgħaddi t-test finali tal-Abbozz jew Miżura.
Meta Abbozz ta' Liġi jkun għadda mill-istadji parlamentari kollha fil-Parlament tar-Renju Unit jew l-Assemblea ta' Wales, huwa jintbagħat lis-Sovrana għall-**Kunsens Irjali**, u wara dan isir **Att**. Il-Miżuri tal-Assemblea Nazzjonali għal Wales iridu jitressqu għall-approvazzjoni tar-Reġina fil-Kunsill.
Il-leġiżlazzjoni primarja ġeneralment tista' tiġi emendata jew irrevokata biss minn leġiżlazzjoni primarja ġdida. Madankollu, hemm eċċezzjonijiet fejn jistgħu jsiru ċerti emendi u revoki permezz ta' strument statutorju. Dan jinkludi fejn ikun hemm obbligi implimentattivi tal-UE jew biċċa riforma leġiżlattiva li tnaqqas jew telimina l-piżijiet regolatorji. Ordnijiet ta' din ix-xorta, madankollu, iridu jkunu approvati permezz ta' riżoluzzjoni affermattiva taż-żewġt Ikmamar tal-Parlament qabel ma jsiru.
Il-leġiżlazzjoni primarja tidħol fis-seħħ skont id-**dispożizzjonijiet tal-bidu** inklużi fl-Att jew fil-Miżura. L-Att jew il-Miżura tista' tispeċifika data partikolari għad-dħul fis-seħħ. Dan jista' jkun minnufih wara l-Kunsens Irjali, f'data speċifikata (ġeneralment mill-inqas xahrejn wara l-Kunsens Irjali) jew data li għandha tiġi speċifikata minn Ministru jew minn dipartiment permezz ta' ordni ta' bidu (strument statutorju). Għal dispożizzjonijiet differenti ta' Att jistgħu jiġu speċifikati dati differenti.
Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe biċċa leġiżlazzjoni sekondarja ġeneralment tkun speċifikata fl-istrument innifsu. B'mod eċċezzjonali, id-data tal-bidu tista' ssir bil-pubblikazzjoni ta' avviż fil-gazzetta uffiċċjali (il-London Gazette).

Bażijiet tad-dejta ġuridiċi

Legislation.gov.uk, ġestit mill-Arkivji Nazzjonali, huwa s-sit uffiċjali tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit.
Legislation.gov.uk jipprovdi aċċess għal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li jkopri l-leġiżlazzjonijiet kollha (l-Ingilterra, l-Iskozja, Wales u l-Irlanda ta' Fuq). Is-sit fih il-leġiżlazzjoni Ġenerali mill-1988 sal-lum, il-parti l-kbira tal-leġiżlazzjoni primarja ta' qabel l-1988 kemm fil-verżjonijiet oriġinali u kemm f'dawk riveduti, u għażla kbira ta' leġiżlazzjoni sekondarja mill-1948 'il quddiem meta din il-leġiżlazzjoni tkun għadha fis-seħħ.

L-aħħar aġġornament: 05/06/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - L-Irlanda ta' fuq

Din il-paġna tipprovdik b'informazzjoni dwar il-liġijiet u l-bażijiet tad-dejta legali fir-Renju Unit, b'referenza partikolari għall-ġuriżdizzjoni tal-Irlanda ta' Fuq.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi prinċipali fil-ġuriżdizzjoni tal-Irlanda ta' Fuq tar-Renju Unit huma dawn:
Leġiżlazzjoni primarja fil-forma ta' Atti tal-Parlament tar-Renju Unit u Atti tal-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq. Xi leġiżlazzjoni primarja relatata mal-Irlanda ta' Fuq issir ukoll mis-Sovran fil-Kunsill bħala Ordnijiet fil-Kunsill (strumenti statutorji)
Il-liġi tal-Unjoni Ewropea
Leġiżlazzjoni Sekondarja (jew subordinata) fil-forma ta' strumenti statutorji u regoli statutorji tal-Irlanda ta' Fuq. Xi leġiżlazzjoni oħra subordinata tista' ssir bħala ordnijiet amministrattivi.
Il- **common law** kif żviluppata permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

Il-leġiżlazzjoni primarja jew l- **Atti tal-Parlament**, isiru mill-Parlament tar-Renju Unit f'Londra u jistgħu japplikaw għar-Renju Unit kollu, jew kwalunkwe parti minnu. Ir-Renju Unit approva wkoll id-devoluzzjoni tas-setgħat leġiżlattivi lill-parlamenti u l-assemblej devoluti, li jistgħu jgħaddu leġiżlazzjoni primarja li tkopri firxa limitata ta' suġġetti u li tapplika fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom stess. Leġiżlazzjoni primarja oħra tista' ssir mis-Sovran taħt il-prerogattiva f'bosta forom, bħall-Ordnijiet fil-Kunsill, proklami, warrants irjali, struzzjonijiet irjali, regolamenti jew letters patent.
Il-leġiżlazzjoni sekondarja ssir taħt is-setgħat mogħtija minn jew taħt statut tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill jew Ministru, dipartiment (Ministeru), l-eżekuttiv tal-Irlanda ta' Fuq, jew kwalunkwe korp jew persuna oħra. Din tissejjaħ ukoll **leġiżlazzjoni delegata jew sekondarja**, u l-istatut li jagħti s-setgħa jissejjaħ l-Att li jagħti l-awtorizzazzjoni, jew l-Att prinċipali. Il-leġiżlazzjoni sekondarja jista' jkollha bosta titoli, bħal Ordnijiet fil-Kunsill, regolamenti jew regoli, u dawn kollha jistgħu jissejħu flimkien bħala "strumenti statutorji" jew "regoli statutorji".
Fl-Irlanda ta' Fuq, il-leġiżlazzjoni tinkludi Atti jew statuti li jistgħu jkunu Atti tal-Parlament tar-Renju Unit, tal-Parlament tal-Irlanda ta' Fuq (1921-1972) jew tal-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq f'Belfast. F'diversi żminijiet, il-gvernijiet devoluti fl-Irlanda ta' Fuq ġew sospiżi u ħafna leġiżlazzjoni kienet tinsab ġewwa "Ordnijiet tal-Kunsill", li teknikament huma leġiżlazzjoni sekondarja iżda jintużaw bħala leġiżlazzjoni primarja. Il-leġiżlazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq tinkludi wkoll regoli statutorji – leġiżlazzjoni sekondarja jew subordinata – magħmula taħt l-awtorità ta' Att tal-Parlament tar-Renju Unit, Ordni fil-Kunsill jew Att tal-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq.
Is-setgħa li jiġu konklużi **trattati internazzjonali** f'isem ir-Renju Unit huwa vestit fil-Kuruna, jiġifieri is-Sovran taħt il-Prerogattiva Rjali, li jaġixxi fuq parir tal-gvern tar-Renju Unit. Il-Parlament tar-Renju Unit ma għandu ebda rwol formali fil-konklużjoni ta' trattati, iżda fejn trattat jeħtieġ tibdil fil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit jew għotja ta' flus pubbliċi, il-Parlament jivvota dwaru bil-mod normali. It-trattati kollha tal-UE jeħtieġu leġiżlazzjoni biex jiġu implimentati fir-Renju Unit u għalhekk huma soġġetti għall-iskrutinju parlamentari. L-Artikoli 20-25 tal-Att dwar ir-Riforma Kostituzzjonali u l-Governanza tal-2010 daħħlu fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010 u jeħtieġu trattat- ma jistax jiġi rratifikat jekk (a) Ministru tal-Kuruna ma jkunx ressaq kopja tat-trattat quddiem il-Parlament, (b) it-trattat ikun ġie ppubblikat u (c) ikun skada perjodu ta' 21 ġurnata mingħajr l-ebda Kamra tal-Parlament ma tkun iddeċidiet li tirratifika t-trattat.

Ġerarkija ta' normi

Fejn hemm kunflitti bejn is-sorsi differenti tal-liġi, il-forum prinċipali biex dawn jiġu riżolti huwa l-qorti. Għalhekk il-qrati jistgħu jirriżolvu tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, ladarba ma hemm ebda "kostituzzjoni bil-miktub" fir-Renju Unit mhuwiex possibbli li wieħed jikkontesta Att tal-Parlament fil-qorti fuq il-bażi li hu "antikostituzzjonali". **Id-duttrina kostituzzjonali tas-"sovranità parlamentari"** tgħid li l-Parlament tar-Renju Unit huwa l-awtorità leġiżlattiva suprema fis-sens li jista' jagħmel u jħassar kwalunkwe liġi, u li l-ebda korp ieħor ma jista' jħassar jew jiddubita mil-validità ta' Att tal-Parlament.

Madankollu, id-duttrina kostituzzjonali tas-sovranità parlamentari hija kkwalifikata mill-isħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea. Bis-saħħa tal-Att dwar il-Komunitajiet Ewropej 1972, il-liġi tal-Unjoni Ewropea tifforma parti mil-liġi tal-Irlanda ta' Fuq. Il-leġiżlazzjoni domestika għandha tiġi interpretata sabiex tħares il-liġi tal-UE kull fejn huwa possibbli.

L-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 1998, li jinkorpora l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-liġi tar-Renju Unit, jagħti lill-qrati setgħa oħra biex jixħtu dubju fuq l-Atti tal-Parlament. Sa fejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni domestika għandha tiġi interpretata sabiex tkun kompatibbli mad-drittijiet tal-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-qrati, u b'mod partikolari tal-qrati tal-appell, għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-liġi. Mhux biss jipprovdu deċiżjonijiet awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, iżda jiffurmaw ukoll**il-bażi tal-liġi komuni**, li hija derivata mid-deċiżjonijiet tal-qorti f'kawżi anteċedenti (jew mill-ġurisprudenza). Bħala prinċipju ġenerali, il-qrati huma marbutin minn deċiżjonijiet anteċedenti meħuda minn qrati superjuri. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' Liġi tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija l-ogħla awtorità. Il-Law Lords fil-House of Lords aġixxew bħala l-qorti suprema tar-Renju Unit, għalkemm ġew sostitwiti mill-Qorti Suprema l-ġdida li se tibda topera mill-1 ta' Ottubru 2009. Il-Law Lords eżistenti saru l-ewwel imħallfin tal-Qorti Suprema, u s-Senior Law Lord sar il-President.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli mill-adozzjoni tar-regoli legali u l-proċess deċiżjonali

Il-leġiżlazzjoni primarja ssir mill- **Parlament tar-Renju Unit** f'Londra. Qabel ma **proposta ta' leġiżlazzjoni** (magħrufa bħala Abbozz (Bill)) tkun tista' ssir Att tal-Parlament, trid tiġi approvata miż-żewġ Kmamar tal-Parlament: il-House of Commons u l-House of Lords. Dawn l-istadji li ġejjin iseħħu fiż-żewġ Kmamar:

L-ewwel qari (introduzzjoni formali tal-Abbozz mingħajr dibattitu)

It-tieni qari (dibattitu ġenerali)

L-istadju tal-kumitat (eżami dettaljat, id-dibattitu u l-emendi. Fil-House of Commons dan l-istadju normalment iseħħ f'Kumitat tal-Abbozzi Pubbliku.)

Stadju tar-rapport (opportunità għal emendi ulterjuri)

It-tielet qari (opportunità finali għad-dibattitu; l-emendi huma possibbli quddiem il-Lords).

Fejn Abbozz ikun għadda miż-żewġ kmamar, jiġi rritornat lill-ewwel Kamra (fejn inbeda) għall-kunsiderazzjoni tal-emendi tat-tieni Kamra.

Iż-żewġ Kmamar għandhom jaqblu dwar it-test finali. Jista' jkun hemm bosta skambji bejn iż-żewġ Kmamar sakemm jintlaħaq ftehim dwar kull kelma fl-Abbozz. Ladarba jseħħ dan, l-Abbozz jista' jiġi sottomess għall-Kunsens Rjali.

Fl-**Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq**, iseħħ proċess simili (li jinvolvi introduzzjoni ta' Abbozz, kunsiderazzjoni, dibattitu u votazzjoni), għalkemm hemm biss Kamra waħda fl-Assemblea devoluta. Il-Ministri, il-kumitati u l-membri individwali jistgħu jibdew Abbozz u jippreżentawh lill-Ispeaker tal-Assemblea għall-kunsiderazzjoni mill-Assemblea. Jekk l-Ispeaker huwa kuntent li li-proposti huma fil-kompetenza tal-Assemblea, l-Abbozz jiġi introdott fil-Kamra u jsir dibattitu dwaru. Imbagħad jiġi riferit lill-kumitat statutorju xieraq għall-iskrutinju. Il-kumitat jirrapporta lura lill-Assemblea, u jippermetti lill-membri jikkunsidraw id-dettall tal-Abbozz u jipproponu l-emendi. Imbagħad jerġa' jiġi kkunsidrat mill-Assemblea u ssir votazzjoni finali.

Meta Abbozz ikun għadda mill-istadji parlamentari kollha tiegħu fir-Renju Unit jew mill-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq, jintbagħat lis-Sovran għall-Kunsens Rjali, u wara dan isir **Att**.

Il-leġiżlazzjoni primarja ġeneralment tista' tiġi **emendata jew imħassra** biss minn leġiżlazzjoni primarja ġdida. Madankollu hemm xi eċċezzjonijiet li taħthom jistgħu jsiru xi emendi u xi tħassir permezz ta' strument statutorju – fejn dawn jinvolvu l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-UE jew xi riforma leġiżlattiva li tnaqqas jew telimina l-oneri regolatorji. Mandankollu dawn l-Ordnijiet iridu jiġu approvati permezz ta' riżoluzzjoni affermattiva taż-Żewġ Kmamar tal-Parlament qabel ma jkunu jistgħu jsiru.

Il-leġiżlazzjoni primarja tidħol fis-seħħ skont **id-dispożizzjonijiet tal-bidu** stabbiliti fl-Att jew fil-Miżura. L-Att jew il-Miżura jistgħu jispeċifikaw data partikolari ghad-dħul fis-seħħ. Dan jista' jkun immedjatament malli jinkiseb il-Kunsens Rjali, jew f'data speċifikata (normalment għall-inqas xahrejn wara l-Kunsens Rjali) jew f'data li għandu jispeċifika Ministru jew dipartiment f'ordni tal-bidu (strument statutorju). Jistgħu jiġu speċifikati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti f'Att wieħed.

Id-data tad-dħul fis-seħħ għal kwalunkwe leġiżlazzjoni sekondarja normalment tkun speċifikata fl-istrument stess. Eċċezzjonalment, id-data tal-bidu tista' tkun stabbilita b'pubblikazzjoni ta' avviż fil-gazzetti uffiċjali (il-Gazzetta ta' Londra jew ta' Belfast).

Bażijiet tad-dejta ġuridiċi

Hemm bosta bażijiet tad-dejta ġuridiċi disponibbli.

Is- sit elettroniku tal-Leġiżlazzjoni tar-Renju Unit jipprovdi t-test sħiħ tal-**leġiżlazzjoni primarja kollha** kif promulgata mill-Parlament tar-Renju Unit, il-Parlament Skoċċiż, l-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq u l-Assemblea Nazzjonali għal Wales, flimkien mal-leġiżlazzjoni sekondarja kollha li tapplika għar-Renju Unit kollu jew partijiet mir-Renju Unit. L-aċċess għall-informazzjoni huwa mingħajr ħlas.

Il-leġiżlazzjoni primarja riveduta li tkopri l-partijiet kollha tar-Renju Unit mill-1235 sal-lum tinsab ukoll fis- sit elettroniku tal-Leġiżlazzjoni tar-Renju Unit.

Ħoloq relatati

Sit elettroniku tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit

L-aħħar aġġornament: 28/08/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Leġiżlazzjoni nazzjonali - Skozja

Din il-paġna tipprovdik b'informazzjoni dwar il-liġijiet u l-bażijiet tad-dejta legali fir-Renju Unit, b'referenza partikolari għall-ġuriżdizzjoni tal-Iskozja.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi prinċipali fil-ġuriżdizzjoni tal-Iskozja fir-Renju Unit huma dawn:

Leġiżlazzjoni primarja fil-forma ta' **Atti tal-Parlament tar-Renju Unit** u **Atti tal-Parlament Skoċċiż**

Il-liġi tal-Unjoni Ewropea

Leġiżlazzjoni sekondarja (jew subordinata) fil-forma ta' **Strumenti Statutorji** u S**trumenti Statutorji Skoċċiżi**. Xi leġiżlazzjoni oħra subordinata tista' ssir fil-forma ta' **Ordnijiet Amministrattivi**

Id-**dritt komuni** kif żviluppat permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Tipi ta' strumenti ġuridiċi – deskrizzjoni

Il-leġiżlazzjoni primarja jew **Atti tal-Parlament**, isiru mill-Parlament tar-Renju Unit f'Londra u jistgħu japplikaw għar-Renju Unit kollu, jew kwalunkwe parti minnu. Ir-Renju Unit approva wkoll id-**devoluzzjoni tas-setgħat leġiżlattivi** lill-Parlamenti u l-Assemblej devoluti, li jistgħu jgħaddu leġiżlazzjoni primarja bis-saħħa tagħha li tkopri firxa limitata ta' suġġetti u li tapplika fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom stess. Leġiżlazzjoni primarja oħra tista' ssir mis-Sovran taħt il-prerogattiva f'bosta forom, bħall-Ordnijiet fil-Kunsill, proklami, mandati rjali, struzzjonijiet irjali, regolamenti jew letters patent.

Il-leġiżlazzjoni sekondarja ssir taħt is-setgħat mogħtija minn jew taħt statut tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill, Ministri, Dipartiment (Ministeri), il-Ministri Skoċċiżi, jew korp jew persuna oħra. Din tissejjaħ ukoll **leġiżlazzjoni delegata jew sekondarja**, u l-istatut li jagħti s-setgħa jissejjaħ Att li jawtorizza jew Att prinċipali. Il-leġiżlazzjoni sekondarja jista' jkollha bosta titoli (bħal Ordnijiet fil-Kunsill, Regolamenti jew Regoli), u dawn kollha jistgħu jissejħu kollettivament "Strumenti Statutorji" jew "Strumenti Statutorji Skoċċiżi".

L-**Att dwar l-Iskozja 1998** ħoloq u ddevolva setghat lill-Parlament Skoċċiż f'Edinburgu. Huwa radd lura lill-Iskozja (wara referendum) il-Parlament separat li kien intilef fiż-żmien tal-Unjoni mal-Ingilterra u Wales fl-1707. Madankollu, ladarba l-Iskozja għadha parti mir-Renju Unit, il-Parlament tar-Renju Unit għadu jista' jgħaddi leġiżlazzjoni f'ċerti oqsma. Il-Parlament Skoċċiż jista' jgħaddi leġiżlazzjoni primarja fl-oqsma devoluti lilu skont l-Att dwar l-Iskozja 1998 (u l-Att dwar l-Iskozja 2012). Dawn jinkludu: is-saħħa; l-edukazzjoni; il-gvern lokali; il-ħidma soċjali; id-djar; l-ippjanar; it-turiżmu u l-iżvilupp ekonomiku; xi aspetti tat-trasport; il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, inklużi l-parti l-kbira tal-aspetti tad-dritt privat u d-dritt kriminali; is-servizzi tal-pulizija u tat-tifi tan-nar; ħafna aspetti tal-ambjent; il-biedja u s-sajd; l-isport u l-arti u l-implimentazzjoni ta' obbligi internazzjonali f'oqsma devoluti. L-Att dwar l-Iskozja 2012 estenda s-setgħat devoluti f'oqsma bħal ċerti aspetti tat-tassazzjoni. L-Istrumenti Statutorji Skoċċiżi (SSIs) jistgħu wkoll isiru mill-Ministri Skoċċiżi taħt is-setgħat iddelegati mill-Atti tal-Parlament tar-Renju Unit jew Atti tal-Parlament Skoċċiż.

Is-setgħa li jiġu konklużi **trattati internazzjonali** f'isem ir-Renju Unit huwa vestit fil-Kuruna, i.e. is-Sovran taħt il-Prerogattiva Rjali, li jaġixxi fuq parir tal-gvern tar-Renju Unit. Il-Parlament tar-Renju Unit bħalissa ma għandu l-ebda rwol formali fil-konklużjoni ta' trattati, iżda fejn trattat jeħtieġ tibdil fil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit jew għotja ta' flus pubbliċi, il-Parlament jivvota dwaru b'mod normali. It-trattati kollha tal-UE jeħtieġu leġiżlazzjoni biex jiġu implimentati fir-Renju Unit u ghalhekk huma suġġetti għall-iskrutinju parlamentari. Meta jidħol fis-seħħ l-Att dwar ir-Riforma Kostituzzjonali u l-Governanza 2010 trattat ma jkunx jista' jiġi rratifikat jekk (a) Ministru tal-Kuruna ma jkunx ressaq kopja tat-trattat quddiem il-Parlament, (b) it-trattat ma jkunx ġie ppubblikat u (c) ma jkun għadda perjodu ta' 21 ġurnata ta' seduti mingħajr ma l-ebda Kamra tal-Parlament tkun iddeċidiet li t-trattat ma jiġi rratifikat.

Ġerarkija ta' normi

Fejn hemm kunflitti bejn is-sorsi differenti tal-liġi, il-forum prinċipali biex dawn jiġu solvuti huwa l-qorti. Il-qrati jistgħu wkoll isolvu tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, ladarba ma hemm ebda "kostituzzjoni miktuba" fir-Renju Unit mhuwiex possibbli li wieħed jikkontesta Att tal-Parlament fil-qorti fuq il-bażi li jkun "antikostituzzjonali". **Id-duttrina kostituzzjonali tas-"sovranità parlamentari"** tgħid li l-Parlament tar-Renju Unit huwa l-awtorità leġiżlattiva suprema, fis-sens li jista' jagħmel u jħassar kwalunkwe liġi, u li l-ebda korp ieħor ma jista' jħassar jew jikkontesta l-validità ta' Att tal-Parlament.

Madankollu, id-duttrina tas-sovranità parlamentari hija kkwalifikata mill-isħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea. Bis-saħħa tal-Att dwar il-Komunitajiet Ewropej 1972, **il-Liġi tal-Unjoni Ewropea** tagħmel parti mil-liġi tal-Ingilterra u Wales (u l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq). Il-leġiżlazzjoni domestika trid tiġi interpretata b'tali mod li tkun konformi mal-liġi tal-UE kull fejn huwa possibbli.

L-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem1998, li inkorpora l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-liġi tar-Renju Unit, jagħti lill-qrati setgħa oħra biex jikkontestaw Atti tal-Parlament. Sa fejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni domestika trid tiġi interpretata b'mod li tkun kompatibbli mad-drittijiet tal-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-qrati, u b'mod partikolari tal-qrati tal-appell, għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tal-liġi. Mhux biss jipprovdu deċiżjonijiet awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, iżda wkoll jiffurmaw il-bażi tad-dritt komuni, li hija derivata mid-deċiżjonijiet tal-qorti f'kawżi preċedenti (jew ġurisprudenza). B'mod ġenerali, dwar liema deċiżjonijiet jorbtu lil liema qrati oħrajn, il-prinċipju ġenerali huwa li qorti tkun marbuta minn deċiżjonijiet preċedenti meħuda minn qrati superjuri. Fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija l-ogħla awtorità. Il-**High Court of Justiciary** hija l-qorti kriminali suprema fl-Iskozja, filwaqt li l-**Law Lords** fil-House of Lords aġixxew bħala l-Qorti Suprema għall-kwistjonijiet Ċivili fl-Iskozja. Madankollu, dawn ġew sostitwiti mill-Qorti Suprema, li bdiet fl-1 ta' Ottubru 2009. Il-Law Lords saru l-ewwel Imħallfin tal-Qorti Suprema, u s-Senior Law Lord sar il-President.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli mill-adozzjoni tar-regoli ġuridiċi u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

Il-leġiżlazzjoni primarja ssir mill-Parlament tar-Renju Unit f'Londra. Qabel ma **proposta ta' leġiżlazzjoni** (magħrufa bħala Abbozz ta' liġi) tkun tista' ssir **Att tal-Parlament**, trid tkun approvata miż-żewġ kmamar tal-Parlament: il-House of Commons u l-House of Lords. Dawn l-istadji li ġejjin iseħħu fiż-żewġ Kmamar:

L-ewwel qari (introduzzjoni formali tal-Abbozz ta' liġi mingħajr dibattitu)

It-tieni qari (dibattitu ġenerali)

L-istadju tal-kumitat (eżami dettaljat, id-dibattitu u l-emendi. Fil-House of Commons dan l-istadju normalment iseħħ f'Kumitat tal-Abbozzi Pubbliċi.)

Stadju tar-rapport (opportunità għal emendi ulterjuri)

It-tielet qari (l-aħħar opportunità għal dibattitu; il-House of Lords tista' temenda)

Meta Abbozz ta' liġi jkun għadda miż-żewġ Kmamar, jiġi rritornat lill-ewwel Kamra (fejn inbeda) għall-kunsiderazzjoni tal-emendi tat-tieni Kamra.

Iż-żewġ Kmamar iridu jaqblu dwar it-test finali. Jista' jkun hemm bosta skambji bejn iż-żewġ Kmamar sakemm jintlaħaq ftehim dwar kull kelma fl-Abbozz. Ladarba dan iseħħ, l-Abbozz jista' jiġi sottomess għall-Kunsens Irjali.

Fil-Parlament Skoċċiż, iseħħ proċess simili li jinvolvi introduzzjoni ta' Abbozz ta' liġi, kunsiderazzjoni, dibattitu u votazzjoni, għalkemm hemm **Kamra waħda biss** fil-Parlament devolut. Hemm tliet stadji:

Stadju 1: Il-kumitat(i) Parlamentari xierqa jiġbru l-evidenza dwar l-Abbozz ta' liġi u jipproduċu rapport dwar il-prinċipji ġenerali tal-Abbozz ta' liġi. Imbagħad laqgħa tal-Parlament tikkunsidra r-rapport u tiddibatti jekk taqbilx dwar il-prinċipji ġenerali tal-Abbozz ta' liġi. Jekk il-Parlament jaqbel, l-Abbozz ta' liġi jgħaddi għal Stadju 2

Stadju 2: L-Abbozz jiġi kkunsidrat fid-dettall minn kumitat, jew kultant, minn Kumitat tal-Parlament Kollu. It-tibdiliet, magħrufa bħala emendi għall-Abbozz ta' liġi, jistgħu jsiru f'dan l-istadju.

Stadju 3: L-Abbozz ta' liġi jerġa' jiġi kkunsidrat f'laqgħa tal-Parlament. Jistgħu jsiru aktar emendi f'dan l-istadju u mbagħad il-Parlament jiddibatti u jiddeċiedi jekk għandux jgħaddi l-Abbozz fil-forma finali tiegħu.

Meta Abbozz ikun għadda mill-istadji parlamentari kollha tiegħu fir-Renju Unit jew fil-Parlament Skoċċiż, jintbagħat lis-Sovran għall-**Kunsens Irjali**, u wara dan isir **Att**. Fl-Iskozja, hemm żmien ta' erba' ġimgħat li matulhom l-Uffiċjali tal-Liġi jistgħu jikkontestaw l-abbozz ta' liġi jekk jemmnu li dan jaqa' barra mis-setgħat tal-promulgazzjoni tal-liġi tal-Parlament Skoċċiż.

Il-leġiżlazzjoni primarja ġeneralment tista' tiġi **emendata jew imħassra** biss minn leġiżlazzjoni primarja ġdida. Madankollu hemm xi eċċezzjonijiet li bihom jistgħu jsiru xi emendi u xi tħassir permezz ta' Strument Statutorju – fejn jinvolvu l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-UE jew xi riforma leġiżlattiva li tnaqqas jew telimina l-oneri regolatorji. Mandankollu dawn l-Ordnijiet għandhom jiġu approvati permezz ta' riżoluzzjoni affermattiva taż-Żewġ Kmamar tal-Parlament qabel ma jkunu jistgħu jsiru.

Il-leġiżlazzjoni primarja tidħol fis-seħħ skont id-**dispożizzjonijiet tal-bidu** li jkunu inklużi fl-Att. L-Att jista' jispeċifika data partikolari għad-dħul fis-seħħ. Dan jista' jkun immedjatament malli jinkiseb il-Kunsens Irjali, jew f'data speċifikata (normalment għall-inqas xahrejn wara l-Kunsens Irjali) jew f'data li jispeċifika Ministru jew Dipartiment billi jagħmel Ordni tal-Bidu (Strument Statutorju). Jistgħu jiġu speċifikati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti fl-Att.
Id-data tad-dħul fis-seħħ għal kwalunkwe leġiżlazzjoni sekondarja normalment tkun speċifikata fl-istrument stess. Eċċezzjonalment, id-data tal-bidu tista' tkun stabbilita b'pubblikazzjoni ta' avviż fil-gazzetti uffiċjali (il-Gazzetta ta' Londra jew ta' Edinburgu).

Bażijiet ta' dejta ġuridiċi

Hemm bosta bażijiet ta' dejta ġuridiċi disponibbli.
Is-sit tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni dwar is-Settur Pubbliku (OPSI) jipprovdi t-test sħiħ tal-**leġiżlazzjoni primarja kollha** kif promulgata mill-Parlament tar-Renju Unit, il-Parlament Skoċċiż, l-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq u l-Assemblea Nazzjonali għal Wales, flimkien mal-**leġiżlazzjoni sekondarja kollha** li tapplika għar-Renju Unit kollu jew partijiet mir-Renju Unit. L-aċċess għall-informazzjoni huwa mingħajr ħlas.
Il-leġiżlazzjoni primarja riveduta li tkopri l-partijiet kollha tar-Renju Unit mill-1235 sal-lum tinsab fil-Bażi tad-Dejta tal-Liġi tal-Istatuti tar-Renju Unit. L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas.
Għalkemm il-**leġiżlazzjoni Skoċċiża kollha** hija disponibbli fis-sit tal-OPSI, il-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja Skoċċiża kollha ppromulgata u magħmula mid-devoluzzjoni fl-1999 'il quddiem hija wkoll disponibbli fis-sit tal-Uffiċċju tal-Istampatur tar-Reġina għall-Iskozja. L-aċċess għal-leġiżlazzjoni huwa mingħajr ħlas.
Legislation.gov.uk, li tinkorpora kemm is-sit tal-OPSI u kemm dak tal-Bażi tad-Dejta tal-Liġi tal-Istatuti u li wkoll tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Istampatur tar-Reġina għall-Iskozja, hija l-paġna uffiċjali tal-leġiżlazzjoni kollha tar-Renju Unit

Ħoloq relatati

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni dwar is-Settur Pubbliku (OPSI), Bażi tad-Dejta tal-Liġi tal-Istatuti, legislation.gov.uk, l-Uffiċċju tal-Istampatur tar-Reġina għall-Iskozja

L-aħħar aġġornament: 04/05/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.